Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Novembru 2025**
**(OR. en)**

**15277/25**

**SOC 769**
**EMPL 507**
**EDUC 434**
**ECOFIN 1504**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Novembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 958 final |
| Suġġett: | PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 958 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 958 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 25.11.2025
COM(2025) 958 final

# PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL

MT MT

# Werrej

MESSAĠĠI EWLENIN ....... 3
KAPITOLU 1. XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UE ....... 28
KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI ....... 32
2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema ....... 32
2.1.1 Indikaturi ewlenin ....... 32
2.1.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri ....... 48
2.2. Linja Gwida 6 – Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja ....... 50
2.2.1 Indikaturi ewlenin ....... 50
2.2.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri ....... 83
2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali ....... 90
2.3.1 Indikaturi ewlenin ....... 90
2.3.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri ....... 112
2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar ....... 117
2.4.1 Indikaturi ewlenin ....... 117
2.4.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri ....... 143
KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-QAFAS TA' KONVERĠENZA SOĊJALI ....... 150
3.1 Sejbiet orizzontali ewlenin ....... 150
3.2 Analiżi tal-ewwel stadju speċifika għall-pajjiż ....... 159
Il-Belġju ....... 159
Il-Bulgarija ....... 161
Iċ-Ċekja ....... 163
Id-Danimarka ....... 164
Il-Ġermanja ....... 166
L-Estonja ....... 168
L-Irlanda ....... 170
Il-Greċja ....... 172
Spanja ....... 174
Franza ....... 176
Il-Kroazja ....... 178

L-Italja ..... 180
Ċipru ..... 182
Il-Latvja ..... 183
Il-Litwanja ..... 185
Il-Lussemburgu ..... 187
L-Ungerija ..... 189
Malta ..... 191
In-Netherlands ..... 193
L-Awstrija ..... 194
Il-Polonja ..... 196
Il-Portugall ..... 197
Ir-Rumanija ..... 199
Is-Slovenja ..... 201
Is-Slovakkja ..... 203
Il-Finlandja ..... 205
L-Iżvezja ..... 207

## MESSAĠĠI EWLENIN

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER, Joint Employment Report) tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-impjiegi u s-sitwazzjoni soċjali fl-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi[1], f'konformità mal-Artikolu 148 tat-TFUE.** Ir-rapport jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' politika riċenti tal-Istati Membri fl-oqsma tas-suq tax-xogħol u soċjali, u jidentifika oqsma prijoritarji ewlenin relatati għall-azzjoni politika. Ir-rapport jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-Kapitolu 1 tar-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali qasira lejn ix-xejriet ewlenin tal-impjiegi u soċjali. Il-Kapitolu 2 janalizza l-isfidi u r-reazzjonijiet ta' politika fl-Istati Membri għal kull waħda mill-erba' linji gwida dwar l-impjiegi. Il-kapitolu jippreżenta wkoll progress dwar il-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030. Il-Kapitolu 3 jipprovdi sejbiet u analiżi orizzontali għal kull Stat Membru abbażi tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF, Social Convergence Framework)[2]. Dan iwieġeb għar-Regolament (UE) 2024/1263, li abbażi tiegħu, is-sorveljanza tal-Kummissjoni fis-Semestru Ewropew tinkludi qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali[3].

**L-indirizzar tal-isfidi identifikati f'dan ir-rapport jappoġġa konverġenza soċjali 'l fuq.** Jappoġġa wkoll l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza[4]. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, u wara skambji fil-kumitati konsultattivi rilevanti tal-Kunsill, ir-rapport finali se jiġi adottat mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO).

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER, Joint Employment Report) jimmonitorja l-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar** (ara l-kaxxi fil-mira fil-Kapitolu 2)[5]:

- **Bħalissa, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata ta' impjieg sal-2030.** Dan minkejja tkabbir modest (għalkemm qed jitħaffef) tal-PDG u tnaqqis fl-intensità tat-tkabbir tal-impjiegi minn livelli għoljin fl-2024[6]. Ir-rata ta' impjieg tal-UE laħqet 75,8 % fl-2024, li hija 0,5 pp ogħla milli fl-2023, u 2,2 pp biss mill-mira ta' 78 % sal-2030. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu aktar progress

[1] L-aktar aġġornament reċenti tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Ottubru 2025, ĠU L 2025/2254, 7.11.2025.

[2] Wara diskussjonijiet fil-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO, Employment, Social Policy, Health and Consumer Affairs) f'Ġunju 2023 dwar Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) u messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO, Employment Council) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC, Social Protection Committee) ibbażati fuq il-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat tal-EMCO u l-SPC minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023.

[3] Ara l-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali. Barra minn hekk, il-Premessa 8 tal-istess Regolament tiddikjara li "*Bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.*"

[4] L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020-2025, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030.

[5] Il-miri ewlenin tal-UE għall-2030 intlaqgħu mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021.

[6] Ara *European economic forecast – Autumn 2025*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

lejn il-miri nazzjonali tagħhom tal-impjiegi fl-2024, filwaqt li sebgħa diġà kisbu jew qabżu l-miri tagħhom.

- **Huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet tal-UE.** Is-sehem tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena ra biss xi progress limitat fl-UE (ibbażat fuq l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-adulti (AES, Adult Education Survey)). Dan żdied minn 37,4 % fl-2016 għal 39,5 % fl-2022, iżda għadu aktar minn 20 pp taħt il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 ta' 60 %. Id-data mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS, Labour Force Survey) tindika żieda kumplessiva fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment bejn l-2022 u l-2024. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom lura milli jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Huwa kruċjali li dawn jintlaħqu biex tiġi ssodisfata l-ambizzjoni li l-Ewropa tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva, filwaqt li jitqiesu wkoll ix-xejriet demografiċi. Aktar azzjoni politika hija partikolarment urġenti bil-ħsieb li tissaħħaħ l-indipendenza strateġika tal-Unjoni.

- **Minkejja progress notevoli, huma meħtieġa aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-faqar.** L-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien madwar 2,9 miljun inqas fl-UE fl-2024 milli fl-2019. Dan huwa partikolarment suċċess minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-inflazzjoni. Iż-żieda sostanzjali fl-indiċi tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI, gross disposable household income) *per capita* fl-2024 fil-livell tal-UE tista' tgħin aktar f'dan ir-rigward. Madankollu, l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjaligħadu 'l bogħod mill-mira ewlenija tal-UE ta' tnaqqis ta' mill-inqas 15-il miljun sal-2030. Filwaqt li 2 Stati Membri laħqu l-miri nazzjonali tagħhom fl-2024, u 14 oħra għamlu xi progress mill-2019, fi 11-il Stat Membru l-għadd ta' persuni f'riskju kien ogħla fl-2024 milli fl-2019[7]. F'dan id-dawl, l-isforzi jkollhom bżonn jitħaffu b'mod sinifikanti fil-bqija tad-deċennju. Dan huwa essenzjali fid-dawl tal-ambizzjoni li sal-2050 jiġi eliminat il-faqar fl-Unjoni[8].

**Il-politiki Ewropej jipprovdu appoġġ sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, għar-reżiljenza, kif ukoll għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.** Il-Kummissjoni qed twettaq għadd ta' inizjattivi ddedikati għal dan il-għan, inkluż il-Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta' Kwalità, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Pjan għall-Akkomodazzjoni Affordabbli u l-Istrateġija Kontra l-Faqar. Bħala parti mill-Boxxla għall-Kompetittività, il-Kummissjoni ressqet il-promozzjoni tal-ħiliet u tal-impjiegi ta' kwalità bħala wieħed mill-ħames abilitanti orizzontali li huma meħtieġa biex isostnu l-kompetittività fis-setturi kollha. Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti, il-Fond Soċjali Ewropew Plus huwa l-mezz prinċipali għall-finanzjament Ewropew fil-qasam soċjali, ikkomplementat minn strumenti oħra bħall-Erasmus+. Fejn tidħol l-infrastruttura, dan huwa kkomplementat minn finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition

[7] Iż-żewġ Stati Membri li laħqu l-miri nazzjonali tagħhom huma SE u IE. L-14-il Stat Membru li għamlu xi progress mill-2019 huma: PT, EL, BG, PL, IT, RO, HU, HR, CZ, NL, BE, CY, EE u LV. Il-11-il Stat Membru li għalihom in-numru ta' persuni f'riskju kien ogħla fl-2024 milli fl-2019 huma: FR, DE, ES, SK, FI, AT, DK, LT, SI, LU, u MT.

[8] Ara d-diskors tal-2025 dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President tal-Kummissjoni Ewropea von der Leyen tal-10 ta' Settembru 2025.

Fund). Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) tippromwovi wkoll il-koeżjoni soċjali permezz ta' appoġġ għar-riformi u l-investimenti, filwaqt li ttejjeb il-kompetittività u r-reżiljenza tal-Istati Membri[9]. Dawn l-għodod ta' finanzjament kollha tal-UE jikkontribwixxu għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali turi:**

i. **xejra kontinwa ta' konverġenza 'l fuq fil-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri fl-2024.** Madankollu, hemm bżonn li jittejbu ulterjorment l-eżiti tal-impjiegi ta' ċerti gruppi sottorappreżentati, li għalihom ma ġiet osservata l-ebda xejra ċara ta' konverġenza 'l fuq fost il-pajjiżi (pereżempju, għaż-żgħażagħ u għall-persuni b'diżabbiltà).

ii. **Titjib żgħir fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ħiliet, għalkemm ir-riskji għal konverġenza 'l fuq għadhom jippersistu f'dan il-qasam.** Huwa osservat għadd relattivament għoli ta' sitwazzjonijiet kritiċi, pereżempju, fir-rigward tat-tluq bikri mill-iskola, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment u l-livelli tal-ħiliet diġitali.

iii. **Titjib żgħir fir-rata ta' riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inugwaljanza fl-introjtu u introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi *per capita* fil-livell tal-UE, iżda mingħajr l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam.**

L-analiżi orizzontali u speċifika għall-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali 'l fuq li twassal għal dawn is-sejbiet prinċipali hija bbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF). Is-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-isfidi soċjali tal-Istati Membri huma analizzati biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq. L-analiżi hija bbażata fuq l-għodod analitiċi maqbula mal-Istati Membri (it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija maqbula tad-dawl tat-traffiku tal-JER).

**Disa' Stati Membri se jkunu soġġetti għall-analiżi tat-tieni stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.** Dawn jinkludu l-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, u r-Rumanija, li kienu wkoll fit-tieni stadju s-sena l-oħra. Barra minn hekk, il-Latvja u l-Finlandja jidħlu fil-grupp għall-ewwel darba din is-sena[10]. Il-Kroazja, l-Estonja u l-Ungerija li kienu fl-analiżi tat-tieni stadju s-sena l-oħra ma jidhrux din is-sena[11]. Analiżi aktar

---

[9] Il-Fond Soċjali Ewropew Plus għandu baġit (2020-27) ta' madwar EUR 142 biljun inkluż il-kofinanzjament nazzjonali. Dan ikopri b'mod wiesa' l-investimenti fl-oqsma ta' politika koperti mil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Appoġġ addizzjonali, b'enfasi fuq l-infrastruttura, jiġi mill-FEŻR u mill-JTF. Total ta' madwar EUR 163,7 biljun allokati lill-Istati Membri taħt l-RRF jikkontribwixxi għall-infiq soċjali, li jirrappreżenta madwar 25 % tan-nefqa totali stmata (fit-13 ta' Novembru 2025). Il-kategoriji tal-infiq soċjali huma definiti u applikati abbażi tal-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105.

[10] Għal-Latvja, dan huwa dovut għal żidiet fis-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs, not in education, employment or training) kif ukoll fir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul. Dan huwa relatat ukoll ma' impatt baxx u li qed jonqos tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u deterjorament qawwi fil-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal. Għall-Finlandja, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata l-aktar mad-deterjorament relattiv fir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul.

[11] L-Estonja, l-Ungerija u l-Kroazja, li kienu wkoll fl-analiżi tat-tieni stadju s-sena l-oħra, ma humiex soġġetti għaliha din is-sena. L-Estonja ma hijiex fid-dawl tat-titjib irreġistrat fl-inugwaljanza fl-introjtu, fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, fir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE, at risk of

dettaljata tat-tieni stadju (bl-użu ta' sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva) se titwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi li għalihom ġew identifikati riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq.

### L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fl-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali




*Nota*: Hemm data nieqsa għal xi indikaturi għal xi pajjiżi – ara t-Tabella 3.1.1 fit-taqsima 3.1. It-tul ta' segmenti kkuluriti b'mod differenti fi ħdan bar huwa proporzjonali għas-sehem tal-Istati Membri bil-kategorizzazzjoni korrispondenti. Spjegazzjoni għall-elementi tad-didaskalija hija pprovduta fl-Anness 6.

**Minkejja l-inċertezzi ekonomiċi u ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, is-suq tax-xogħol tal-UE baqa' reżiljenti fl-2024 u fil-bidu tal-2025, bi tkabbir moderat iżda xorta sod fl-impjiegi.** B'mod kumplessiv, fl-2024 l-impjiegi totali żdiedu b'1,7 miljun persuna fl-UE, għal 219,4 miljun. Ir-rata ta' impjieg (għall-grupp ta' età ta' bejn 20 u 64 sena) laħqet 75,8 % fl-2024, u kompliet tiżdied għal rekord għoli ta' 76,2 % fit-tieni trimestru tal-2025. Filwaqt li r-rata tat-tkabbir annwali tiegħu naqset, it-tkabbir pożittiv irrifletta r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol fost l-inċertezzi. Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad tal-UE (għall-grupp ta' età ta' bejn 15 u 74 sena) naqset għal rekord baxx ta' 5,9 % fl-2024.

**It-tkabbir fl-impjiegi rreġistrat fl-2024 kien xprunat l-aktar minn parteċipazzjoni ogħla fil-forza tax-xogħol, u, sa ċertu punt ħafna iżgħar, minn qgħad aktar baxx**. Il-ħolqien tal-impjiegi kien ikkonċentrat fis-servizzi u fis-settur pubbliku. L-impjieg indipendenti (bħala sehem mill-impjiegi totali) fl-UE kien qed jonqos b'mod kostanti, b'varjazzjonijiet settorjali u bejn il-pajjiżi. B'mod kumplessiv, ġiet osservata konverġenza gradwali 'l fuq f'termini ta' rati ta' impjieg fl-Istati Membri tal-UE. Fl-istess ħin, komplew jippersistu disparitajiet

poverty or social exclusion), l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika. L-Ungerija lanqas ma hija fl-analiżi tat-tieni stadju peress li l-aktar data reċenti turi titjib dwar dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-rata tal-AROPE (b'mod kumplessiv u għat-tfal), id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà u r-rata tal-qgħad fit-tul. Għall-Kroazja, fl-2024 hemm waqfa fis-serje taż-żmien għall-indikaturi soċjali kollha bbażati fuq l-Istatistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC, European Union statistics on income and living conditions), li ma tippermettix li l-bidliet jiġu interpretati b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, il-waqfa strutturali tinsab wara s-sitwazzjoni "li għandha tiġi osservata" għall-AROPE, b'mod kumplessiv u għat-tfal.

reġjonali sinifikanti kemm bejn il-pajjiżi kif ukoll fihom. Ħafna mir-reġjuni b'rati ta' impjieg relattivament baxxi huma reġjuni rurali, skarsament popolati jew periferali.

**Suq tax-xogħol reżiljenti minkejja l-inċertezzi ekonomiċi u ġeopolitiċi**

**76,2 %**

**ir-rata ta' impjieg** (bejn 20 u 64 sena) fit-tieni trimestru tal-2025 (+0,5 pp sena wara sena)

**80,8 %**

**ir-rata ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol** (bejn 20 u 64 sena) fit-tieni trimestru tal-2025 (+0,5 pp sena wara sena)

**6,0 %**

**ir-rata tal-qgħad** (bejn 15 u 74 sena) fit-tieni trimestru tal-2025 (l-istess sena wara sena)

**14,9 %**

**ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ** (bejn 15 u 24 sena) fit-tieni trimestru tal-2025 (+0,1 pp sena wara sena)

Indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol fl-EU-27 (%, trimestrali)




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_q], [une_rt_q], [une_ltu_q] u [lfsi_neet_q]. Data aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

**It-tkabbir bil-mod tal-produttività tax-xogħol huwa sfida għall-kompetittività tal-UE u għall-koeżjoni soċjali**, kif indikat ukoll mir-rapport ta' Draghi[12]. Dan huwa saħansitra aktar il-każ fil-kuntest ta' żviluppi demografiċi negattivi, b'implikazzjonijiet għall-potenzjal tat-tkabbir tal-Unjoni, il-kapaċità tal-ħolqien tal-impjiegi u l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE. Matul l-aħħar żewġ deċennji u nofs, it-tkabbir fil-produttività naqas b'mod kostanti[13]. Fl-2024, il-produttività tax-xogħol fis-siegħa żdiedet b'0,2 % biss, wara tnaqqis ta' 0,8 % fis-sena ta' qabel. It-tbassir jipprevedi titjib fl-2025, fl-2026 u fl-2027 li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jista' jikkumpensa għat-telf mill-2023[14]. Sabiex issaħħaħ il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tagħha, l-UE jeħtieġ li żżid il-kapaċità innovattiva tagħha, inkluż billi ttejjeb il-kapital uman tagħha f'konformità mal-ħtiġijiet li qed jevolvu. Dan huwa enfasizzat

[12] Ir-rapport ta' Draghi: Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa, 9 ta' Settembru 2024.
[13] Dan kellu medja ta' 1,7 % fis-sena matul l-2000–07, u naqas għal 1,2 % fl-2010–19, sa 0,1 % biss matul l-2021–24.
[14] Ara: *European economic forecast – Autumn 2025*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

sew fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni[15], fl-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet[16], , kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA)[17] u fl-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA[18]. Iż-żieda fl-investiment privat appoġġat minn Unjoni tas-Swieq Kapitali aktar profonda tista' tgħin ukoll biex tittejjeb il-produttività tax-xogħol.

**Tkabbir baxx fil-produttività tax-xogħol jippreżenta sfidi għall-kompetittività tal-UE**

**Tkabbir fil-produttività tax-xogħol:**

- **1,5 %** fis-sena fl-2000–07
- **1,2 %** fl-2010–19
- **0,1 %** fl-2021–24

Fl-2024, **is-sigħat maħduma għal kull persuna impjegata 4,4 % taħt il-livelli tal-2004**

Indikaturi ewlenin tal-produttività tax-xogħol fl-EU-27




*Sors:* il-Eurostat [nama_10_lp_ulc]

**Minkejja tnaqqis mill-ogħla livell tagħhom fl-2022, in-nuqqas kemm ta' ħaddiema kif ukoll ta' ħiliet għadhom għoljin.** L-indirizzar tagħhom huwa kruċjali biex tingħata spinta lill-kompetittività, lill-aġenda tal-UE għal awtonomija aktar strateġika kif ukoll għal tkabbir sostenibbli. Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti tal-UE naqset minn 3,1 % fit-tieni trimestru tal-2022 għal 2,1 % fit-tieni trimestru tal-2025, iżda baqgħet ogħla mill-medja ta' qabel il-pandemija (2013–19) ta' 1,7 %. Abbażi ta' din ir-rata, in-nuqqasijiet huma partikolarment evidenti fis-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ; l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi; it-trasport; is-servizzi ta' akkomodazzjoni u tal-ikel; il-kostruzzjoni; u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Analiżi riċenti identifikat sa 24 okkupazzjoni rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika b'nuqqas ta' ħaddiema f'diversi Stati Membri[19].

**Il-fatturi strutturali x'aktarx li jsostnu n-nuqqasijiet f'xi setturi.** Dawn jinkludu t-tibdil demografiku u t-talbiet għall-ħiliet mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'xi setturi. Il-mobbiltà settorjali għadha limitata, b'1,8-3,9 % biss tal-ħaddiema jibdlu s-setturi kull sena, rata li bejn wieħed u ieħor baqgħet l-istess mill-

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final, tad-29/01/2025.
[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar L-Unjoni tal-Ħiliet, COM(2025) 90 final, tal-5/03/2025.
[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, COM(2025) 165 final, tad-9/4/2025
[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, COM(2025) 723 final, tat-8/10/2025.
[19] Okkupazzjoni hija kklassifikata bħala li qed taffaċċja "nuqqas mifrux" jekk mill-inqas ħames Stati Membri jirrapportaw li hemm nuqqas tagħha. Dan huwa indikatur ewlieni tal-prestazzjoni tal-Patt għal Industrija Nadifa.

2016[20]. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet huwa essenzjali biex jiġu appoġġati t-tkabbir, il-produttività, u t-tranżizzjoni doppja. Fl-2024, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-Unjoni, imħejji f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali[21]. Dan il-pjan ta' azzjoni jiddeskrivi l-importanza li jiġu attivati gruppi sottorappreżentati, titjib u tiġdid tal-ħiliet aktar b'saħħithom, użu akbar tal-informazzjoni dwar il-ħiliet, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll mobilità mtejba tal-forza tax-xogħol biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Bħala parti mill-Unjoni tal-Ħiliet, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta Rakkomandazzjoni ġdida għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman.

**Minkejja tnaqqis mill-ogħla livell tiegħu fl-2022, in-nuqqas ta' ħaddiema fl-Unjoni għadu għoli**

**Ir-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti ta' 2,9 % jew aktar** fis-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ; l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi; is-servizzi ta' akkomodazzjoni u tal-ikel; il-kostruzzjoni; l-informazzjoni u l-komunikazzjoni fl-2024

**5 % aktar nuqqas ta' ħaddiema** fl-2024 meta mqabbel mal-2019

Ir-rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti fl-UE skont l-attività ekonomika (%, data annwali)




*Nota:* L-attivitajiet ta' NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi (ħlief l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali), C (manifattura), F (kostruzzjoni), G-I (kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, akkomodazzjoni, u servizzi tal-ikel), J (informazzjoni u komunikazzjoni), M-N (attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi).
*Sors:* il-Eurostat [jvs_a_rate_r2]

**It-trawwim tal-kwalità tal-impjiegi huwa kruċjali għal ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva bi produttività ogħla u b'koeżjoni soċjali akbar.** It-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni u t-twettiq tal-faċilitaturi orizzontali[22] deskritti fil-Boxxla għall-Kompetittività huma essenzjali għat-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità ogħlja. Min-naħa l-oħra, l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol għandhom ukoll rwol importanti. Kif indikat fl-Opinjoni tal-EMCO għall-EPSCO ta' Ġunju 2025[23], il-kwalità tal-impjiegi tinkludi dimensjonijiet bħal

[20] Fulvimari A. *et al.*, *Estimating labour market transition costs and social investment needs of the green transition – a new approach*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, li ġej.
[21] Kummissjoni Ewropea Komunikazzjoni dwar in-Nuqqas ta' Ħaddiema u ta' Ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni, COM(2024) 131 final, tal-20/03/2024.
[22] Dawn il-faċilitaturi orizzontali jinkludu s-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju, it-tnaqqis tal-piż u l-iffaċilitar tal-veloċità u tal-flessibbiltà; l-isfruttar sħiħ tal-benefiċċji tal-iskala offruti mis-Suq Uniku billi jitneħħew l-ostakli; il-finanzjament permezz ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u baġit tal-UE ffukat mill-ġdid; il-promozzjoni tal-ħiliet u tal-impjiegi ta' kwalità filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali; u koordinazzjoni aħjar tal-politiki fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
[23] Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi ppreżentata lill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur ta' Ġunju 2025.

*qligħ adegwat u pagi ġusti, sigurtà tal-impjiegi u tal-karriera,* u *żvilupp tal-ħiliet u progressjoni tal-karriera.* Dawn huma elementi interdipendenti li, meta kkombinati, jistgħu joħolqu ċiklu virtuż ta' awtonomizzazzjoni personali, produttività u tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, *is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol*, flimkien mal-*benesseri fuq il-post tax-xogħol*, *l-arranġamenti* ottimali *tal-ħin tax-xogħol*, *il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata*, u *l-awtonomija tal-impjieg*, jistgħu jqiegħdu l-pedamenti għal suċċess personali, professjonali u organizzazzjonali. Dan jista' jirriżulta, pereżempju, minn kreattività u akkontabbiltà akbar, minn motivazzjoni u produttività ogħla, u minn inċidenza mnaqqsa ta' burnout.

**L-aċċess għall-protezzjoni soċjali huwa komponent integrali tal-kwalità tal-impjiegi.** Barra minn hekk, *ir-rappreżentanza u l-organizzazzjoni ta' interess kollettiv, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs*, kif ukoll l-isforzi biex jitrawmu *t-tranżizzjonijiet minn xogħol mhux iddikjarat/mhux iddikjarat biżżejjed għal impjieg formali* huma faċilitaturi kruċjali ta' suq tax-xogħol ġust u inklużiv. It-tisħiħ tal-prestazzjoni f'dawn id-dimensjonijiet kollha tal-kwalità tal-impjiegi huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-ħolqien tal-impjiegi jkun ukoll dwar il-kwalità, u mhux biss il-kwantità. Il-kwalità tal-impjiegi hija influwenzata wkoll minn bidliet strutturali fis-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tax-xogħol, l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija, l-evoluzzjoni tal-kuntratti ta' impjieg u l-forom ta' xogħol, il-kulturi li qed jevolvu fuq il-post tax-xogħol, u valuri u għanijiet soċjetali usa' bħan-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs.

**Il-pagi reali qed jirkupraw iżda ma rkuprawx mit-telf fis-snin preċedenti**

**Il-kumpens nominali għal kull impjegat** **żdied b'5,1 %** fl-2024, u **b'4,2 %** fl-2025 (tbassir)

**Il-pagi reali** **żdiedu bi 2,7 %** fl-2024, u **żdiedu b'1,3 %** fl-2025 (tbassir)

Il-pagi u s-salarji grossi reali għal kull impjegat

(bidla annwali %; 2023, 2024 u 2025)




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data ta' AMECO, Pagi u salarji grossi nominali għal kull impjegat [hwwdw], deflatur: Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur [AMECO 5000 ZCPIH]. Impjieg totali (kunċett domestiku) [namq_10_a10_e]. Id-data għall-2025 tirrifletti l-projezzjonijiet ikkalkolati abbażi tat-Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni. L-aġġornament għall-pagi u s-salarji grossi għal kull impjegat [il-kodiċi AMECO: hwwdw] bit-tbassir tal-ħarifa ma kienx disponibbli fid-19 ta' Novembru meta l-aħħar aġġornament kien possibbli.

**It-tkabbir fil-pagi fl-UE baqa' sod fl-2024, filwaqt li varja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.** It-tkabbir annwali tal-kumpens nominali għal kull impjegat kien ta' 5,1 %, tnaqqis mir-rekord ta' 6,1 % fl-2023. It-tkabbir fil-pagi reali reġa' żdied fl-2024, għal 2,7 %. Dan kien appoġġat l-aktar mill-inflazzjoni li qed ittaffi u mit-tkabbir qawwi fil-pagi nominali. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-pagi reali qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija. Dawn għadhom taħt dawn il-livelli f'diversi ekonomiji kbar (il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands u

l-Italja) fi sfond ta' produttività u tkabbir ekonomiku dgħajfa. Konsegwentement, il-pagi reali medji fl-UE kienu għadhom kemxejn taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija fl-2024, iżda huma mbassra li jaqbżuhom fl-2025. Fl-istess ħin, iż-żidiet fil-paga minima statutorja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tikkumpensa fil-parti l-kbira għat-telf tal-kapaċità tal-akkwist għal dawk li jaqilgħu paga minima.

**F'pajjiżi b'pagi minimi maqbula b'mod kollettiv, it-tkabbir fil-pagi appoġġa l-kapaċità mtejba tal-akkwist fl-2024, speċjalment għal dawk f'impjiegi bi ħlas baxx.** L-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati[24] hija essenzjali għas-salvagwardja tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'pagi baxxi u għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra r-riskji tal-faqar fost l-impjegati, filwaqt li ssaħħaħ l-inċentivi għax-xogħol. Id-Direttiva tinkludi wkoll miżuri mmirati biex jinkoraġġixxu n-negozjar kollettiv kif ukoll biex itejbu l-mekkaniżmi għall-infurzar u s-sorveljanza fl-Istati Membri.

**Filwaqt li l-qligħ adegwat huwa dimensjoni ewlenija tal-kwalità tal-impjiegi[25], kważi wieħed minn kull tnax-il ħaddiem esperjenzaw riskji ta' faqar fl-2024.** Dan huwa saħansitra aktar b'saħħtu għall-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard. Is-sehem ta' persuni impjegati (18-64) li esperjenzaw riskji ta' faqar naqas bi ftit fl-2024, għal 8,2 %. Dawk f'forom ta' xogħol mhux standard kienu aktar affettwati peress li spiss ikollhom qligħ annwali u intensità tax-xogħol aktar baxxi. Pereżempju, fost l-unitajiet domestiċi b'intensità għolja tax-xogħol, is-sehem ta' persuni f'faqar fost dawk li jaħdmu kien inqas minn terz meta mqabbel ma' dawk b'intensità tax-xogħol baxxa. Barra minn hekk, ir-rati tal-faqar fost dawk li jaħdmu jibqgħu ogħla fost dawk li twieldu barra mill-UE, il-ħaddiema b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, u l-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti. L-irġiel kienu wkoll aktar probabbli li jesperjenzaw riskji ta' faqar waqt li jaħdmu meta mqabbla man-nisa. Kemm l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi kif ukoll implimentazzjoni aktar b'saħħitha tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

**Is-sehem ta' persuni li jesperjenzaw riskji ta' faqar filwaqt li jaħdmu jvarja skont it-tip ta' kuntratt**

Ir-rati tal-faqar fost dawk li jaħdmu skont it-tip ta' kuntratt (f'%, 2024)

Fl-2024, fl-UE:

- **8,2 %**

  mill-**ħaddiema kollha** kienu **ħaddiema foqra**

- **12,9 %**

[24] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33.

[25] Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi ppreżentata lill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur ta' Ġunju 2025.

mill-**ħaddiema part-time** kienu **ħaddiema foqra**

- **13,3 %** tal-**ħaddiema temporanji** kienu **ħaddiema foqra**




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje għal HR u data provviżorja għal LT.
*Sors:* il-Eurostat, [tespm070,] [ilc_iw05], [ilc_iw07], l-UE-SILC.

**Arranġamenti kuntrattwali flessibbli jistgħu jgħinu biex jiġu ssodisfati d-domandi tas-suq tax-xogħol, iżda jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal segmentazzjoni akbar tas-suq tax-xogħol u jkollhom piż fuq il-kwalità tal-impjieg.** Forom mhux standard ta' xogħol, bħal xogħol temporanju u part-time, jistgħu jipprovdu flessibbiltà akbar kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-impjegati. Dawn jistgħu jservu wkoll bħala "targa" għal impjieg stabbli u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, meta r-rati ta' tranżizzjoni jkunu għoljin biżżejjed. Madankollu, f'xi każijiet, dawn jillimitaw il-mobbiltà 'l fuq, itawlu l-instabbiltà u huma assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, ma' qligħ aktar baxx u ma' aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali, għat-taħriġ u għar-rappreżentanza[26]. F'kuntest ta' rati ta' impjieg li qed jiżdiedu, is-sehem tal-ħaddiema temporanji fost l-impjegati kollha kompla jonqos u laħaq 11,6 % fl-UE fl-2024. Id-differenzi bejn l-Istati Membri baqgħu sinifikanti.

**Minkejja titjib żgħir, il-kuntratti temporanji huma kważi tliet darbiet aktar komuni għaż-żgħażagħ u huma aktar prevalenti fost in-nisa mill-irġiel.** Barra minn hekk, xi Stati Membri għandhom ishma relattivament għoljin ta' impjieg temporanju flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti. Dan jindika sfidi fir-rwol tal-kuntratti temporanji bħala "targa" għal impjieg permanenti.

**Fl-2024, wieħed minn kull żewġ impjegati temporanji kien involontarjament f'impjieg temporanju, li jammonta għal 6,4 % tal-impjegati kollha.** Fil-qosor, l-impjieg temporanju involontarju (15-64) ikompli jaffettwa sehem sostanzjali tal-forza tax-xogħol, minkejja li naqas b'0,5 pp mill-2023. Hemm disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri, u għal darb'oħra inċidenza ogħla għaż-żgħażagħ u għan-nisa. Barra minn hekk, fl-impjiegi part-time, hemm komponent involontarju li baqa' sinifikanti f'xi Stati Membri, minkejja tnaqqis kumplessiv fil-livell tal-UE. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi effettivi tal-impjiegi li jippromwovu t-tranżizzjonijiet f'impjiegi ta' kwalità ogħla, inċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw fuq bażi permanenti full-time flimkien ma' aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u opportunitajiet ta' apprendiment, jistgħu jgħinu biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi.

**Il-prominenza tax-xogħol temporanju involontarju tvarja ħafna madwar l-UE iżda sehem għoli ta' ħaddiema temporanji huwa affettwat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

[26] Ara Eurofound, Labour market segmentation, Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej, 2019.

**Kuntratti temporanji** fl-2024 fl-UE:

- **11,6 %** tal-impjegati kollha (20-64)
- **33,3 %** tal-impjegati żgħażagħ (15-29)

**Xogħol temporanju involontarju** għal **53,7 %** tal-impjegati temporanji kollha (madwar **10,6 miljun** ħaddiem)

Impjegati temporanji involontarji bħala perċentwal tal-għadd totali ta' impjegati u tal-impjegati temporanji (20-64) (f'%, 2024)




*Nota:* Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG. Data b'affidabbiltà baxxa għal EE, MT, AT u SI. Data għal total biss "Impjieg disponibbli biss b'kuntratt temporanju" għal LV u "Ebda impjieg permanenti ma nstab" biss għal SK.
*Sors:* il-Eurostat [lfsa_etgar], l-LFS tal-UE.

**It-trasformazzjoni diġitali qed issawwar mill-ġdid is-swieq tax-xogħol Ewropej, b'wieħed minn kull għaxar ħaddiema fl-UE li juża Intelliġenza Artifiċjali ġenerattiva**[27]. L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) toffri għodod b'saħħithom biex tixpruna l-innovazzjoni, tagħti spinta lill-produttività, u ssaħħaħ il-kompetittività globali tal-Ewropa. L-użu tal-monitoraġġ diġitali fuq il-post tax-xogħol u l-ġestjoni algoritmika tal-proċessi tax-xogħol qed jittrasformaw il-mod kif ix-xogħol jiġi organizzat, ikkoordinat, immonitorjat u ġestit[28]. Meta jitfassal u jiġi implimentat b'mod responsabbli, l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jista' jżid l-effiċjenza, jissimplifika r-reklutaġġ, inaqqas il-preġudizzju, u jtejjeb il-kwalità tal-impjiegi[29]. Madankollu, dawn l-għodod jeħtieġ li jiġu ġestiti b'mod xieraq biex jindirizzaw kif xieraq it-tħassib dwar pressjoni tax-xogħol akbar, monitoraġġ kostanti, preġudizzji potenzjali, u riskji għall-protezzjoni tad-data għall-ħaddiema. F'dan ir-rigward, l-Att dwar l-IA jistabbilixxi sett ċar ta' regoli bbażati fuq ir-riskju għall-iżviluppaturi u għall-implimentaturi tal-IA. Dawn ikopru użi speċifiċi tal-IA, jiggarantixxu s-sikurezza, id-drittijiet fundamentali u l-IA ċċentrata fuq il-bniedem, filwaqt li jsaħħu l-adozzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni fl-IA madwar l-UE[30]. Barra minn hekk, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, li trawwem l-adozzjoni tal-IA f'10 industriji tal-UE u fis-settur pubbliku, tirrikonoxxi l-importanza ta' użu responsabbli u ta' benefiċċju tal-IA fuq il-post tax-xogħol.

**L-identifikazzjoni korretta tal-istatus tal-impjiegi u l-promozzjoni tat-trasparenza, il-ġustizzja, is-sorveljanza mill-bniedem, is-sikurezza u l-akkontabbiltà fil-ġestjoni algoritmika huma kruċjali għall-ħaddiema tal-pjattaformi u biex tittejjeb il-kwalità tal-**

---

[27] Ara Eurofound, *Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.
[28] Fl-2024, 37 % tal-ħaddiema tal-UE ġew immonitorjati b'mod diġitali għas-sigħat tax-xogħol u 36 % għall-movimenti ta' dħul/ħruġ. Barra minn hekk, id-data tal-istħarriġ turi li 24 % tal-ħaddiema tal-UE għandhom il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom allokati b'mod awtomatiku.
[29] Ara l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025.
[30] Ara r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali.

**impjiegi.** Il-punt ta' referenza huwa d-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi[31]. Fl-2025, 43 miljun ħaddiem huma mistennija jaħdmu permezz ta' pjattaforma tax-xogħol diġitali waħda jew aktar fl-Unjoni Ewropea. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi joffri flessibbiltà u introjtu addizzjonali, jew saħansitra primarju. Jista' wkoll inaqqas l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, għall-migranti jew għall-persuni b'diżabbiltà. Madankollu, ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa assoċjat ukoll mal-prekarjetà, mal-qligħ baxx, mal-aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali, u mal-isfidi relatati mal-ġestjoni algoritmika mhux trasparenti. Barra minn hekk, peress li l-biċċa l-kbira tal-ħidma permezz tal-pjattaformi diġitali sseħħ online, il-flussi tax-xogħol transfruntiera huma ta' sfida biex jiġu segwiti u f'ħafna każijiet huma moħbija. Il-maġġoranza tan-nies li jaħdmu permezz ta' pjattaformi fl-UE jitqiesu bħala li għandhom impjieg indipendenti, għalkemm fir-realtà sa 5,5 miljun persuna huma stmati li jiġu kklassifikati b'mod żbaljat bħala tali[32].

**Madwar 55 % tal-ħaddiema tal-pjattaformi jaqilgħu inqas mill-paga minima.** Sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2024 u l-Istati Membri għandhom sentejn biex jittrasponuha fil-liġi nazzjonali. Id-Direttiva tittratta kwistjonijiet bħall-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg, il-ġestjoni algoritmika, u t-trasparenza relatata max-xogħol transfruntier. L-objettiv tagħha huwa li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u kwalità tal-impjiegi fix-xogħol fuq il-pjattaformi filwaqt li tappoġġa t-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-UE.

**L-innovazzjoni diġitali għandha l-potenzjal għal impjiegi aktar produttivi u ta' kwalità ogħla iżda tista' twassal ukoll għal intensifikazzjoni tax-xogħol u biex iċċajpar il-konfini mal-ħajja privata.** Pereżempju, it-teknoloġiji diġitali ppermettew iż-żieda fit-telexogħol. Fl-2024, madwar 20 % tal-impjegati ħadmu mid-dar għall-inqas għal xi żmien. Skont stħarriġ tal-Eurofound tal-2025, fl-2024, aktar minn 50 % tar-rispondenti esprimew preferenza għax-xogħol mid-dar diversi drabi fil-ġimgħa, filwaqt li 24 % esprimew ix-xewqa li jaħdmu esklussivament mid-dar.

**L-avvanzi teknoloġiċi u l-mudelli ta' ħidma remoti u ibridi relatati jistgħu jħallu impatt ukoll fuq ix-xejriet tal-ħin tax-xogħol.** Ġeneralment, l-iskedi tal-ħin tax-xogħol li jiddevjaw mis-sigħat tax-xogħol full-time normali, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità tal-impjieg, tjiebu fl-UE. Fl-2024, 6,6 % tal-persuni impjegati kollha (20-64) ħadmu sigħat twal meta mqabbla ma' 7,1 % fl-2023. Madankollu, is-sehem ta' dawk li jaħdmu f'sigħat tax-xogħol mhux tipiċi baqa' għoli, fil-livell ta' 33,6 % tal-impjiegi totali (20-64). Wara n-negozjati inkonklużivi tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej dwar l-aġġornament tal-Ftehim Qafas tagħhom tal-2002 dwar it-telexogħol, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni tal-2021 tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt għall-iskonnessjoni[33], il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni formali mas-sħab soċjali f'żewġ stadji dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol.

---

[31] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Ara l-Kunsill Ewropew, [Ħaddiema tal-pjattaformi: il-Kunsill jadotta regoli ġodda biex itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom - Consilium].

[32] Il-Kummissjoni Ewropea, [Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi], 2021.

[33] Il-Parlament Ewropew, [Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni], 2021.

**L-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata fit-tipi ta' kuntratti u l-istatus fl-impjieg kollha għadu sfida, speċjalment għall-ħaddiema mhux standard u għal dawk b'impjieg indipendenti.** L-aċċess għall-protezzjoni soċjali huwa karatteristika ewlenija oħra tal-kwalità tal-impjieg. Ġew osservati lakuni formali fil-kopertura għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard fi tmintax-il Stat Membru, b'mod partikolari għall-benefiċċji tal-qgħad, tal-mard u tal-maternità jew tal-paternità. Għal dawk b'impjieg indipendenti, instabu lakuni fil-kopertura fi dsatax-il Stat Membru u kienu l-aktar evidenti għall-qgħad, għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u għall-mard okkupazzjonali. Barra minn hekk, għal xi gruppi ta' ħaddiema jew ta' persuni b'impjieg indipendenti, l-aċċess huwa biss volontarju (skemi ta' inklużjoni fakultattiva), b'adozzjoni mhux uniformi ħafna fl-Istati Membri.

**F'madwar kwart tal-pajjiżi tal-UE, il-ħaddiema mhux standard li jeħtieġu protezzjoni soċjali kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji soċjali minn dawk f'impjieg standard.** Il-persuni b'impjieg indipendenti baqgħu l-inqas probabbli mill-gruppi kollha li jirċievu benefiċċji soċjali. Il-faqar monetarju kien ferm aktar prevalenti fost il-ħaddiema temporanji (13,4 %) u dawk part-time (13,8 %), u dawk b'impjieg indipendenti (20,9 %), meta mqabbla mal-impjegati permanenti (6,3 %). L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk b'impjieg indipendenti hija kruċjali biex jitnaqqsu d-diskrepanzi li fadal fil-kopertura u biex jiġu promossi sistemi adegwati u trasparenti.

**Varjazzjoni reġjonali sinifikanti hija rreġistrata fir-rati ta' NEET madwar l-UE u fi ħdan l-Istati Membri**

**Rata ta' NEET ta' 11,1 %** fl-2024 fl-UE

Ogħla għan-**nisa (12,1 %)**, **imwielda barra l-UE (18,4 %)** u fiż-**żoni rurali**

**Rati ta' NEET** fl-2024:

- varjaw **minn 4,4 % sa 19,4 %** madwar il-pajjiżi tal-UE

  iżda varjaw **minn 4,4 % sa 29,9 %** madwar ir-reġjuni (reġjuni NUTS 2)

Firxa ta' rati ta' NEET (15-29) fil-livell reġjonali (reġjuni NUTS 2) skont l-Istat Membru u l-medji tal-Istati Membri, 2024




*Nota:* L-ebda data reġjonali disponibbli (NUTS2) għal CY, EE, LV, LU u MT.
*Sors:* Kalkoli tad-DĠ EMPL; il-Eurostat [edat_lfse_22].

**Is-sehem taż-żgħażagħ la fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos fl-UE.** Dan naqas minn 11,3 % għal 11,1 % fl-2024. Madankollu, ir-rati ta' NEET żgħażagħ (15-29) għadhom ogħla fost in-nisa meta mqabbla mal-irġiel, u fost dawk li twieldu barra mill-UE meta mqabbla ma' dawk imwielda nattivi, kif ukoll fiż-żoni rurali meta mqabbla mal-bliet, mal-irħula u mas-subborgi. Min-naħa l-oħra, wara rkupru kostanti mill-COVID-19 'l hawn, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24) żdiedet bi ftit għal 14,9 % fl-2024, u għadha għolja aktar mid-doppju tar-rata kumplessiva tal-qgħad. Hija wkoll partikolarment għolja fost iż-żgħażagħ b'livelli aktar baxxi ta' kwalifiki u dawk li twieldu barra mill-UE. Ir-rata ta' impjieg tal-gradwati reċenti tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET, vocational

education and training) u dawk terzjarji (20-34) naqset fl-2024 fl-UE (għal 80,0 % u 86,7 % rispettivament), b'dan possibbilment jindika żieda fid-diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Is-sitwazzjoni tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni kontinwa biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jxekklu d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, fid-dawl tal-potenzjal mitluf u r-riskji fit-tul għall-prospetti tal-karriera. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tappoġġa n-NEETs billi toffri impjiegi ta' kwalità, edukazzjoni ulterjuri, apprendistati, jew traineeships fi żmien 4 xhur minn meta persuna ssir qiegħda jew titlaq mill-edukazzjoni formali[34].

**Ħajjiet tax-xogħol itwal jikkontribwixxu għal anzjanità attiva, għal tnaqqis fin-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u għall-kapaċità li jinżammu sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom.** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg ta' persuni ta' fl-età ta' bejn 55 u 64 sena żdiedet għal 65,2 %. Għad hemm disparitajiet sinifikanti lf-Istati Membri. Mill-2030, l-UE hija mistennija li tirreġistra tnaqqis annwali fil-popolazzjoni tagħha fl-età tax-xogħol ta' 1,2 miljun sal-2050. Il-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata huwa stmat li se jiżdied minn 36 % fl-2022 għal 55 % sal-2050 u jkompli jiżdied għal 59 % sal-2070. Id-determinanti importanti jinkludu inċentivi tal-pensjoni, kwistjonijiet tas-saħħa u kundizzjonijiet bħal postijiet tax-xogħol inflessibbli u diskriminazzjoni fuq bażi ta' età. Dwar tal-ewwel, il-Pakkett ta' Pensjoni Supplimentari adottat reċentement għandu l-għan li jtejjeb il-parteċipazzjoni u t-tfaddil fl-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali u personali u li jtejjeb il-kontribuzzjoni tal-fondi ta' pensjoni għall-finanzjament ta' investimenti innovattivi u produttivi.

**In-nisa akbar fl-età kienu aktar probabbli li jkunu barra mill-forza tax-xogħol mill-irġiel, spiss minħabba rtirar bikri u assenzi fit-tul xprunati minn obbligi ta' għoti ta' kura.** Il-persuni fl-età ta' bejn 55 u 64 sena jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti (28,1 %) tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol barra mill-forza tax-xogħol, minkejja l-progress li sar matul l-aħħar deċennju. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, huwa meħtieġ sett komprensiv ta' politiki, inklużi r-riformi tal-pensjonijiet, l-attivazzjoni u l-inizjattivi ta' taħriġ. L-UE ħadet passi, bħall-adozzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE[35] biex tiġġieled id-diskriminazzjoni fl-impjiegi, u l-iżvilupp ta' sett ta' għodod demografiku. Barra minn hekk, f'Ġunju 2025, il-Kunsill talab lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex jappoġġaw lill-anzjani biex jibqgħu attivi u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà[36]. Fl-isfond tal-iżviluppi demografiċi kurrenti u projettati u tan-nuqqas imdaqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema, l-isfruttament tal-potenzjal tal-ħaddiema akbar fl-età huwa kruċjali biex jiġi appoġġat il-potenzjal tat-tkabbir u l-mudell soċjali tal-UE.

**Id-differenzi persistenti fl-impjiegi u fil-pagi bejn il-ġeneri jeħtieġu aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi persistenti fis-suq tax-xogħol.** Meta tiġi kkunsidrata l-prevalenza akbar ta' xogħol part-time fost in-nisa, id-differenza tkompli tikber. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset ftit fl-UE matul dawn l-aħħar snin, u dan jirrifletti żieda akbar fl-impjiegi għan-nisa. Madankollu, id-differenza tibqa' sostanzjali (ta' 10,0 pp fl-2024). Dan juri disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, li juru li f'partijiet tal-UE l-urġenza hija akbar. Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi huma akbar ukoll għan-nisa bit-

---

[34] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

[35] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU L 303, 2.12.2000, pp. 16–22.

[36] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

tfal. Dan huwa aktar kritiku f'kuntest ta' nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

**Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tal-UE hija sostanzjali fil-livell ta' 12,0 %** (fl-2023). Din naqset b'4 pp matul l-aħħar deċennju. Id-differenzi fil-pagi huma xprunati mid-differenzi bejn il-ġeneri fl-attivitajiet u fl-okkupazzjonijiet ekonomiċi, mis-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet superjuri, mir-rappreżentanza żejda f'forom ta' impjieg part-time u mhux permanenti, mid-diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-kura, kif ukoll mid-diskriminazzjoni u mill-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti. Dawn id-differenzi fil-pagi jwasslu wkoll għal differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet aktar tard fil-ħajja.

**Hemm lok għal azzjoni ta' politika sostnuta biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-25[37].** Dan jista' jinkludi t-titjib tal-provvista u tal-aċċessibbiltà ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli u kura fit-tul. Barra minn hekk, riformi mmirati tas-sistema tat-taxxa jistgħu joħolqu inċentivi aħjar għan-nisa biex jaħdmu. Tali azzjonijiet ikunu konformi mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (inklużi l-miri l-ġodda ta' Barċellona) u dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[38].

**L-indirizzar tal-ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li twieldu barra mill-UE jista' jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali.** Il-persuni li twieldu barra mill-UE jammontaw għal aktar minn wieħed minn kull għaxra tal-forza tax-xogħol tal-UE. Madankollu, il-parteċipazzjoni tagħhom fil-forza tax-xogħol u r-rati ta' impjieg jibqgħu aktar baxxi meta mqabbla mal-gruppi l-oħra. B'riżultat ta' dan, madwar 7,4 miljun minnhom li jinsabu fl-età tax-xogħol huma barra mill-forza tax-xogħol tal-UE. Dan minkejja n-nuqqasijiet prevalenti ta' ħaddiema. Dan in-nuqqas huwa dovut għal diversi ostakli relatati mal-istatus tas-suq tax-xogħol u mal-integrazzjoni soċjali tagħhom. Dawn jinkludu livell edukattiv baxx milħuq u profiċjenza fil-lingwa, diskriminazzjoni, kif ukoll kundizzjonijiet tas-saħħa ħżiena. Il-migranti b'livell edukattiv terzjarju milħuq (madwar terz minnhom) għandhom prospetti aħjar ta' impjieg, iżda d-diffikultajiet bir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom għadhom ostaklu kbir, li minħabba fih spiss jispiċċaw f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet. Iż-żieda fl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi billi timla n-nuqqasijiet fis-settur tal-kura.

[37] Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM(2020) 152 final.
[38] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 2022/C 484/01, ĠU C 484, 20.12.2022, pp. 1–12, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01, ĠU C 476, 15.12.2022, pp. 1–11.

**L-inugwaljanzi fl-edukazzjoni qed jiżdiedu b'deterjorament relattiv tal-livelli ta' ħiliet bażiċi fost l-istudenti żvantaġġati matul l-aħħar deċennju**

Is-**sehem ta' studenti li sejrin tajjeb minn sfond żvantaġġat** naqas:

- **minn 21,1 %** fl-2015
- u **20,8 %** fl-2018
- **għal 16,3 %** fl-2022

vs **59,0 %** ta' **dawk minn sfond vantaġġat**

**Kważi l-Istati Membri kollha marru għall-agħar** matul l-aħħar deċennju

Għad hemm **differenzi kbar** bejn il-pajjiżi tal-UE

Is-sehem ta' żgħażagħ ta' 15-il sena minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati li sejrin tajjeb fil-qari, fil-matematika jew fix-xjenza (2022, 2018, 2015)




*Nota:* Hija meħtieġa l-kawtela meta tiġi interpretata d-data tal-2022 għal DK, IE, LV u NL minħabba li wieħed jew aktar mill-istandards tal-kampjunar ta' PISA ma ġewx issodisfati. LU pparteċipa biss f'PISA 2018.
*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea (2024).

**It-tnaqqis qawwi fil-ħiliet bażiċi fost l-istudenti juri l-urġenza ta' azzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna biex tiġi indirizzata din ix-xejra negattiva.** Abbażi ta' PISA 2022, tnaqqis qawwi fil-ħiliet bażiċi tal-istudenti huwa muri minn żieda sinifikanti fis-sehem ta' dawk bi progress insuffiċjenti (29,5 %, żieda minn 22,9 % fl-2018, fil-matematika). Id-data turi wkoll tnaqqis fis-sehem ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni (7,9 %, tnaqqis minn 11 % fl-2018, fl-istess qasam). Barra minn hekk, 16,3 % biss tal-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati kellhom prestazzjoni tajba fil-ħiliet bażiċi[39] fl-2022, meta mqabbla ma' 59,0 % tal-istudenti minn sfondi vantaġġati. In-nuqqas ta' ħiliet bażiċi huwa ostaklu ewlieni għat-titjib tal-ħiliet aktar tard fil-ħajja u jfixkel it-tkabbir tal-produttività.

**Livelli baxxi ta' litteriżmu diġitali, inkluż il-litteriżmu fl-IA, u l-kompetenzi ċiviċi fost l-istudenti huma kawżi għal tħassib, b'mod partikolari f'kuntest ta' inċidenza dejjem akbar ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u diżinformazzjoni.** Huma 63 % biss tal-istudenti li għandhom għarfien ċiviku adegwat (ICCS 2022) u 43 % ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi (ICILS 2023). Il-ħiliet diġitali dgħajfa jfixklu l-kapaċità tal-istudenti li jirnexxu fl-era diġitali, li jinnavigaw bidla teknoloġika, li jiġġieldu d-diżinformazzjoni u li jinvolvu ruħhom b'mod sikur f'teknoloġiji emerġenti bħall-IA. Il-ħiliet diġitali huma essenzjali wkoll għall-benesseri diġitali, u jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw relazzjonijiet aktar tajbin u aktar bbilanċjati mat-teknoloġija. Biex tavvanza l-ħiliet diġitali taż-żgħażagħ u tal-għalliema, il-Kummissjoni qed timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali tal-2021-27 u bħalissa qed tħejji Pjan direzzjonali dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Skont l-

[39] L-ilħuq ta' mill-inqas livell 4 fuq l-iskala PISA tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) fi kwalunkwe wieħed mill-qari, il-matematika, jew ix-xjenza.

Unjoni tal-Ħiliet, il-Kummissjoni nediet Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi[40], b'firxa wiesgħa ta' inizjattivi mmirati biex jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet bażiċi.

**Fuq nota pożittiva, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas u l-livell edukattiv terzjarju milħuq żdiedet.** Sal-2024, ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE kważi naqset bin-nofs (9,4 % fost dawk ta' bejn 18 u 24 sena) meta mqabbla mal-2002. Madankollu, 3,1 miljun adult żagħżugħ(a) għadhom jiksbu biss edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas, b'persuni b'diżabbiltà, ċittadini ta' pajjiżi terzi u Rom irrappreżentati b'mod sproporzjonat fil-grupp. Dan jirriżulta f'rati ta' impjieg aktar baxxi u f'rati ta' parteċipazzjoni aktar baxxi f'taħriġ ulterjuri. Dan ipoġġi f'riskju l-kapaċità tal-individwi li jissodisfaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Dan jimplika wkoll maż-żmien żieda fl-infiq pubbliku assoċjat u tnaqqis fid-dħul pubbliku. Diploma fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) jew lawrja fl-edukazzjoni għolja jistgħu jtejbu bil-qawwa l-prospetti tas-suq tax-xogħol tan-nies. Fil-VET dan huwa partikolarment minnu għall-gradwati reċenti li esperjenzaw apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol. L-Unjoni rat żieda sostanzjali fiż-żgħażagħ bi kwalifika terzjarja (minn 36,5 % għal 44,1 % għal dawk ta' bejn 25 u 34 sena bejn l-2015 u l-2023), xprunata minn aċċess usa' għall-universitajiet, domanda dejjem tikber għal ħiliet għoljin fis-suq tax-xogħol, il-perspettivi għal qgħad aktar baxx u qligħ ogħla.

**Għad hemm nuqqas ta' provvista ta' gradwati bil-ħiliet ix-xierqa biex jaħdmu f'setturi strateġiċi.** B'mod partikolari, għad hemm nuqqas ta' ħiliet f'oqsma speċifiċi bħal xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics). Dawn il-ħiliet huma partikolarment meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika b'suċċess u f'setturi strateġiċi oħra bħas-sigurtà u ċ-ċibersigurtà, id-difiża u l-ispazju, l-IA, it-teknoloġija nadifa, il-manifattura avvanzata, il-bijoteknoloġija u l-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, dawn huma kruċjali għas-sovranità teknoloġika tal-UE, inkluża t-tmexxija diġitali tagħha. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni pproponiet miri tal-UE sal-2030 ta' mill-inqas 32 % u 45 % tal-istudenti rreġistrati fl-oqsma STEM, fl-edukazzjoni terzjarja u fil-VET inizjali ta' livell medju, rispettivament. Bħala parti mill-Unjoni tal-Ħiliet, il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM għandu l-għan li jagħti spinta lir-reġistrazzjoni, jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet u jnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fi STEM[41]. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE li ġejja dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għandha l-għan li tagħmel il-VET aktar attraenti, inklużiv u risponsiv. Fl-aħħar nett, l-Alleanza Ewropea għall-apprendistati tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' apprendistati għall-bniet u għan-nisa f'oqsma STEM, bl-għan li jiġu attirati lejn l-istudji STEM u jinżammu fis-suq tax-xogħol.

[40] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi, COM(2025) 88 final, tal-5/3/2025.

[41] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM: ħiliet għall-kompetittività u l-innovazzjoni, COM(2025) 89 final, tal-5/03/2025.

**Il-proficjenza fil-litterizmu tal-adulti naqset matul l-aħħar deċennju, speċjalment f'pajjiżi b'parteċipazzjoni baxxa fl-apprendiment għall-adulti**

**1 minn kull 5 adulti** kellhom **prestazzjoni baxxa fil-litteriżmu u fin-numeriżmu** fl-2023

**Il-litteriżmu naqas** bħala medja, filwaqt li **n-numeriżmu** baqa' **fil-biċċa l-kbira stabbli**

**Tnaqqis sinifikanti** fil-**litteriżmu u fin-numeriżmu** f'pajjiżi fejn hemm **parteċipazzjoni aktar baxxa fl-apprendiment għall-adulti**

Bidla fil-punteġġi tal-litteriżmu u tan-numeriżmu fost l-adulti (16-65) bejn l-2013 u l-2023 (pp, assi tax-xellug) u parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (% tal-adulti, assi tal-lemin)




*Nota:* Id-data dwar il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija estrazzjoni speċjali allinjata mad-definizzjoni tal-AES u tal-LFS tal-UE; BE ikopri biss il-Flanders

*Sors:* Stħarriġ tal-OECD dwar il-Ħiliet tal-Adulti (2023)

**Madwar wieħed minn kull ħames adulti fl-UE tqiesu bi prestazzjoni baxxa kemm fil-litteriżmu kif ukoll fin-numeriżmu fl-2023**[42]. Tnaqqis sinifikanti fil-ħiliet fil-litteriżmu u fin-numeriżmu tal-adulti ġie rreġistrat b'mod preċiż fil-pajjiżi b'rati ta' parteċipazzjoni aktar baxxi fl-apprendiment għall-adulti. Ġiet irreġistrata wkoll varjazzjoni kbira fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti bejn gruppi tal-popolazzjoni (dawk b'livell għoli ta' ħiliet vs b'livell baxx, jew dawk impjegati vs il-persuni qiegħda u dawk barra mill-forza tax-xogħol), kif ukoll skont l-okkupazzjoni[43]. Gradi differenti ta' parteċipazzjoni fost il-gruppi jissuġġerixxu ostakli persistenti. Il-baġits għat-taħriġ personali, bħall-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment (ILAs, Individual Learning Accounts)[44], huma importanti biex tiġi stimulata d-domanda għall-apprendiment. Sabiex jissaħħu l-opportunitajiet ta' apprendiment, l-Unjoni tal-Ħiliet tinkludi inizjattivi bħall-ILAs, l-espansjoni tal-mikrokredenzjali[45] u l-ispazji ta' apprendiment innovattivi tal-komunità, speċjalment għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet. B'mod kumplessiv, l-Unjoni tal-Ħiliet tippreżenta approċċ wiesa' biex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni tal-adulti u biex il-forza tax-xogħol tal-UE tiġi mgħammra bil-ħiliet it-tajba għall-futur.

**It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment huwa kruċjali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, jissaħħu l-produttività, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali.** Id-data għall-2022 mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) uriet żieda żgħira fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-

---

[42] Ara l-OECD, *Do Adults Have the Skills They Need to Thrive in a Changing World?: Survey of Adult Skills 2023*, OECD Skills Studies, OECD Publishing, Pariġi, 2024.

[43] Filwaqt li 60,9 % tal-maniġers, il-professjonisti, it-tekniċi u l-professjonisti assoċjati pparteċipaw f'attivitajiet ta' apprendiment fl-2022, ġiet irreġistrata parteċipazzjoni ħafna aktar baxxa fost okkupazzjonijiet klerikali, manwali u elementari.

[44] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment ta' Mejju 2022.

[45] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà ta' Ġunju 2022.

xogħol[46]) matul it-12-il xahar preċedenti fl-UE, minn 37,4 % fl-2016 għal 39,5 % fl-2022. Żieda oħra possibbli hija ssuġġerita mid-data fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) bejn l-2022 u l-2024. Madankollu, il-livell għadu baxx wisq fid-dawl tat-trasformazzjonijiet kbar li qed tiffaċċja l-Ewropa, u d-disparitajiet bejn l-Istati Membri għadhom kbar wisq.

**Fl-2024, il-pożizzjoni tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi żdiedet b'mod sostanzjali u s-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas bi ftit fl-UE, mingħajr l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq f'dan tal-aħħar.** L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) żdied sostanzjalment fil-livell tal-UE fl-2024, għal 141,3, jiġifieri 2,5 punti ogħla milli fl-2023, xprunat prinċipalment mit-tkabbir tal-kumpens tal-impjegati. Din hija l-akbar żieda mill-2021-22 u kompliet ukoll fl-ewwel nofs tal-2025. L-għadd kumplessiv ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'madwar 2,9 miljuni meta mqabbel mal-2019 (kontra l-mira għall-2030 ta' mill-inqas 15-il miljun). Dan jimplika li persuna waħda minn kull ħames persuni baqgħet f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2024 fl-UE. Ir-riskji ta' faqar ivarjaw skont il-gruppi tal-popolazzjoni, bit-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, dawk b'livell baxx ta' ħiliet, dawk imwielda mhux fl-UE u r-Rom affettwati aktar. L-eteroġeneità ppersistiet ukoll bejn u fi ħdan l-Istati Membri (kemm bejn ir-reġjuni kif ukoll bejn iż-żoni rurali u urbani). Il-qgħad jibqa' xprunatur ewlieni tal-faqar, filwaqt li l-benefiċċji soċjali ma jilħqux lill-unitajiet domestiċi kollha fil-bżonn.

**Ir-rati tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jvarjaw b'mod sinifikanti skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi**

**Waħda minn kull ħames persuni** u **wieħed minn kull erbat itfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali** fl-UE fl-2024

Lil hinn mit-tfal, l-**anzjani**, il-**persuni qiegħda**, il-**persuni b'livell baxx ta' ħiliet**, il-**persuni b'diżabbiltà**, il-**persuni mhux imwielda fl-UE** u **r-Rom** aktar affettwati

Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) skont il-karatteristika soċjodemografika (%), UE, 2024.




*Noti:* Il-valuri tal-2024 jirreferu għall-introjti tal-2023 għall-Istati Membri kollha. Id-definizzjoni hija differenti għar-rata tal-AROPE ta' persuni li għandhom inqas minn u aktar minn 65 sena peress li dawn tal-aħħar jeskludu l-komponent ta' Intensità tax-Xogħol Baxxa Ħafna.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_peps01n] [ilc_peps06n] [ilc_peps02n] [ilc_peps04n] [hlth_dpe010].

**Minkejja titjib riċenti, fi kważi l-Istati Membri kollha, l-appoġġ għall-introjtu minimu ma huwiex biżżejjed biex in-nies joħorġu mill-faqar.** L-infiq fuq il-benefiċċji tal-

[46] Dawn iċ-ċifri huma minn estrazzjoni speċjali tal-AES, minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol, li jintużaw biex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-mira tal-apprendiment għall-adulti għall-2030 (ara wkoll l-Anness 2).

protezzjoni soċjali huwa stmat li żdied f'termini reali fl-2024 kważi fl-Istati Membri kollha. Dan l-aħħar ġew proposti riformi biex jissaħħaħ ir-rwol tal-benefiċċji tal-introjtu minimu fl-appoġġ lir-riċevituri biex jipparteċipaw f'miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol (ALMPs, active labour market policy measures) u jfittxu l-impjiegi b'mod attiv. Fl-istess ħin, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas ftit bħala medja fl-UE fl-2024 (li jirrifletti t-tnaqqis fl-infiq fuq il-protezzjoni soċjali f'termini reali fl-2023), bi tnaqqis qawwi f'xi Stati Membri b'livelli għoljin. Il-faqar enerġetiku (meta mkejjel mill-indikatur "sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu d-dar tagħhom sħuna b'mod adegwat") naqas fl-2024 għall-ewwel darba mill-2022, u dan jirrifletti taħlita ta' fatturi, inkluż it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tal-gass u tal-elettriku, taħlita ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika kif ukoll miżuri oħra ta' appoġġ. Madankollu, din baqgħet ogħla b'mod sinifikanti għal persuni li jesperjenzaw riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Il-valutazzjoni tal-impatti distributtivi tar-riformi u tal-investimenti tibqa' partikolarment importanti biex jitqiesu l-effetti fuq ir-riskji tal-faqar u l-inugwaljanza fl-introjtu u biex it-tfassil tal-politika jiġi infurmat kif xieraq *ex ante*.

**Is-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE naqas bi ftit iżda baqa' ogħla milli għall-popolazzjoni b'mod kumplessiv.** L-għadd ta' tfal (0-17) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas minn 19,96 miljun fl-2023 għal 19,52 miljun fl-2024 (medja ta' 24,2 % fl-UE). Minkejja li l-2024 hija t-tieni sena konsekuttiva ta' tnaqqis fin-numri assoluti, l-inċidenza tal-faqar fost it-tfal għadha 3,2 pp ogħla milli għall-popolazzjoni totali. B'mod kumplessiv, kważi wieħed minn kull erbat itfal fl-UE kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2024. Il-ħruġ tagħhom mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali huwa strumentali biex jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u biex jinkiser iċ-ċiklu tat-trażmissjoni interġenerazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal[47] fl-Istati Membri kollha hija kruċjali f'dan ir-rigward.

**Is-sehem ta' persuni anzjani (65+) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kompla jonqos fl-UE fl-2024.** Madankollu, is-sitwazzjoni għadha diversa ħafna fl-Istati Membri. It-tnaqqis, għal 19,4 %, kien xprunat minn titjib għan-nisa (li madankollu jkomplu jiffaċċjaw riskji sostanzjalment ogħla mill-irġiel). It-tnaqqis jirrifletti wkoll tnaqqis fil-faqar monetarju u privazzjoni materjali jew soċjali estrema fost il-persuni akbar fl-età. Il-proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni għall-pensjonijiet baqa' stabbli fil-livell tal-UE fl-2024. Fl-Istati Membri, is-sitwazzjoni fir-rigward tal-faqar fost l-anzjani u s-sostituzzjoni tal-introjtu baqgħet madankollu differenti ħafna. F'xi pajjiżi, ir-riskju ta' faqar ta' introjtu tal-65+ kien saħansitra darbtejn ogħla milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

[47] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, ĠU L 223, 22.62021, p. 14-23).

**L-unitajiet domestiċi li qed jesperjenzaw il-faqar jallokaw sehem sinifikanti mill-introjtu disponibbli tagħhom għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri**

Fl-2024, f'**aktar minn terz tal-Istati Membri**, l-unitajiet domestiċi jonfqu **madwar jew aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-introjtu disponibbli tagħhom fuq il-kostijiet tal-akkomodazzjoni**

**L-unitajiet domestiċi li jesperjenzaw riskji ta' faqar** ġarrbu **piż eċċessiv doppju minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni** fi kważi l-Istati Membri kollha

Sehem tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, 2024 (%)




*Nota:* Data provviżorja għal LT.

*Sors:* il-Eurostat [[ilc_mded01](ilc_mded01)], l-UE-SILC.

**L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni tibqa' sfida importanti, li taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nies f'riskju ta' faqar.** Matul l-aħħar deċennju, il-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu b'medja ta' madwar 10 % aktar mgħaġġla mill-introjti, u dan naqqas l-affordabbiltà[48]. Madankollu, teżisti varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri, u r-reġjuni/iċ-ċentri urbani ewlenin. Sa 8,2 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni kienu jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu totali disponibbli tagħhom, jiġifieri ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni[49]. Din ir-rata laħqet 31,1 % għall-persuni fir-riskju tal-faqar meta mqabbla ma' 3,8 % għall-bqija tal-popolazzjoni. Filwaqt li l-akkomodazzjoni soċjali ma hijiex żviluppata b'mod uniformi fl-Istati Membri tal-UE, id-definizzjonijiet, il-fornituri, il-mekkaniżmi ta' eliġibbiltà u ta' allokazzjoni jvarjaw. L-iżvilupp ulterjuri tagħha jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-akkomodazzjoni[50]. Iż-żieda fil-kostijiet tal-kostruzzjoni, tal-art u tal-finanzjament huma sfidi rrapportati b'mod komuni għall-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali. Filwaqt li d-differenzi fid-definizzjonijiet u fil-metodi tal-ġbir tad-data jfixklu l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi, xejra li qed tiżdied hija identifikabbli fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar f'ħafna Stati Membri.

**It-Trattati jirrikonoxxu bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tad-djalogu soċjali fl-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE.** L-importanza tad-djalogu soċjali hija stabbilita wkoll fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Filwaqt li bnew fuq id-Dikjarazzjoni

---

[48] Ara Cousin G., Frayne C., Dias Martins V. u B. Vasicek (2025), Housing in the European Union: Market Developments, Underlying Drivers, and Policies, European Economy Dokument ta' Diskussjoni 228/Ottubru 2025.

[49] Kemm il-kostijiet tal-akkomodazzjoni kif ukoll l-introjtu huma netti mill-allowances. Ara aktar dettalji dwar l-indikatur fl-Anness 2.

[50] Il-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà qed jieqaf minħabba nuqqas, fost l-oħrajn, ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni aċċessibbli.

tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse tal-2024[51], f'Marzu 2025, il-Kummissjoni u s-sħab soċjali transindustrijali Ewropej iffirmaw Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew[52]. Bħala parti minn impenn imġedded biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali fi żmien ta' trasformazzjoni globali, il-Patt jidentifika azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mis-sħab soċjali biex tingħata spinta u jinħolqu l-kundizzjonijiet ix-xierqa għall-mobilizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha. Bħala tali, il-patt għandu l-għan li joffri qafas għad-djalogu soċjali biex jiffjorixxi fil-livelli kollha, inklużi dawk nazzjonali u Ewropej, transsettorjali u settorjali.

**Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jippromwovu bl-aħjar mod id-djalogu soċjali u jsaħħu n-negozjar kollettiv**[53]. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni kienet qed taħdem flimkien mas-sħab soċjali fuq Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità. Hija impenjat ruħha li tikkonsultahom ukoll dwar inizjattivi ta' politika li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 153 u 154 tat-TFUE[54] iżda li huma ta' rilevanza partikolari għalihom. Fil-livell tal-UE, kemm is-sħab soċjali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma involuti b'mod attiv fis-Semestru Ewropew, bi skambju regolari ta' fehmiet u diskussjonijiet tematiċi f'oqsma ta' rilevanza partikolari. L-involviment u l-konsultazzjoni kemm tas-sħab soċjali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma kruċjali għat-tfassil tal-politika u għat-tmexxija ta' bidla sostenibbli u inklużiva.

**L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.** B'mod partikolari – f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi:

- Isaħħu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja tal-adulti biex jiżguraw il-kompetittività, jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, jadattaw għas-sitwazzjoni u l-prospetti tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu, u jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet. Dan jinkludi l-integrazzjoni tal-użu ta' għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet; isaħħu l-għoti ta' intitolamenti ta' taħriġ individwali, bħal kontijiet ta' apprendiment individwali; u jrawmu l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar kontijiet ta' apprendiment individwali u dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.
- Isaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità u l-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi – inkluż billi jinvestu fl-infrastruttura u s-servizzi diġitali, fi gwida mtejba għall-karriera tul il-ħajja, fis-servizzi ta' konsulenza, fl-informazzjoni dwar il-ħiliet u fit-taħriġ tal-persunal – bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' gruppi sottorappreżentati, jiġu appoġġati l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-mobbiltà u t-tranżizzjonijiet.

---

[51] Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperu.
[52] Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew.
[53] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1389)
[54] L-Artikolu 154 tat-TFUE jipprevedi konsultazzjoni f'żewġ stadji tas-sħab soċjali Ewropej dwar firxa ta' kwistjonijiet ta' politika soċjali stabbiliti fl-Artikolu 153 tat-Trattat, bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

- Jippromwovu mobbiltà ġusta fl-UE u jqisu li jattiraw u jżommu ħaddiema tas-sengħa nazzjonali ta' pajjiż terz. Barra minn hekk, jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-migrazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'okkupazzjonijiet b'nuqqas jew f'oqsma ta' studju f'setturi strateġiċi, filwaqt li jiżguraw ir-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u soċjali, appoġġati minn politika ta' integrazzjoni effettiva, f'komplementarjetà mal-użu tal-provvista ta' ħaddiema u ħiliet minn ħdan l-Unjoni.
- Jiżguraw id-disponibbiltà ta' skemi ta' appoġġ għaż-żamma tal-impjiegi, bħala għodda ta' emerġenza ta' riżerva, imfassla b'mod li jiġu ppreservati l-impjiegi (u n-negozji) f'każ ta' kriżi, inkluż ir-ristrutturar, u jkomplu jiżviluppaw il-kapital uman permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid assoċjati.
- Jipprovdu appoġġ adegwat lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi l-aktar affettwati mill-impatti ekonomiċi u soċjali mill-adattament għat-tibdil fil-klima u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali ġodda, b'mod partikolari lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli – inkluż permezz ta' servizzi tal-impjiegi u programmi tal-impjiegi effettivi, inċentivi għat-tfittix tal-ħaddiema u għat-tranżizzjoni; sigurtà tal-introjtu adegwata b'approċċ ta' inklużjoni attiva; il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kontra r-riskji relatati mal-IA, il-ġestjoni algoritmika u t-tibdil fil-klima; u l-promozzjoni tal-intraprenditorija, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.
- F'konformità mal-liġijiet u/jew mal-prattiki nazzjonali u b'rispett sħiħ tar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, jippromwovu l-iżviluppi fil-pagi li jappoġġaw il-konverġenza soċjali 'l fuq, filwaqt li jqisu l-iżviluppi fil-produttività, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u jissalvagwardjaw il-kompetittività.
- Jadattaw ir-regolamenti tas-suq tax-xogħol u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji biex inaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità, inkluż il-possibbiltà ta' tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa mingħajr ma jfixklu t-tranżizzjoni lejn impjiegi b'pagi ogħla u tranżizzjoni 'l bogħod tat-tassazzjoni mix-xogħol għal sorsi oħra li jappoġġaw aktar l-impjiegi u t-tkabbir inklużiv.
- Jiżguraw ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati tajjeb bħala dimensjoni ewlenija tal-kwalità tal-impjiegi.
- Jippromwovu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u l-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew, flimkien mal-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' politika rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, ukoll bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi, u inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri u fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- Jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli għal kulħadd, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali; itejbu l-protezzjoni ta' dawk li ma humiex koperti biżżejjed, bħall-ħaddiema f'forom ta' impjieg mhux standard, inkluż ix-xogħol fuq il-pjattaformi, u dawk b'impjieg indipendenti, ukoll bħala dimensjoni ewlenija tal-kwalità tal-impjiegi; b'mod aktar ġenerali, itejbu l-adegwatezza tal-benefiċċji, it-trasferibbiltà tad-drittijiet u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; u jappoġġaw b'mod effettiv l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.
- Itejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ – inkluż permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inklużivi u ta' kwalità u l-edukazzjoni terzjarja; appoġġ immirat

għas-servizzi tal-impjiegi (li jinkludi mentoraġġ, gwida u konsulenza); u apprendistati u traineeships ta' kwalità, f'konformità mal-Garanzija msaħħa għaż-Żgħażagħ u l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati.

- Jadottaw miżuri komprensivi biex itejbu l-ħiliet bażiċi, u b'mod aktar wiesa' l-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin (inklużi ħiliet trasversali) tal-istudenti, u jindirizzaw l-isfidi strutturali marbuta mal-prestazzjoni u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz ta' approċċi effettivi ta' tagħlim, apprendiment u valutazzjoni. Jappoġġaw it-tħejjija ta' pjanijiet għat-titjib tal-ħiliet bażiċi fil-livell tal-iskola, b'attenzjoni speċjali għal programmi ta' tutoraġġ u ta' mentoraġġ, appoġġ personalizzat u żvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema. Jippromwovu l-eċċellenza fil-ħiliet bażiċi permezz ta' tagħlim u apprendiment differenzjati.
- Jagħtu spinta lill-eċċellenza u jsaħħu r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tal-edukazzjoni terzjarja permezz ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-industrija, rabtiet ma' sistemi ta' informazzjoni dwar il-ħiliet u użu akbar tal-mikrokredenzjali. Itejbu l-proċeduri għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u l-isparigġ fil-ħiliet. Isaħħu l-aċċess għall-edukazzjoni għolja għall-gradwati tal-VET u għall-gruppi sottorappreżentati.
- Iżidu n-numru ta' gradwati fid-dixxiplini STEM, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies) (inkluż l-IA), f'oqsma b'nuqqasijiet kbar ta' ħaddiema u f'oqsma strateġiċi, inaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri, u jsaħħu l-kooperazzjoni man-negozju, mal-fornituri tal-VET u mal-universitajiet biex isiru atturi tal-bidla fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Itejbu t-taħriġ tal-għalliema f'suġġetti STEM biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.
- Jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-adulti ta' kull età inkluż il-litteriżmu medjatiku u diġitali (u fl-IA), isaħħu l-ħsieb kritiku u jżidu r-riżerva ta' talent diġitali fis-suq tax-xogħol billi jiżviluppaw ekosistemi ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali appoġġati minn fatturi abilitanti ewlenin, bħall-konnettività b'veloċità għolja għall-iskejjel, tagħmir u taħriġ tal-għalliema; u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-diġitalizzazzjoni b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll it-tisħiħ tal-għarfien u l-ħiliet tal-litteriżmu finanzjarju tal-istudenti u tal-adulti ta' kull età.
- Isaħħu l-edukazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema b'enfasi fuq it-tagħlim tal-ħiliet bażiċi, fi sħubija mal-fornituri tal-edukazzjoni tal-għalliema. Inaqqsu n-nuqqasijiet ta' għalliema u jżidu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim billi jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, joffru perkorsi ta' karriera attraenti, mentoraġġ ta' għalliema ġodda, jattiraw għalliema esperjenzati fi skejjel żvantaġġati permezz ta' inċentivi u appoġġ; u billi jiffaċilitaw id-dħul laterali fil-professjoni.
- Jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, itejbu l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u jsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, billi jrawmu opportunitajiet indaqs u l-progressjoni tal-karriera, jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, jew xogħol ta' valur ugwali, it-trasparenza fl-istrutturi tal-pagi, u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata – inkluż permezz ta' aċċess għal kura affordabbli u ta' kwalità għolja (l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-kura fit-tul), u liv tal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għal persuni oħra li jindukraw b'mod informali, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura, kif ukoll billi jiżguraw l-aċċessibbiltà fil-post tax-xogħol.

- Jipprovdu lit-tfal kollha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali aċċess mingħajr ħlas u effettiv għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola; kif ukoll aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali relatati.
- Irawmu opportunitajiet indaqs għat-tfal biex jindirizzaw il-livelli għoljin ta' faqar fost it-tfal u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi nazzjonali u tal-UE. Iħaffu l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal inkluż billi jipprovdu edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja u billi jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola. Jappoġġaw l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal u ż-żgħażagħ minn gruppi żvantaġġati u żoni remoti, itejbu l-eżiti tal-apprendiment tagħhom u jippromwovu t-taħriġ fil-livelli kollha tal-kwalifiki.
- Jipprovdu u, fejn meħtieġ, isaħħu skemi ta' introjtu minimu li jiggarantixxu appoġġ adegwat u jsegwu approċċ ta' inklużjoni attiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu; u jrawmu l-aċċess għal servizzi ta' sostenn u essenzjali , inkluża l-enerġija, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli.
- Jivvalutaw l-impatti distribuzzjonali tar-riformi u tal-investimenti fuq l-introjtu ta' diversi gruppi fil-popolazzjoni kollha, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri.
- Jappoġġaw biżżejjed provvista ta' akkomodazzjoni biex tissodisfa d-domanda, u aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, akkomodazzjoni soċjali u/jew assistenza adegwata għall-akkomodazzjoni, fejn xieraq; jipprevjenu u jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala l-aktar forma estrema ta' faqar u jindirizzaw l-esklużjoni soċjali permezz ta' approċċi strateġiċi integrati, iċċentrati fuq il-persuna u mmexxija mill-akkomodazzjoni; jippromwovu r-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali u ta' akkomodazzjoni soċjali.
- Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u s-servizzi tal-kura primarja, kif ukoll il-kapaċità tas-saħħa pubblika, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-użu tal-e-Saħħa u l-IA; inaqqsu l-pagamenti mill-but, fejn rilevanti; itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa; u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa.
- Isaħħu l-forniment ta' servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità għolja, affordabbli u sostenibbli, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja.
- Jiżguraw sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u sostenibbli, inkluż billi jiżviluppaw pensjonijiet supplimentari, li jipprovdu introjti fix-xjuħija u ġustizzja interġenerazzjonali fil-kuntest tat-tixjiħ demografiku.

Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-FSE+, l-RRF, il-FEŻR, il-JTF, l-Erasmus+, l-istrument ta' appoġġ tekniku (TSI, Technical Support Instrument), kif ukoll il-Fond Soċjali għall-Klima, għal investimenti u riformi eliġibbli, jappoġġa lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni politika f'dawn l-oqsma.

# KAPITOLU 1. XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UE

**It-tkabbir fl-impjiegi baqa' sod fl-2024, b'rata tal-qgħad storikament baxxa, minkejja inċertezzi ekonomiċi u ġeopolitiċi ogħla.** L-impjiegi totali espandew b'1,7 miljun persuna, għal 219,4 miljun, li jimplika rata ta' tkabbir annwali ta' 0,8 % li qed tnaqqas il-pass iżda li baqgħet soda, u rata ta' impjieg ta' 75,8 % (0,5 pp ogħla mill-2023, ara wkoll il-kaxxa fil-mira fit-taqsima 2.1.1). Is-settur tal-enerġija mexxa l-espansjoni b'żieda ta' 7,4 %, segwit mill-estrazzjoni (4,3 %), il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart (4,2 %), l-arti u d-divertiment (4,1 %), l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (3,5 %), u l-ICT (2,9 %). Bl-eċċezzjoni tal-estrazzjoni, dawn is-setturi kienu fost is-setturi li qed jikbru l-aktar malajr matul l-aħħar deċennju. B'mod simili għall-2023, l-espansjoni tal-forza tax-xogħol kienet tammonta għal 92 % tat-tkabbir fl-impjiegi fost dawk fl-età ta' bejn 15 u 64 sena, filwaqt li t-tnaqqis fil-qgħad ikkontribwixxa biss 8 %, f'kuntest ta' rata tal-qgħad storikament baxxa ta' 5,9 %. L-aspettattivi dwar l-impjiegi fuq terminu qasir (għat-3 xhur li ġejjin) naqsu taħt il-medja fit-tul tagħhom fl-2024 u komplew jonqsu – b'mod partikolari fis-servizzi – filwaqt li żdiedu u huma ħafna aktar pożittivi fis-settur tal-kostruzzjoni. It-tkabbir kumplessiv fl-impjiegi huwa mistenni li jkompli jonqos, għal 0,5 % fl-2025 u fl-2026, imbagħad għal 0,4 % fl-2027[55].

**Illustrazzjoni 1.1: It-tkabbir fl-impjiegi fl-2024 kien xprunat minn żieda fil-parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni akbar fl-età, u kien ikkonċentrat fost ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja**

It-tkabbir fl-impjiegi (15-64) magħmul mit-tkabbir tal-forza tax-xogħol u mit-tnaqqis fil-qgħad, u maqsum ulterjorment skont il-grupp ta' età, il-livell edukattiv milħuq u ċ-ċittadinanza




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje tal-persuni impjegati skont iċ-ċittadinanza fl-2021.
*Sors*: Kalkoli proprji bbażati fuq il-Eurostat [lfsa_agan], [lfsa_ugan], [lfsa_egaed], [lfsa_egan].

**Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni akbar fl-età komplew jixprunaw it-tkabbir fl-impjiegi, filwaqt li r-riżultati għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u għall-persuni b'diżabbiltà wrew sinjali ta' staġnar jew deterjorament.** Fl-2024, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu jirrappreżentaw żewġ terzi (68,0 %) tat-tkabbir tal-forza tax-xogħol u aktar minn nofs (54,2 %) tat-tkabbir fl-impjiegi fil-grupp ta' età ta' 15-64 sena, simili għall-2023. Is-sehem tagħhom fil-forza tax-xogħol żdied minn 5,5 % għal 6,5 % bejn l-2022 u l-2024, u 29,9 % kellhom diploma tal-edukazzjoni terzjarja fl-2024, meta mqabbel

[55] Ara: *European economic forecast – Autumn 2025*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

ma' 20,6 % deċennju qabel. Ir-rata ta' impjieg tagħhom laħqet 64,3 % iżda għadha baxxa u hija kkaratterizzata minn sehem kbir ta' part-time, b'differenza kbira bejn il-ġeneri fiż-żewġ każijiet. In-nisa għadhom ma humiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol b'mod kumplessiv, iżda r-riżultati tagħhom komplew jitjiebu, bid-differenza totali bejn il-ġeneri fl-impjiegi tonqos għal 10 pp għall-ewwel darba. Il-persuni akbar fl-età (fl-età ta' bejn 55 u 64 sena) komplew jirreġistraw l-akbar żidiet perċentwali fl-impjiegi u fil-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-gruppi kollha ta' età, bir-rata ta' impjieg tagħhom tiżdied aktar għal 65,2 % u r-rata tal-qgħad tagħhom (fl-età ta' bejn 55 u 74 sena) tonqos għal 4,1 % fl-2024, l-aktar baxxa fost il-gruppi kollha ta' età. Minħabba s-sehem dejjem akbar tagħhom tal-popolazzjoni u ż-żieda fl-istennija tal-għomor, hemm lok għal aktar żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, it-titjib fis-sehem taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) naqas b'mod sinifikanti, wara li naqas b'sempliċiment 0,4 pp (għal 10,9 %) mill-bidu tal-2023. Dan seħħ minkejja żieda fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ f'konformità ma' tluq bikri mill-iskola aktar baxx u reġistrazzjoni terzjarja ogħla. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għall-persuni fl-età ta' bejn 15 u 24 sena żdiedet għal 14,9 % fl-2024, l-ewwel żieda annwali f'aktar minn deċennju (minbarra ż-żieda relatata mal-COVID-19 fl-2020). Il-ħaddiema żgħażagħ jibqgħu wkoll aktar minn darbtejn aktar probabbli mill-ħaddiema medji li jkollhom kuntratti temporanji involontarji (13,0 %) u part-time (6,4 %), bi kważi żewġ terzi tal-kuntratti temporanji tagħhom li jdumu inqas minn 18-il xahar fl-2024. Ir-rata tagħhom tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu hija għolja (10,9 % vs 8,2 % għall-ħaddiema kollha). Fil-gruppi kollha ta' età, it-tkabbir fl-impjiegi għadu kkonċentrat fost ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja. B'kuntrast ma' dan, l-impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet żdiedu biss fost dawk fl-età ta' bejn 15 u 24 sena, u d-differenza fl-impjiegi bejn persuni b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet (25-64) għadha kbira, b'differenza ta' 28,7 pp. Barra minn hekk, il-persuni b'diżabbiltà esperjenzaw ukoll żieda qawwija fid-differenza fl-impjiegi tagħhom fl-2024, minn 21,4 pp għal 24,0 pp , li qed toqrob lejn il-quċċata storika tagħha ta' 24,4 pp irreġistrata fl-2019 u fl-2020.

**In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet batta, iżda l-progress ulterjuri għadu ristrett minn fatturi strutturali.** Is-sehem tal-impjegaturi li jirrapportaw nuqqas ta' ħaddiema naqas għal 18,2 % fit-tieni trimestru tal-2025 mill-ogħla livell ta' 27,8 % fit-tieni trimestru tal-2022[56]. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti kompliet tonqos ukoll fis-setturi kollha fl-2024 u naqset taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija għall-ewwel darba fit-tieni trimestru tal-2025 (2,1 % vs 2,2 % fir-raba' trimestru tal-2019), iżda għadha għolja fis-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ (3,0 %). Dan it-titjib jirrifletti fil-biċċa l-kbira l-aspettattivi aktar dgħajfa tal-impjiegi u tan-negozju, li jimmodera ż-żamma preventiva tal-ħaddiema[57] u influss kontinwu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. It-tnaqqis fl-ispariġġi relatati mal-edukazzjoni (kif imkejla minn spariġġi fil-ħiliet makroekonomiċi[58] u rati ta' sovrakwalifikazzjoni) u spariġġi settorjali (kif imkejla mid-dispersjoni tar-rati settorjali ta' postijiet tax-xogħol vakanti) setgħu kkontribwew ukoll, b'mod konsistenti ma' proporzjon aktar baxx ta' postijiet tax-xogħol vakanti għal dawk qiegħda. Madankollu, għad hemm sfidi strutturali fit-tul, inkluż it-tibdil demografiku, il-

---

[56] European Business and Consumer Survey

[57] European Business and Consumer Surveys. L-indikatur jirrifletti s-sehem tad-ditti li jistennew li l-output tagħhom jonqos, iżda li l-impjieg tagħhom jiżdied jew jibqa' l-istess.

[58] Ara l-Kummissjoni Ewropea (2015), Analytical web note – Measuring skills mismatch – 7/2015, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

ħtiġijiet li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-tħassib dwar il-kwalità tal-impjiegi[59].

**Il-pagi reali reġgħu żdiedu fl-2024, biex appoġġaw il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u naqqsu l-inugwaljanza, iżda baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija.** Wara li nqaleb għal wieħed pożittiv fit-tieni nofs tal-2023, it-tkabbir fil-pagi reali ssaħħaħ fl-2024 għal 2,7 % fuq bażi annwali, u kkontribwixxa għal tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi ta' 2,3 %. Fl-2024, il-kapaċità tal-akkwist ma kinitx irritornat għal-livelli tal-2019. It-tkabbir fil-pagi reali huwa projettat li jonqos għal 1,3 % fl-2025 u għal 1,1 % fl-2026, miżmum lura mill-inċertezza ekonomika[60]. Il-faqar fost dawk li jaħdmu naqas għal 8,2 % fl-2024, wara li żidiet qawwija fil-pagi minimi f'dawn l-aħħar snin għenu biex jittaffa l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-ħaddiema b'introjtu baxx. L-inugwaljanza fl-introjtu (kif imkejla mill-proporzjon S80/S20) naqset ukoll għal 4,66 fl-2024, f'konformità max-xejra kumplessiva matul dawn l-aħħar 10 snin.

**Illustrazzjoni 1.2: Ir-rata tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali għadha għolja, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli**

Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-popolazzjoni kumplessiva u għall-gruppi vulnerabbli (%)




*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [ilc_peps03n], [ilc_peps05n], [ilc_peps07n], [ilc_peps60n] [hlth_dpe010].

**Ir-rati tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali naqsu b'mod modest iżda għadhom għoljin, b'mod partikolari fost il-gruppi vulnerabbli.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija għall-ewwel darba fl-2024 (għal 21,0 %, vs 21,1 % fl-2019), wara tnaqqis ta' 0,3 pp l-aktar minħabba tnaqqis wiesa' fil-privazzjoni materjali u soċjali estrema (SMSD, severe material and social deprivation) fost il-gruppi ta' età[61]. Madankollu, ir-riskji tal-faqar fost it-tfal għadhom għoljin: ir-rata tal-AROPE għat-tfal kienet ta' 24,2 %, xorta 1,4 pp ogħla mil-livelli ta' qabel il-COVID-19, minkejja titjib ta' 0,7 pp mill-2023 u impatt għoli tat-trasferimenti soċjali għal dan il-grupp ta' età. It-tfal ta' ġenituri b'livell edukattiv baxx milħuq huma kważi sitt darbiet

---

[59] Eurofound, 2025: Living and working in Europe 2024, il-kapitolu 2

[60] Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni Ewropea.

[61] Id-data kollha f'dan il-paragrafu hija bbażata fuq l-introjtu mis-sena ta' referenza tal-introjtu li hija s-sena tal-istħarriġ għall-Irlanda u s-sena ta' qabel għall-Istati Membri l-oħra kollha. L-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2024 jindikaw li r-rati ta' riskju ta' faqar (AROP, at-risk-of-poverty rate) kienu stabbli fl-UE bħala medja u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (ara Eurostat, Flash estimates of income inequalities and poverty indicators for 2024 (FE 2024), Experimental results. Verżjoni 1 – Ġunju 2025).

aktar probabbli li jkunu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali minn dawk b'ġenituri b'livell edukattiv għoli (61,2 % vs 11,0 %), filwaqt li unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed jiffaċċjaw bil-wisq l-ogħla riskju tat-tipi kollha ta' unitajiet domestiċi (43,2 %). Ir-rati tal-AROPE huma wkoll għoljin fost il-persuni b'diżabbiltà (28,7 %) u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (43,8 %) (ara l-Illustrazzjoni 1.2). Filwaqt li r-rati tjiebu malajr għal dawn tal-aħħar mill-2021, l-eżiti għall-persuni b'diżabbiltà staġnaw, u l-persuni Rom[62] għadhom jiffaċċjaw riskji għoljin ħafna ta' faqar. Il-profondità tal-faqar (id-diskrepanza tal-faqar) naqset bi ftit fl-2024, ħlief għal persuni akbar fl-età (65+). L-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar (ara l-Kaxxa 8 tal-Pilastru) titlob għal aktar sforzi sinifikanti bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030, inkluża s-submira għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal (ara l-kaxxa fil-mira fit-taqsima 2.4.1), u għall-qerda tal-faqar sal-2050.

**Iż-żieda fil-prezzijiet tad-djar qabżet it-tkabbir fl-introjtu matul l-aħħar deċennju, u b'hekk l-affordabbiltà tqiegħdet taħt pressjoni.** Matul dan il-perjodu, il-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu b'medja ta' madwar 10 % aktar mgħaġġla mill-introjti, u b'hekk naqqsu l-affordabbiltà, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rati tal-imgħax ogħla matul it-tmiem tal-perjodu. Fl-istess ħin, is-swieq tal-kiri sottożviluppati ħafna drabi naqsu milli jipprovdu alternattivi effettivi. Is-sehem ta' persuni li qed jiffaċċjaw piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqas xi ftit fl-UE fl-2024, fl-isfond taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-utilitajiet li qed ittaffi, iżda kien għadu madwar tmien darbiet ogħla għal dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (31,1 %) milli għal dawk f'unitajiet domestiċi oħra (3,8 %). L-affollament eċċessiv mar għall-agħar għall-ewwel darba minn meta beda jiġi rreġistrat (bl-esklużjoni tal-2020), u laħaq 16,9 %. B'kuntrast ma' dan, is-sehem tal-unitajiet domestiċi li ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat naqas għal 9,2 %, xprunat minn tnaqqis fil-kostijiet relatati mal-enerġija, iżda baqa' ogħla b'mod sinifikanti mil-livell tiegħu tal-2021 (6,9 %). Barra minn hekk, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar qed tiżdied madwar l-UE, u dan qed joħloq sfida soċjali dejjem akbar.

[62] Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024.

# KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

## 2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema

Din it-taqsima teżamina l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri jipprovdu l-kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tal-impjiegi, f'konformità mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) u 6 (pagi) tal-Pilastru. It-Taqsima 2.1.1 tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin tas-suq tax-xogħol, u tirrifletti wkoll fuq l-implikazzjonijiet kompetittivi tagħhom u l-impatt taż-żieda reċenti fl-inċertezza ekonomika. It-Taqsima 2.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq il-politiki mmirati biex iżidu l-impjiegi u jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi f'kuntest ta' nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

### 2.1.1 Indikaturi ewlenin

**Is-suq tax-xogħol tal-UE baqa' reżiljenti fl-2024 u fil-bidu tal-2025, bi tkabbir tal-impjiegi li qed jimmodera iżda li għadu sod, u xi konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri.** Aktar minn 900 000 ħaddiem addizzjonali ġew impjegati fit-tieni trimestru tal-2025 meta mqabbla mat-tieni trimestru tal-2024, u b'hekk l-impjieg totali tela' għal 220,1 miljun. Ir-rata tal-impjieg (grupp ta' età ta' bejn 20 u 64 sena) laħqet 75,8 % fl-2024 (żieda ta' 0,5 pp mill-2023) u rekord għoli ta' 76,2 % fit-tieni trimestru tal-2025. B'hekk, il-mira ewlenija tal-UE ta' mill-inqas 78 % fl-impjiegi sal-2030 tinsab f'livell li jista' jintlaħaq[63] – ara l-Kaxxa fil-Mira 1. Filwaqt li t-tkabbir fl-impjiegi naqas ulterjorment (minn 1,2 % fl-2023 għal 0,8 % fl-2024), baqa' pożittiv, u dan jenfasizza r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin, minkejja inċertezzi ekonomiċi u ġeopolitiċi ogħla. Ir-rata ta' impjieg żdiedet f'21 Stat Membru, l-aktar b'saħħitha fil-Kroazja, fil-Greċja u f'Malta – ara l-Illustrazzjoni 2.1.1. Għall-kuntrarju, ġie rreġistrat tnaqqis fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fil-Lussemburgu, fl-Estonja u fil-Latvja. L-Italja, ir-Rumanija, Spanja u l-Belġju jinsabu f'"sitwazzjoni kritika", b'rati tal-impjieg relattivament baxxi (inqas minn 72,5 %) u b'titjib taħt il-medja (il-Belġju). Franza, il-Lussemburgu u l-Finlandja "għandhom jiġu osservati", wara biss titjib ftit kemxejn ogħla mill-medja minn livelli relattivament baxxi (Franza) jew tnaqqis mil-livelli diġà taħt il-medja (il-Lussemburgu) u għal livelli taħt il-medja (il-Finlandja). Min-naħa l-oħra, in-Netherlands, Malta u ċ-Ċekja huma "bl-aqwa prestazzjoni", b'rati ta' impjieg ogħla minn 82 %. B'mod kumplessiv, tista' tiġi osservata konverġenza gradwali tar-rati ta' impjieg fl-Istati Membri. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kompliet tonqos b'0,2 pp bejn l-2023 u l-2024, peress li r-rata għan-nisa żdiedet ftit aktar malajr milli għall-irġiel (minn 70,2 % għal 70,8 % vs minn 80,4 % għal 80,8 %, rispettivament).

**It-tkabbir fl-impjiegi kien xprunat minn żieda fil-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol u tnaqqis fil-qgħad, bil-ħolqien tal-impjiegi kkonċentrat fis-servizzi u fis-settur pubbliku.** Fl-2024, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) fl-UE kienet ta' 259,8 miljun, prattikament l-istess mill-2023. Skont id-data tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) żdiedet għal 81,5 % fl-2024 (minn 81,1 % fl-2023). Fl-2024, skont id-data tal-kontijiet nazzjonali, inħolqu 0,94 miljun impjieg fis-settur privat, l-aktar fis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa, tal-bejgħ bl-imnut, tal-

[63] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Dikjarazzjonijiet u miri ta' Porto, 2021.

akkomodazzjoni, tat-trasport u tal-IT[64]. Is-settur pubbliku kkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti.

**Illustrazzjoni 2.1.1: L-impjiegi komplew jiżdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2024**

Ir-rata tal-impjieg (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE.

**Għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti bejn l-Istati Membri u anke fihom, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi.** Fil-livell ta' NUTS 2, l-ogħla rati ta' impjieg fl-2024 ġew irreġistrati fir-reġjun ta' Åland tal-Finlandja (86,4 %) u fir-reġjun kapitali Pollakk ta' Warszawski stołeczny (86,2 %), filwaqt li ġew osservati l-aktar rati baxxi fir-reġjuni tan-Nofsinhar tal-Italja tal-Campania (49,4 %) u tal-Calabria (48,5 %). Ħafna mir-reġjuni b'rati ta' impjieg relattivament baxxi huma reġjuni rurali, skarsament popolati jew periferali, b'mod partikolari fin-Nofsinhar ta' Spanja u fl-Italja, ħafna mill-Greċja, partijiet mir-Rumanija u mir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza. Dawn iż-żoni tipikament ibatu minn opportunitajiet ta' impjieg limitati, speċjalment għal persuni b'livelli ta' ħiliet intermedji u għoljin[65]. L-eżiti tal-impjiegi jvarjaw ukoll fi ħdan l-Istati Membri. Il-varjazzjoni hija l-ogħla fil-pajjiżi Baltiċi u tal-Ewropa Ċentrali u l-aktar baxxa fin-Nofsinhar tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija, Ċipru u Malta) (ara l-Illustrazzjoni 5 fl-Anness 5). Fl-2024, il-pajjiżi kollha tal-Lvant kif ukoll il-Litwanja, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja, irrapportaw l-ogħla rati ta' impjieg tagħhom fir-reġjuni kapitali tagħhom. B'kuntrast ma' dan, fil-Belġju, fil-Ġermanja u fl-Awstrija, ir-reġjuni kapitali rreġistraw uħud mill-aktar rati baxxi ta' impjieg. Ir-reġjuni

[64] Il-Kummissjoni Ewropea (2025), European economic forecast: spring 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[65] Labour market statistics at regional level - Statistics Explained - Eurostat

ultraperiferiċi ta' Spanja u ta' Franza għandhom rati ta' impjieg taħt is-67,3 %, bir-rata fil-Guyana tkun l-aktar baxxa fil-livell ta' 51,1 %. B'kuntrast ma' dan, ir-reġjuni ultraperiferiċi Portugiżi għandhom rati ta' impjieg madwar il-medja tal-UE.

**Kaxxa fil-Mira 1: Progress lejn il-mira tar-rata ta' impjieg għall-2030**

**It-tkabbir fl-impjiegi mmodera fl-2024, iżda l-UE bħalissa għadha fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tal-impjiegi sal-2030.** Ir-rata tal-impjieg tal-UE żdiedet b'pass aktar bil-mod fl-2024 milli fl-2023, b'żieda ta' 0,5 pp għal 75,8 %, u b'hekk baqgħet diskrepanza ta' 2,2 pp biss għall-mira ta' 78 %, meta għad fadal 6 snin. Abbażi tal-aktar projezzjonijiet demografiċi reċenti tal-Eurostat, rata medja annwali ta' tkabbir fl-impjiegi ta' 0,35 % bejn l-2024 u l-2030 tkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira. B'paragun ma' dan, l-impjiegi żdiedu b'medja ta' 1,1 % fis-sena matul il-perjodu ta' qabel il-pandemija (2013-19; ara l-Illustrazzjonijiet ta' hawn taħt). Skont it-Tbassir tal-Ħarifa tal-2025 tal-Kummissjoni, l-impjiegi huma projettati li jespandu 'l fuq mill-pass meħtieġ matul il-perjodu tat-tbassir, jiġifieri b'0,5 % kemm fl-2025 kif ukoll fl-2026 u b'0,4 % fl-2027. B'mod kumplessiv, l-UE qed tagħmel progress tajjeb lejn il-mira tagħha tal-impjiegi għall-2030.

**L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tal-impjiegi sal-2030**

Ir-rata ta' impjieg fl-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE għall-2030 (20-64, % tal-popolazzjoni)




*Nota*: Il-valuri għall-2025, għall-2026 u għall-2027 ibbażati fuq it-tkabbir projettat fl-impjiegi mit-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni kif ukoll it-tkabbir projettat tal-popolazzjoni u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol mill-projezzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat għall-2023.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a]; tbassir tat-tkabbir fl-impjiegi, Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni Ewropea; Eurostat population projections, Europop 2023.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu aktar progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom tal-impjiegi fl-2024**[66]**.** F'seba' pajjiżi – is-Slovakkja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Estonja, id-Danimarka, il-Polonja u ċ-Ċekja – ir-rata ta' impjieg fl-2024 kienet diġà ogħla mill-mira rispettiva għall-2030 (ara l-Illustrazzjoni hawn fuq), filwaqt li l-Iżvezja naqset kemxejn taħt il-mira tagħha. Fost l-20 pajjiż li għadhom qed jiffaċċjaw differenzi, 16 naqqsuhom fl-2024, u 14 issa jinsabu sa 3 pp mill-miri tagħhom. L-akbar differenzi li fadal jinsabu fil-Belġju (7,7 pp), fl-Italja (5,9 pp), fir-Rumanija (5,2 pp) u fi Spanja (4,6 pp). Tliet kwarti tal-Istati Membri esperjenzaw tkabbir fl-impjiegi taħt il-medja ta' qabel il-pandemija (2013-19; ara l-

[66] F'Ottubru 2022, il-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi qabel fuq approċċ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri nazzjonali dwar l-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Din it-taqsima tħejjiet abbażi tal-metodoloġija maqbula. Ara r-Annual Employment Performance Report 2025 u l-Employment Performance Monitor 2025 tal-Kumitat tal-Impjiegi.

Illustrazzjoni ta' hawn taħt)[67], fi sfond ta' rati ogħla ta' impjieg u popolazzjoni li qed tonqos fl-età tax-xogħol. Madankollu, fi 19-il Stat Membru, it-tkabbir annwali fl-impjiegi baqa' bil-pass meħtieġ jew ogħla biex tintlaħaq il-mira nazzjonali[68]. Il-Lussemburgu, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Ungerija u l-Latvja biss irreġistraw tkabbir fl-2024 li kien kemm taħt il-medja ta' qabel il-pandemija kif ukoll taħt ir-rata meħtieġa biex tintlaħaq il-mira, għalkemm l-Iżvezja għadha qrib il-mira tagħha.

**Kwart tal-Istati Membri qabżu l-miri nazzjonali tagħhom fl-2024, u nofshom kienu sa 3 pp mill-mira**

Rata tal-impjieg (2020 u 2024, 20-64, % tal-popolazzjoni); miri nazzjonali u tal-UE għall-2030




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a] u tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

67 Minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni, instab li l-maġġoranza tal-Istati Membri jeħtieġu tkabbir minimu annwali fl-impjiegi aktar baxx milli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Ara r-Annual Employment Performance Report 2025 tal-Kumitat tal-Impjiegi.

68 Għal xi Stati Membri, tali tkabbir minimu meħtieġ fl-impjiegi huwa negattiv, u dan jirrifletti tnaqqis projettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u/jew il-fatt li l-miri nazzjonali tagħhom diġà ntlaħqu.

**F'aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2024 kien fit-triq it-tajba biex tintlaħaq il-mira nazzjonali tal-2030**

It-tkabbir fl-impjiegi fl-2024 (20-64, bidla f'% annwali) meta mqabbel mat-tkabbir annwali medju fl-impjiegi matul il-perjodu 2013-19 u t-tkabbir annwali minimu fl-impjiegi meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tar-rata nazzjonali ta' impjieg għall-2030




*Nota*: Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024. L-Istati Membri li diġà laħqu jew qabżu l-miri nazzjonali tagħhom jew li huma mistennija li jilħquhom (taħt xenarju ta' "ebda bidla fil-politika") primarjament minħabba tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol huma indikati b'żero tkabbir annwali minimu meħtieġ fl-impjiegi.
*Sors*: Il-kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq il-Eurostat [lfsi_emp_a] u Europop 2023.

**Is-sigħat totali maħduma żdiedu bi kważi l-istess pass bħall-impjiegi fl-2024 b'sigħat medji maħduma għal kull impjegat fuq xejra 'l isfel fit-tul.** Fl-2024, is-sigħat maħduma kienu qabżu l-2019 (il-livelli ta' qabel il-COVID-19) fl-Istati Membri kollha ħlief fil-Ġermanja, fil-Latvja, fl-Ungerija, fl-Awstrija u fis-Slovakkja. Madankollu, hekk kif l-impjiegi żdiedu f'dawn l-aħħar snin mingħajr żieda korrispondenti fis-sigħat totali maħduma, is-sigħat medji għal kull impjegat għadhom taħt l-2019 (il-livell ta' qabel il-COVID-19) fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Fl-2024, kien hemm tnaqqis ta' 0,2 sigħat fix-xogħol full-time (38,8 siegħa) u żieda ta' 0,1 sigħat fix-xogħol part-time (21,8 siegħa)[69]. Fl-2024, 6,6 % tal-impjegati ħadmu sigħat twal (>49 siegħa/ġimgħa), 0,5 pp inqas milli fl-2023, u dan jirrifletti bidliet strutturali bħas-sehem dejjem akbar tan-nisa fost dawk impjegati, li huma inqas probabbli li jaħdmu sigħat twal[70]. It-tħassib dejjem jikber dwar il-kwalità tal-impjiegi (ara t-taqsima 2.3.1), inklużi r-riskji psikosoċjali, il-benesseri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-diġitalizzazzjoni u x-xogħol intensifikat, jista' jkollu rwol ukoll.

**It-tkabbir baxx fil-produttività tax-xogħol għadu sfida fit-terminu medju.** Fl-2024, il-produttività tax-xogħol fis-siegħa żdiedet b'0,3 % (vs 0,7 % tkabbir tal-PDG *per capita*), wara tnaqqis ta' 0,7 % fl-2023[71]. Matul l-aħħar żewġ deċennji u nofs, it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol naqas b'mod kostanti, b'medja ta' 1,5 % fis-sena fl-2000-07, 1,2 % fl-2010-19 u 0,1 % fl-2021-24. It-tbassir jipprevedi titjib fl-2025, fl-2026 u fl-2027 li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jista' jikkumpensa għat-telf mill-2023. Madankollu, il-produttività tax-xogħol strutturalment baxxa toħloq riskju għall-kompetittività, speċjalment fil-kuntest tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, b'implikazzjonijiet għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istandards

[69] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[70] Il-Eurostat [lfsa_qoe_3a2], l-LFS tal-UE.
[71] Il-Eurostat [nama_10_pl_ulc], Kontijiet Nazzjonali.

tal-għajxien[72]. Mill-2018, is-sehem tal-valur miżjud tal-manifattura naqas b'rata aktar mgħaġġla mis-sehem tiegħu tal-impjiegi, u dan irriżulta fi tkabbir tal-produttività aktar baxx meta mqabbel mal-bqija tal-ekonomija. Din hija bidla notevoli mix-xejriet storiċi u, min-naħa tagħha, żiedet id-dipendenza fuq is-settur tas-servizzi biex issostni t-tkabbir tal-produttività. L-indirizzar tat-tkabbir baxx fil-produttività jeħtieġ adozzjoni aktar mgħaġġla tat-teknoloġija u enfasi akbar fuq l-innovazzjoni u fuq l-attivitajiet xprunati mill-għarfien[73]. Kif ġie enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni doppja, u l-prijoritizzazzjoni tal-apprendiment għall-adulti u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività. It-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi, it-trawwim tal-innovazzjoni u l-appoġġ għal negozjar kollettiv effettiv jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat titjib fil-produttività filwaqt li jiġu sostnuti t-tkabbir tal-pagi u l-kompetittività.

**In-nuqqas ta' ħaddiema, filwaqt li ilu jtaffi mill-ogħla livell tiegħu ta' wara l-pandemija, għadu għoli u jkompli jillimita l-attività tad-ditti f'setturi ewlenin.** Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti tal-UE naqset minn 3,1 % fit-tieni trimestru tal-2022 għal 2,1 % fit-tieni trimestru tal-2025. Għalkemm dan huwa taħt il-medja trimestrali ta' 2,9 % għall-perjodu 2022-2023, jibqa' ogħla mill-medja ta' qabel il-pandemija ta' 1,7 % irreġistrata bejn l-2013 u l-2019. Fit-tieni trimestru tal-2025, in-Netherlands, il-Belġju u l-Awstrija kellhom l-ogħla rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti (aktar minn 3,4 %), filwaqt li Spanja, il-Polonja u r-Rumanija kellhom l-inqas rati (inqas minn 0,8 %). Sehem sinifikanti tal-maniġers jirrapportaw li n-nuqqas ta' ħaddiema għadu jillimita l-produzzjoni b'titjib żgħir biss meta mqabbel ma' sena qabel[74]. Is-setturi l-aktar affettwati min-nuqqasijiet jinkludu l-akkomodazzjoni, is-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ, l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, il-kostruzzjoni, u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni[75]. Il-fatturi strutturali – inklużi t-tibdil demografiku u t-talbiet għal ħiliet ġodda mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali – x'aktarx li jsostnu n-nuqqasijiet f'ċerti setturi[76]. Minkejja tnaqqis fil-bidu tal-2025, iż-żamma preventiva tal-ħaddiema – sitwazzjoni fejn id-ditti jżommu aktar impjegati milli huma meħtieġa immedjatament għal-livelli ta' produzzjoni kurrenti – baqgħet għolja mill-2023, u potenzjalment naqqset it-tkabbir futur fl-impjiegi, għalkemm nuqqasijiet persistenti fis-setturi ta' tkabbir għoli, inklużi l-ICT u l-kura, jissuġġerixxu potenzjal kontinwu għall-ħolqien tal-impjiegi dment li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin.

**Kaxxa 1 tal-Pilastru: Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali**

**L-ekonomija soċjali hija kontributur importanti għall-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u għall-prosperità sostenibbli.** L-objettiv ġenerali tal-ekonomija soċjali huwa li tingħata prijorità lill-għanijiet soċjali u ambjentali fuq il-profitt. Għalhekk tinvesti mill-ġdid il-biċċa l-kbira tal-profitti f'kawżi tajbin li jaqdu l-interess kollettiv u ssegwi governanza

[72] Ara: European economic forecast – Autumn 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[73] Il-Kummissjoni Ewropea, Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual review 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[74] European Commission's business and consumer surveys. L-ishma tal-maniġers fis-setturi tal-kostruzzjoni, tas-servizzi u tal-industrija li jirrapportaw nuqqas ta' ħaddiema bħala restrizzjoni huma ta' 27,4 %, 23 % u 18,2 %, rispettivament, fit-tieni trimestru tal-2025.
[75] Klassifikazzjoni statistika tan-NACE Rev. 2, kategoriji B-S.
[76] Ara: European economic forecast – Autumn 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

demokratika jew parteċipattiva. Fl-UE[77], l-ekosistema tal-ekonomija soċjali hija magħmula minn aktar minn 4,3 miljun entità fl-UE. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom mudelli tan-negozju u organizzazzjonali differenti u joperaw f'diversi setturi, inklużi l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-kummerċ, l-enerġija, l-ICT, il-finanzi, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali, u l-kultura. Tali entitajiet jistgħu jgħinu biex jimtlew il-lakuni fis-servizzi u joffru soluzzjonijiet innovattivi u mfassla apposta, eż. fis-saħħa u fil-kura soċjali (fejn 3,3 miljun mill-11,5 miljun persuna impjegati fl-ekonomija soċjali tal-UE jaħdmu). Biex tgħin fl-iżvilupp tal-ekosistema, fl-2021 il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali bi tliet objettivi prinċipali: i) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajbin, ii) il-ftuħ ta' opportunitajiet (inkluż l-aċċess għall-finanzi) u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità, iii) it-tisħiħ tar-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali u l-potenzjal tagħha[78].

**Is-sehem ta' persuni impjegati fl-ekonomija soċjali jvarja bejn l-Istati Membri tal-UE**

Is-sehem ta' persuni impjegati f'entitajiet tal-ekonomija soċjali fl-UE (% tal-impjiegi totali), 2023




*Noti*: Ma hemmx data disponibbli għal MT u NL. Id-data għandha tiġi ttrattata bħala valuri minimi peress li ftit Stati Membri jipprovdu statistika nazzjonali ddedikata għall-ekonomija soċjali. Definizzjonijiet u livelli ta' rikonoxximent nazzjonali differenti tal-ekonomija soċjali jirriżultaw f'diffikultà fl-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali kollha fid-data.
*Sors*: Benchmarking the socio-economic performance of the EU social economy.

**Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġi mobilizzat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija soċjali.** Il-livell ta' rikonoxximent tal-ekonomija soċjali, il-kundizzjonijiet qafas għall-funzjonament tagħha u l-aċċess għall-finanzjament ivarjaw fost l-Istati Membri. Madwar 6,3 % tal-popolazzjoni impjegata tal-UE kienet qed taħdem fl-ekonomija soċjali fl-2023. Ġiet osservata varjazzjoni sinifikanti fis-sehem ta' persuni li jaħdmu fl-ekonomija soċjali. Fil-Belġju u fl-Estonja dan is-sehem kien ogħla minn 10 %, filwaqt li f'seba' Stati Membri oħra (Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Irlanda) kien inqas minn 2 % (ara l-Illustrazzjoni ta' hawn fuq). Dan jenfasizza l-iżvilupp mhux uniformi tal-ekonomija soċjali madwar l-UE, iżda wkoll il-potenzjal mhux sfruttat tagħha għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi f'ħafna Stati Membri u reġjuni, li jista' jiġi attivat jekk ikun appoġġat minn miżuri adegwati.

**Fl-2026, il-Kummissjoni Ewropea se twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali biex tivvaluta l-progress u tindirizza sfidi ġodda.** Il-

[77] Ara l-Kummissjoni Ewropea *et al.*, [Benchmarking the socio-economic performance of the EU social economy – Improving the socio-economic knowledge of the proximity and social economy ecosystem](), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

[78] Ara: Social Economy Action Plan.

biċċa l-kbira tat-63 azzjoni fil-livell tal-UE inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni diġà ġew implimentati jew jinsabu għaddejjin. Pass importanti ewlieni kien ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar il-kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali, li tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni tal-ekonomija soċjali fl-oqsma ta' politika kollha. Il-Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE tnediet bħala punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni u r-riżorsi rilevanti. Mill-2022, intużaw diversi prodotti finanzjarji fl-ambitu tat-Tieqa għall-Investiment Soċjali u l-Ħiliet (SISW, Social Investment and Skills Window) tal-InvestEU. B'domanda qawwija (ammont ta' EUR 1,54 biljun tal-garanzija tal-SISW approvat sal-aħħar tal-2024), il-garanzija tal-UE ngħatat spinta fl-2025[79]. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu se jqis il-kisbiet kollha u se jallinja l-pjan mal-isfidi l-ġodda, filwaqt li jżomm l-Orizzont tal-2030.

**Diversi Stati Membri dan l-aħħar ħadu passi biex jadottaw oqfsa jew strateġiji leġiżlattivi għall-ekonomija soċjali.** Fiċ-**Ċekja**, l-att dwar l-Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol daħal fis-seħħ f'Jannar 2025, u f'Lulju 2025 il-gvern approva l-Qafas Strateġiku għall-Intraprenditorija Soċjali għall-perjodu 2026-2030. **L-Irlanda** adottat f'Lulju 2024 "Trading for Impact", il-Politika Nazzjonali dwar l-Intrapriżi Soċjali 2024-2027. Fil-**Belġju**, il-Flanders qed isegwu investimenti li jippermettu l-ħolqien ta' 1 000 impjieg sussidjat addizzjonali fl-ekonomija soċjali sa tmiem it-terminu leġiżlattiv 2024-2029. **Spanja** emendat il-Liġi tagħha dwar il-Kooperattivi biex tiċċara t-tipi ta' entitajiet fis-settur u taġġorna l-objettivi għall-appoġġ tal-ordni pubbliku. F'Ġunju 2024, nediet ukoll il-Fond tal-Impatt Soċjali ta' EUR 400 miljun biex tappoġġa l-investimenti soċjali u ambjentali, inkluż fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali. **Il-Polonja** pproponiet li temenda l-Att dwar l-Ekonomija Soċjali biex twessa' d-definizzjoni tal-ekonomija soċjali, tiffaċilita r-regoli għall-intrapriżi soċjali, ittejjeb l-għodod ta' appoġġ, u ssaħħaħ l-isforzi ta' riintegrazzjoni u koordinazzjoni. F'April 2025, **ir-Rumanija** nediet proġett tal-FSE+ dwar "Il-promozzjoni tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-evoluzzjoni tal-ekonomija soċjali u tal-intraprenditorija soċjali", li għandu l-għan li jiżviluppa strateġija nazzjonali għall-ekonomija soċjali.

**Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, appoġġati mill-istrument SURE, jipprovdu lezzjonijiet għall-ġestjoni ta' xokkijiet ekonomiċi futuri.** Skont l-evalwazzjoni finali tal-istrument tal-UE għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency)[80], l-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi – inklużi dawk iffinanzjati permezz ta' SURE – huma stmati li salvaw bejn 1,03 miljun u 1,66 miljun impjieg fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji. L-istimi jindikaw li skemi bħal dawn ipproteġew l-ekwivalenti ta' 13,3 % u 1,1 % tal-impjiegi fl-2020 u fl-2021, rispettivament[81]. Fil-kuntest kurrenti ta' inċertezza akbar, xprunata minn tensjonijiet ġeopolitiċi, u tnaqqis ippjanat fl-impjiegi f'setturi ewlenin, diversi Stati Membri żiedu d-dipendenza fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Huwa essenzjali li wieħed jislet mill-istrateġiji diversi li ntużaw matul il-pandemija biex jirfina d-disinn u l-effettività ta' programmi bħal dawn madwar l-UE. L-evidenza tissuġġerixxi li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huma l-aktar effettivi matul

[79] Ara InvestEU Indicators .
[80] Ara SWD(2025) 47 final.
[81] Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe – Annual review 2021*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021 u Eurofound, *Weathering the crisis: How job retention schemes preserved employment and incomes during the pandemic*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

krizijiet temporanji, filwaqt li jagħtu prijorità lill-kumpaniji u lill-ħaddiema vulnerabbli filwaqt li jiġi evitat l-appoġġ għal impjiegi mhux vijabbli fit-tul[82].

**L-impjieg indipendenti fl-UE kien qed jonqos b'mod kostanti, b'varjazzjonijiet settorjali u bejn il-pajjiżi.** Is-sehem ta' persuni b'impjieg indipendenti fl-impjiegi totali (20-64) naqas minn 13,2 % fl-2010 għal 10,6 % fl-2024. Dan naqas l-aktar fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd, kif ukoll fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, filwaqt li żdied b'mod sinifikanti fis-setturi pubbliċi u kważi pubbliċi (inklużi l-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u s-saħħa) kif ukoll fl-ICT. Il-profil tal-ħiliet tal-persuni b'impjieg indipendenti inbidel ukoll, b'40 % minnhom għandhom edukazzjoni terzjarja fl-2024 meta mqabbel ma' 28 % fl-2010. Madankollu, ir-riskji ta' faqar għadhom sinifikanti: ir-rati ta' riskju ta' faqar (fl-età ta' bejn 18 u 64 sena) fost dawk b'impjieg indipendenti (22,3 %) huma aktar mid-doppju ta' dawk tal-impjegati (9,2 %) (ara t-taqsima 2.3.1). Il-varjazzjonijiet bejn il-pajjiżi fis-sehem ta' dawk b'impjieg indipendenti huma sostanzjali, li jvarjaw minn madwar 20 % fl-Italja u fil-Greċja għal inqas minn 9 % fid-Danimarka, fil-Ġermanja, f'Ċipru, fil-Lussemburgu u fl-Iżvezja. Bejn l-2014 u l-2024, is-sehem ta' ħaddiema awtonomi (madwar 70 % ta' dawk b'impjieg indipendenti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri) fl-impjiegi totali naqas minn 10,0 % għal 8,9 %, hekk kif koorti iżgħar daħlu f'impjieg indipendenti f'numri aktar baxxi, insuffiċjenti biex jikkumpensaw għall-ħruġ ta' ħaddiema akbar fl-età.

**Il-qgħad, li diġà jinsab f'livelli baxxi rekord, naqas aktar fl-2024 u fil-bidu tal-2025 u juri sinjali ta' konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri.** Ir-rata tal-qgħad fl-UE (15-74) naqset għal 5,9 % fl-2024, tnaqqis minn 6,1 % fl-2023, li jimmarka l-aktar livell baxx irreġistrat. F'Settembru 2025, ir-rata tal-qgħad tal-UE kienet ta' 6,0 %. L-akbar tnaqqis annwali (ta' 1 pp jew aktar) ġie rreġistrat fl-Italja, fil-Kroazja u fil-Greċja, filwaqt li d-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Lussemburgu u l-Iżvezja rreġistraw żidiet ta' aktar minn 0,7 pp – ara l-Illustrazzjoni 2.1.2. Il-Finlandja u l-Iżvezja jiffaċċjaw "sitwazzjoni kritika" kemm minħabba rati għoljin ta' qgħad kif ukoll minħabba żidiet sinifikanti mill-2023, filwaqt li Franza, il-Litwanja, il-Latvja, id-Danimarka, il-Lussemburgu u l-Estonja "għandhom jiġu osservati", li jirriflettu rati għoljin u progress taħt il-medja. Spanja (11,4 %) u l-Greċja (10,1 %) jibqgħu f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb" b'titjib ferm ogħla mill-medja iżda xorta b'livelli għoljin ta' qgħad. Iċ-Ċekja, il-Polonja, il-Ġermanja u Malta huma "bl-aqwa prestazzjoni", b'rati tal-qgħad ta' bejn 2,6 % u 3,4 %. Minkejja li għadhom kbar, id-differenzi bejn il-pajjiżi qed jonqsu billi l-pajjiżi b'rati tal-qgħad għoljin – bħal Spanja jew il-Greċja – qed jirreġistraw titjib aktar b'saħħtu.

**Ir-rati tal-qgħad juru varjazzjoni sinifikanti skont il-ġeneru u fil-livell reġjonali[83].** Il-qgħad għadu ogħla għan-nisa (6,2 % fl-2024) milli għall-irġiel (5,7 %). Għad hemm disparitajiet reġjonali: fl-2024, iż-żoni rurali (5,1 %) kellhom l-aktar rati baxxi, segwiti mill-irħula/mis-subborgi (5,6 %) u mill-bliet (6,7 %). Id-differenzi bejn ir-reġjuni ta' NUTS 2 jirriflettu dawk fir-rati ta' impjieg (ara hawn fuq), bl-eċċezzjoni tal-Iżvezja, li għandha prestazzjoni inqas favorevoli f'termini ta' qgħad (ara l-Illustrazzjoni 6 fl-Anness 5). Xi reġjuni ultraperiferiċi - Guadeloupe, Martinique, il-Guyana, Réunion, Mayotte u l-Gżejjer Kanarji - għandhom fost l-ogħla rati tal-qgħad fl-UE.

[82] Il-Kummissjoni Ewropea, Labour Market and Wage Developments in Europe. Annual review 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[83] Analiżi aktar dettaljata dwar id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u dimensjonijiet oħra fil-livell reġjonali hija disponibbli fuq il-EU Regional Gender Equality Monitor tal-JRC.

**Illustrazzjoni 2.1.2: Il-qgħad naqas fi kważi nofs l-Istati Membri fl-2024**

Ir-rata tal-qgħad (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem ta' okkupazzjonijiet ekoloġiċi qed jiżdied madwar l-UE, b'xi wħud minn dawn l-okkupazzjonijiet jiffaċċjaw nuqqasijiet ta' ħaddiema minħabba talbiet għal ħiliet ġodda.** L-impjiegi fis-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali żdiedu minn 2,2 % fl-2015 għal 3,1 % fl-2022, b'varjazzjoni sinifikanti fis-sehem tal-impjiegi ta' dan is-settur madwar il-pajjiżi fl-2022 (minn 1 % fl-Ungerija għal 5,7 % fil-Lussemburgu)[84]. Stimi alternattivi jissuġġerixxu li l-impjiegi ekoloġiċi jistgħu diġà jammontaw sa 11,3 % tal-forza tax-xogħol tal-UE[85]. Fl-istess ħin, is-setturi intensivi fl-emissjonijiet[86] għadhom jimpjegaw 3,1 % tal-ħaddiema tal-UE (li jvarjaw minn 0,9 % f'Ċipru għal 7,1 % fiċ-Ċekja). Analiżi riċenti[87] identifikat 24 okkupazzjoni rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika b'nuqqas ta' ħaddiema f'diversi Stati Membri. L-okkupazzjonijiet li huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u

---

[84] Il-Eurostat [env_ac_egss1], [nama_10_a10_e].

[85] Abbażi tal-kalkoli taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka li saru taħt il-proġett GreenJobs, wara l-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq il-kompiti tal-ONET propost minn Gili, Verdolini u Vona (2020) biex jitkejlu l-impjiegi ekoloġiċi fl-UE.

[86] L-industriji intensivi fl-emissjonijiet f'dan il-kuntest huma l-minjieri u l-barrieri (kodiċi NACE: B), il-manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi (C20), il-manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn (C23), il-manifattura ta' metalli bażiċi (C24), u l-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers, semitrejlers u ta' tagħmir ieħor tat-trasport (C29).

[87] Okkupazzjoni hija kklassifikata bħala li qed taffaċċja "nuqqas mifrux" jekk mill-inqas ħames Stati Membri jirrapportaw li hemm nuqqas tagħha. Dan huwa indikatur ewlieni tal-prestazzjoni tal-Patt għal Industrija Nadifa.

fejn in-nuqqas ta' ħaddiema huwa l-aktar mifrux fost il-pajjiżi jinkludu plumbers u fitters tal-pajpijiet (20 Stat Membru), ħaddiema fuq l-insulazzjoni, inġiniera ċivili u mekkaniks tal-arja kundizzjonata u tar-refriġerazzjoni (14), tekniċi tal-inġinerija ċivili (12) u dawk li jaħdmu fuq soqfa (11). Dawn l-okkupazzjonijiet jeħtieġu għarfien espert tekniku u manwali għoli li huwa essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika.

**Il-politiki ta' tranżizzjoni ġusti u inklużivi li huma mmirati lejn dawk li huma partikolarment affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika jistgħu jappoġġaw il-mobbiltà tal-ħaddiema, itaffu n-nuqqas ta' ħaddiema u jiżguraw li l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika jiġu kondiviżi b'mod wiesa'.** Il-mixja lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mill-industriji tal-fjuwils fossili f'setturi li qed jespandu bħal industriji żero netti, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-kostruzzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u l-manifattura, filwaqt li l-elettrifikazzjoni u d-domanda dejjem tikber għall-materja prima qed jagħtu spinta wkoll lill-impjiegi fis-settur tal-elettriku u f'setturi intensivi fl-enerġija. Fl-2023, madwar 30 % tal-ħaddiema kollha fl-UE (inklużi 30 miljun fil-manifattura, 15-il miljun fil-kostruzzjoni, 10 miljuni fit-trasport u l-ħżin) kienu impjegati f'setturi tat-trasformazzjoni[88]. Madankollu, il-mobbiltà settorjali tibqa' limitata, b'1,8-3,9 % biss tal-ħaddiema jaqilbu s-setturi kull sena, rata li bejn wieħed u ieħor baqgħet l-istess mill-2016. Il-persistenza tan-nuqqasijiet f'okkupazzjonijiet rilevanti għall-klima tenfasizza l-ħtieġa għal politiki li jgħinu lill-ħaddiema jadattaw għad-domandi għall-ħiliet li qed jevolvu jew għas-setturi ta' tranżizzjoni. It-tranżizzjoni ekoloġika tipprovdi wkoll opportunitajiet biex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi hekk kif okkupazzjonijiet ekoloġiċi ġodda u emerġenti (eż. inġiniera tal-enerġija rinnovabbli u maniġers tal-ippjanar tal-politika ekoloġika) għandhom it-tendenza li joffru pagi ogħla u kuntratti aktar stabbli[89]. Madankollu, il-benefiċċji ma humiex uniformi u l-aktar għal rwoli b'livell għoli ta' ħiliet[90]. Id-domanda ikbar għall-impjiegi tekniċi u manwali[91] (eż. inġiniera elettriċi u mekkaniċi, installaturi u dawk li jsewwu l-linji elettriċi) tista' tkun akkumpanjata minn riskji fiżiċi ogħla u aċċess aktar baxx għar-riżorsi u l-awtonomija tal-post tax-xogħol. Sabiex dawn l-impjiegi jsiru aktar attraenti, il-politiki għandhom ifittxu li jindirizzaw kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-impjiegi, b'mod partikolari relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, mal-paga u mal-aċċess għar-riżorsi. Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet, l-inċentivi għall-impjiegi, u l-appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-ħaddiema fit-tranżizzjonijiet tal-impjiegi matul bidliet ekonomiċi.

**It-tranżizzjoni diġitali tkompli ssawwar mill-ġdid l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol, tiġġenera opportunitajiet ġodda filwaqt li tamplifika l-ħtieġa għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid**. L-għadd ta' speċjalisti tal-ICT fl-UE żdied b'mod kostanti mill-2013 (b'59,3 %), u laħaq aktar minn 10,3 miljun fl-2024[92]. Madankollu, in-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti, u jammontaw għal 19,5 % biss tal-ispeċjalisti tal-ICT. Bil-pass kurrenti, l-għadd ta' professjonisti tal-ICT se jilħaq madwar 12-il miljun sal-2030,

---

[88] Fulvimari A. *et al.*, Estimating labour market transition costs and social investment needs of the green transition – a new approach, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025. "Is-setturi tat-trasformazzjoni" jinkludu l-għażla ta' setturi li (i) huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għar-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-miri klimatiċi, jew (ii) huma mistennija jesperjenzaw bidliet sinifikanti relatati mal-impjiegi minħabba d-dekarbonizzazzjoni, jew (iii) it-tnejn.

[89] L-OECD, Employment Outlook 2024: The Net-Zero Transition and the Labour Market, Pariġi, 2024.

[90] Eurofound, Job quality side of climate change, Working conditions and sustainable work series, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2024.

[91] L-impjiegi li se jaraw talbiet dejjem jiżdiedu għall-ħaddiema minħabba ż-żieda fid-domanda għal prodotti u servizzi ekoloġiċi iżda mhux neċessarjament jinbidlu fil-kontenut tal-kompiti.

[92] Towards Digital Decade targets for Europe - Statistics Explained – Eurostat.

ferm inqas mill-mira tal-UE ta' 20 miljun, fost l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni għat-talent diġitali u tas-sengħa (ara t-Taqsima 2.2.1)[93]. Fi stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru[94], il-biċċa l-kbira tar-rispondenti jqisu t-teknoloġiji diġitali, inkluża l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), bħala li għandhom impatt pożittiv fuq l-impjiegi tagħhom, l-ekonomija, is-soċjetà u l-kwalità tal-ħajja. Barra minn hekk, 62 % tar-rispondenti jqisu r-robots u l-IA b'mod pożittiv fuq il-post tax-xogħol, u 70 % jemmnu li jtejbu l-produttività. Madankollu, għad hemm tħassib: 84 % tar-rispondenti jaħsbu li l-IA teħtieġ ġestjoni bir-reqqa biex tipproteġi l-privatezza u tiżgura t-trasparenza fuq il-post tax-xogħol. . Bejn l-2012 u l-2023, l-impjiegi nbidlu b'mod sinifikanti minn impjiegi b'paga baxxa għal dawk b'paga għolja, flimkien ma' żieda fis-sehem tal-impjiegi fis-settur tat-tkabbir bi produttività baxxa [95]. Din il-bidla tidher li hija xprunata primarjament mill-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u mill-awtomatizzazzjoni peress li s-setturi tat-tkabbir bi produttività għolja jeħtieġu inqas ħaddiema biex iżommu l-output, li jwassal għal riallokazzjoni gradwali tal-impjiegi lejn setturi tat-tkabbir bi produttività baxxa. L-evidenza disponibbli dwar l-impatt tal-IA fuq is-suq tax-xogħol għadha ma hijiex konklużiva.

**Illustrazzjoni 2.1.3: Il-pagi komplew jiżdiedu fl-2024, b'differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi**

Kumpens nominali għal kull impjegat, bidla perċentwali annwali




*Nota*: Nota: EA-20, l-20 pajjiż li adottaw l-euro. Il-kumpens nominali għal kull impjegat huwa kkalkolat bħala l-kumpens totali tal-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens nominali jinkludi, minbarra l-pagi grossi, il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi. Id-data għall-2025 tirrifletti l-projezzjonijiet ikkalkolati abbażi tat-Tbassir Ekonomiku tal-Kummissjoni Ewropea tal-Ħarifa 2025.
*Sors*: Bażi tad-data tal-AMECO [HWCDW] u l-Eurostat, Kontijiet nazzjonali [namq_10_gdp], [namq_10_a10_e].

**It-tkabbir fil-pagi fl-UE baqa' sod fl-2024, iżda l-iżviluppi varjaw b'mod sinifikanti fl-Istati Membri.** It-tkabbir annwali fil-kumpens nominali għal kull impjegat laħaq 5,1 %, wara l-livell għoli storiku tiegħu ta' 6,1 % fl-2023, f'kuntest ta' inflazzjoni li qed tonqos u swieq tax-xogħol li għadhom restrittivi, għalkemm qed itaffu[96]. L-ogħla żidiet (sena wara sena) ġew

---

[93] Europe's digital decade: 2030 targets | il-Kummissjoni Ewropea.
[94] Artificial Intelligence and the future of work - Frar 2025 - - Stħarriġ tal-Ewrobarometru.
[95] Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual review 2025*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[96] L-inflazzjoni fl-UE naqset minn 6,4 % fl-2023 għal 2,6 % fl-2024, bi tbassir ta' 2,5 % għall-2025 u 2,1 % għall-2026. Ara: European economic forecast – Autumn 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

osservati fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li jaqbżu 10 % fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija, fil-Polonja u fil-Latvja, li jvarjaw bejn 7,0 % u 10,0 % fil-Kroazja, fis-Slovakkja, fil-Portugall, fl-Awstrija, fil-Litwanja u fl-Estonja – ara l-Illustrazzjoni 2.1.3. F'ħafna minn dawn l-Istati Membri, l-inflazzjoni baqgħet relattivament għolja, b'mod partikolari r-Rumanija, il-Kroazja, il-Polonja u l-Ungerija. B'kuntrast ma' dan, it-tkabbir fil-pagi kien aktar moderat, bejn 3,0 % u 5,0 %, fil-Belġju, f'Ċipru, fid-Danimarka, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fi Spanja, fejn l-inflazzjoni kienet aktar baxxa. Dan kien inqas minn 2,0 % fil-Finlandja.

**It-tkabbir fil-pagi nnegozjat ilu b'saħħtu minn nofs l-2023, u dan jirrifletti l-isforzi biex jiġi rkuprat it-telf reali fl-introjtu, iżda qed jitfaċċaw sinjali ta' moderazzjoni[97].** Fiż-żona tal-euro, it-tkabbir fil-pagi nnegozjat laħaq l-ogħla livell ta' 5,4 % (sena wara sena) fit-tielet trimestru tal-2024, xprunat minn attività ta' negozjar kollettiv akbar hekk kif it-trade unions fittxew li jikkumpensaw għal tnaqqis aktar bikri fil-kapaċità tal-akkwist mill-aħħar tal-2021[98]. It-tkabbir fil-pagi nnegozjat beda jonqos fl-2025, f'konformità ma' tnaqqis fil-pressjoni inflazzjonarja.

**Illustrazzjoni 2.1.4: Il-pagi reali reġgħu żdiedu fl-2024 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Pagi u salarji gross reali għal kull impjegat, bidla perċentwali annwali




*Nota*: Żona tal-euro (EA, euro area) tirreferi għall-EA-20, l-20 pajjiż li adottaw l-euro. Il-pagi reali ġew ikkalkolati bl-użu tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur bħala deflatur. Id-data għall-2025 tirrifletti l-projezzjonijiet ikkalkolati abbażi tat-Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni.
*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data ta' AMECO, Pagi u salarji grossi nominali għal kull impjegat [hwwdw], deflatur: Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur [AMECO 5000 ZCPIH]. Impjieg totali (kunċett domestiku) [namq_10_a10_e]. L-aġġornament għall-pagi u s-salarji grossi għal kull impjegat [il-kodiċi AMECO: hwwdw] bit-tbassir tal-ħarifa ma kienx disponibbli fid-19 ta' Novembru meta l-aħħar aġġornament kien possibbli.

**Il-pagi reali qed jerġgħu jiżdiedu, appoġġati minn tnaqqis fl-inflazzjoni u tkabbir sostnut fil-pagi nominali, iżda l-pass tal-irkupru jvarja fost l-Istati Membri.** Wara

[97] It-tkabbir fil-pagi nnegozjat jirrappreżenta l-eżitu dirett tan-negozjar tal-pagi bejn is-sħab soċjali. Dan jinkludi kemm pagi nnegozjati ġodda kif ukoll dawk maqbula qabel. Bħala regola ġenerali, dan jeskludi l-bonusijiet, is-sahra u kumpensi individwali oħra li ma humiex marbuta ma' negozjar kollettiv. Meta mqabbla mal-pagi mħallsa, il-pagi nnegozjati wkoll ma humiex sensittivi għan-numru ta' sigħat maħduma (peress li huma stabbiliti fuq bażi full-time) u jirrappreżentaw limitu minimu tal-pagi f'xi setturi.

[98] Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe – Annual review 2021*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021 u Eurofound, *Weathering the crisis: How job retention schemes preserved employment and incomes during the pandemic*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

tnaqqis sinifikanti ta' 3,7 % fl-2022 u tnaqqis aktar modest ta' 0,1 % fl-2023, il-pagi reali reġgħu żdiedu bi 2,7 % fl-2024[99]. Dan l-irkupru kien primarjament xprunat minn inflazzjoni li qed tonqos u minn żidiet sodi fil-pagi nominali. L-irkupru kien l-aktar b'saħħtu (aktar minn 8 %) fir-Rumanija, fil-Polonja, fl-Ungerija u fil-Litwanja, kif ukoll (aktar minn 6 %) fil-Latvja, fil-Kroazja u fil-Bulgarija – ara l-Illustrazzjoni 2.1.4. Fil-Belġju, il-pagi reali naqsu b'1,3 % fl-2024. Fl-2024, il-pagi reali fl-UE baqgħu bħala medja 0,7 % taħt il-livelli tagħhom tal-2019, b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi li jirriflettu dinamiki differenti tal-pagi nominali u tal-inflazzjoni. Fl-2025, il-pagi reali fl-UE rkupraw b'mod wiesa' l-livelli ta' qabel il-pandemija tagħhom, iżda fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Finlandja u fi Franza dawn baqgħu taħt dawk il-livelli.

**Illustrazzjoni 2.1.5: Iż-żidiet fil-pagi minimi statutorji appoġġaw it-tpaċija tat-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu paga minima**

Żviluppi tal-pagi minimi fl-Istati Membri b'pagi minimi statutorji (bidla f'%)




*Nota*: Ċipru ġie eskluż peress li l-paga minima statutorja ġiet introdotta fl-2023.
*Sors*: il-Eurofound u l-Eurostat [earn_mw_cur, prc_hicp_midx].

**Iż-żidiet riċenti fil-paga minima fl-UE għenu biex jittaffa l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-ħaddiema b'introjtu baxx.** Bejn Jannar 2022 u Jannar 2025, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'aktar minn 20 % fl-Istati Membri kollha fejn dawn il-pagi huma fis-seħħ[100], bl-eċċezzjoni ta' Franza, il-Lussemburgu u s-Slovenja. Iż-żidiet varjaw minn 12,4 % fi Franza għal 65,7 % fil-Bulgarija, u qabżu l-40 % f'sitt Stati Membri oħra (ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Polonja, il-Latvja, l-Ungerija u l-Litwanja)[101] – ara l-Illustrazzjoni 2.1.5. F'termini reali, dawn il-pajjiżi kellhom ukoll it-tendenza li jirreġistraw l-ogħla żidiet minkejja inflazzjoni għolja. B'kuntrast ma' dan, il-pagi minimi reali żdiedu b'inqas minn 5 % fil-Lussemburgu, fiċ-Ċekja, fis-Slovakkja, fl-Estonja u fis-Slovenja, u naqsu bi ftit fi Franza. Sadanittant, f'pajjiżi fejn il-pagi minimi huma ddeterminati permezz ta' ftehimiet kollettivi, it-tkabbir fil-pagi reali fl-2024 appoġġa wkoll il-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari f'setturi b'pagi baxxi[102]. Riċerka

[99] Il-pagi reali jiġu kkalkolati bl-użu tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur bħala deflatur.

[100] 22 Stat Membru għandhom pagi minimi statutorji: il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

[101] Il-pagi minimi spiss jiġu aġġornati kull sena, fil-bidu tas-sena. Bejn Jannar 2022 u Jannar 2025, l-akbar żidiet ġew irreġistrati fil-Polonja (49 %), fil-Bulgarija (44 %), fil-Latvja (40 %), u fil-Kroazja (34 %). Dawn żdiedu bejn 20 % u 30 % fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fin-Netherlands u fir-Rumanija.

[102] Eurofound, Relazzjonijiet industrijali u djalogu soċjali. Pagi minimi fl-2025: Rieżami annwali, 2025.

riċenti turi li ż-żidiet fil-pagi minimi nazzjonali jagħtu spinta lit-tkabbir kumplessiv fil-pagi, jappoġġaw in-negozjar kollettiv u jgħollu l-livelli minimi tal-pagi f'setturi b'pagi baxxi[103].

**Illustrazzjoni 2.1.6: Fl-2024, il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja kien aktar baxx minn deċennju qabel fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja (%,)




*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxi u tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Mejju 2025).

**It-tassazzjoni fuq ix-xogħol tkompli tinfluwenza l-inċentivi tax-xogħol u tar-reklutaġġ madwar l-UE.** Il-porzjon ta' taxxa – iddefinit bħala d-differenza bejn il-kostijiet lavorattivi tal-impjegaturi u l-paga netta tal-impjegati li jieħdu d-dar, espressa bħala perċentwal tal-kostijiet lavorattivi totali – jaffettwa kemm il-provvista ta' ħaddiema kif ukoll id-domanda, b'mod partikolari għal gruppi bħal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul li l-provvista ta' ħaddiema tagħhom hija aktar risponsiva għat-tassazzjoni. Mill-2014, il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja naqas b'0,4 pp fl-UE, u laħaq 40,3 % fl-2024, li għadu ferm ogħla mill-medja tal-OECD ta' 34,9 % – ara l-Illustrazzjoni 2.1.6[104]. Dan naqas b'aktar minn 1 pp fi 11-il Stat Membru, bl-akbar tnaqqis fl-Ungerija (-7,9 pp), fir-Rumanija (-3,8 pp) u fil-Belġju (-3,0 pp). Min-naħa l-oħra, matul l-istess perjodu, il-porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga medja żdied f'10 pajjiżi, b'mod partikolari f'Ċipru (+9,5 pp), f'Malta (+2,5 pp) u fil-Lussemburgu (+1,7 pp) (ara 2.2.1 għad-dettalji). Għal ħaddiema b'paga baxxa (50 % tal-paga medja), il-porzjon medju tat-taxxa fl-UE għal persuna mhux miżżewġa kien ta' 31,8 % fl-2024, u żdied b'0,3 pp mill-2023 iżda kien jindika tnaqqis ta' 2,2 pp mill-2014.

**Is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali huma ġeneralment progressivi, b'porzjon tat-taxxa aktar baxx għal ħaddiema b'paga baxxa.** Il-progressività hija partikolarment evidenti fi Franza, fil-Belġju, fin-Netherlands, fil-Lussemburgu u fl-Italja, filwaqt li l-Bulgarija u l-Ungerija japplikaw sistemi b'rata fissa – ara l-Illustrazzjoni 2.1.7. Piżijiet tat-taxxa aktar baxxi fuq ħaddiema b'paga baxxa jnaqqsu d-distorsjonijiet fis-suq tax-xogħol u jappoġġaw l-impjieg ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, iżda s-sistemi tat-taxxa għandhom jitfasslu biex jevitaw li jiskoraġġixxu t-tranżizzjonijiet f'impjiegi b'pagi ogħla.

---

[103] Ir-riżultati empiriċi jindikaw li żieda ta' 1 % fil-paga minima żżid il-pagi għal 25 % tal-ħaddiema li jaqilgħu l-inqas b'0,31 %. Ara: Eurofound, L-impatt tal-pagi minimi nazzjonali fuq in-negozjar kollettiv u l-pagi għall-ħaddiema b'paga baxxa, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

[104] L-OECD, Taxing Wages 2025: Decomposition of Personal Income Taxes and the Role of Tax Reliefs, OECD Publishing, Pariġi, 2025.

**Illustrazzjoni 2.1.7: Il-porzjon tat-taxxa huwa aktar baxx għall-ħaddiema b'paga baxxa**

Porzjon ta' taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ b'paga baxxa (50 % u 67 % tal-paga medja) meta mqabbel mal-paga medja fl-2024 (%)




*Noti*: L-Istati Membri huma kklassifikati f'ordni dixxendenti skont il-livell ta' progressività (porzjon ta' taxxa medja fuq il-pagi ta' 50 % tal-paga medja).
*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxi u tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Mejju 2025).

**L-inflazzjoni tista' toħloq distorsjonijiet fis-sistemi tat-taxxa, li jaffettwaw kemm il-progressività kif ukoll il-ġustizzja.** Iż-żieda fil-prezzijiet tista' tnaqqas il-limiti nominali fissi – bħal-livelli u l-krediti tat-taxxa – li spiss twassal għall-hekk imsejjaħ "ċaqliq" f'sistemi progressivi, fejn il-kontribwenti jgħaddu għal livelli ogħla tat-taxxa u l-valur reali tat-tnaqqis u tal-krediti jonqos. Dawn l-effetti jistgħu jnaqqsu l-introjtu disponibbli u jżidu r-riskji tal-faqar. L-aġġustamenti, permezz ta' indiċjar awtomatiku jew aġġornamenti diskrezzjonali, jistgħu jtaffu dawn id-distorsjonijiet. Fl-2024-25, ħafna Stati Membri rrevedew is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali tagħhom biex jiġġieldu d-distorsjonijiet xprunati mill-inflazzjoni – ara t-Taqsima 2.1.2.

**It-trasferiment tal-piż tat-taxxa mit-tassazzjoni tax-xogħol għat-taxxi ambjentali jista' jagħti spinta lill-inċentivi tas-suq tax-xogħol, lill-ġustizzja u lill-għanijiet klimatiċi.** Il-Pjan ta' Azzjoni riċenti għal Enerġija Affordabbli[105] jitlob li titlesta r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (li ilha tiġi diskussa mill-2021) biex jiġi żgurat li l-fjuwils li jniġġsu l-aktar jiġu ntaxxati l-ogħla filwaqt li tiġi avvanzata d-dekarbonizzazzjoni. Bl-istess mod, il-Patt għal Industrija Nadifa[106] jinkoraġġixxi riformi tat-taxxa li jappoġġaw l-elettrifikazzjoni u jeliminaw gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[107] tirrakkomanda wkoll li jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, b'mod partikolari għal gruppi bi dħul baxx u medju, u li d-dħul jiġi trasferit lejn sorsi ambjentalment sostenibbli. Filwaqt li t-taxxi fuq il-karbonju jista' jkollhom effetti regressivi, dawn jistgħu jiġu mmitigati permezz ta' miżuri ta' kumpens imfassla bir-reqqa. Madankollu, it-taxxi ambjentali jirrappreżentaw biss 5,2 % tad-dħul totali mit-taxxa fl-UE (2023) – 1,5 pp inqas milli fl-2013 – b'ishma ta'

[105] Action Plan for Affordable Energy: Unlocking the true value of our Energy Union to secure affordable, efficient and clean energy for all Europeans - il-Kummissjoni Ewropea.
[106] Patt għal Industrija Nadifa - il-Kummissjoni Ewropea
[107] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika 2022/C 243/04.

iktar minn 10 % biss fil-Bulgarija (11,2 %) u fil-Greċja (10,6 %), u b'inqas minn 5 % f'9 pajjiżi. Il-Belġju, il-Bulgarija u r-Rumanija biss raw żidiet fl-ishma tat-taxxa ambjentali mill-2013. Miżuri bħal inċentivi tat-taxxa għall-iffrankar tal-enerġija u għat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili jistgħu jgħinu biex jiġu allinjati l-għanijiet tal-klima u tal-ġustizzja.

### 2.1.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

**Diversi Stati Membri introduċew jew espandew inċentivi u sussidji għar-reklutaġġ biex jagħtu spinta lill-impjiegi, b'enfasi fuq gruppi sottorappreżentati.** Fil-**Polonja**, att ġdid adottat f'Marzu 2025 jipprovdi sussidji għall-impjegaturi li jimpjegaw impjegati anzjani, li jkopru sa nofs il-paga minima għal kull impjegat anzjan għal 12-il xahar (għall-ħaddiema fl-età ta' bejn 50 u 65 sena) jew xahar (għall-anzjani fl-età tal-irtirar, li jiġġedded). Wara li jintemm il-perjodu tas-sussidju, l-impjegaturi jridu jħallsu s-salarju sħiħ u jkomplu jimpjegaw lill-persuna għal 6 xhur jew xahar, rispettivament. Fl-**Italja**, il-Liġi tal-Baġit tal-2025 estendiet għall-2025 u għall-2026 it-tnaqqis tat-taxxa għall-intrapriżi u għall-ħaddiema b'impjieg indipendenti li jirreklutaw persunal taħt kuntratti permanenti. Din introduċiet ukoll eżenzjoni temporanja mit-taxxa għall-kostijiet tad-djar imħallsa mill-impjegatur (kera u manutenzjoni) sa EUR 5 000 fis-sena matul l-ewwel sentejn ta' impjieg għall-ħaddiema permanenti li jaqilgħu sa EUR 35 000, filwaqt li jibqgħu soġġetti għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-programm "Impjiegi + Talent" tal-**Portugall** jipprovdi inċentivi finanzjarji lill-impjegaturi li jimpjegaw, b'salarju minimu ta' EUR 1 442,57, żgħażagħ qiegħda b'edukazzjoni terzjarja (fl-età ta' bejn 18 u 35 sena) irreġistrati mal-Istitut għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali (IEFP, Institute for Employment and Vocational Training) jew dawk li jirritornaw minn barra l-pajjiż wara mill-inqas 12-il xahar. Fil-**Greċja**, programm ta' impjieg sussidjat li tnieda fi tmiem l-2024 u li jdum 18-il xahar, b'appoġġ mill-RRF, jipprevedi r-reklutaġġ ta' 1 000 persuna b'diżabbiltà fil-gvern lokali, u jkopri sa 75 % tas-salarju u tal-kontribuzzjonijiet (sa EUR 13 500 għal kull persuna), biex tiġi promossa l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

**L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġew żviluppati aktar biex itejbu r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol u jipproteġu l-impjiegi matul xokkijiet ekonomiċi.** Pereżempju, **in-Netherlands** nedew skema temporanja għaż-żamma tal-impjiegi ("*Crisisregeling Personeelsbehoud*") f'Jannar 2024 li se tibqa' fis-seħħ sa Diċembru 2025. L-iskema tissussidja sigħat tax-xogħol imnaqqsa għal ditti li jiffaċċjaw xokkijiet fid-domanda biex jippreservaw l-impjiegi u jappoġġaw l-introjtu tal-unitajiet domestiċi. F'Ġunju 2025, **is-Slovenja** adottat, bħala parti mill-RRP tagħha, leġiżlazzjoni li tistabbilixxi programm ta' ħidma permanenti għal żmien qasir għall-użu f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji mhux previsti, inkluż appoġġ għall-ħaddiema temporanji part-time u aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni u t-taħriġ biex tingħata spinta lill-impjegabbiltà fost id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni.

**L-oqfsa tal-pagi minimi qed jiġu aġġornati madwar l-UE biex jiġi żgurat li l-aġġustamenti tal-pagi jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet ekonomiċi.** F'Diċembru 2024, **il-Greċja** adottat qafas legali biex tintroduċi mill-2028 metodoloġija ġdida biex tistabbilixxi pagi minimi statutorji bl-użu ta' formula bbażata fuq bidliet fl-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (CPI, Consumer Price Index) annwali għall-20 % tal-unitajiet domestiċi bl-inqas introjtu u indiċi tal-kapaċità tal-akkwist tal-pagi[108]. Il-kumitati konsultattivi se jkunu jistgħu

[108] Il-perjodu mill-2025 sal-2027 jitqies bħala tranżizzjonali u jipprevedi l-applikazzjoni kontinwa tal-istess sistema għad-determinazzjoni tal-paga minima bħal fl-2024.

jipproponu devjazzjonijiet minn dan l-indiċjar awtomatiku, soġġett għal sett ta' kriterji u valur ta' referenza ta' 60 % tal-paga medjana grossa. Fil-**Latvja**, regolament ġdid dwar il-paga minima, effettiv minn Novembru 2024, jorbot l-aġġustamenti annwali fil-paga minima ma' fatturi li jinkludu l-paga medja nazzjonali, it-tbassir makroekonomiku, il-bidliet fit-taxxa, l-indiċijiet tal-kost lavorattiv u l-limiti tal-faqar. Fir-**Rumanija**, l-RRF appoġġat qafas ġdid għall-iffissar tal-pagi minimi, effettiv ukoll minn Frar 2025, li introduċa formula ta' aġġustament annwali bbażata fuq l-inflazzjoni, il-produttività u l-parametri referenzjarji tal-pagi, akkumpanjata minn valutazzjonijiet annwali tal-adegwatezza u konsultazzjonijiet tripartitiċi. Fil-**Lussemburgu**, abbozz ta' liġi ppreżentat f'Diċembru 2024 għandu l-għan li jsaħħaħ il-qafas statutorju tal-paga minima permezz ta' kriterji ta' adegwatezza aktar ċari, rieżamijiet biannwali u korp konsultattiv magħmul minn sħab soċjali, biex jagħti pariri dwar l-aġġustamenti annwali. Fil-**Portugall**, ftehim tripartitiku li jkopri l-2025-28 jistabbilixxi miri biex jiżdiedu l-pagi minimi u medji u jipprevedi bonusijiet għall-produttività u għall-prestazzjoni għall-ħaddiema, kondiviżjoni tal-profitti kif ukoll miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema żgħażagħ. Dan joffri wkoll inċentivi tat-taxxa għall-kumpaniji biex iżidu l-pagi u t-tfaddil għall-irtirar tal-ħaddiema.

**Diversi Stati Membri introduċew miżuri biex jirrevedu l-oqfsa tal-ftehimiet kollettivi tagħhom, bil-għan li jtejbu l-kopertura, il-flessibbiltà u t-trasparenza.** Fl-**Italja**, il-Liġi tal-Baġit tal-2025 tinkludi dispożizzjonijiet għat-tiġdid ta' ftehimiet kollettivi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi b'żidiet fil-pagi mmirati u b'inċentivi speċifiċi għas-settur, pereżempju fil-kura tas-saħħa u fl-edukazzjoni. **Il-Polonja** pproponiet abbozz ta' Att dwar il-Ftehimiet Kollettivi fil-bidu tal-2025 li jagħti mandat lill-impjegaturi b'aktar minn 50 impjegat biex jinnegozjaw mal-unions kull sentejn, jespandu l-ftehimiet kollettivi għal kwistjonijiet moderni dwar il-post tax-xogħol, u jintroduċu proċeduri diġitali u reġistru nazzjonali għal ftehimiet kollettivi. Fil-**Finlandja**, leġiżlazzjoni ġdida fis-seħħ minn Jannar 2025 tfittex li żżid l-opportunitajiet għan-negozjar fil-livell tal-kumpanija, inkluż għal ditti mhux affiljati ma' assoċjazzjonijiet ta' impjegaturi jew dawk mingħajr rappreżentant tal-persunal. Wara r-riforma, se jkunu possibbli derogi minn ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod ġenerali għall-kumpaniji kollha, b'ċerti kontrolli biex jiġi żgurat negozjar lokali rappreżentattiv.

**Qed jiġu introdotti riformi fit-tassazzjoni tax-xogħol biex itejbu l-progressività u l-ġustizzja. Il-Litwanja** rriformat is-sistema tagħha tat-taxxa fuq l-introjtu biex tagħmilha aktar progressiva billi ssostitwiet ir-rata tat-taxxa fissa fuq l-introjtu personali ta' 15 % bi tliet rati ta' 20 %, 25 % u 32 %, fejn japplikaw rati ogħla għal introjtu ogħla, applikabbli wkoll għal ċerti ħaddiema b'impjieg indipendenti. Fl-**Irlanda**, il-gvern irreveda l-krediti u l-faxex tat-taxxa fuq l-introjtu bħala parti mill-baġit tal-2025. Il-faxxa ta' rata standard żdiedet b'EUR 2 000 għal EUR 44 000 għal persuna mhux miżżewġa, b'żidiet proporzjonali għall-koppji miżżewġin u għas-sħab ċivili. Ir-rata ta' 4 % tal-Imposta Soċjali Universali (USC, Universal Social Charge) tnaqqset għal 3 % minn Jannar 2025, flimkien ma' krediti tat-taxxa ogħla għal gruppi żvantaġġati.

**Il-parametri tat-taxxa fuq l-introjtu personali ġew aġġustati f'diversi Stati Membri biex jiġi mmitigat iċ-"ċaqliq" xprunat mill-inflazzjoni u biex tkompli tissaħħaħ il-ġustizzja**[109]**.** Fil-**Latvja**, l-ammont ta' introjtu mhux taxxabbli żdied għal EUR 510 fix-xahar (EUR 6 120 fis-sena) u għal EUR 1 000 fix-xahar (EUR 12 000 fis-sena) għall-pensjonanti. It-tnaqqis għall-edukazzjoni, għall-ispejjeż mediċi u għad-donazzjonijiet żdied ukoll, u ġiet

[109] Ara: il-Kummissjoni Ewropea, Annual Report on Taxation 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

introdotta rata ġdida ta' taxxa ta' 3 % fuq id-dividendi u fuq introjtu kapitali ieħor ta' aktar minn EUR 200 000 fis-sena. **Il-Finlandja** żiedet l-allowance bażiku, filwaqt li **l-Irlanda** żiedet il-kreditu tat-taxxa personali, il-kreditu fuq l-introjtu, il-kreditu tat-taxxa fuq l-impjegati u l-kreditu tat-taxxa fuq il-kera għal persuni mhux miżżewġa u koppji vvalutati b'mod konġunt. Sabiex tiġi miġġielda l-inflazzjoni u tittejjeb **il-**ġustizzja fiskali, **il-Lussemburgu** u **n-Netherlands** aġġustaw il-livelli tat-taxxa fuq l-introjtu personali tagħhom. **L-Ungerija** rduppjat l-allowances tal-bażi tat-taxxa għall-familji (b'50 % minn Lulju 2025 u b'50 % addizzjonali minn Jannar 2026).

## 2.2. Linja Gwida 6 – Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja

Din it-taqsima teżamina l-implimentazzjoni ta' linja gwida nru 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet biex itejbu l-provvista tal-ħaddiema, jippromwovu l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja tan-nies, irawmu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ineħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jipprovdu inċentivi għaliha, f'konformità mal-prinċipji 1 (l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja), 2 (l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (l-opportunitajiet indaqs), 4 (l-appoġġ attiv għall-impjiegi), 9 (il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata), 11 (l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal) u 17 (l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-Taqsima 2.2.1 tanalizza l-iżviluppi fil-qasam tal-edukazzjoni, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-prestazzjoni tal-istudenti, u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali sal-edukazzjoni terzjarja u t-tluq bikri mill-iskola. Il-kapitolu janalizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, l-ispariġġi, u l-iżvilupp tal-ħiliet fost l-adulti, inklużi l-kompetenzi diġitali. Barra minn hekk, dan jipprovdi analiżi tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema akbar fl-età, għall-migranti, u għall-persuni b'diżabbiltà. It-Taqsima 2.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

### 2.2.1 Indikaturi ewlenin

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC, early childhood education and care) bejn l-età ta' 3 snin u l-bidu tal-edukazzjoni primarja qed tkompli tiżdied fl-UE, b'varjazzjoni kbira li tibqa' fost l-Istati Membri.** Fl-2023, 94,6 % ipparteċipaw, 1,4 pp biss taħt il-mira fil-livell tal-UE għall-2030 stabbilita fil-livell ta' 96 %. Sal-lum, tmien Stati Membri laħqu din il-mira, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jaqbżu d-90 %. Il-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni huma Franza (100 %), il-Belġju (98 %) u Spanja (97,7 %). Ir-Rumanija (75,7 %), is-Slovakkja (80,8 %) u ċ-Ċekja (85,3 %) jikklassifikaw l-aktar baxxi – ara l-Illustrazzjoni 2.2.1. Il-medja tal-UE żdiedet b'1,3 pp mis-sena ta' qabel, għalkemm kien hemm tnaqqis f'erba' pajjiżi bejn l-2022 u l-2023, b'mod partikolari fost l-Istati Membri b'parteċipazzjoni pjuttost għolja. Sar progress biex tiżdied il-parteċipazzjoni fost it-tfal ta' 3 snin speċifikament fi kważi l-Istati Membri kollha, u r-rata laħqet id-90,6 % fl-2023 (+5,4 pp mill-2015)[110]. Madankollu, iż-żieda fil-parteċipazzjoni fost it-tfal ta' 3 snin għadha sfida f'xi wħud minnhom, u r-rati huma partikolarment baxxi fir-Rumanija (68,1 %) u fis-Slovakkja (68,9 %). L-affordabbiltà u n-nuqqas ta' kapaċità, inkluż in-nuqqas ta' persunal, għadhom ostakli għall-aċċess, b'mod partikolari għat-tfal iżgħar u għal dawk minn sfondi żvantaġġati.

[110] Il-Eurostat [educ_uoe_enrp07].

B'mod partikolari, 53 % biss tat-tfal Rom jipparteċipaw fl-ECEC, li għadha ferm taħt il-medja tal-UE għat-tfal kollha, minkejja titjib ta' madwar 11 pp bejn l-2016 u l-2023[111].

**Illustrazzjoni 2.2.1: Il-parteċipazzjoni fl-ECEC tkompli tiżdied aktar fil-livell tal-UE, iżda hemm varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri**

Il-parteċipazzjoni fl-ECEC ta' tfal ta' bejn it-3 snin u l-età għall-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja (%)




*Nota*: Data provviżorja għal FR fl-2023 u PL fl-2022 u fl-2023. Interruzzjoni fis-serje għal HU fl-2023. Id-data ma hijiex disponibbli għal EL fl-2022 u fl-2023. Id-definizzjoni hija differenti għal BE u għal EL fl-2015, għal HU fl-2023 u għal PT fl-2015, fl-2022 u fl-2023.
*Sors*: il-Eurostat, [educ_uoe_enra21].

**It-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qed jonqos madwar l-UE iżda jibqa' sfida.** Fl-2024, 9,4 % ta' dawk li għandhom bejn 18 u 24 sena telqu mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ kmieni, tnaqqis ta' 0,2 pp mill-2023. Dan huwa 1,7 pp inqas minn deċennju qabel, b'ħames pajjiżi (l-Italja, il-Greċja, Malta, Spanja u l-Portugall) li jiksbu tnaqqis ta' aktar minn 5 pp matul dan il-perjodu. Madankollu, dan għadu jissarraf f'madwar 3,1 miljun żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn 18 u 24 sena fl-UE li jibqgħu diżimpenjati mill-edukazzjoni u mit-taħriġ mingħajr ma jkunu kisbu mill-inqas l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell[112]. Għalkemm 17-il Stat Membru diġà laħqu l-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA, European Education Area) li jnaqqsu t-tluq bikri għal inqas minn 9 % sal-2030, hemm bżonn ta' aktar progress f'xi Stati Membri. Fir-Rumanija, fi Spanja u fil-Ġermanja, fejn ir-rata tibqa' ogħla minn 12 pp, kien hemm ftit jew l-ebda progress mis-sena ta' qabel, jiġifieri t-tliet pajjiżi kollha għadhom f'"sitwazzjoni kritika" – ara l-Illustrazzjoni 2.2.2. Il-Litwanja rreġistrat l-akbar deterjorament fl-2024 (b'2,0 pp), segwita mis-Slovakkja, il-Lussemburgu, l-Estonja u Ċipru, fejn is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ żdied b'mill-inqas 0,9 pp. Dawn is-sitwazzjonijiet "għandhom jiġu osservati", flimkien mad-Danimarka u l-Italja, fejn il-livelli jibqgħu għoljin wisq minkejja l-ebda bidla jew tnaqqis. Min-naħa l-oħra, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Greċja u l-Polonja kellhom l-"aqwa prestazzjoni". Minkejja xejra kemxejn pożittiva b'mod kumplessiv, ma hemm l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri.

**Ir-rati ta' tluq bikri jvarjaw sostanzjalment bejn il-gruppi, u huma partikolarment għoljin għall-persuni li twieldu barra mill-UE, għar-Rom u għall-persuni b'diżabbiltà.** Għalkemm ir-rata kemm ta' nisa żgħażagħ kif ukoll ta' rġiel żgħażagħ li jitilqu kmieni naqset

---

[111] Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024.

[112] Il-kalkoli tad-DĠ EAC. Ara, il-Kummissjoni Ewropea, Education and Training Monitor 2025. Referenzi aktar tard għall-"kalkoli tad-DĠ EAC"

b'1,7 pp matul l-aħħar deċennju, l-irġiel żgħażagħ għadhom ferm aktar probabbli li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ (11,0 %) min-nisa żgħażagħ (7,7 %). Iż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE jew fi Stat Membru ieħor għadhom ferm aktar probabbli (20,1 % u 18,6 % rispettivament) li jitilqu kmieni minn dawk li twieldu fl-Istat Membru inkwistjoni (8,2 %)[113]. Is-sitwazzjoni hija partikolarment ta' tħassib għaż-żgħażagħ Rom (bejn 18 u 24 sena), bi kważi żewġ terzi (64 %) li jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel ma kisbu l-livell sekondarju tat-tieni livell fl-2024[114]. Is-sitwazzjoni għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà tal-istess grupp ta' età hija ta' tħassib ukoll b'rata ta' tluq bikri ta' 19 % fl-2023[115]. L-akbar sfidi jistgħu jiġu osservati fir-Rumanija u fl-Ungerija, li rreġistraw l-ogħla rati (33 % u 46 % rispettivament), u sa ċertu punt inqas fl-Italja (27 %).

**Illustrazzjoni 2.2.2: Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ ikompli jonqos bil-mod, b'differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri**

Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (fl-età ta' bejn 18 u 24 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal BE, BG, DE, EL u IE. Data ta' affidabbiltà baxxa għal HR u LU.
*Sors*: il-Eurostat [edat_lfse_14], l-LFS tal-UE.

**Id-disparitajiet reġjonali fit-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ huma sinifikanti bejn u wkoll fi ħdan l-Istati Membri.** Madwar l-UE, ir-rata reġjonali tvarja minn 1,2 % (f'Kentriki Makedonia fil-Greċja) għal 26,2 % (f'Sud-Est fir-Rumanija), u tenfasizza l-varjazzjoni kbira moħbija wara ċ-ċifri fil-livell tal-Istati Membri. Hemm ukoll varjazzjoni sinifikanti bejn ir-reġjuni fl-istess Stat Membru, pereżempju fil-Bulgarija, fi Franza, fl-

[113] Il-Eurostat [edat_lfse_02], l-LFS tal-UE.
[114] Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024.
[115] Il-Kummissjoni Ewropea, European Disability Expertise Statistical Report 2025 (li ġej).

Ungerija, fil-Portugall, fir-Rumanija u fi Spanja (ara l-Illustrazzjoni 1 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi. Fi Stat Membru wieħed, l-akbar firxa bejn ir-reġjuni hija minn 5,0 % sa 26,0 %. B'kuntrast ma' dan, fil-livell tal-Istati Membri, il-firxa tvarja minn 2,0 % għal 16,8 %. Għadd żgħir ta' Stati Membri għandhom rati taħt il-mira fil-livell tal-UE ta' 9 % fir-reġjuni kollha. Madankollu, fl-Istati Membri li għandhom prestazzjoni kumplessiva tajba għad hemm lok għat-tnaqqis tal-varjazzjoni reġjonali. Barra minn hekk, il-post għandu rwol, fejn iż-żgħażagħ li jgħixu fl-ibliet huma inqas probabbli li jitilqu kmieni (8,3 %) minn dawk li jgħixu fl-irħula u fis-subborgi (10,3 %) u fiż-żoni rurali (10,1 %).

**Illustrazzjoni 2.2.3: Il-progress insuffiċjenti fil-matematika żdied sostanzjalment fl-Istati Membri kollha, filwaqt li l-ogħla prestazzjoni naqset**

Studenti li ma jilħqux il-Livell 2 fil-matematika (l-assi tax-xellug) u li jiksbu mill-inqas il-Livell 5 (l-assi tal-lemin) fl-2018 u fl-2022 (%)




*Nota*: Hija meħtieġa l-kawtela meta tiġi interpretata d-data tal-2022 għal DK, IE, LV u NL minħabba li wieħed jew aktar mill-istandards tal-kampjunar ta' PISA ma ġewx issodisfati.
*Sors*: OECD, PISA 2018, 2022; Kalkoli tad-DĠ EAC.

**Il-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi żdied madwar l-UE, b'xejriet inkwetanti fil-prestazzjoni tal-istudenti fil-matematika** Skont ir-riżultati mill-aħħar Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment), bejn l-2018 u l-2022, is-sehem ta' żgħażagħ ta' 15-il sena b'kisbiet baxxi fil-matematika żdied b'6,6 pp, u laħaq livell rekord ta' 29,5 % – ara l-Illustrazzjoni 2.2.3. Dan huwa ogħla mis-26,2 % irreġistrat fil-qari u l-24,2 % fix-xjenza, li żdiedu bi 3,7 u 2 pp, rispettivament. Id-distakk fil-prestazzjoni fl-Istati Membri huwa kbir. Fil-matematika, aktar minn 45 % tal-istudenti fil-Bulgarija, f'Ċipru, fir-Rumanija u fil-Greċja għandhom kisbiet baxxi. L-Estonja biss diġà laħqet il-mira fil-livell tal-UE għall-2030 li żżomm il-progress insuffiċjenti taħt il-15 %. L-ogħla prestazzjoni naqset ukoll b'mod aktar qawwi fil-matematika milli fil-qari jew fix-xjenza. Fl-2018, 11 % tal-istudenti tal-UE laħqu l-ogħla livelli ta' PISA fil-matematika, iżda dan is-sehem naqas għal 7,9 % fl-2022. Il-firxa issa tvarja minn 2,0 % biss fil-Greċja għal 15,4 % fin-Netherlands. Fil-qari, it-tnaqqis ma kienx daqshekk kbir (minn 8,1 % għal 6,5 %), filwaqt li l-ogħla prestazzjoni fix-xjenza żdiedet bi ftit. It-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-istudenti jqajjem tħassib dwar it-tħejjija suffiċjenti tagħhom għal studju sussegwenti u għas-suq tax-xogħol.

**Sfidi persistenti huma rrapportati fil-litteriżmu u fin-numeriżmu tal-adulti.** Fost l-adulti, il-fehim fil-qari naqas fl-aħħar deċennju, skont id-data miġbura fis-17-il Stat Membru li pparteċipaw fil-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-adulti (PIAAC, Programme for the International Assessment of Adult Competencies) fl-2013 u fl-2023. Filwaqt li l-ħiliet tan-numeriżmu baqgħu stabbli, kważi wieħed minn kull ħames

adulti kien meqjus bħala bi prestazzjoni baxxa kemm fil-litteriżmu kif ukoll fin-numeriżmu fl-2023. Il-ħiliet fil-matematika huma importanti għall-kompetittività u għall-kapaċità innovattiva futura tal-Ewropa. Il-prestazzjoni fil-matematika fil-livell tal-iskola hija pass importanti biex jiġu studjati s-suġġetti STEM f'livell ogħla u biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet f'setturi STEM ewlenin – ara l-Kaxxa 2 tal-Pilastru. Dawn ir-riżultati jenfasizzaw il-ħtieġa li jittejbu l-ħiliet bażiċi f'kull età.

**Kaxxa 2 tal-Pilastru: Fokus fuq l-Unjoni tal-Ħiliet – Bini tal-ħiliet, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-adulti**

**Il-ħiliet huma kruċjali biex titħejja u tingħata s-setgħa lill-forza tax-xogħol u mutur ewlieni tal-produttività, l-innovazzjoni, il-kompetittività u r-reżiljenza, iżda l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi komuni biex isibu persuni bil-ħiliet meħtieġa.** In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet huwa xprunat minn diversi fatturi, inklużi t-tibdil demografiku, il-ħtiġijiet ta' ħiliet ġodda marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'xi setturi u okkupazzjonijiet[116]. Barra minn hekk, iċ-ċaqliq ġeopolitiku kurrenti, inklużi ż-żieda fil-ħtiġijiet tad-difiża u tas-sigurtà, u t-trasformazzjoni industrijali huma mistennija jżidu aktar pressjonijiet. Biex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li tiżviluppa ulterjorment strateġija globali dwar il-ħiliet fil-livell tal-UE taħt l-Unjoni tal-Ħiliet. Wieħed mill-pilastri ewlenin tagħha jiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Dan għandu l-għan, flimkien ma' objettivi oħra, li jkompli jappoġġa kontijiet individwali tal-apprendiment (ILAs, individual learning accounts), baġit għat-taħriġ personali tal-adulti kollha, li jespandi l-użu tal-mikrokredenzjali, u li tiġi pilotata Garanzija tal-Ħiliet biex tgħin lill-ħaddiema fit-tranżizzjoni minn setturi li qed jonqsu għal setturi li qed jikbru, ukoll bħala konsegwenza tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Azzjoni waħda, attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari dwar spazji ta' apprendiment innovattivi, timmira direttament l-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi bħala pedament għal apprendiment ulterjuri.

[116] Fl-2024, l-aktar okkupazzjonijiet b'nuqqas mifrux ta' ħaddiema kienu fis-snajja', fis-settur tas-saħħa u fl-ospitalità. Ara l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, *EURES Report on labour shortages and surpluses 2024*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025 u dokumenti relatati.

**Il-proficjenza fil-litteriżmu tal-adulti naqset filwaqt li l-proficjenza fin-numeriżmu tagħhom baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli, bi tnaqqis akbar fil-pajjiżi b'parteċipazzjoni baxxa fl-apprendiment għall-adulti**

Bidla fil-punteġġi tal-litteriżmu u tan-numeriżmu fost l-adulti (fl-età ta' bejn 16 u 65 sena) bejn l-2013 u l-2023 (pp, l-assi tax-xellug) u parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (% tal-adulti, l-assi tal-lemin)




*Sors*: Stħarriġ tal-OECD dwar il-Ħiliet tal-Adulti (2023)
*Noti*: Id-data dwar il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija estrazzjoni speċjali allinjata mad-definizzjoni tal-AES u tal-LFS tal-UE; BE ikopri biss il-Flanders

**Il-ħiliet bażiċi tal-adulti qed jonqsu fl-UE, b'impatt negattiv fuq in-nuqqas ta' ħiliet u fuq il-kapaċità tal-ħaddiema li jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-forza tax-xogħol b'mod aktar wiesa' jkunu jistgħu jlaħħqu mas-suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li sal-2030 mill-inqas 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena. Dan huwa partikolarment importanti peress li l-evidenza turi xejra ta' tnaqqis fil-ħiliet bażiċi fost il-popolazzjoni adulta (ara l-Illustrazzjoni)[117]. Matul l-aħħar deċennju, il-proficjenza fil-litteriżmu fost l-adulti fis-17-il Stat Membru tal-UE mistħarrġa naqset, filwaqt li l-proficjenza fin-numeriżmu baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli. B'riżultat ta' dan, madwar wieħed minn kull ħames adulti fl-UE huwa meqjus bħala bi prestazzjoni baxxa kemm fil-litteriżmu kif ukoll fin-numeriżmu fl-2023. In-nisa kellhom livell ogħla ta' litteriżmu, filwaqt li l-irġiel kellhom punteġġ ogħla fin-numeriżmu u fis-soluzzjoni adattiva tal-problemi. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti kienet aktar baxxa f'pajjiżi li osservaw tnaqqis sinifikanti fil-ħiliet tagħhom fil-litteriżmu u fin-numeriżmu[118].

**L-Unjoni tal-Ħiliet tenfasizza l-importanza li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet fost l-adulti u tistabbilixxi miżuri li jappoġġaw u jistimulaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.** Diversi Stati Membri qed jippilotaw l-ILAs bħala approċċ xprunat mid-domanda għat-taħriġ. **Il-Latvja** toffri ILAs iffinanzjati sa EUR 500 u portal online uniku biex ittejjeb l-aċċess għat-taħriġ. Il-mikrokredenzjali qed jirriżultaw bħala għażliet flessibbli għall-edukazzjoni kontinwa. **Il-Lussemburgu** qed jippilota qafas nazzjonali għall-mikrokredenzjali fil-livell universitarju għal edukazzjoni kontinwa, f'kooperazzjoni mal-aġenzija tal-akkreditazzjoni Netherlandiża-Fjamminga. Sabiex il-ħiliet jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq

[117] Ara l-OECD, Do Adults Have the Skills They Need to Thrive in a Changing World?: Survey of Adult Skills 2023, OECD Skills Studies, OECD Publishing, Pariġi, 2024.
[118] Ara l-OECD, *Trends in Adult Learning: New Data from the 2023 Survey of Adult Skills*, Getting Skills Right, OECD Publishing, Pariġi, 2025.

tax-xogħol, diversi pajjiżi qed itejbu l-proċessi tagħhom għall-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-għarfien u l-ħiliet, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-ħiliet. **Il-Bulgarija** aġġornat il-lista ta' professjonijiet tagħha b'enfasi fuq il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali fil-kuntest ta' riforma usa' tal-VET bħala parti mill-RRP, filwaqt li **l-Ġermanja** issa tippermetti ċ-ċertifikazzjoni ta' ħiliet professjonali mhux formalment miksuba skont l-Att tagħha dwar il-VET.

**Minkejja sforzi konsiderevoli mill-Istati Membri, l-inugwaljanzi edukattivi qed jiżdiedu hekk kif il-kisba fost l-istudenti żvantaġġati soċjoekonomikament naqset.** Filwaqt li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jippromwovu l-mobbiltà soċjali interġenerazzjonali billi jiddiżakkoppjaw il-kisbiet edukattivi mill-isfond soċjoekonomiku, ir-riżultati tal-istħarriġ PISA tal-2022 ikkonfermaw xi xejriet inkwetanti. L-isfond soċjoekonomiku jibqa' bassar b'saħħtu tal-eżiti tal-edukazzjoni fl-UE bi progress insuffiċjenti li huwa ħafna aktar frekwenti fost l-istudenti żvantaġġati milli fost il-pari vantaġġati tagħhom[119]. Barra minn hekk, is-sehem ta' studenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati li għandhom prestazzjoni tajba fil-ħiliet bażiċi (jiġifieri li jilħqu mill-inqas livell 4 fuq l-iskala ta' PISA fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma tal-qari, il-matematika jew ix-xjenza) kien biss ta' 16,3 % fl-2022, tnaqqis minn 20,8 % fl-2018 u 21,1 % fl-2015 – ara l-Illustrazzjoni 2.2.4[120]. Dan is-sehem naqas fi kważi l-Istati Membri kollha matul dak il-perjodu. Fil-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni, fl-Estonja, fil-Finlandja u fl-Irlanda, is-sehem ta' studenti minn sfond żvantaġġat li marru tajjeb ma kienx wisq ogħla minn 25 % fl-2022. B'paragun ma' dan, madwar l-UE, 59,0 % tal-istudenti minn sfondi żvantaġġati marru tajjeb fil-ħiliet bażiċi. Biex issegwi l-progress fuq l-inugwaljanzi strutturali, il-Kummissjoni pproponiet indikatur ġdid tal-ekwità u mira għall-2030 ibbażata fuq prestazzjoni tajba ta' studenti żvantaġġati fit-test ta' PISA. Fil-livell tal-UE, l-għan huwa li mill-inqas 25 % tal-istudenti żvantaġġati jkunu kisbu livell 4 jew ogħla f'qasam wieħed[121].

---

[119] Il-Kummissjoni Ewropea, The twin challenge of equity and excellence in basic skills in the EU, Publications Office of the European Union, 2024.

[120] F'PISA, dan jinqabad mill-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS, economic, social, and cultural status). Il-kategorija ta' sfond soċjoekonomiku vantaġġat tinkludi 25 % tal-istudenti kollha bl-ogħla punteġġi tal-ESCS fil-pajjiż partikolari, filwaqt li l-kategorija ta' sfond soċjoekonomiku żvantaġġat tinkludi 25 % tal-istudenti kollha bl-aktar punteġġi baxxi tal-ESCS.

[121] Il-Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, Interim evaluation of the 2021-2030 European Education Area strategic framework – Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions; l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

**Illustrazzjoni 2.2.4: Il-ħiliet bażiċi fost l-istudenti żvantaġġati naqsu fl-aħħar deċennju**

Studenti minn sfondi żvantaġġati li jiksbu livell 4 jew ogħla fil-qari, fil-matematika jew fix-xjenza (%)




*Nota*: Hija meħtieġa l-kawtela meta tiġi interpretata d-data tal-2022 għal DK, IE, LV u NL minħabba li wieħed jew aktar mill-istandards tal-kampjunar ta' PISA ma ġewx issodisfati. LU pparteċipa biss f'PISA 2018.
*Sors*: OECD, PISA 2015, 2018, 2022; Kalkoli tad-DĠ EAC.

**Livelli baxxi ta' litteriżmu diġitali u kompetenzi ċiviċi fost l-istudenti huma sors ta' tħassib, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tixrid tad-diżinformazzjoni.** L-UE impenjat ruħha li tnaqqas il-proporzjon ta' studenti tat-tmien grad (fl-età ta' bejn 13 u 14-il sena) bi progress insuffiċjenti f'kompetenzi diġitali għal inqas minn 15 % sal-2030. Fit-22 pajjiż tal-UE li pparteċipaw fl-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni (ICILS, International Computer and Information Literacy Study) fl-2023, 42,5 % tal-istudenti għandhom punteġġ taħt il-limitu minimu ta' profiċjenza fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni. Xi pajjiżi, bħaċ-Ċekja (28,0 %) u d-Danimarka (32,2 %), qed joqorbu lejn il-mira, filwaqt li oħrajn, bħar-Rumanija (74,0 %) u l-Greċja (60,4 %), għadhom lura ħafna. Avvanzi teknoloġiċi rapidi, bħall-IA ġenerattiva, flimkien ma' polarizzazzjoni li qed tiżdied u t-tixrid ta' diżinformazzjoni u miżinformazzjoni, jagħmlu t-trawwim aktar kmieni tal-ħiliet ta' ċittadinanza aktar kruċjali minn qatt qabel. Fl-2022, 63,1 % tal-istudenti fit-tmien grad fl-edukazzjoni skolastika ġenerali wrew livell adegwat ta' kompetenza ċivika bħala medja fost l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Istudju Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Ċivika u ta' Ċittadinanza (ICCS, International Civic and Citizenship education Study)[122], b'xi Stati Membri jirrapportaw aktar minn 70 % tal-istudenti li jilħqu livell adegwat ta' kompetenza ċivika u oħrajn taħt il-50 %. L-istudenti li għandhom livell adegwat jifhmu l-istituzzjonijiet, is-sistemi, il-prinċipji u l-prattiki ta' parteċipazzjoni demokratiċi. Dan jippermettilhom jirraġunaw dwar kwistjonijiet ċiviċi u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħajja demokratika.

**L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għandhom l-għan li jħejju lill-istudenti għas-suq tax-xogħol, għalkemm ir-rata ta' impjieg ta' gradwati reċenti naqset għall-ewwel darba mill-2020.** Il-VET jipprovdu taħriġ għal ħafna okkupazzjonijiet li huma f'nuqqas persistenti ta' ħaddiema u huma kruċjali għall-kompetittività u t-tħejjija tal-Ewropa – ara wkoll il-Kaxxa 3 tal-Pilastru. Fl-2024, kważi żewġ terzi (65,2 %) tal-gradwati reċenti tal-VET ta' livell medju (fl-età ta' bejn 20 u 34 sena) fl-UE esperjenzaw apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol bħala parti mill-kurrikulu tagħhom[123]. Din ir-rata taqbeż il-mira fil-

---

[122] Il-parteċipanti kienu: BG, DK, DE, EE, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, MT, NL, PL, RO, SI, SK, SE.
[123] Il-Eurostat, [tps00215].

livell tal-UE tal-2025 ta' mill-inqas 60 %[124]. Madankollu, hemm differenzi kbar u persistenti bejn il-pajjiżi. Kważi l-gradwati kollha (aktar minn 90 %) jieħdu sehem fl-apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol fil-Ġermanja, fin-Netherlands u fi Spanja. B'kuntrast ma' dan, ftit li xejn gradwati tal-VET jesperjenzaw apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol bħala parti mill-kurrikulu tal-VET tagħhom fir-Rumanija, fiċ-Ċekja jew fil-Greċja[125]. Ir-rata ta' impjieg tal-gradwati reċenti tal-VET naqset minn 80,9 % fl-2023 għal 80,0 % fl-2024. Dan huwa pass lura fid-dawl tal-mira li jintlaħaq mill-inqas 82 % sal-2025[126]. It-tnaqqis kien akbar għall-gradwati mill-edukazzjoni ta' livell medju b'orjentazzjoni ġenerali (minn 67,8 % għal 62,8 %) u għal dawk li telqu mill-edukazzjoni qabel ma temmew l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell (minn 61,9 % għal 52,1 %) – it-tnejn ikkaratterizzati minn varjazzjoni sinifikanti fost l-Istati Membri. Il-gradwati reċenti tal-VET li esperjenzaw apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol huma ferm aktar probabbli li jiġu impjegati (84,4 %) minn dawk li ma kellhomx din l-esperjenza (67,9 %).

**L-Ewropa rat żieda kbira fiż-żgħażagħ b'lawrja terzjarja, xprunata minn aċċess usa' għall-università u domanda dejjem akbar għal ħiliet ta' livell għoli fis-suq tax-xogħol.** Matul l-aħħar deċennju, is-sehem medju ta' dawk fl-età ta' bejn 25 u 34 sena b'lawrja terzjarja żdied b'mod sinifikanti għal 44,1 %, b' żieda ta' 1 pp fl-aħħar sena biss – ara l-Illustrazzjoni 2.2.5. Ir-rata ta' redditu mistennija fuq l-edukazzjoni hija fattur kritiku fid-deċiżjoni li titkompla l-edukazzjoni għolja, u dan l-ixprunatur baqa' stabbli matul l-aħħar deċennju, minkejja żieda sinifikanti fl-għadd ta' persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni[127]. Fl-2024, ir-rata tal-qgħad għall-persuni fl-età ta' bejn 25 u 34 sena b'edukazzjoni terzjarja kienet ta' 5,2 %, meta mqabbla ma' 6,7 % għal dawk b'livell edukattiv sekondarju milħuq tat-tieni livell u 15,3 % għal dawk b'livelli edukattivi milħuqa aktar baxxi. Barra minn hekk, il-ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja jaqilgħu 52 % aktar minn dawk li kisbu edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Għalkemm dawk b'edukazzjoni terzjarja jgawdu minn livelli ogħla ta' impjieg, il-gradwati reċenti mill-edukazzjoni fil-livell terzjarju esperjenzaw tnaqqis fir-rati ta' impjieg, li naqsu minn 87,6 % fl-2023 għal 86,7 % fl-2024. Dan it-tnaqqis jista' jiġi osservat fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u jista' jindika tnaqqis fir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul.

---

[124] Il-mira ġiet stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza.

[125] Data mmarkata ta' "affidabbiltà baxxa" għall-Ġermanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja u l-Finlandja.

[126] Il-mira ġiet stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza.

[127] Ara Education and Training Monitor 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Illustrazzjoni 2.2.5. Il-proporzjon ta' adulti żgħażagħ b'edukazzjoni terzjarja kiber fl-aħħar deċennju**

Proporzjon ta' persuni (fl-età ta' bejn 25 u 34 sena) bi grad ta' edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8, %)




*Noti:* Interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024, għal SI fl-2023 u għal LU fl-2015.
*Sors*: il-Eurostat, [edat_lfse_03].

**It-tisħiħ tal-mobbiltà tal-istudenti u tal-gradwati tal-edukazzjoni għolja jibqa' prijorità ewlenija biex jittejbu l-ħiliet u jiġu estiżi l-orizzonti, iżda dan kien qed jonqos f'dawn l-aħħar snin.** Ir-rata tal-mobbiltà 'l barra[128] naqset b'2,3 pp bejn l-2020 u l-2023. Fl-2023, 11,2 % biss mill-4 miljun gradwat(a) fl-edukazzjoni terzjarja li joriġinaw minn pajjiżi tal-UE esperjenzaw xi forma ta' mobbiltà fl-apprendiment, b'4,5 % jmorru għal lawrja sħiħa barra mill-pajjiż u madwar 6,6 % imorru għall-mobbiltà tal-krediti[129]. Bħala tali, il-mobbiltà 'l barra medja tal-gradwati fl-UE għadha ferm taħt il-mira ta' 23 % stabbilita għall-2030. Madankollu, għad hemm limitazzjonijiet multipli fid-data li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-mira, bħal rapportar mhux komplut dwar il-mobbiltà ta' inqas minn 3 xhur[130]. Bħala parti mill-Unjoni tal-Ħiliet, l-inizjattiva pilota "Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza" tassisti l-internazzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja billi tappoġġa organizzazzjonijiet akkademiċi u mhux akkademiċi fir-reklutaġġ ta' riċerkaturi postdottorat.

**In-nuqqas dejjem jikber ta' ħaddiema tas-sengħa fl-Ewropa rriżulta bħala theddida kbira għall-prosperità u l-kompetittività.** In-nuqqas ta' persunal tas-sengħa sar wieħed mill-ostakli primarji għall-investiment fl-2024, b'77 % tad-ditti li jsemmuh bħala restrizzjoni[131]. Il-problema hija partikolarment evidenti fil-kostruzzjoni u fil-manifattura, fejn il-konġestjonijiet tax-xogħol jimminaw kemm il-kapaċità tal-UE li tħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll il-potenzjal tat-tkabbir. L-importanza strateġika tal-ħiliet għall-prosperità u l-kompetittività tal-Ewropa ġiet enfasizzata kemm fir-Rapport ta' Enrico Letta dwar il-Futur tas-Suq Uniku kif ukoll fir-Rapport ta' Mario Draghi dwar il-Kompetittività tal-UE[132]. L-indirizzar ta' din l-isfida jeħtieġ sforzi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid fuq skala

[128] Ir-rata ta' mobbiltà 'l barra ta' pajjiż hija n-numru ta' gradwati bil-lawrja u b'mobbiltà tal-krediti minn dak il-pajjiż diviż bin-numru ta' gradwati li joriġinaw mill-pajjiż.
[129] Kalkoli tad-DĠ EAC.
[130] Ara p. 61 ta' Education and Training Monitor 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
[131] Abbażi tal-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-BEI. Ir-rapportar mid-ditti huwa ogħla biss dwar "inċertezza dwar il-futur" li huwa ogħla b'79 % u dwar "kostijiet tal-enerġija" b'77 %.
[132] More Than A Market, Enrico Letta, April 2024; The future of European competitiveness, Mario Draghi, Settembru 2024.

kbira fil-forza tax-xogħol tal-UE. Dan huwa element ewlieni tal-Unjoni tal-Ħiliet, strateġija komprensiva dwar il-ħiliet adottata f'Marzu 2025 bħala parti mill-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE.

**L-ispariġġi fil-ħiliet fil-livell makroekonomiku għadhom jonqsu madwar l-UE, iżda hemm varjazzjoni fl-Istati Membri.** L-indikatur makroekonomiku tal-ispariġġ fil-ħiliet jirrifletti l-grad ta' allinjament ħażin bejn id-domanda u l-provvista ta' ħiliet fost il-forza tax-xogħol[133]. B'mod partikolari, dan jenfasizza d-diffikultà relattiva ta' persuni b'livelli edukattivi milħuqa differenti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Mill-2014, l-indikatur ilu jonqos fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, xprunat l-aktar minn livelli edukattivi milħuqa li qed jiżdiedu. Madankollu, l-ispariġġi makroekonomiċi fil-ħiliet baqgħu għoljin (aktar minn 23 %) f'ċerti pajjiżi fl-2024, inklużi l-Italja, il-Belġju, il-Kroazja u l-Polonja, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 19,2 % – ara l-Illustrazzjoni 2.2.6. Min-naħa l-oħra, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands juru l-aktar rati baxxi, b'ċifri ta' inqas minn 15 %. B'mod kumplessiv, in-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet jistgħu jkunu marbuta ma' sfidi rigward il-kwalità, l-ekwità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll ma' nuqqasijiet persistenti ta' ħaddiema. Il-promozzjoni ta' livell edukattiv milħuq ogħla u t-tisħiħ tal-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid jistgħu jallinjaw aħjar il-provvista tal-ħiliet mad-domandi tas-suq tax-xogħol.

**Illustrazzjoni 2.2.6: L-ispariġġi fil-ħiliet fil-livell makroekonomiku għadhom jonqsu madwar l-UE iżda jvarjaw bejn l-Istati Membri**

Dispersjoni relattiva tar-rati ta' impjieg tal-ħaddiema b'livelli edukattivi milħuqa differenti, ponderati bis-sehem ta' kull grupp fil-popolazzjoni totali fl-età tax-xogħol (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena)




*Nota*: Dan l-indikatur jenfasizza d-diffikultà relattivament akbar biex il-persuni bi kwalifiki baxxi u medji jidħlu fis-suq tax-xogħol, meta mqabbla mal-persuni bi kwalifiki għoljin.
*Sors*: Kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq id-data tal-Eurostat [lfsg_egaed; lfsq_pgaed; lfsq_agaed], l-LFS tal-UE.

**Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti hija relattivament baxxa u tvarja ħafna bejn l-Istati Membri.** L-aktar ċifri riċenti mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES, Adult Education Survey) indikaw żieda żgħira fis-sehem tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment fl-UE (minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol), minn 37,4 % fl-2016

133 L-indikatur tal-ispariġġ makroekonomiku fil-ħiliet ikejjel id-dispersjoni relattiva tar-rati ta' impjieg tal-ħaddiema b'livell edukattiv milħuq differenti (baxx, medju u għoli), ponderata mis-sehem ta' kull grupp fil-popolazzjoni totali fl-età tax-xogħol (grupp ta' età ta' bejn 20 u 64 sena). Ara, il-Kummissjoni Ewropea, Analytical web note – Measuring skills mismatch. 7/2015, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015.

għal 39,5 % fl-2022, ferm taħt il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 ta' 60 % – ara l-Kaxxa 2 fil-Mira dwar il-Ħiliet – u b'disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri. L-ogħla rati ta' parteċipazzjoni ġew irrapportati fl-Iżvezja, fl-Ungerija, fin-Netherlands u fil-Ġermanja, biex b'hekk huma l-pajjiżi "bl-aqwa prestazzjoni" – ara l-Illustrazzjoni 2.2.7. Dawn il-pajjiżi kollha rreġistraw żidiet li jaqbżu 6,8 pp bejn l-2016 u l-2022, ħlief in-Netherlands, fejn il-parteċipazzjoni naqset b'1 pp. B'kuntrast ma' dan, ġew osservati livelli partikolarment baxxi ta' parteċipazzjoni, li jirriflettu d-disparitajiet fl-UE, fil-Bulgarija, fil-Greċja, fir-Rumanija, fil-Polonja u fiċ-Ċekja, li kollha jinsabu f'"sitwazzjoni kritika". Il-livelli huma wkoll inqas minn 30 % u "għandhom jiġu osservati" fil-Kroazja, f'Ċipru, fil-Litwanja, fl-Italja u fis-Slovenja.

**Illustrazzjoni 2.2.7: L-apprendiment għall-adulti żdied biss bi ftit mill-2016, b'varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mill-2016 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim provviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu ta' data tal-AES minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll Annual Employment Performance Report 2024. Il-bidla għall-2022 tiġi kkalkolata fir-rigward tal-valur tal-2016, l-aħħar wieħed disponibbli qabel l-2022. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022 għal FR, IT u RO.
*Sors*: Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar mingħajr taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol (GOJT, guided on-the-job training).

**Kaxxa fil-Mira 2: Il-progress lejn il-mira tal-apprendiment għall-adulti għall-2030**

**Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti żdiedet biss b'mod marġinali, u ħalliet sforzi sostanzjali meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE sal-2030.** Skont l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES), ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-UE (minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol) żdiedet minn 37,4 % fl-2016 għal 39,5 % fl-2022

(ara l-Illustrazzjoni ta' hawn taħt)[134]. Id-data mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS, Labour Force Survey) tindika żieda kumplessiva fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment bejn l-2022 u l-2024. Din ix-xejra ħafifa ma hijiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena sal-2030. Il-progress imħaffef huwa kruċjali biex il-forza tax-xogħol tiġi mgħammra għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu, jiġi mmitigat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u jiġu ppreservati l-kompetittività u l-inklużività.

**Il-progress fl-apprendiment għall-adulti ma huwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar fl-EU-27 u l-mira ewlenija tal-UE għall-2030 (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, %)




*Nota*: L-AES tal-2007 kien eżerċizzju pilota ta' kampjun kbir imwettaq fuq bażi volontarja fl-Istati Membri kollha, ħlief fl-Irlanda u fil-Lussemburgu, bejn l-2005 u l-2008. Fuq din il-bażi, ġew implimentati aġġustamenti fil-mewġa li jmiss. Mill-2011, l-AES huwa sostnut minn att legali Ewropew u għalhekk jitwettaq fl-Istati Membri kollha fuq bażi obbligatorja[135]. Interruzzjonijiet fis-serje fl-2011 għall-UE, FR, HU, fl-2016 għal IE, LU, SE u fl-2022 għal FR, IT, RO.
*Sors*: Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar mingħajr taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol (GOJT).

[134] F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim provviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu ta' data tal-AES minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll Annual Employment Performance Report 2024.

[135] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 823/2010 jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-att legali bażiku (ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għall-AES tal-2011.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġu sforzi sostanzjali biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom sal-2030**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar fil-miri tal-EU-27 u dawk nazzjonali għall-2030 għall-Istati Membri (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, %)




*Nota*: Interruzzjonijiet fis-serje fl-2016 għal IE, LU, SE u fl-2022 għal FR, IT, RO.
*Sors*: Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar mingħajr taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol (GOJT) utabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom lura fir-rigward tal-miri nazzjonali tagħhom għall-apprendiment għall-adulti, minkejja progress notevoli fi ftit każijiet.** Sal-2022, l-Iżvezja, l-Ungerija u r-Rumanija kienu qabżu l-miri tagħhom, bis-Slovakkja toqrob lejn il-mira tagħha (ara l-Illustrazzjoni ta' hawn fuq). Ir-Rumanija rreġistrat l-akbar żieda minn bażi relattivament baxxa, għalkemm l-interruzzjoni fis-serje tikkomplika l-paraguni. Fost l-24 pajjiż li għadhom taħt il-mira, minoranza biss ta' pajjiżi rreġistraw kisbiet sinifikanti.

**Illustrazzjoni 2.2.8: Il-ħaddiema f'okkupazzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet huma ferm inqas probabbli li jipparteċipaw fl-apprendiment għall-adulti**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar skont il-klassi tal-okkupazzjoni (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, %)




*Nota:* Interruzzjonijiet fis-serje fl-2016 għal IE, LU, SE u fl-2022 għal FR, IT, RO.
*Sors*: Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar inkluż taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol (GOJT).

**L-opportunitajiet ta' taħriġ huma ferm inqas probabbli li jkunu disponibbli għal dawk li jaħdmu f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet, li jħallihom aktar vulnerabbli għall-bidliet fis-suq tax-xogħol.** Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti żdiedet fost il-persuni impjegati b'mod kumplessiv bejn l-2016 u l-2022. Dan jista' jiġi attribwit prinċipalment

għall-grupp okkupazzjonali ta' "maniġers, professjonisti, tekniċi u professjonisti assoċjati", peress li gruppi oħra esperjenzaw tnaqqis jew staġnar. Din ix-xejra ta' parteċipazzjoni hija osservata fost il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bl-eċċezzjoni tas-Slovakkja, l-Iżvezja, Ċipru, l-Ungerija u l-Irlanda. Is-Slovakkja u l-Iżvezja josservaw rata għolja ħafna ta' parteċipazzjoni fost l-adulti f'okkupazzjonijiet elementari. Għal Ċipru, l-Ungerija u l-Irlanda, "ħaddiema manwali tas-sengħa" jipparteċipaw f'livell simili jew ogħla minn "ħaddiema ta' appoġġ klerikali, ħaddiema tas-servizzi u tal-bejgħ". Il-baġits għat-taħriġ personali, bħall-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment, li jistimulaw id-domanda fost il-ħaddiema, huma wieħed mill-metodi ewlenin għaż-żieda fil-parteċipazzjoni. Stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru jiżvela li l-maġġoranza (56 %) tar-rispondenti (ta' 15-il sena jew aktar) x'aktarx li jużaw baġit bħal dan. Dan in-numru jiżdied għal kważi tliet kwarti (73 %) meta jitqiesu dawk li bħalissa qed jaħdmu jew li jistgħu jibdew jaħdmu fis-sentejn li ġejjin[136]. Dan l-interess jindika rikonoxximent tal-valur tal-opportunitajiet ta' taħriġ magħżula minnhom infushom, għalkemm il-gradi differenti ta' probabbiltà fost gruppi demografiċi differenti jissuġġerixxu ostakli potenzjali għall-aċċess u motivazzjoni differenti biex wieħed jidħol fi programmi bħal dawn. Fl-ambitu tal-Unjoni tal-Ħiliet, inizjattivi ġodda bħall-proġett pilota dwar il-Garanzija tal-Ħiliet u proġett pilota għal sħubijiet tranżnazzjonali bejn l-universitajiet u n-negozji għal setturi b'differenzi serji fil-ħiliet jikkomplementaw dawk eżistenti bħall-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment u l-Akkademji tal-Ħiliet tal-UE f'oqsma strateġiċi, l-espansjoni ta' mikrokredenzjali u spazji innovattivi ta' apprendiment fil-komunità. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jespandu l-opportunitajiet ta' apprendiment u jsaħħu l-oqfsa tal-ħiliet tal-UE permezz ta' kollaborazzjoni pubblika-privata, filwaqt li jgħinu wkoll lill-ħaddiema fi tranżizzjoni bejn is-setturi u jnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet.

[136] Ara, il-Kummissjoni Ewropea, Special Eurobarometer 559 – Investing in Fairness (January to February 2025).

**Illustrazzjoni 2.2.9: Fil-ħiliet diġitali tal-adulti huma osservati differenzi kbar bejn il-pajjiżi**

Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew ta' livell ogħla (fl-età ta' bejn 16 u 74 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mill-2021 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Il-ħiliet diġitali kumplessivi jirreferu għal ħames oqsma: ħiliet fl-informazzjoni u fil-litteriżmu fid-data; ħiliet ta' komunikazzjoni u ta' kollaborazzjoni; ħiliet għall-ħolqien ta' kontenut diġitali; ħiliet ta' sikurezza; u ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi. Sabiex ikun hemm mill-inqas ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi, in-nies iridu jkunu jafu kif għandhom iwettqu mill-inqas attività waħda relatata ma' kull qasam. Għal aktar informazzjoni, ara Eurostat.
*Sors*: il-Eurostat, [tepsr_sp410].

**Il-ħiliet diġitali huma baxxi madwar l-UE, u ftit Stati Membri għandhom livelli qrib jew ogħla mill-mira fil-livell tal-UE għall-2030.** F'Ewropa trasformata b'mod diġitali, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali jiddependu fuq l-adulti li għandhom ħiliet diġitali bażiċi, li huwa rifless fil-mira ta' mill-inqas 80 % tal-adulti (fl-età ta' bejn 16 u 74 sena) li jkollhom ħiliet diġitali bażiċi sal-2030[137]. Aktar minn 90 % tan-nies fl-UE jużaw l-internet mill-inqas darba fil-ġimgħa[138], iżda dan mhux bilfors ifisser li għandhom l-għarfien diġitali t-tajjeb. Fl-2023, 55,6 % biss tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, żieda żgħira mill-2021 (53,9 %). B'dan il-pass, 59,8 % biss ikollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi sa tmiem id-

[137] Iddefinita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Kumpass Diġitali għad-Deċennju Diġitali.

[138] Ara, il-Kummissjoni Ewropea, Digitalisation in Europe – 2025 edition, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

deċennju[139]. Hemm differenzi kbar fil-prestazzjoni bejn l-Istati Membri. Ir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Polonja huma l-pajjiżi bl-inqas ishma ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u jinsabu f'"sitwazzjoni kritika" – ara l-Illustrazzjoni 2.2.9. B'kuntrast ma' dan, in-Netherlands (82,7 %) u l-Finlandja (82,0 %) diġà qabżu l-mira fil-livell tal-UE għall-2030, u huma meqjusin bħala "bl-aqwa prestazzjoni", flimkien mal-Irlanda. F'Ċipru, fl-Italja, fil-Latvja, fis-Slovakkja u fis-Slovenja, il-livelli huma baxxi, bejn 45 % u 51,3 %. Dawn il-pajjiżi, flimkien mal-Kroazja u l-Lussemburgu li raw tnaqqis kbir bejn l-2021 u l-2023, "għandhom jiġu osservati". B'mod kumplessivi, l-aktar data reċenti turi li l-maġġoranza tal-Istati Membri (17) għamlu progress fit-titjib tal-ħiliet diġitali bejn l-2021 u l-2023.

**Il-livell ta' ħiliet diġitali jvarja sostanzjalment skont il-gruppi tal-popolazzjoni u l-post.** Is-sehem taż-żgħażagħ fl-età ta' bejn 16 u 24 sena b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa relattivament għoli, għalkemm naqas ftit (minn 71,2 % fl-2021 għal 70,0 % fl-2023), u sfida l-idea li ż-żgħażagħ kollha huma "nattivi diġitali". B'mod aktar ġenerali, il-ħiliet diġitali huma partikolarment baxxi fost persuni mingħajr kwalifiki formali jew bi kwalifiki formali baxxi (33,6 % fl-2023), il-popolazzjoni akbar fl-età (37,1 % fl-età ta' bejn 55 u 74 sena), dawk li jgħixu f'żoni rurali (47,5 %) u l-persuni qiegħda (47,7 %).

**L-għadd ta' speċjalisti tal-ICT huwa ferm inqas mill-ħtieġa projettata.** Fl-2024, 10,3 miljun persuna ħadmu bħala speċjalisti tal-ICT, li jirrappreżentaw 5,0 % ta' dawk kollha impjegati. Bil-pass kurrenti, fost il-kompetizzjoni dejjem tikber għal talent b'ħiliet diġitali, l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT se jilħaq biss 12,4 miljun sal-2030, ferm inqas mill-mira tad-deċennju diġitali tal-UE ta' 20 miljun[140]. Dan se jkollu implikazzjonijiet negattivi potenzjali għall-kompetittività u għall-innovazzjoni futuri tal-UE. Hemm lok biex jiżdied l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT billi titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri (19,5 % biss tal-ispeċjalisti tal-ICT huma nisa) u jittejjeb il-bilanċ ġeografiku madwar l-UE (il-proporzjon ta' speċjalisti tal-ICT bħala perċentwal tal-impjiegi totali jvarja minn 2,5 % fil-Greċja għal 8,6 % fl-Iżvezja).

**Kaxxa 3 tal-Pilastru: L-Unjoni tal-Ħiliet fil-Fokus - Tisħiħ ta' STEM[141]**

**Uħud mill-aktar nuqqasijiet mifruxa ta' ħaddiema fl-UE huma fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM), li jfixklu l-kompetittività u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** Illum, biż-żieda tal-IA, it-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, ir-riskji tal-bijoteknoloġija, tad-difiża u tas-sigurtà, u l-analitika tad-data kumplessa, hija essenzjali provvista qawwija ta' professjonisti STEM. Madankollu, hemm nuqqas mifrux ta' ħaddiema f'oqsma STEM, li l-biċċa l-kbira tagħhom jikkonċernaw is-snajja', il-kostruzzjoni u l-inġinerija (ara wkoll it-taqsima 2.1.1). In-nuqqasijiet huma osservati wkoll f'diversi okkupazzjonijiet relatati mal-ICT[142]. Fid-deċennju li jmiss, in-nuqqasijiet huma previsti li jikbru b'mod sinifikanti f'xi okkupazzjonijiet STEM, fil-kuntest ta' popolazzjoni tal-età tax-xogħol li qed tonqos u l-ħtieġa li l-ħaddiema li qed jirtiraw jiġu sostitwiti kif ukoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Għalhekk, in-numru kurrenti ta' speċjalisti STEM ma huwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u se jkunu meħtieġa aktar speċjalisti biex iwieġbu għaż-żieda fid-domanda. Il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM, inizjattiva taħt l-Unjoni tal-Ħiliet, jipproponi azzjonijiet ambizzjużi biex tiġi indirizzata din l-isfida madwar l-UE u jipproponi miri dwar ir-reġistrazzjoni STEM. Pereżempju, sal-2030, 45 % tal-VET u 32 % tal-istudenti terzjarji għandhom jiġu rreġistrati

[139] Għat-trajettorja lejn il-mira għall-2030, ara l-Kummissjoni Ewropea, State of the Digital Decade 2025 report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.
[140] Ara l-Anness I ta' State of the Digital Decade 2025.
[141] Il-Kummissjoni Ewropea (2025). Education and Training Monitor 2025 – *Rapport komparattiv.*
[142] EURES (2025). Labour shortages and surpluses in Europe 2024.

f'oqsma STEM u 5 % tal-istudenti tal-PhD fi programmi tal-ICT. F'dan ir-rigward, l-Istrateġija tal-UE li ġejja dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali se tistabbilixxi viżjoni li tħares 'il quddiem biex il-VET isiru aktar attraenti, inklużivi u risponsivi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Dan se jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kontribut tal-VET għall-apprendiment tul il-ħajja, il-kompetittività u l-ġustizzja soċjali, b'enfasi fuq il-kwalità, l-innovazzjoni, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-mobbiltà internazzjonali.

**Ir-reġistrazzjoni fil-programmi STEM tvarja fost l-Istati Membri tal-UE**

Sehem ta' studenti tal-VET ta' livell medju (ISCED 3-4) u tal-edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8) fl-oqsma STEM fl-2023 (%)




*Sors:* il-Eurostat [educ_uoe_enra03]; [educ_uoe_enrt03].

**Ir-reġistrazzjoni fi programmi STEM ma żdiditx b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u hemm lok biex din tiżdied, inkluż billi jiġu attirati aktar nisa għaliha.** Fil-VET ta' livell medju, 36,3 % tal-istudenti kollha madwar l-UE ġew irreġistrati fi programmi STEM fl-2023. Ir-rata hija ta' 2,3 pp ogħla milli fl-2015, u varjat madwar 36 % mill-2020. Fl-edukazzjoni terzjarja, 26,9 % tal-istudenti ġew irreġistrati fi programmi STEM, bil-medja tal-UE tonqos b'0,7 pp matul l-aħħar deċennju. L-Illustrazzjoni turi varjabbiltà kbira fost ir-rati ta' reġistrazzjoni STEM tal-pajjiżi tal-UE fiż-żewġ livelli. Ir-reġistrazzjoni tal-VET tvarja minn 19 % fin-Netherlands għal 59,8 % f'Ċipru, u minn 13,9 % f'Malta għal 35,5 % fil-Ġermanja fil-livell terzjarju. Ir-reġistrazzjoni tvarja wkoll skont is-subqasam STEM[143]. L-inġinerija, il-manifattura u l-kostruzzjoni huma l-akbar subqasam fil-VET u fil-livell terzjarju, filwaqt li ż-żewġ oqsma STEM l-oħra (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; ix-xjenzi naturali, il-matematika u l-istatistika) għandhom parteċipazzjoni ħafna aktar baxxa. L-istudenti nisa ma humiex rappreżentati biżżejjed bil-kbir fir-reġistrazzjoni STEM: dawn jirrappreżentaw biss 15,4 % tal-istudenti tal-VET u 32,2 % tal-istudenti terzjarji. Dawn id-differenzi bejn il-ġeneri jirriżultaw minn fatturi tal-familja, tal-iskola, soċjali u kulturali b'għeruq fondi li jaffettwaw l-interess u l-inkoraġġiment tan-nisa biex isegwu karrieri fi STEM minn età bikrija[144]. Ix-xejriet li qed jiddeterjoraw fil-prestazzjoni tal-istudenti fil-matematika u fix-xjenza, kif indikat minn PISA 2022[145], kif ukoll in-nuqqas ta' għalliema,

[143] L-oqsma STEM huma: "xjenzi naturali, matematika u statistika", "teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni" u "inġinerija, manifattura u kostruzzjoni", kif iddefiniti fil-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni tal-UNESCO tal-2013.

[144] Ara EENEE (2020). Gender differences in tertiary education: what explains STEM participation? Id-deċiżjoni li jiġu studjati STEM tiddependi fuq ħafna fatturi, mill-ħajja bikrija u mill-ambjent tal-familja sal-kunsiderazzjonijiet tal-karriera u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-esperjenza matul l-iskola hija importanti ħafna, inkluż il-prestazzjoni fil-matematika.

[145] Ara, il-Kummissjoni Ewropea (2024). The twin challenge of equity and excellence in basic skills in the EU.

speċjalment fl-oqsma STEM, jistgħu jħallu impatt ulterjuri fuq ir-rati ta' reġistrazzjoni fil-futur.

**L-Istati Membri qed jieħdu miżuri biex jagħtu spinta lill-interess fi STEM minn età żgħira.** Huwa essenzjali li jitrawwem l-interess fil-karrieri STEM kmieni u b'mod effettiv, bl-għalliema u bl-approċċi pedagoġiċi jkollhom rwoli kruċjali. **Iċ-Ċekja** qed tippilota metodi innovattivi ta' tagħlim STEM fl-iskejjel billi ġġib esperti tat-teknoloġija fil-klassi u permezz ta' tagħlim flimkien. **Il-Bulgarija** qed tistabbilixxi laboratorji STEM f'aktar minn 1 800 skola, flimkien ma' ċentru nazzjonali STEM u tlieta reġjonali, bl-appoġġ tal-RRF. **L-Estonja** u **l-Litwanja** qed jadottaw kurrikulu aktar integrat u bbażat fuq proġetti li nstab li jsaħħaħ l-interess fi STEM. **Id-Danimarka** tqis l-oqsma STEM bħala essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-attraenza tal-VET, b'investimenti sostanzjali fl-immodernizzar tal-istandards u tal-kurrikuli, u finanzjament għat-taħriġ fis-servizz tal-għalliema fil-programmi kollha tal-VET. **Il-Portugall**, bl-appoġġ tal-RRF, qed jistabbilixxi 365 ċentru teknoloġiku speċjalizzat li jiffokaw fuq setturi b'potenzjal għoli u għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura teknoloġika tal-edukazzjoni vokazzjonali sekondarja tal-ewwel livell kif ukoll li joħolqu korsijiet ġodda għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. **Il-Latvja** introduċiet mudell ta' finanzjament ibbażat fuq l-eżiti tal-gradwati biex tinċentiva lill-universitajiet biex jiffokaw fuq il-produzzjoni ta' gradwati kwalifikati, b'mod partikolari fl-oqsma STEM. Hija introduċiet ukoll aktar flessibbiltà fl-ammissjonijiet li tippermetti lill-istituzzjonijiet jaġġustaw il-ħtiġijiet tagħhom abbażi tad-domanda għall-professjonisti STEM.

**Illustrazzjoni 2.2.10: Id-differenzi fir-rati ta' NEET qed jonqsu iżda għadhom sinifikanti**

Ir-rata ta' NEET (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) naqas marġinalment iżda mingħajr sinjal ċar ta' konverġenza.** Wara li laħqet il-quċċata ta' 14,0

% fl-2020, ir-rata ta' NEET (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) naqset progressivament fl-UE, għal 11,1 % fl-2024. Madankollu, varjazzjoni sinifikanti hija evidenti fost l-Istati Membri. Ir-Rumanija, l-Italja u l-Litwanja rreġistraw l-ogħla rati ta' NEET fl-2024 u jinsabu f'"sitwazzjoni kritika" – ara l-Illustrazzjoni 2.2.10. Il-pajjiżi "bl-aqwa prestazzjoni", u dawk il-pajjiżi bl-aktar rati baxxi, kienu n-Netherlands, l-Iżvezja u Malta. Is-sitwazzjoni fl-Estonja, fil-Lussemburgu u fil-Latvja, fejn ir-rati ta' NEET żdiedu fl-2024, hija waħda li "għandha tiġi osservata", kif inhi fi Franza, fejn ir-rati għadhom għoljin. Minkejja dan it-tnaqqis u xi sinjali ta' konverġenza iżda mhux ċari fl-Istati Membri, l-UE tibqa' 2,1 pp 'il bogħod mill-mira għall-2030 ta' 9,0 %. Ir-rata ta' NEET bla xogħol, jiġifieri dawk li qed ifittxu b'mod attiv u li huma disponibbli biex jaħdmu f'dan il-grupp ta' età, naqset b'0,1 pp għal 4,2 % fl-2024. Din ir-rata kienet l-ogħla fil-Greċja u fi Spanja, għalkemm it-tnejn urew titjib mil-livelli tal-2023. Is-sehem ta' NEETs barra mill-forza tax-xogħol tjieb bi ftit (6,9 % fl-2024 vs 7,0 % fl-2023), iżda għadu għoli fir-Rumanija, fl-Italja, fil-Litwanja u fil-Bulgarija. Is-sehem ta' NEETs skoraġġuti qabad xejra ta' tnaqqis żgħir fil-livell tal-UE (minn 4,9 % fl-ogħla livell tal-pandemija fl-2020 għal 4,2 % fl-2024). F'dan l-isfond, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa [146], fl-appoġġ tagħha għan-NEETs billi toffri impjieg ta' kwalità, edukazzjoni ulterjuri, apprendistati jew traineeships, u l-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA, Aim, Learn, Master, Achieve), biex tgħin lin-NEETs żvantaġġati jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż[147], għadhom inizjattivi importanti.

**Jeżistu disparitajiet fir-rati ta' NEET fl-Istati Membri, kif ukoll bejn ir-reġjuni kontinentali u dawk ultraperiferiċi.** L-aktar rata reġjonali baxxa hija ta' 4,4 % (f'Utrecht fin-Netherlands), u l-ogħla rata kontinentali hija ta' 29,9 % (f'Sud-Est fir-Rumanija). Id-disparitajiet fl-Istati Membri huma notevoli fi Franza, fl-Italja, fil-Polonja, fil-Finlandja u fl-Ungerija. L-ogħla rata kumplessiva ta' NEET fl-UE ġiet irreġistrata fir-reġjun ultraperiferiku Franċiż tal-Guyana b'34,4 %. B'kuntrast ma' dan, Stati Membri bħan-Netherlands, l-Iżvezja u l-Awstrija għandhom rati baxxi b'mod kumplessiv u varjazzjoni baxxa bejn ir-reġjuni. Hemm distakk urban-rurali fl-UE. Ir-rata ta' NEET fl-ibliet kienet ta' 10,1 %, fl-irħula u fis-subborgi ta' 11,5 % u ta' 12,3 % fiż-żoni rurali.

[146] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

[147] Aktar informazzjoni tinsab fuq: ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve) - Employment, Social Affairs & Inclusion - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

**Illustrazzjoni 2.2.11: Kważi fl-Istati Membri kollha, ir-rata ta' NEETs hija ogħla fost in-nisa**

Ir-rati ta' NEET għall-irġiel u għan-nisa (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena, %, 2024)




*Nota*: Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR; interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Ir-rati ta' NEET għadhom ogħla fost il-persuni b'diżabbiltà, in-nisa u għall-persuni li twieldu barra mill-UE.** Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ b'diżabbiltà ma tjibitx (27,8 % kienu NEET fl-2023, vs 27,3 % fl-2022). Fl-Istati Membri kollha minbarra tnejn, ir-rata kienet ta' aktar minn 20 %, bl-ogħla fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fis-Slovakkja u f'Ċipru[148]. Fl-2024, ir-rata ta' NEET għan-nisa (12,1 %) kompliet tonqos (minn 13,0 % fl-2022 u 15,4 % fl-2020) iżda baqgħet ogħla minn dik għall-irġiel – ara l-Illustrazzjoni 2.2.11. Din kienet konsiderevolment ogħla fir-Rumanija u fiċ-Ċekja (11,2 pp u 9,4 pp ogħla milli għall-irġiel rispettivament). B'kuntrast ma' dan, ir-rata għall-irġiel kienet ftit ogħla milli għan-nisa fil-Belġju, fl-Estonja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja. Id-doppju ta' nisa NEET jinsabu barra mill-forza tax-xogħol milli huma qiegħda (8,5 % vs 3,6 % fl-2024, meta mqabbla ma' 5,4 % vs 4,7 % għall-irġiel). Ir-rata ta' NEET għaż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE hija wkoll ħafna ogħla mir-rata fost dawk li twieldu fl-Istat Membru inkwistjoni, 18,4 % vs 10,2 %. Din id-diskrepanza fost in-nisa li twieldu barra mill-UE hija ta' aktar minn 13,1 pp, filwaqt li għall-irġiel hija biss ta' 3,6 pp. L-indirizzar ta' dawn id-disparitajiet jista' jkollu benefiċċju ekonomiku kbir. Il-Eurofound tistma li t-telf ekonomiku annwali ta' NEET wieħed fl-2023 kien ta' madwar EUR 14 600, bħala medja[149].

**Għall-ewwel darba mill-pandemija tal-COVID-19, il-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-livell tal-UE żdied bi ftit, u b'hekk kiser ix-xejra 'l isfel.** Wara tnaqqis kostanti wara l-quċċata tal-kriżi tal-COVID-19 (17,6 % fl-UE fl-2020), ġiet osservata żieda żgħira ta' 0,3 pp minn 14,6 % fl-2023 għal 14,9 % fl-2024 fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena)[150]. Fil-livell tal-UE, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadha aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad għall-persuni fl-età ta' bejn 15 u 74 sena (5,9 %). Għalkemm id-daqs tal-bidla sena wara sena jvarja bejn l-Istati Membri, fl-Istati Membri kollha ġie osservat staġnar jew żieda ħlief f'sebgħa minnhom. F'xi Stati Membri ġew osservati żidiet relattivament kbar b'rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Iżvezja, fir-Rumanija u fil-Lussemburgu. Oħrajn f'dan il-grupp ta' pajjiżi raw tnaqqis kbir ta' daqs simili, inklużi l-Greċja, Spanja u l-Italja, flimkien

---

148 European Disability Expertise Statistical Report 2025, Rapporti - il-Kummissjoni Ewropea
149 Analiżi tal-Eurofound li tidher fil-Kummissjoni Ewropea, Employment and social developments in Europe 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
150 Il-Eurostat [tesem140].

mal-Latvja u l-Kroazja b'rati aktar baxxi. Il-qgħad huwa partikolarment prevalenti fost iż-żgħażagħ bi kwalifiki baxxi (20,6 %) u dawk li twieldu barra mill-UE (19,3 %). Dawn l-iżviluppi jenfasizzaw il-ħtieġa għal azzjoni kontinwa biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jxekklu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl ta' nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ħiliet u r-riskji fit-tul għall-prospetti tal-karriera taż-żgħażagħ.

**Ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema akbar fl-età tkompli tiżdied, filwaqt li tibni fuq deċennju ta' tkabbir fl-Istati Membri kollha.** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg ta' persuni akbar fl-età (fl-età ta' bejn 55 u 64 sena) żdiedet għal 65,2 %, żieda ta' 1,3 pp fuq is-sena ta' qabel. Minkejja dan it-titjib kumplessiv, għad hemm differenzi sostanzjali madwar l-UE. Filwaqt li fl-Iżvezja, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fin-Netherlands, fil-Ġermanja u fid-Danimarka, ir-rati ta' impjieg ta' persuni akbar fl-età kienu ogħla minn 75 %, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u l-Kroazja kellhom rati taħt il-55 % – ara l-Kaxxa 4 tal-Pilastru.

**Kaxxa 4 tal-Pilastru L-integrazzjoni tal-persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol fl-UE**

**L-appoġġ għall-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol jista' jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u għall-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq il-forza tax-xogħol[151].** Il-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol mistennija li tonqos b'1,2 miljun persuna fis-sena mill-2030, u l-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata[152] mistenni jiżdied minn 36 % fl-2022 għal 55 % sal-2050 u jkompli jiżdied għal 59 % fl-2070[153]. Mingħajr aktar bidliet, it-tixjiħ tal-popolazzjoni jista' jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema u jirrappreżenta sfida konsiderevoli għat-tkabbir ekonomiku u għas-sostenibbiltà tal-istandards tal-għajxien[154]. Filwaqt li l-persuni akbar fl-età (fl-età ta' bejn 55 u 64 sena) li jaħdmu, aktar jistgħu jrawmu b'mod sostanzjali l-impjiegi tal-UE[155], kważi nofs dawk li ħarġu mis-suq tax-xogħol fl-2023 irtiraw. Ir-raġunijiet għal dan jinkludu inċentivi mis-sistemi tal-pensjonijiet, fatturi relatati mas-saħħa, bħal mard, diżabbiltà, iżda wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, nuqqas ta' flessibbiltà fuq il-post tax-xogħol, u l-iffaċċjar ta' preġudizzju abbażi tal-età. Fid-dawl ta' dan, jidher li hemm bżonn ta' taħlita ta' politiki sabiex jiġu appoġġati l-parteċipazzjoni u l-impjiegi tal-ħaddiema akbar fl-età, li jkopru fost l-oħrajn sistemi tal-pensjoni, politiki ta' attivazzjoni u ta' taħriġ imfassla apposta. Id-Direttiva tal-UE 2000/78/KE għall-ugwaljanza fit-trattament u għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-impjiegi, u s-sett ta' għodod dwar id-demografija żviluppat fl-2023, jipprovdu oqfsa utli għal azzjoni f'dan il-qasam ta' politika[156]. F'Ġunju 2025, il-Kunsill approva wkoll konklużjonijiet dwar l-appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Dawn talbu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi bħall-inċentivar tal-estensjoni volontarja tal-attività professjonali.

[151] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[152] Il-proporzjon tal-popolazzjoni ta' età avvanzata mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol.

[153] Ara l-Kummissjoni Ewropea (2024), 2024 ageing report: economic & budgetary projections for the EU Member States (2022-2070). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, u l-Eurostat [proj_23ndbi].

[154] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[155] Ara l-Kaxxa 3 tal-Pilastru fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025.

[156] Ara It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM(2023) 577 final.

**In-nisa akbar fl-età huma ferm aktar probabbli li jkunu barra mill-forza tax-xogħol mill-irġiel akbar fl-età fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE**

Il-popolazzjoni fl-età ta' bejn 55 u 64 sena barra mill-forza tax-xogħol bħala sehem mill-popolazzjoni totali fl-età ta' bejn 15 u 64 sena barra mill-forza tax-xogħol, u l-kompożizzjoni tagħha skont il-ġeneru (%, 2024).




*Nota:* Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: Kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq il-Eurostat [lfsa_igan]

**Minkejja titjib konsiderevoli matul dawn l-aħħar deċennji, il-persuni akbar fl-età għadhom aktar probabbli minn gruppi ta' età oħra li jkunu barra mill-forza tax-xogħol, u dan huwa saħansitra aktar prevalenti għan-nisa.** Mill-2009, il-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-persuni akbar fl-età żdiedet b'aktar minn 20 pp, għal 68,2 % fl-2024. Madankollu, il-persuni akbar fl-età (fl-età ta' bejn 55 u 64 sena) xorta kienu jirrappreżentaw sehem sinifikanti (28,1 %) tal-adulti (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) barra mill-forza tax-xogħol, li jvarja minn 17,7 % fiċ-Ċekja għal aktar minn 35 % fl-Awstrija, fis-Slovenja, u fil-Kroazja (ara l-Illustrazzjoni). Din il-varjazzjoni tirrifletti, fost l-oħrajn, id-differenzi fl-iskemi u fix-xejriet tal-irtirar. Dawn jinkludu età statutorja tal-irtirar li tvarja minn 62,8 sena għall-irġiel fis-Slovakkja u 60 għan-nisa fil-Polonja, għal 67 kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa fl-Italja, fil-Greċja u fid-Danimarka[157]. Minkejja r-riformi istituzzjonali biex tiġi estiża l-ħajja tax-xogħol, kważi għoxrin fil-mija tal-pensjonanti tal-UE fl-età ta' bejn 50 u 74 sena xorta għażlu li jirtiraw kmieni b'pensjoni mnaqqsa fl-2023[158]. Dan kien l-aktar frekwenti f'Ċipru (45,8 %), fil-Portugall (28,3 %), u fil-Belġju (38,2 %), u l-inqas prevalenti fil-Bulgarija (1,8 %) u fis-Slovenja (4,6 %). Barra minn hekk, kważi l-Istati Membri kollha wrew sehem akbar ta' nisa akbar fl-età barra mis-suq tax-xogħol. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment minn tendenza li n-nisa jirtiraw qabel (24,7 % vs 18,3 % għall-irġiel), iżda wkoll minn sehem sinifikanti ta' nisa akbar fl-età li qatt ma ħadmu jew li kienu barra mill-forza tax-xogħol għal aktar minn 10 snin (64,9 %), l-aktar minħabba r-responsabbiltajiet tal-indukrar[159].

**Diversi Stati Membri nedew jew qed jippjanaw li jimplimentaw miżuri ġodda biex jiġu attivati l-persuni akbar fl-età.** Fl-**Awstrija**, l-Inizjattiva dwar l-Impjiegi 50+ ilha tippromwovi l-impjieg ta' persuni fl-età ta' 50 sena jew aktar mill-2018 permezz ta' allowance għall-integrazzjoni, sussidju tal-pagi kkombinat, intrapriżi soċjali, u t-tisħiħ ta'

[157] Ara l-Kummissjoni Ewropea, ir-Rapport tal-2024 dwar it-Tixjiħ.
[158] Filwaqt li l-intervisti saru fl-2023, il-pensjonanti intervistati setgħu rtiraw qabel ukoll.
[159] Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe – Annual review 2024*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024 u Spasova, S., Deruelle, T., & Airoldi, F., *Flexible retirement pathways: an analysis of policies in 28 European countries*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

kwalifiki relatati mal-impjiegi. Fil-**Belġju**, programm ġdid minn Lulju 2025 jippermetti lill-persuni b'impjieg indipendenti li jaħdmu lil hinn mill-età tal-irtirar tagħhom mingħajr ma jitolbu l-pensjoni tagħhom biex jibnu awtomatikament drittijiet ġodda tal-pensjoni jekk ikomplu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Fil-**Bulgarija**, il-Pjan tal-2025-26 għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Ħajja Attiva tal-Persuni Akbar fl-Età jappoġġa l-impjieg attiv, l-inklużjoni fil-komunità, it-tixjiħ b'saħħtu u attiv, kif ukoll il-bini ta' immaġni pożittiva tal-persuni akbar fl-età. F'**Ċipru**, l-ewwel Strateġija Nazzjonali (2025-2030) u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Anzjanità Attiva (2025-2027) irawmu l-inklużjoni soċjali sħiħa tal-persuni akbar fl-età billi jipprevjenu l-iżolament soċjali, itejbu l-parteċipazzjoni fl-ekonomija, fis-soċjetà u fil-kultura, u jtejbu s-sigurtà finanzjarja. Fi **Franza**, l-abbozz ta' liġi li jittrasponi l-ftehimiet interprofessjonali nazzjonali jimplimenta żewġ ftehimiet nazzjonali tal-2024 dwar l-impjiegi ta' persuni akbar fl-età u d-djalogu soċjali, b'mod partikolari billi jintroduċi kuntratt ġdid għal persuni akbar fl-età li qed ifittxu impjieg.

**L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol għadhom jippersistu, bid-differenzi fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa juru ftit sinjali ta' konverġenza[160].** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel kienet ta' 80,8 % , meta mqabbla ma' 70,8 % għan-nisa, li rriżultat f'differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 10,0 pp. Dan huwa tnaqqis ta' 0,2 pp fuq l-2023, li jfisser li d-distakk naqas b'total ta' 1,1 pp biss mid-deċennju preċedenti (minn 11,1 pp fl-2014). Dan it-titjib minuri jaħbi xejriet diverġenti bejn l-Istati Membri. Id-distakk baqa' kważi l-istess matul il-perjodu u għadu wiesa' fl-Italja, fil-Greċja u fir-Rumanija, li kollha baqgħu f'"sitwazzjoni kritika" minkejja titjib żgħir f'xi każijiet is-sena l-oħra, flimkien ma' Malta, fejn id-distakk għadu wiesa' għalkemm naqas bin-nofs matul l-aħħar deċennju. Id-distakk kiber fis-Slovakkja, f'Ċipru u fid-Danimarka fl-2024, u b'hekk dawn l-Istati Membri "għandhom jiġu osservati", flimkien mal-Polonja li għandha distakk relattivament wiesa' minkejja xi titjib. Fit-tarf l-ieħor tal-iskala, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet relattivament żgħira fil-Finlandja, fil-Litwanja, fl-Estonja u fil-Latvja. Dawn il-pajjiżi, ħlief il-Finlandja fejn id-differenza kibret dan l-aħħar, kienu fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni". Minbarra l-varjazzjoni bejn l-Istati Membri, hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti fid-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi f'xi Stati Membri, inklużi Franza u Spanja (inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom) kif ukoll il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Belġju u d-Danimarka (ara l-Illustrazzjoni 3 fl-Anness 5). Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tvarja ħafna skont il-grad ta' urbanizzazzjoni: id-differenza tvarja minn 8,3 pp fil-bliet għal 10,9 pp fiż-żoni rurali u 11,3 pp fl-irħula u fis-subborgi. L-azzjoni ta' politika sostnuta tista' tgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-25[161]. Tali miżuri jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex tintlaħaq il-mira li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas bin-nofs sal-2030, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

**Illustrazzjoni 2.2.12: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset f'ħafna mill-pajjiżi iżda għadha sinifikanti u turi ftit sinjali ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri**

[160] Għal perspettiva iżjed fit-tul, ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[161] Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (pp, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [tesem060], l-LFS tal-UE.

**In-nisa jaħdmu part-time b'mod aktar frekwenti mill-irġiel, u dan jirriżulta f'differenza usa' bejn il-ġeneri fl-impjiegi meta jitqies l-impjieg ekwivalenti għall-full-time (FTE, full-time equivalent).** Fl-2024, in-nisa (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) fl-UE kienu kważi erba' darbiet aktar probabbli mill-irġiel li jaħdmu part-time (27,8 % u 7,7 % rispettivament), u dan irriżulta f'differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg part-time ta' 20,1 pp, l-istess mill-2023. L-akbar differenzi fix-xogħol part-time ġew irreġistrati fin-Netherlands (41,9 pp), fl-Awstrija (38,9 pp) u fil-Ġermanja (37,2 pp). B'kuntrast ma' dan, ma hemm l-ebda distakk fil-Bulgarija u, fir-Rumanija, l-irġiel huma saħansitra aktar probabbli min-nisa li jaħdmu part-time (distakk ta' -0,7 pp). Minħabba l-prevalenza ogħla ta' xogħol part-time fost in-nisa, il-kunsiderazzjoni tal-impjiegi FTE[162] tista' tagħti stampa aktar ċara tal-opportunitajiet ta' impjieg tan-nisa. Din id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi aġġustata għall-FTE kienet ta' 15,4 pp fl-2024[163], li hija aktar minn 50 % (jew 5,4 pp) usa' mid-differenza mhux aġġustata. L-akbar differenzi aġġustati għall-FTE kienu fl-Italja (23,7 pp) u fil-Greċja (21,5 pp), li t-tnejn li huma għandhom differenzi kbar mhux aġġustati. Madankollu, l-akbar tliet differenzi li jmiss kienu fl-Awstrija (18,7 pp), fil-Ġermanja (18,7 pp) u fin-Netherlands (18,4 pp), it-tliet Stati Membri li għandhom ukoll l-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time. Fit-tliet Stati Membri kollha, l-aġġustament iwessa' d-differenza

[162] Ir-rata ta' impjieg FTE tqabbel id-differenzi bejn il-gruppi fis-sigħat medji maħdumin. Ir-rata ta' impjieg FTE tiġi kkalkolata billi jiġu diviżi s-sigħat totali maħduma fl-ekonomija (l-ewwel impjieg, it-tieni impjieg, eċċ.) bl-għadd medju ta' sigħat fi skeda full-time (madwar 40) u bl-għadd ta' persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena. Sors: Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK), komputazzjoni bbażata fuq id-data tal-Eurostat.
[163] Indikatur tal-QEK PA7.1.C4.; ara d-dashboard interattiv tal-QEK.

b'mill-inqas 10 pp, u dan jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati s-sigħat maħduma meta tiġi vvalutata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

**Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi huma saħansitra usa' għal persuni bit-tfal, bil-paternità jkollha impatt fuq il-karrieri tan-nisa aktar milli fuq dawk tal-irġiel.** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg għan-nisa fl-età ta' bejn 25 u 54 sena bit-tfal kienet ta' 75,4 %, meta mqabbla ma' 91,9 % għall-irġiel, u dan irriżulta f'differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 16,5 pp fost il-ġenituri[164]. B'kuntrast ma' dan, fost dawk mingħajr tfal, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija biss ta' 3,7 pp. Fost in-nisa impjegati bit-tfal, 31,7 % ħadmu part-time, meta mqabbla ma' 5,1 % biss tal-irġiel[165]. F'xi Stati Membri, inklużi l-Greċja u l-Italja, l-impatt tal-paternità huwa evidenti kemm f'rati ta' impjieg aktar baxxi kif ukoll f'xogħol part-time ogħla fost in-nisa. Id-disponibbiltà ta' kura fit-tul (LTC, long-term care) tista' ttejjeb ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impjiegi billi tappoġġa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jindukraw b'mod informali. Fl-2019, 17,1 % tal-popolazzjoni totali pprovdew kura jew assistenza mill-inqas darba fil-ġimgħa, bin-nisa aktar probabbli mill-irġiel li jipprovdu kura informali, b'mod partikolari kura intensiva. 19,1 % tan-nisa meta mqabbla ma' 14,8 % tal-irġiel involuti fl-indukrar informali[166]. In-nisa spiss jiddedikaw ammont sinifikanti ta' ħin għall-indukrar informali filwaqt li jirrikorru inqas għall-indukrar formali: 72,5 % tal-irġiel li jindukraw b'mod informali jirċievu appoġġ minn servizzi formali tal-LTC meta mqabbla ma' 61,4 % tan-nisa[167]. It-titjib tal-aċċess għal-LTC jista' għalhekk itejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Madankollu, id-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-LTC huma riflessi wkoll fil-forza tax-xogħol formali. In-nisa jikkostitwixxu maġġoranza sostanzjali tal-ħaddiema tal-LTC, li jammontaw għal aktar minn 4 minn kull 5 minnhom. L-impjiegi f'dan is-settur huma kkaratterizzati minn paga aktar baxxa, rati ogħla ta' xogħol part-time u sfidi sinifikanti tas-saħħa mentali[168]. It-titjib ta' dawn l-iżbilanċi bejn il-ġeneri huwa essenzjali mhux biss għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri iżda wkoll għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema fil-forza tax-xogħol, b'effetti pożittivi fuq l-aċċess għas-servizzi tal-LTC u b'hekk tiġi appoġġata parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol tal-persuni li jindukraw b'mod informali.

**Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tkompli tonqos, għalkemm tibqa' sostanzjali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u twassal għal differenzi akbar bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet.** Fl-2023, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE kienet ta' 12,0 %, u taqbeż il-15 % fil-Latvja, fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fl-Ungerija, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Finlandja u fis-Slovakkja[169]. Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri huma, fost fatturi oħra, xprunati minn differenzi fl-attivitajiet ekonomiċi u fl-okkupazzjonijiet, mis-sottorappreżentanza tan-nisa fil-karigi għoljin, mir-rappreżentanza żejda fil-forom tal-impjieg part-time u mhux permanenti, mid-diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-kura, kif ukoll mid-diskriminazzjoni u minn strutturi tal-pagi mhux trasparenti[170]. Id-differenzi fil-pagi bejn

---

[164] Il-Eurostat [lfst_hheredty], l-LFS tal-UE.
[165] Il-Eurostat [lfst_hhptety], l-LFS tal-UE.
[166] Il-Eurostat [hlth_ehis_ic1u], Stħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti.
[167] EIGE: 2022, Survey of gender gaps in unpaid care, individual and social activities (CARE).
[168] Ara Eurofound (2020). *Long-term care workforce: Employment and working conditions*. l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
[169] Il-Eurostat [sdg_05_20]. Din hija d-differenza mhux aġġustata fil-pagi bejn il-ġeneri, li tkejjel id-differenza bejn il-qligħ medju gross fis-siegħa tal-irġiel u tan-nisa espress bħala perċentwal tal-qligħ medju gross fis-siegħa tal-irġiel.
[170] Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023 u Eurostat, Gender pay gaps in the European Union, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

il-ġeneri jinfluwenzaw b'mod sinifikanti t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-familja, xi ħaġa li taffettwa b'mod partikolari lill-ommijiet meta jesperjenzaw żvantaġġi kumulattivi li jkomplu jfixklu l-opportunitajiet tal-impjieg tagħhom. Maż-żmien, id-differenza fil-pagi tkompli tiżdied u hija aggravata minn waqfiet fil-karriera għall-indukrar tat-tfal, li jwasslu għal differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Għalkemm naqset bi ftit, fl-2024 in-nisa fl-età ta' bejn 65 u 79 sena rċevew pensjonijiet grossi li, bħala medja, kienu 24,8 % inqas minn dawk tal-irġiel fl-istess grupp ta' età[171]. Din id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet tvarja b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi, li tvarja minn aktar minn 35 % f'Malta, fin-Netherlands u fl-Awstrija għal livell baxx sa inqas minn 6 % fis-Slovenja u fl-Estonja. Numru ogħla ta' nisa wkoll ma jirċievu l-ebda pensjoni meta mqabbla mal-irġiel (differenza ta' 4,8 % fil-kopertura tal-pensjonijiet fl-UE fl-2024)[172]. Peress li l-pensjonijiet tal-irtirar jammontaw bħala medja għal erbgħa minn kull ħamsa tal-introjtu totali tax-xjuħija, in-nisa akbar fl-età għadhom ukoll aktar esposti għal riskji ta' faqar mill-irġiel fl-Istati Membri kollha, minkejja titjib riċenti (ara t-taqsima 2.4.1).

**Illustrazzjoni 2.2.13: Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal għadha baxxa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Tfal taħt l-età ta' 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, livelli tal-2024 u bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Data provviżorja għal LT.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_sp210], l-UE-SILC.

**It-titjib tal-għoti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal jista' jappoġġa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżvilupp tat-tfal, iżda l-parteċipazzjoni għadha baxxa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Fl-2024, is-sehem ta' tfal taħt l-età ta' 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal

[171] Il-Eurostat [ilc_pnp13], l-UE-SILC.
[172] Il-Eurostat [ilc_pnp14], l-UE-SILC.

kien ta' 39,2 % fl-UE, żieda ta' 1,9 pp fl-2023, hekk kif l-UE miexja lejn il-mira riveduta ta' Barċellona ta' 45 %[173]. Disa' Stati Membri biss qabżu l-50 % u għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.2.13. Minkejja żieda ta' 4,1 pp fl-2024, is-Slovakkja xorta tirrapporta l-aktar rata baxxa ta' parteċipazzjoni fl-UE. Il-livelli għadhom baxxi (inqas minn 17 %) jew komplew jonqsu fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fiċ-Ċekja. Il-ħames Stati Membri kollha jinsabu f'"sitwazzjoni kritika". Filwaqt li rrapportaw livelli pjuttost ogħla (bejn 20 % u 26 %), il-parteċipazzjoni fl-ECEC kienet ukoll baxxa fil-Bulgarija, fl-Irlanda, fil-Latvja u fil-Ġermanja, kollha kemm huma "għandhom jiġu osservati", flimkien ma' Malta, li rat tnaqqis ta' 6,9 pp fil-parteċipazzjoni fl-2024. B'kuntrast ma' dan, l-Iżvezja, is-Slovenja, Franza, il-Portugall, id-Danimarka u n-Netherlands għandhom l-ogħla rati ta' parteċipazzjoni (aktar minn 57 %) u huma l-pajjiżi "bl-aqwa prestazzjoni". Diversi ostakli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni fl-ECEC, anke fil-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni, inklużi ostakli finanzjarji, kulturali u lingwistiċi, sfond soċjoekonomiku kif ukoll differenzi fil-politiki reġjonali u nazzjonali fir-rigward tal-liv u l-allowances tal-ġenituri jew drittijiet legali għall-indukrar tat-tfal. Fl-2024, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin li huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqgħet aktar minn 15 pp taħt dik tat-tfal li ma humiex f'riskju. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) qed tiffinanzja riformi u investimenti mmirati li jappoġġaw l-espansjoni tas-servizzi tal-ECEC, l-iżvilupp tal-infrastruttura u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol. Ir-ritmu kajman tat-titjib jirrikjedi sforzi msaħħa f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

**Xi karatteristiċi tas-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali jiskoraġġixxu ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul, b'mod partikolari lin-nisa, milli jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u dan jikkontribwixxi għall-inugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.** Sistemi konġunti ta' tassazzjoni, li jippermettu lill-familji jirreġistraw introjtu kkombinat għal taxxi potenzjalment aktar baxxi, iżidu r-rata tat-taxxa marġinali għal ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul, tipikament in-nisa (fl-2022, 78 % tal-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul kienu nisa[174]). Dan joħloq diżinċentivi għan-nisa biex jibdew jaħdmu jew biex jestendu s-sigħat tax-xogħol tagħhom[175], u r-riċerka akkademika wriet li t-tnaqqis tar-rati tat-taxxa effettivi għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul f'koppja miżżewġa jista' jgħin biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol[176]. Fl-2024, l-ogħla "nases tal-inattività" (fejn it-taxxa u l-irtirar tal-benefiċċji jiskoraġġixxu b'mod sinifikanti lill-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul milli jidħlu fis-suq tax-xogħol) dehru fil-Litwanja, fis-Slovenja, fil-Latvja, fil-Lussemburgu, fid-Danimarka, fil-Belġju, fil-Ġermanja u fir-Rumanija – ara l-Illustrazzjoni 2.2.14. F'dawn il-pajjiżi, il-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul li jidħlu fis-

[173] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01). Ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi miri ġodda dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li jirriflettu l-miri stabbiliti fl-inizjattiva taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Sal-2030, mill-inqas 45 % tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin u 96 % tat-tfal ta' bejn it-3 snin u l-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom ikunu fl-ECEC. Dawk l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom fil-perjodu 2017-21 kienet taħt l-20 % se jkollhom jiżdiedu b'90 %, filwaqt li l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom kienet ta' 20-33 % se jkollhom jiżdiedu b'45 %, b'limitu ta' 45 %.

[174] Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

[175] Ara Coelho, M. et al., Gendered Taxes: The Interaction of Tax Policy with Gender Equality. Fond Monetarju Internazzjonali, 2022.

[176] Għal diskussjoni dwar l-impatt tat-taxxa fuq l-introjtu personali fuq il-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul, ara t-taqsima 2.3.2 tar-Rapport Annwali dwar it-Tassazzjoni 2025 tal-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

suq tax-xogħol jistgħu jitilfu mill-inqas 40 % tal-qligħ minħabba t-taxxi u l-benefiċċji rtirati. B'kuntrast ma' dan, pajjiżi b'nases tal-inattività aktar baxxi, fejn dak it-telf jista' jkun inqas minn 20 %, jinkludu l-Awstrija, l-Italja, Ċipru u l-Estonja. L-indirizzar ta' dawn id-diżinċentivi strutturali jista' jnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenzi fl-impjiegi part-time u jwassal għal tkabbir qawwi. Rapport riċenti tal-OECD jissuġġerixxi li t-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi sal-2060 jista' jagħti spinta lill-PDG *per capita* fil-pajjiżi tal-OECD bi 3,9 %, filwaqt li t-tnaqqis tad-distakk fis-sigħat maħduma bejn l-irġiel u n-nisa jista' jżid 4,3 %[177].

**Illustrazzjoni 2.2.14: It-tassazzjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għan-nassa tal-inattività għall-ħaddiema li jkunu t-tieni sors ta' dħul**

Nassa tal-inattività għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (%, 2024)




*Nota*: Id-data tippreżenta s-sitwazzjoni għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja f'familja b'żewġ introjti u żewġt itfal; il-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun bil-paga medja. "Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni" tirreferi għall-perċentwal ta' introjtu gross addizzjonali mitluf f'taxxa minħabba t-tassazzjoni u l-SSCs (elementi oħra li jikkontribwixxu għan-nassa tal-inattività tal-pagi huma benefiċċji tal-qgħad, assistenza soċjali u benefiċċji għall-akkomodazzjoni rtirati).
*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, Tax and benefits database, abbażi tal-mudell tat-taxxi u l-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'Mejju 2025); Kalkoli tad-DĠ TAXUD.

---

[177] Fluchtmann, J., W. Adema u M. Keese (eds.) (2024), "Gender equality and economic growth: Past progress and future potential", OECD Social, Employment and Migration Working Papers, Nru 304, OECD Publishing, Pariġi.

**Illustrazzjoni 2.2.15: F'ħafna Stati Membri, it-tassazzjoni tipprovdi diżinċentivi għall-ħaddiema b'paga baxxa biex jaħdmu aktar sigħat**

Nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (%, 2024)




*Nota*: In-nassa tal-pagi baxxi meta l-paga għall-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul tiżdied minn 33 % għal 66 % u l-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun jaqla' 100 % tal-paga medja, b'żewġt itfal.
*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, Tax and benefits database, abbażi tal-mudell tat-taxxi u l-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'Mejju 2025); Kalkoli tad-DĠ TAXUD.

**In-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat min-"nassa tal-pagi baxxi", fejn iż-żidiet fit-taxxi u t-tnaqqis fil-benefiċċji jnaqqsu l-introjtu addizzjonali li jaqilgħu hekk kif il-pagi tagħhom jiżdiedu.** Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-istruttura tat-taxxa għandha rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-livell tan-nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, u għalhekk l-għadd ta' sigħat li jaħdmu. L-Illustrazzjoni 2.2.15 turi l-proporzjon tal-introjtu addizzjonali tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul li huwa "ntaxxat" meta l-qligħ tagħhom jiżdied minn terz għal żewġ terzi tal-paga medja minħabba żieda fin-numru ta' sigħat maħduma. Il-qligħ mitluf minħabba t-taxxa jista' jkun sostanzjali: madwar terz (36,6 %) tal-qligħ addizzjonali jiġi intaxxat fl-UE, b'dan it-telf jaqbeż il-105 % fil-Litwanja minħabba l-irtirar tal-benefiċċju għall-akkomodazzjoni. L-impatt jista' jkun sinifikanti wkoll, aktar minn 50 %, fil-Lussemburgu, fil-Belġju u fil-Portugall, filwaqt li jidher li huwa l-aktar baxx f'Ċipru (14,9 %). Flimkien mat-tfassil tas-sistema tat-taxxa, id-disponibbiltà u l-aċċess għal servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità għolja u politiki mfassla tajjeb ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, huma essenzjali biex iħeġġu lill-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

**Illustrazzjoni 2.2.16: Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha wiesgħa, b'xejra diverġenti evidenti bejn l-Istati Membri**

Id-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal DK, IT u PT. Data provviżorja għal LT. L-ebda data disponibbli għal LU.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_sp200], l-UE-SILC.

**L-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà marret għall-agħar, b'sinjali ta' diverġenza bejn l-Istati Membri.** Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà[178] (jiġifieri d-differenza fir-rati ta' impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà) żdiedet bi 2,6 pp għal 24,0 pp fl-2024[179] (minn 21,4 pp fl-2023), u reġġgħet lura l-progress li kien sar mill-2020. Fl-2024, id-differenza kienet aktar minn 20 pp fl-Istati Membri kollha ħlief wieħed (is-Slovenja). Fil-Litwanja, fl-Irlanda, fil-Polonja, fil-Bulgarija u fil-Belġju, id-differenza qabżet it-30 pp, u kienet ogħla minn 40 pp fir-Rumanija u fil-Kroazja. Id-differenza naqset fi 11-il Stat Membru, inkluż fis-Slovenja "bl-aqwa prestazzjoni", fejn naqset bi 3,1 pp għal 14,2 %. L-Awstrija u n-Netherlands għamlu wkoll xi progress u huma fost dawk "aħjar mill-medja", flimkien maċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza u l-Latvja, fejn il-livelli jibqgħu inqas mill-medja. Min-naħa l-oħra, ġew osservati żidiet sinifikanti fir-Rumanija (15,6 pp) u fil-Litwanja (7,5 pp), biex issa jinsabu f'"sitwazzjoni kritika" flimkien mal-Kroazja, l-Irlanda u l-Polonja, li rreġistraw differenzi kbar ta' aktar minn 35 pp. Fi Spanja u fl-Italja, id-differenza żdiedet b'aktar minn 9 pp. Dawn "għandhom jiġu osservati" flimkien mal-Belġju, li rreġistra differenza kbira ta' 33,1 pp. L-aktar data reċenti tal-UE-SILC tindika rata ta' attività baxxa ta' persuni b'diżabbiltà madwar

[178] L-indikatur tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bħalissa huwa kkalkolat mill-UE-SILC u bbażat fuq l-istatus ta' diżabbiltà kif mogħti mill-Indikatur Globali tal-Limitazzjoni fl-Attività (GALI, Global Activity Limitation Indicator). Ara l-Anness 2 għal aktar dettalji.
[179] L-Italja rrapportat interruzzjoni fis-serje u bidlet minn 15,9 pp għal 25,1 pp fl-2024. Dan jammonta għal madwar nofs it-tibdil fil-livell tal-UE.

l-UE ta' 64 % meta mqabbla ma' 83 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà. F'sitt Stati Membri, ir-rata ta' attività tal-persuni b'diżabbiltà kienet ta' madwar 50 % biss (il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Rumanija, il-Belġju, il-Greċja u l-Lussemburgu). B'mod kumplessiv, għad hemm lok sinifikanti biex tittejjeb is-sistema ta' appoġġ għall-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà madwar l-UE. B'riżultat ta' dan, il-persuni b'diżabbiltà fl-età tax-xogħol huma wkoll f'riskju għoli ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali (33,6 % meta mqabbla ma' 18,4 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà).

**Kaxxa 5 tal-Pilastru: L-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol tal-UE**

**It-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti jikkontribwixxi għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, kif ukoll għall-indirizzar tal-isfidi usa' relatati mat-tibdil demografiku, u jrawwem il-koeżjoni soċjali**. Filwaqt li l-migranti[180] jammontaw għal 11,2 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, dawn ammontaw għal 76 % tat-tkabbir fl-impjiegi fl-Unjoni bejn l-2023 u l-2024. B'mod partikolari, bejn l-2019 u l-2024, it-tkabbir relattiv fl-impjiegi tal-ħaddiema li twieldu barra mill-UE kien l-aktar b'saħħtu f'setturi li ffaċċjaw nuqqas kbir ta' ħaddiema. Dan kien jinkludi setturi fejn ġeneralment ma jkunux meħtieġa kwalifiki għoljin, bħall-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel[181]. Fl-istess ħin, il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol u r-rati ta' impjieg tal-migranti jibqgħu aktar baxxi meta mqabbla mal-pari tagħhom imwielda fil-pajjiż, minkejja n-nuqqasijiet li qed tiffaċċja l-Unjoni, bir-riżultat li madwar 7,4 miljun migrant jinsabu barra mill-forza tax-xogħol tal-UE[182]. Dan huwa dovut għal diversi ostakli relatati mal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni soċjali tagħhom li spiss isaħħu lil xulxin. Dawn jinkludu l-livelli edukattivi milħuqa baxxi u l-profiċjenza fil-lingwa tal-migranti, diskriminazzjoni kif ukoll kundizzjonijiet tas-saħħa ħżiena, u prospetti baxxi għall-kwalità tal-impjieg[183]. Id-diffikultajiet relatati mar-rikonoxximent tal-kwalifiki jibqgħu ostaklu ewlieni għall-integrazzjoni tal-migranti. Iż-żieda fl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi billi timla n-nuqqasijiet fis-settur tal-kura. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2021-27 dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni[184] jipprovdi qafas ta' politika komuni biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' politiki nazzjonali dwar l-integrazzjoni tal-migranti.

**B'mod kumplessiv, l-eżiti tas-suq tax-xogħol tal-migranti huma agħar minn dawk tan-nattivi, u anke dawk bi kwalifiki għoljin jiffaċċjaw sfidi minħabba r-rikonoxximent parzjali/l-ebda rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom miksuba barra mill-UE.** Fl-2024, ir-rata ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) għall-migranti kienet aktar baxxa, ta' 73,4 % vs 75,4 % għal dawk imwielda fil-pajjiż (64,8 % għan-nisa migranti vs 82,4 % għall-irġiel). Ir-rata ta' impjieg tagħhom (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena)

[180] Fil-politika ġenerali u l-prattika statistika, il-migranti f'pajjiż partikolari jistgħu jitqiesu jew 1) dawk li twieldu barra minn dak il-pajjiż ("imwielda barra mill-pajjiż") jew 2) dawk biċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor (ċittadini barranin jew ċittadini ta' pajjiżi terzi). Il-valutazzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti permezz tal-kunċett tal-pajjiż tat-twelid tippermetti li jinqabdu ostakli u żvantaġġi li huma funzjoni tal-post tat-twelid, bħall-ħiliet lingwistiċi. F'dan li ġej, il-kelma "migranti" tintuża bħala ekwivalenti għal "persuni mwielda barra mill-UE".

[181] Ara: *European economic forecast – Autumn 2025*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

[182] Sors: Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat.

[183] Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[184] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027.

kienet ukoll aktar baxxa (b'8,9 pp) minn dik ta' persuni li twieldu fil-pajjiż (68,0 % vs 76,9 %, rispettivament; 58,9 % għan-nisa migranti vs 77,5 % għall-irġiel). Filwaqt li l-migranti pparteċipaw fil-forza tax-xogħol b'rata ogħla minn dawk imwielda fil-pajjiż fi 12-il Stat Membru, f'erbgħa biss (Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u ċ-Ċekja) ir-rati ta' impjieg tagħhom qabżu dawk tat-twelid domestiku (ara l-Illustrazzjoni). Dawk b'edukazzjoni terzjarja (rilevanti għal madwar 30 % tal-migranti) jiġu impjegati aktar ta' spiss. Madankollu, meta mqabbla mal-pari tagħhom b'inqas mill-edukazzjoni primarja, aktar minn sitt darbiet l-ammont ta' migranti b'livell għoli ta' ħiliet (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) semmew ir-rikonoxximent tal-kwalifiki bħala ostaklu speċifiku biex isibu impjieg fl-2021. Il-kwalifiki sottovalutati spiss jobbligaw lill-migranti bi kwalifiki għoljin biex jaħdmu f'impjiegi li jeħtieġu kwalifiki aktar baxxi[185]. Fl-Istati Membri kollha, ir-rati ta' sovrakwalifikazzjoni kienu ogħla fost il-migranti milli fost il-ħaddiema mwielda fil-pajjiż. Għall-UE kollha kemm hi, din id-differenza naqset biss ftit maż-żmien[186] u għadha sostanzjali. Ir-rati ta' sovrakwalifikazzjoni tal-migranti varjaw minn madwar nofs il-ħaddiema migranti kollha fl-Italja (51,5 %), fi Spanja (51,7 %), fil-Greċja (54,2 %), fiċ-Ċekja (46,9 %) u f'Malta (44,8 %) għal 18,4 % fl-Ungerija[187].

**Il-migranti jiffaċċjaw rati ta' impjieg aktar baxxi u rati ogħla ta' sovrakwalifikazzjoni fi kważi l-Istati Membri kollha meta mqabbla mal-pari tagħhom imwielda fil-pajjiż**
Ir-rati ta' impjieg u ta' sovrakwalifikazzjoni (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2024 (%)




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje għal BG u d-definizzjoni tvarja għar-rata ta' impjieg għal ES u FR. Id-data hija nieqsa għar-rata ta' sovrakwalifikazzjoni għal BG, RO u SK.
*Sors:* il-Eurostat [lfsa_ergacob] u [lfsa_eoqgac], l-LFS tal-UE.

**F'dawn l-aħħar snin, diversi Stati Membri appoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti permezz ta' approċċi ta' politika olistiċi.** L-inizjattiva tal-**Ġermanja** "My Turn", li għaddejja bejn l-2022 u l-2029, tgħaqqad it-taħriġ fil-ħiliet diġitali, il-prattika tal-lingwa, il-konsulenza dwar il-kompatibbiltà bejn il-karriera u l-familja, in-networking tal-impjegaturi, u għajnuna fakultattiva biex jiġi aċċessat l-indukrar tat-tfal. Fl-**Iżvezja**, is-Sistema ta' "Erba' Kategoriji" għall-Permessi tax-Xogħol aċċellerat l-ipproċessar tal-permessi tax-xogħol għal ħaddiema mhux tal-UE b'livell għoli ta' ħiliet mill-2024, billi

[185] Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe 2023, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.
[186] Is-sehem ta' migranti b'edukazzjoni terzjarja impjegati f'okkupazzjoni li teħtieġ livell aktar baxx ta' edukazzjoni naqas minn 38,7 % fl-2014 għal 34,9 % fl-2023.
[187] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and social developments in Europe – Quarterly review. Jannar 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025. L-aktar rati baxxi ta' sovrakwalifikazzjoni huma osservati fl-HR (12 %) u fil-LU (6,1 %) għalkemm b'data li hija mmarkata bħala mhux affidabbli.

kkategorizzat l-applikazzjonijiet abbażi tal-professjoni, l-edukazzjoni u l-industrija. Mill-2018, il-programm "Dispositivo Ampara" fi **Spanja** kien qed jappoġġa lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'valutazzjoni tal-ħiliet inizjali, taħriġ minn qabel li jikkombina l-integrazzjoni ċivika mal-iżvilupp tal-ħiliet, u appoġġ finanzjarju li jkopri l-ħtiġijiet bażiċi, l-indukrar tat-tfal, it-trasport, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, u korsijiet ta' taħriġ, fost l-oħrajn. F'Mejju 2025, **is-Slovenja** adottat l-Att dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali fil-Kura tas-Saħħa, li jiffaċilita, iħaffef, u jiżgura d-dħul ta' professjonisti barranin tal-kura tas-saħħa. Bl-istess mod, fl-2025, **is-Slovakkja** adottat Att li jibdel il-proċess għar-rikonoxximent ta' dokumenti edukattivi u kwalifiki professjonali, li jiddiġitalizza l-proċess sabiex jissimplifikah u jelimina wkoll il-perjodi ta' stennija u t-tariffi.

**Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkomplu jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol.** Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) (li huma differenti mill-migranti bħala persuni li twieldu barra mill-UE) jammontaw għal 6 % tal-forza tax-xogħol tal-UE fl-2024, madankollu, kienu jirrappreżentaw 52,3 % tat-tkabbir fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol bejn l-2023 u l-2024. Ir-rata ta' impjieg tagħhom, ta' 64,3 % fl-2024, kienet taħt ir-rata ta' dawk li twieldu barra mill-UE u ta' ċittadini tal-UE (76,7 %)[188]. Ir-rata tal-qgħad fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) baqgħet stabbli fl-2024 fil-livell ta' 12,5 %[189]. Għalkemm naqset minn 21,7 % fl-2014, tibqa' kważi darbtejn u nofs ogħla milli għaċ-ċittadini tal-UE (5,4 %), b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi spiss isibu ruħhom f'okkupazzjonijiet fejn hemm surplus jew nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari f'okkupazzjonijiet b'livell baxx ta' ħiliet. Dan jista' jkun dovut għal ostakli aktar baxxi għad-dħul f'dawn is-setturi u għad-dipendenza tagħhom fuq ħaddiema migranti[190]. Dan jissuġġerixxi wkoll li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma aktar f'riskju li jesperjenzaw kwalità ta' impjieg u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar baxxi. Is-sehem ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) b'edukazzjoni terzjarja impjegati f'okkupazzjoni li teħtieġ livell ta' edukazzjoni aktar baxx naqas għal 39,6 % fl-2024, iżda għad hemm differenzi kbar u persistenti fir-rati ta' sovrakwalifikazzjoni[191]. Din ix-xejra tidher ukoll fost il-persuni spostati mill-Ukrajna, li inkella jiksbu rati ta' impjieg ogħla[192]. Ċerti gruppi, bħan-nisa migranti, persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali u migranti li jaslu permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja, għandhom it-tendenza li jkollhom eżiti agħar fis-suq tax-xogħol. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ immirat biex jiġu indirizzati l-ostakli uniċi li jiltaqgħu magħhom[193].

### 2.2.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

**L-Istati Membri għandhom l-għan li jkomplu jżidu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal, b'mod partikolari billi jtejbu l-aċċessibbiltà u jindirizzaw in-nuqqas ta' persunal kwalifikat.** Pereżempju, **l-Irlanda** nediet l-iskema l-ġdida ta' appoġġ "Equal Start", li tipprovdi miżuri universali u mmirati biex jgħinu lill-familji żvantaġġati jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ECEC u fl-indukrar tat-tfal fl-età tal-iskola (eż. finanzjament

---

[188] Il-Eurostat [lfsa_ergan], l-LFS tal-UE.
[189] Il-Eurostat [lfsa_urgan], l-LFS tal-UE.
[190] L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (2025), EURES Report on labour shortages and surpluses 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[191] Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe – Quarterly review. Jannar 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[192] Il-Eurofound (2024b), Social Impact of Migration: Addressing the challenges of receiving and integrating Ukrainian refugees, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
[193] SWD/2025/162 final.

addizzjonali għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal biex jinvolvu lill-ġenituri u s-servizzi soċjali, skema ta' ikel b'xejn). Biex irawwem opportunitajiet indaqs, **Ċipru** qed jagħti sussidji ffinanzjati mill-FSE+ lil kindergartens pubbliċi żgħar u remoti, għal tariffi tat-tagħlim u kostijiet tat-trasport għal żjarat edukattivi u attivitajiet ekstrakurrikulari għal tfal minn sfondi soċjoekonomiċi aktar baxxi. **Il-Greċja** introduċiet miżuri ta' politika biex tappoġġa lit-tfal minn gruppi vulnerabbli b'aċċess għall-ECEC tul il-jum kollu, u lill-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali biex jirċievu appoġġ parallel immirat fil-klassi bl-appoġġ mill-FSE+. **Is-Slovakkja** qed tikkofinanzja l-iżvilupp ta' nurseries kif ukoll it-titjib tal-kapaċità tal-persunal u l-ħiliet tat-trobbija tal-ulied, b'mod partikolari għall-ġenituri bi sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati. B'mod aktar ġenerali, diversi Stati Membri ħabbru pjanijiet biex iżidu n-numru ta' postijiet fl-ECEC, inkluż **l-Awstrija** (50 000 post ieħor sal-2030), **il-Belġju** (investiment għal 10 000 post addizzjonali fil-Flanders imħabbar fl-2025 u, b'appoġġ tal-RRP, 5 200 post addizzjonali f'Wallonia-Brussell sal-2026), **il-Polonja** (102 000 post sal-2029, b'appoġġ tal-FSE+ u l-RRF) u l-**Portugall** (5 000 post ġdid sal-2027). Barra minn hekk, diversi pajjiżi ħadu miżuri biex iżidu l-kwalità tas-servizzi, b'mod partikolari billi jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-għalliema, itejbu t-taħriġ tal-għalliema u jiżviluppaw linji gwida pedagoġiċi. Fil-**Belġju** (Flanders), il-bidliet fil-karriera fil-professjonijiet tal-ECEC se jiġu promossi permezz ta' korsijiet ta' taħriġ imħallsa u billi jiġi evalwat u rriformat in-network kurrenti ta' appoġġ għall-indukrar tat-tfal. **Il-Ġermanja** qed tinvesti EUR 4 biljun fl-2025 u fl-2026 biex ittejjeb il-kwalità u tespandi l-postijiet, iżżid l-għadd ta' persunal kompletament ikkwalifikat, ittejjeb il-proporzjonijiet tat-tfal mal-persunal u tippromwovi l-apprendiment bikri tal-lingwi. Rekwiżiti ġodda għall-persunal tal-ECEC huma ppjanati wkoll fil-**Finlandja** u **fin-Netherlands**, filwaqt li l-proporzjonijiet tat-tfal mal-persunal qed jiġu adattati fil-**Belġju** (Flanders), **fid-Danimarka**, **fil-Lussemburgu** u **fil-Polonja**. **Il-Polonja** qed timplimenta wkoll programm nazzjonali ta' taħriġ ("Akkademja ta' Appoġġ") għall-fornituri tal-indukrar tat-tfal, awtoritajiet reġjonali u lokali biex jappoġġaw l-introduzzjoni ta' standards pedagoġiċi ta' kwalità ġodda fl-ECEC għat-tfal ta' inqas minn 3 snin minn Jannar 2026.

**Fl-oqsma kollha tal-ħiliet bażiċi fil-matematika, fil-qari u fix-xjenza, kif ukoll fil-ħiliet diġitali u taċ-ċittadinanza, diversi pajjiżi tal-UE introduċew riformi.** Bl-appoġġ tal-FSE+, **ir-Rumanija** dan l-aħħar bdiet timplimenta programm nazzjonali biex tnaqqas l-illitteriżmu funzjonali u ttejjeb il-ħiliet bażiċi, li jinkludi miżuri biex jiġu analizzati l-ixprunaturi ta' progress insuffiċjenti, l-iżvilupp ta' standards ta' apprendiment u valutazzjoni tal-litteriżmu funzjonali, taħriġ u appoġġ għall-għalliema, kif ukoll miżuri ta' pilotaġġ fl-iskejjel bil-għan li jiġu applikati fuq skala akbar fil-livell nazzjonali. Fl-**Italja**, Agenda Sud tiffoka fuq il-litteriżmu (li jiddistingwi bejn it-Taljan għal kelliema nattivi u dawk mhux nattivi), in-numeriżmu u l-ħiliet lingwistiċi bl-Ingliż. **Il-Polonja** qed tħejji riforma tal-kurrikulu ffukata fuq it-titjib tal-kompetenzi, inklużi l-ħiliet bażiċi u STEM, li għandha tiġi implimentata f'Settembru 2026, li tibda mil-livelli preprimarji u primarji. Il-Komunitajiet fil-**Belġju** qed isegwu riformi tal-kurrikulu fuq skala kbira li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet bażiċi, akkumpanjati minn miżuri ta' monitoraġġ. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jsegwu strateġiji olistiċi, xi wħud qed jistabbilixxu azzjonijiet immirati li jiffukaw fuq dixxiplini uniċi. Għall-matematika, **il-Litwanja** ħejjiet pjan għat-titjib tat-tagħlim u l-apprendiment. Dan il-pjan jiffoka fuq l-appoġġ ta' studenti bi prestazzjoni baxxa u l-aġġornament tal-kompetenzi tal-għalliema. Fiċ-**Ċekja**, sa 100 skola qed jippilotaw kurrikuli ġodda tal-iskejjel primarji, li joffru flessibbiltà akbar u jenfasizzaw elementi bħar-raġunament matematiku u l-apprendiment ibbażat fuq il-proġetti. Biex tappoġġa l-qari u l-lingwa, **l-Awstrija** introduċiet siġill ġdid tal-kwalità tal-qari għall-iskejjel primarji. Il-kurrikuli STEM il-ġodda tal-**Irlanda** jipprovdu speċifikazzjonijiet aġġornati għall-bijoloġija, għall-fiżika u għall-kimika, u għas-suġġetti l-ġodda tal-Edukazzjoni Klimatika u tal-Iżvilupp Sostenibbli. Diversi inizjattivi

huma mmirati lejn it-titjib tal-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni. **Is-Slovenja** se tintroduċi suġġett ġdid dwar l-informatika u t-teknoloġiji diġitali fis-seba' grad ta' skola bażika mill-2028/2029 'il quddiem. **Il-Polonja** u **Malta**, permezz tal-appoġġ tal-RRF u tal-FSE+, qed iżidu d-distribuzzjoni tat-tablets u tal-laptops, u **l-Latvja** tappoġġa lill-istudenti bil-forniment ta' apparati diġitali, l-aċċess għall-internet u l-appoġġ pedagoġiku mfassal apposta. **Il-Polonja** introduċiet suġġett ġdid dwar l-Edukazzjoni Ċivika fil-livell sekondarju tat-tieni livell u l-Edukazzjoni dwar is-Saħħa fil-livelli kollha, li joffri wkoll appoġġ lill-għalliema permezz ta' manwali tat-tagħlim rilevanti ffinanzjati u seminars ta' taħriġ.

**It-tisħiħ tal-professjoni tat-tagħlim, b'enfasi fuq l-attraenza u l-kwalità, jibqa' prijorità ewlenija biex jittejbu l-ħiliet bażiċi tal-istudenti.** Fl-**Awstrija**, it-taħriġ tal-għalliema ġie ssimplifikat u se jkun marbut b'mod aktar qawwi mal-isfidi ffaċċjati fil-prattika. Barra minn hekk, hija ppjanata l-għażla ta' perkors doppju, li fih l-istudenti jgħallmu fi skejjel magħżula għal semestru wieħed matul l-istudji tagħhom. Diversi pajjiżi żiedu s-salarji tal-għalliema, bħall-**Bulgarija**, **il-Litwanja**, **l-Ungerija** u **s-Slovenja**. Fl-2024, **l-Ungerija** bdiet timplimenta riforma kbira fis-salarji, ikkofinanzjata mill-FSE+, biex iżżid is-salarji tal-għalliema għal mill-inqas 80 % tas-salarju medju ta' gradwati terzjarji oħra sa Jannar 2025. **L-Irlanda** u **l-Polonja** joffru kuntratti ta' tagħlim permanenti għal għalliema ġodda wara sena ta' tagħlim, u dan iqassar it-tul tal-esperjenza prattika meħtieġa. Ir-riforma kurrenti fl-**Iżvezja** tal-professjoni tat-tagħlim u tal-karrieri tat-tagħlim għandha l-għan li żżid il-kwalità tat-tagħlim u l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim. Proġett ġdid iffinanzjat mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) tal-UE se jappoġġa r-riformi fil-**Belġju** (Flanders) u **fin-Netherlands** biex jittejbu r-rilevanza u l-effettività tal-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema fl-edukazzjoni diġitali. Sabiex jiġi żgurat tagħlim ta' kwalità għolja fis-suġġetti STEM, l-Istati Membri qed jiffukaw ukoll fuq it-tħejjija tal-għalliema. **Il-Ġermanja** nediet diversi inizjattivi, bħat-taħriġ tal-għalliema QuaMath, filwaqt li **l-Estonja** toffri mikrokredenzjali fil-programm tal-Akkademja tal-Għalliema, pereżempju dwar suġġetti relatati ma' STEM, biex tippermetti lill-għalliema jikkwalifikaw aktar waqt li jkunu bdew jaħdmu.

**L-Istati Membri jkomplu jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola u l-inugwaljanzi edukattivi, b'appoġġ qawwi ta' finanzjament mill-UE.** Mill-inqas 2 700 skola fi **Spanja** huma previsti li jirċievu appoġġ biex inaqqsu r-rata tat-tluq mill-iskola u t-tluq bikri fost studenti bi prestazzjoni baxxa permezz tal-"Programm għall-orjentazzjoni, il-progress u l-arrikkiment edukattiv", taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Spanja (RRP, Recovery and Resilience Plan). Il-programm jiffoka fuq skejjel bi sfidi edukattivi partikolari bi proporzjon sinifikanti ta' studenti vulnerabbli fi klassijiet regolari. Fil-**Lussemburgu**, l-età obbligatorja tal-iskola se tiżdied minn 16 għal 18 minn Settembru 2026, u s-Servizz Nazzjonali taż-Żgħażagħ jidentifika ż-żgħażagħ f'riskju li jitilqu mill-iskola u jikkuntattjahom individwalment biex jipprovdi gwida. **Is-Slovakkja** qed tippjana reġim doppju ta' ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' żieda fl-akkontabbiltà tal-iskejjel.

**L-isforzi kontinwi għandhom l-għan li jirrispondu għall-ħolqien u għaż-żieda fl-użu tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ.** **L-Estonja** għandha pjanijiet biex tintegra sistematikament l-għodod tal-IA u t-taħriġ fl-edukazzjoni mal-programm il-ġdid tal-edukazzjoni dwar l-IA "AI Leap" ("TI-Hüpe"), li tnieda f'Settembru 2025. Dan għandu l-għan li jintegra l-għodod u l-ħiliet tal-IA fis-sistema tal-edukazzjoni billi jipprovdi aċċess għal applikazzjonijiet ewlenin tal-IA u taħriġ għall-istudenti u l-għalliema. **Spanja** stabbiliet perkors ġdid għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) dwar l-IA u d-data u moduli diġitali integrati fil-programmi eżistenti kollha. Fil-**Finlandja**, l-integrazzjoni responsabbli u effettiva tal-IA fl-ambjenti tal-apprendiment qed tiġi ggwidata minn rakkomandazzjonijiet tal-IA, li jikkonsistu f'obbligi legali nazzjonali u linji gwida ġenerali għall-fornituri tal-edukazzjoni u l-persunal. Bl-istess mod, **Franza** adottat qafas legali u etiku għall-użu tal-IA fl-iskejjel u se tippermetti li l-

għodod tal-IA jgħinu fit-tfassil tal-apprendiment tal-ħiliet bażiċi fl-iskola primarja u sekondarja tal-ewwel livell. **L-Irlanda** għandha wkoll l-għan li tappoġġa lill-għalliema u żżomm l-integrità fil-valutazzjoni tal-istudenti bil-gwida tagħha dwar l-użu tal-IA fit-tagħlim u fl-apprendiment. Hija qed tiżviluppa strateġiji u għodod għall-implimentazzjoni tal-IA fl-edukazzjoni skolastika. Fil-**Kroazja**, qed jiġi żviluppat kurrikulu ġdid li jiffoka fuq l-IA u t-teknoloġiji diġitali emerġenti biex jittejbu l-kompetenzi diġitali fost l-għalliema u l-istudenti. L-integrazzjoni tal-kurrikulu tal-IA u t-taħriġ immirat tal-għalliema huma wkoll parti mill-istrateġija ta' **Malta**, li tintroduċi għodod tal-ICT u tal-IA fil-livelli kollha tal-iskola u għandha l-għan li ttejjeb il-litteriżmu diġitali u fl-IA.

**Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-VET kompliet, pereżempju permezz ta' riformi strutturali, infrastruttura mtejba u perkorsi tal-apprendiment tul il-ħajja.** Diversi pajjiżi introduċew jew aġġornaw l-istrateġiji nazzjonali tal-VET. **Ċipru** qed jiżviluppa strateġija ġdida tal-VET u nieda proġetti infrastrutturali ewlenin iffinanzjati mill-RRP u mill-JTF, u introduċa skejjel sekondarji tekniċi fuq bażi pilota, bl-għan li jipprovdi perkors aktar flessibbli li jikkombina l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali ffinanzjata mill-FSE+. Mewġa ta' riformi leġiżlattivi tirfed ukoll l-isforzi nazzjonali biex jittejjeb ir-rispons tal-VET. Fi **Spanja**, il-qafas regolatorju għall-VET kompla jiġi kkonsolidat, lejn approċċ aktar b'saħħtu ta' apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol u apprendistati, b'diversi digrieti rjali li jirregolaw l-istruttura tal-kurrikulu, il-komponenti tas-sistema u l-governanza, filwaqt li jappoġġaw ukoll l-istabbiliment ta' Ċentri ta' Eċċellenza u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fit-taħriġ. Sabiex l-offerta ta' taħriġ tiġi allinjata aħjar mad-domanda tas-suq tax-xogħol, **il-Polonja** nediet il-ħolqien ta' ċentri ta' ħiliet industrijali li jlaqqgħu flimkien l-iskejjel tal-VET, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-impjegaturi u partijiet ikkonċernati oħra. **L-Estonja** kompliet ir-riforma tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-VET u l-edukazzjoni għall-adulti biex tippromwovi perkorsi ta' apprendiment flessibbli u tappoġġa l-iżvilupp ta' mikrokredenzjali.

**L-espansjoni tal-aċċess għal apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol ta' kwalità għolja tibqa' prijorità.** Il-qafas legali doppju tal-VET fil-**Bulgarija** ġie aġġornat u ġew allokati fondi pubbliċi addizzjonali biex ikopru l-kontribuzzjonijiet soċjali u tas-saħħa tal-istudenti fl-edukazzjoni doppja, filwaqt li tiġi żgurata kooperazzjoni aħjar mal-impjegaturi u użu usa' tat-taħriġ fil-kumpaniji. Stati Membri oħra taw prijorità lill-popolazzjoni adulta u lill-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet. **L-Iżvezja** allokat SEK 900 miljun addizzjonali (madwar EUR 80 miljun) biex tespandi l-edukazzjoni vokazzjonali għall-adulti, u b'hekk ippermettiet aktar postijiet ta' studju ta' sena sħiħa b'reazzjoni għan-nuqqas ta' ħiliet. Sabiex jinkisbu aktar postijiet tax-xogħol biex jiġu aċċettati l-apprendisti, l-għotja għas-superviżuri fl-edukazzjoni dwar l-apprendistati qed tiġi rduppjata wkoll għal SEK 7 000 (madwar EUR 624) fis-sena. It-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni u tas-sostenibbiltà fil-VET huwa wkoll ta' importanza kbira fuq l-aġenda. L-investimenti ta' **Spanja** jinkludu l-konverżjoni ta' aktar minn 1 200 klassi tal-iskola fi spazji tat-teknoloġija applikata, aktar minn 25 000 azzjoni ta' taħriġ ta' 30 siegħa għall-għalliema tal-VET f'ħiliet ekoloġiċi u diġitali, u l-espansjoni ta' ċikli ta' taħriġ tal-VET bilingwi. Dawn l-azzjonijiet huma inkorporati fl-RRP u huma mistennija jsaħħu kemm l-involviment tal-istudenti kif ukoll ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol.

**L-Istati Membri qed jappoġġaw l-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom, isaħħu r-rabtiet mas-suq tax-xogħol u jagħtu spinta lill-internazzjonalizzazzjoni.** Filwaqt li l-għadd ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja kiber b'mod kostanti, hemm enfasi dejjem akbar fuq l-iżgurar ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u ż-żieda tar-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet. Bl-appoġġ tal-FSE+, **il-Bulgarija** qed tagħti spinta lill-apprendiment ibbażat fuq il-kompetenza u lill-internazzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħha.

Il-pjan nazzjonali ta' **Ċipru** għat-titjib u l-aġġornament tal-edukazzjoni għolja jiffoka fuq it-titjib tal-kwalità u l-eċċellenza, ir-rabta tal-edukazzjoni mas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni. **Iċ-Ċekja** għandha l-għan li tintroduċi programmi terzjarji ta' ċiklu qasir fi skejjel vokazzjonali għolja ġodda, u **Spanja** stabbiliet proċeduri biex tivvalida l-apprendiment informali u mhux formali. Xi pajjiżi dan l-aħħar stabbilew strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni biex iżidu l-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni fl-edukazzjoni għolja. L-Istrateġija Nazzjonali tal-**Awstrija** dwar il-Mobbiltà u l-Internazzjonalizzazzjoni għall-Edukazzjoni Għolja tal-2020-30 tappoġġa l-mobbiltà għall-gruppi kollha fl-edukazzjoni għolja, filwaqt li tpoġġi enfasi akbar fuq il-promozzjoni ta' mobbiltà akkademika ta' kwalità għolja. **Il-Ġermanja** tittama li żżid l-attraenza tagħha għall-istudenti internazzjonali billi ttaffi r-rekwiżiti legali (viżi, kundizzjonijiet ta' aċċess) u tiffaċilita l-aċċess għall-programmi permezz ta' rikonoxximent akbar tal-ħiliet u d-diplomi, korsijiet tal-lingwa, akkomodazzjoni u konsulenza. Appoġġata mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), **il-Polonja** qed tiżviluppa l-ewwel strateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tagħha għall-edukazzjoni għolja li għandha tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2025.

**L-Istati Membri qed jadottaw miżuri biex iżidu u jtejbu l-apprendiment għall-adulti f'konformità mal-inizjattivi tal-Unjoni tal-Ħiliet.** Diversi Stati Membri qed jippilotaw Kontijiet Individwali tal-Apprendiment (ILAs, Individual Learning Accounts) bħala approċċ għat-taħriġ xprunat mid-domanda. Fis-**Slovakkja, f'**Jannar 2025 daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar l-edukazzjoni għall-adulti li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sistema tal-edukazzjoni għall-adulti u li tħeġġeġ l-edukazzjoni mhux formali, b'mod partikolari bil-pilotaġġ tal-ILAs. Għalkemm l-ILAs għandhom l-għan li jagħtu aċċess universali għat-taħriġ, xi proġetti pilota jiffokaw fuq gruppi speċifiċi. F'**Ċipru**, pereżempju, proġett pilota jipprovdi EUR 2 400 fuq 3 snin lill-qiegħda fit-tul u adulti bi kwalifiki baxxi ffinanzjati mill-FSE+. Sistema mfassla tajjeb ta' apprendiment għall-adulti teħtieġ finanzjament sostenibbli. Appoġġata mill-FSE+, **il-Latvja** adottat regolamenti f'Lulju 2025 għall-istabbiliment ta' fondi għall-ħiliet, li se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' sistema ta' apprendiment għall-adulti aktar sostenibbli u ffinanzjata tajjeb, li tinvolvi lill-impjegaturi. Il-proġett pilota għandu l-għan li jipprovdi taħriġ lil aktar minn 4 700 persuna sal-2029. Il-proġett pilota se jibqa' għaddej sal-2029. Sabiex il-ħiliet jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, diversi pajjiżi qed itejbu l-istrateġiji tal-ħiliet u s-sistemi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet. Sa tmiem l-2025, **Spanja** qed twettaq riċerka fl-ambitu tal-RRP biex tidentifika l-ħtiġijiet tal-ħiliet permezz ta' stħarriġ li sar f'setturi ewlenin biex tinforma reazzjonijiet effettivi għad-domandi għat-taħriġ u għat-taħriġ mill-ġdid. F'Ġunju 2025, **il-Lussemburgu** introduċa programm proattiv ta' ġestjoni tal-impjiegi u tat-taħriġ mill-ġdid/titjib tal-ħiliet, "Skills-Plang". L-Istati Membri jkomplu jieħdu azzjoni biex jimplimentaw l-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali, jagħtu spinta lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid filwaqt li jagħmlu l-ħiliet viżibbli u faċilment komparabbli madwar l-UE. F'Settembru 2025, **l-Ungerija** introduċiet regolament ġdid dwar programmi ta' taħriġ li jwasslu għal mikrokredenzjali fl-edukazzjoni għall-adulti, li jippermetti opportunitajiet ta' taħriġ iqsar għall-adulti bbażati fuq kotba tal-iskola akkreditati tal-VET. Fl-ambitu tal-RRP tagħha, **Spanja** inkludiet pjan ta' azzjoni għall-ħolqien ta' qafas għall-iżvilupp tal-mikrokredenzjali. Spanja qed taħdem ukoll fuq l-għoti ta' mikrokredenzjali biex tappoġġa għarfien u ħiliet speċifiċi li hemm domanda għalihom fis-suq tax-xogħol. Ir-rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tax-xogħol u l-apprendiment mhux formali jibqa' prijorità ewlenija fl-Istati Membri kollha. F'Ġunju 2024, **il-Kroazja** adottat regolament ġdid li jippermetti r-rikonoxximent ta' apprendiment minn qabel, b'attenzjoni speċifika għall-ħtiġijiet ta' adulti bi kwalifiki baxxi u ta' persuni li qed ifittxu impjieg. Ir-riforma tallinja l-validazzjoni aktar mill-qrib mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u tappoġġa l-perkorsi fi kwalifiki ċċertifikati. F'**Malta**, f'Settembru 2024 ġew ippubblikati linji gwida nazzjonali aġġornati biex jiġi rivedut il-qafas għall-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u

informali, biex jiġi promoss approċċ aktar koerenti u favur il-fornitur, appoġġat minn assigurazzjoni tal-kwalità mtejba u koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati.

**Ġew introdotti inizjattivi biex jissaħħu l-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni.** Pereżempju, fil-**Belġju**, il-gvernijiet tal-Federazzjoni Wallonia-Brussell u tar-Reġjun ta' Wallonia approvaw ftehim ta' kooperazzjoni ġdid dwar l-edukazzjoni diġitali fi skejjel obbligatorji u fl-edukazzjoni għall-adulti, li jiżgura li l-istudenti u l-persunal kollha jiksbu sett minimu ta' ħiliet diġitali, f'konformità mal-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali. **Malta** nediet Strateġija għall-Edukazzjoni Diġitali 2025-2030 li għandha l-għan li tipprovdi lill-istudenti b'ħiliet diġitali. **Il-Finlandja** nediet programm ta' diġitalizzazzjoni għall-apprendiment kontinwu taħt l-RRP, inklużi servizzi li jappoġġaw tranżizzjonijiet bla xkiel fl-edukazzjoni u fil-ħajja tax-xogħol. Taħt il-Politika tat-Trasformazzjoni Diġitali għall-Edukazzjoni (2025-2035), appoġġata mill-fondi tal-FSIE u tal-RRF, **il-Polonja** tipproċedi bl-armar tal-iskejjel bit-tagħmir tal-ICT, bit-taħriġ tal-għalliema fil-ħiliet diġitali kif ukoll bl-iżvilupp ta' network ta' koordinaturi pedagoġiċi tal-ICT fl-iskejjel (25 000 għalliem se jiġu mħarrġa biex isiru koordinaturi sal-2028). Xi pajjiżi qed jiffukaw fuq it-titjib tal-ħiliet tal-adulti u taċ-ċittadini. **Il-Bulgarija** qed tistabbilixxi 760 klabb diġitali, li se jipprovdu aċċess mingħajr ħlas għal korsijiet ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-adulti (b'baġit ta' EUR 116 miljun mill-RRF). Taħt l-RRP, **Spanja** nediet taħriġ modulari mmirat lejn it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persuni impjegati u tal-persuni qiegħda. Xi pajjiżi introduċew ukoll miżuri biex jappoġġaw ħiliet diġitali aktar avvanzati u professjonisti tal-IT. **Spanja** introduċiet korsijiet professjonali fil-ħiliet diġitali biex tħarreġ lil aktar minn 10 000 professjonista permezz ta' korsijiet speċjalizzati ta' mill-inqas 250 siegħa kull wieħed fl-ambitu tal-RRP. Fl-2025, f'**Malta**, l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA, Malta Digital Innovation Authority) nediet mill-ġdid l-Iskema tal-Boroż ta' Studju Diġitali Pathfinder, li għandha l-għan li tħeġġeġ lill-istudenti jispeċjalizzaw fl-IA u f'oqsma diġitali oħra fil-livelli ta' Master u PhD. **L-Iżvezja** qed tinvesti SEK 28 miljun (madwar EUR 2,5 miljun) fl-2025 biex seba' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu jistgħu jiżviluppaw korsijiet qosra u li jibnu l-ħiliet li jiffukaw fuq l-IA għall-professjonisti f'diversi setturi. Sal-2026, bl-appoġġ tal-RRF, **il-Polonja** għandha l-għan li tħarreġ mill-inqas 250 000 ċittadin fil-ħiliet diġitali, inklużi dawk f'riskju ta' esklużjoni.

**F'konformità mal-aġenda ta' tranżizzjoni doppja u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-Tranżizzjoni Ġusta Lejn in-Newtralità Klimatika, l-Istati Membri qed jespandu inizjattivi ta' taħriġ li jindirizzaw id-domanda għal ħiliet ekoloġiċi fis-setturi u fl-okkupazzjonijiet kollha.** F'Settembru 2024, **il-Greċja** nediet aktar minn 600 programm ta' taħriġ iffukati fuq il-ħiliet ekoloġiċi pprovduti mis-servizzi nazzjonali tal-impjiegi u mmirati lejn 50 000 impjegat tas-settur privat bħala parti mill-RRF tagħha. Dawn il-programmi huma miftuħa għal persuni li qed ifittxu impjieg, impjegati u intraprendituri u jinkludu suġġetti bħall-agrikoltura sostenibbli, it-teknoloġiji ekoloġiċi, u l-enerġija rinnovabbli. Mibdija fis-sena skolastika 2024-2025 fil-**Lussemburgu**, l-inizjattiva "Skillsbridges", parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu, tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid f'konformità mal-intelligence dwar il-ħiliet nazzjonali u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tpoġġi enfasi partikolari fuq it-taħriġ għal setturi affettwati mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, inklużi l-kostruzzjoni, it-trasport u l-manifattura. F'**Malta** huwa mistenni li jitwettaq eżerċizzju ta' mmappjar tal-opportunitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-impjiegi ekoloġiċi, bl-għan li jiġu identifikati d-diskrepanzi fil-kapaċità u jikkontribwixxu għal pjan direzzjonali dwar il-ħiliet ekoloġiċi allinjat mat-tbassir tas-suq tax-xogħol.

**L-Istati Membri qed jieħdu miżuri biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.** **Malta** nediet il-"Garanzija għaż-

Żgħażagħ 3.0" tagħha fi Frar 2025, b'baġit totali tal-FSE+ ta' EUR 10 miljun. Għandha l-għan li ssaħħaħ il-perkorsi ta' attivazzjoni taż-żgħażagħ billi toffri appoġġ personalizzat, taħriġ immirat u prattiki tax-xogħol. **Il-Bulgarija** introduċiet miżura ffinanzjata mill-FSE+ imsejħa "Traineeships għaż-Żgħażagħ", li tipprovdi inċentivi lill-impjegaturi biex joffru kuntratti miftuħa wara traineeship. F'Settembru 2024, appoġġat mill-FSE+, **il-Portugall** approva l-programm ta' traineeship INICIAR. Dan jikkofinanzja 65 % tal-kost ta' għotja għal trainees li tista' titla' għal 80 % fi professjonijiet b'sottorappreżentanza tal-ġeneri, għal persuna b'diżabbiltà, f'reġjun intern b'densità baxxa tal-popolazzjoni, u jekk kuntratt ta' impjieg full-time permanenti jiġi ffirmat mat-trainee fi żmien 20 jum tax-xogħol mit-tmiem tat-traineeship. **Il-Portugall** qed jimplimenta wkoll miżura ffinanzjata mill-FSE+ li tipprovdi lill-impjegaturi b'appoġġ finanzjarju għar-reklutaġġ u għaż-żamma ta' żgħażagħ kwalifikati, pereżempju billi tippromwovi l-kwalità tal-impjiegi u tistabbilixxi paga xierqa għall-kwalifiki. Fil-**Greċja**, bħalissa għaddejja miżura ffinanzjata mill-FSE+ biex jitħejjew 25 000 żagħżugħ u żagħżugħa qiegħda (fl-età ta' bejn 18 u 29 sena) biex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** inkludiet tliet programmi mmirati lejn l-impjiegi taż-żgħażagħ, li jiffukaw fuq il-kisba ta' kompetenza professjonali permezz tat-taħriġ u l-impjiegi, b'attenzjoni partikolari fuq il-ħiliet relatati mal-klima u dawk diġitali. Fl-**Iżvezja**, il-miżuri mmirati lejn in-NEETs qed jiġu implimentati fil-livell muniċipali u reġjonali biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali, filwaqt li qed jiffukaw ukoll fuq is-saħħa mentali.

**Għaddejja ħidma biex tiġi promossa ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-livelli tal-pagi.** Fil-**Lussemburgu**, ġiet adottata liġi fl-2024 li ħolqot "Osservatorju tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri" u "Kunsill Ogħla għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri". Il-missjoni tal-Osservatorju hija li jiġbor id-data, jipprovdi informazzjoni u jimmonitorja u janalizza l-iżviluppi fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill, magħmul minn disa' membri, jistudja u jagħti pariri dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. **Franza** ttrasponiet id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet (UE 2022/2381) skont il-liġi Coppé-Zimmermann, li għandha l-għan li ttejjeb il-parità bejn il-ġeneri f'kumpaniji kbar. Fil-**Finlandja**, il-gvern u l-organizzazzjonijiet ċentrali tas-suq tax-xogħol innegozjaw miżuri konġunti ta' paga ugwali għall-perjodu 2024-27. L-għan tal-Programm għal Pagi Ugwali huwa li jnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għal inqas minn 15 % sal-2027. **Iċ-Ċekja**, **il-Finlandja**, **il-Polonja** u **s-Slovakkja** kollha ħadu passi lejn it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, it-tisħiħ tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Kien hemm ukoll aktar sforzi bejn l-Istati Membri biex itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal dawk b'responsabbiltajiet tal-ġenituri. Fid-**Danimarka**, id-dritt tal-ġenituri għall-assenza u l-benefiċċju tal-maternità ġew estiżi minn total ta' 3 xhur flimkien għal 12-il xahar għal kull ġenitur fil-każ ta' trabi tat-twelid fi sptarijiet. Fil-**Belġju**, il-ġenituri b'responsabbiltajiet fit-tul għal wild li jkun fil-foster care issa se jkunu jistgħu wkoll jitolbu għal-liv tal-ġenituri. Stati Membri oħra qed jipprovdu lin-nisa b'inċentivi akbar biex jaħdmu. **L-Italja** qed toffri eżenzjoni parzjali mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-ommijiet impjegati u lill-ommijiet b'impjieg indipendenti li għandhom mill-inqas żewġt itfal. Il-benefiċċju, li huwa validu sal-età ta' 10 snin tal-iżgħar wild u, mill-2027, sal-età ta' 18-il sena tal-iżgħar wild għal ommijiet ta' tlett itfal jew aktar, huwa riżervat għal dawk b'introjtu taxxabbli sa EUR 40 000 fis-sena li ma jipparteċipawx fir-reġim tat-taxxa b'rata fissa. Il-miżura għandha limitu tan-nefqa annwali ta' EUR 300 miljun. Il-Programm ta' Servizz Pubbliku tal-Impjiegi fil-**Greċja** qed jippromwovi l-intraprenditorija, bil-ħolqien ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ġodda minn 5 880 persuna qiegħda li għandhom età ta' bejn 30 u 59 sena, b'enfasi fuq in-nisa qiegħda. L-ammont ta' appoġġ għan-negozji/għall-benefiċjarji l-ġodda huwa ta' EUR 17 000.

**F'ħafna Stati Membri qed isiru sforzi biex tissaħħaħ l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà.** Xi pajjiżi qed iħarsu lejn is-settur pubbliku biex itejjeb l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol. Pereżempju, programm ta' impjieg sussidjat fil-**Greċja** qed jikkontribwixxi sa 75 % tas-salarju u tal-kontribuzzjonijiet ta' 1 000 persuna qiegħda b'diżabbiltà, li għandhom jiġu impjegati fil-gvern lokali. Il-programm se jdum 18-il xahar u għandu l-għan li jintegra l-parteċipanti fis-suq tax-xogħol. Fi **Spanja**, ir-riformi għall-proċeduri tal-għażla tal-amministrazzjoni pubblika se jagħmluhom aktar adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà. **Il-Lussemburgu** qed jemenda statut dwar il-persuni b'diżabbiltà, billi jaġġorna d-definizzjonijiet, jespandi d-drittijiet u jirfina l-mekkaniżmi ta' appoġġ biex tissaħħaħ l-inklużjoni legali, soċjali u professjonali. **L-Iżvezja** qed timmira li żżid l-għarfien fost l-impjegaturi dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni b'diżabbiltà fl-impjiegi u kkummissjonat lis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex iwettqu inizjattivi ta' informazzjoni.

## 2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-Linja Gwida 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Din tkopri, fost l-oħrajn, il-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-adattament għal metodi operatorji ġodda, kif ukoll l-iżgurar tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra x-xogħol mhux dikjarat. Dawn l-għanijiet huma konformi ma': mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 5 (impjiegi siguri u adattabbli), 7 (informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji), 8 (djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema), 10 (ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat) u 13 (benefiċċji tal-qgħad) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fuq il-bażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-Taqsima 2.3.1 teżamina aspetti relatati mal-kwalità tal-impjiegi u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-futur tax-xogħol, inkluż fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali. Il-qgħad fit-tul u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma analizzati aktar taħt din il-Linja Gwida. Fl-aħħar nett, din it-taqsima tiddiskuti r-rwol tas-sħab soċjali u l-importanza tad-djalogu soċjali, u ta' konsultazzjoni xierqa mas-soċjetà ċivili, sabiex jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki. It-Taqsima 2.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

### 2.3.1 Indikaturi ewlenin

**Arranġamenti kuntrattwali flessibbli jistgħu jgħinu biex jiġu ssodisfati d-domandi tas-suq tax-xogħol, iżda jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal segmentazzjoni akbar tas-suq tax-xogħol u jkollhom piż fuq il-kwalità tal-impjiegi.** Forom mhux standard ta' xogħol, bħal xogħol temporanju u part-time, jistgħu jipprovdu flessibbiltà akbar kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-impjegati, u jservu bħala "tarġa" għal impjieg stabbli u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar. Madankollu, f'xi każijiet, dawn jistgħu jillimitaw il-mobbiltà 'l fuq, idewmu l-instabbiltà u jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. Dawn spiss ikunu assoċjati ma' qligħ aktar baxx, aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali, it-taħriġ u

r-rappreżentanza[194]. Dawn jistgħu jwasslu wkoll għal attraenza dejjem tonqos ta' ċerti setturi u okkupazzjonijiet, u dan jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema jekk il-paga tkun baxxa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu ħżiena[195]. Iż-żgħażagħ, in-nisa, il-migranti, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki huma aktar affettwati mis-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Fost l-oħrajn, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jħeġġu t-tranżizzjonijiet f'impjiegi ta' kwalità ogħla, inċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw fuq bażi permanenti full-time, flimkien ma' aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u opportunitajiet ta' apprendiment, jistgħu jgħinu biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tiżdied il-kwalità tal-impjiegi.

**Illustrazzjoni 2.3.1: Matul l-aħħar deċennju, is-sehem tal-impjiegi temporanji kien qed jonqos, iżda għad hemm varjazzjoni sostanzjali bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, %, data annwali)




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2023 u fl-2024. Interruzzjoni fis-serje għal DK fl-2023 u għal BG fl-2024.
*Sors*: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem tal-ħaddiema temporanji fl-UE kompla jonqos f'kuntest ta' rati ta' impjieg għoljin u li qed jiżdiedu, iżda d-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom sostanzjali[196].** Is-sehem tal-ħaddiema temporanji fost l-impjegati kollha (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) kompla x-xejra tiegħu 'l isfel u laħaq 11,6 % fl-2024. Dan huwa 0,6 pp taħt is-sena preċedenti u 3 pp inqas minn deċennju ilu – ara l-Illustrazzjoni 2.3.1. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri esperjenzaw żvilupp simili, id-distakk bejn l-ogħla u l-inqas ishma ta' impjieg temporanju għadu sinifikanti, fil-livell ta' 21,1 pp. In-Netherlands (22,6 %), kif ukoll il-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Polonja (aktar minn jew madwar 15 %) komplew jirreġistraw l-ogħla ishma fl-UE fl-2024, filwaqt li ċ-ċifri kienu inqas minn 3 % fil-Bulgarija, fil-Latvja, fir-Rumanija u fil-Litwanja.

---

[194] Eurofound, Labour market segmentation, id-Dizzjunarju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali, 2019.

[195] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, u Eurofound, Company practices to tackle labour shortages, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[196] L-impjegati b'kuntratti temporanji huma definiti bħala impjegati b'kuntratt ta' durata limitata, li l-impjieg prinċipali tagħhom se jintemm jew wara perjodu li jiġi ffissat minn qabel, jew wara perjodu li ma jkunx magħruf minn qabel.

**Illustrazzjoni 2.3.2: Is-sehem ta' impjieg temporanju għaż-żgħażagħ u għan-nisa jvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri**

Sehem ta' impjegati temporanji fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) kif ukoll in-nisa u l-irġiel (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), (%, 2024)




*Nota*: Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

**Il-kuntratti temporanji huma kważi tliet darbiet aktar komuni għaż-żgħażagħ u aktar prevalenti fost in-nisa mill-irġiel, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri.** Fl-2024, wara tnaqqis ta' 1,0 pp meta mqabbel mal-2023, 33,3 % tal-impjegati żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) kellhom kuntratt temporanju fl-UE meta mqabbel ma' 11,6 % biss fost l-impjegati kollha fl-età ta' bejn 20 u 64 sena. L-aktar rati baxxi (inqas minn jew madwar 5 %) ġew irreġistrati fil-Bulgarija, fil-Latvja, fil-Litwanja u fir-Rumanija, filwaqt li rati ta' madwar 40 % jew aktar kienu jikkaratterizzaw lin-Netherlands, lill-Italja u lill-Portugall – ara l-Illustrazzjoni 2.3.2. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (20), in-nisa kienu aktar ta' spiss b'kuntratti temporanji mill-irġiel, u dan wassal għal differenza bejn il-ġeneri ta' 1,9 pp fl-2024 bħala medja fl-UE. F'Ċipru, fil-Finlandja u fi Spanja, id-differenza kienet ta' bejn 5 u 7 pp, filwaqt li fil-Litwanja, fil-Ġermanja u fil-Bulgarija d-differenza kienet ta' bejn 0,1 u 0,3 pp.

**Kaxxa 6 tal-Pilastru: Id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi fl-Istati Membri tal-UE**

**It-trawwim tal-kwalità tal-impjiegi huwa kruċjali għal ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva b'kapaċità ta' produttività u innovazzjoni għolja, forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet u koeżjoni soċjali akbar.** Il-kwalità tal-impjiegi tkopri diversi dimensjonijiet li huma influwenzati wkoll minn bidliet strutturali fis-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika, it-tibdil demografiku, l-evoluzzjoni tal-kuntratti ta' impjieg u tal-forom ta' xogħol, il-kulturi li qed jevolvu fuq il-post tax-xogħol, u valuri u għanijiet soċjetali usa' bħan-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs. Kif diskuss fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u rifless fl-Opinjoni tal-EMCO għall-EPSCO ta' Ġunju 2025[197], il-kwalità tal-impjiegi tinkludi dimensjonijiet tradizzjonali bħal *qligħ adegwat u pagi ġusti, is-sigurtà tal-impjiegi u tal-karriera,* u *l-iżvilupp tal-ħiliet* u *l-progressjoni tal-karriera.* Dawn huma kollha elementi interdipendenti li, meta jiġu kkombinati, jistgħu joħolqu ċiklu

[197] Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi ppreżentata lill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur ta' Ġunju 2025.

virtuż ta' setgħa personali, produttività u tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, kif enfasizzat fl-opinjoni tal-EMCO, *is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol*, flimkien mal-*benesseri fuq il-post tax-xogħol*, l-*arranġamenti ottimali tal-ħin tax-xogħol*, *il-bilanċ bejn ix-xogħol* u *l-ħajja privata*, u *l-awtonomija tal-impjieg*, jistgħu jqiegħdu l-pedamenti kemm għall-iżvilupp personali kif ukoll professjonali, kif ukoll għas-suċċess organizzazzjonali. Dan jista' jirriżulta, pereżempju, minn kreattività u akkontabbiltà akbar, minn motivazzjoni u produttività ogħla, u minn inċidenza mnaqqsa ta' burnout. Barra minn hekk, *ir-rappreżentanza u l-organizzazzjoni tal-interessi kollettivi*, *l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs*, kif ukoll l-isforzi biex jitrawmu *t-tranżizzjonijiet minn xogħol mhux iddikjarat u mhux iddikjarat biżżejjed għal impjieg formali* huma faċilitaturi orizzontali kruċjali ta' suq tax-xogħol ġust u inklużiv. Fl-aħħar nett, il-grad u t-tip ta' *protezzjoni soċjali* disponibbli għal forom differenti ta' impjieg huma komponenti integrali tal-kwalità tal-impjiegi. Il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità li ġej, li qed jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali tal-UE, huwa impenn imġedded biex jitrawmu impjiegi ta' kwalità li jibqgħu validi fil-futur f'UE kompetittiva. Dan se jippreżenta strateġija komprensiva biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tas-swieq tax-xogħol Ewropej fir-rigward ta' impjiegi ta' kwalità u jikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, l-antiċipazzjoni tal-bidla u l-intervent aktar rapidu meta jkun hemm theddida ta' ristrutturar. Il-Pjan Direzzjonali jiddeskrivi inizjattivi u għodod biex il-politika dwar l-impjiegi tiġi allinjata mal-ħtiġijiet ta' ekonomija li qed tevolvi malajr filwaqt li tibqa' bbażata fuq il-prinċipji tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, il-progress soċjali u okkupazzjoni sħiħa. Dan jenfasizza wkoll fatturi abilitanti ewlenin li jrawmu impjiegi ta' kwalità f'ambjent li jiffavorixxi n-negozju u jitlob l-infurzar tad-drittijiet soċjali eżistenti, servizzi ta' kwalità għar-reġjuni kollha u bejniethom, finanzjament adegwat u djalogu soċjali msaħħaħ u negozjar kollettiv.

**Il-prestazzjoni fuq il-kwalità tal-impjiegi tvarja bejn l-Istati Membri u bejn id-dimensjonijiet**

Ir-rata tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu (fl-età ta' bejn18 u 64 sena), 2024, % tal-persuni impjegati u % tal-persuni impjegati mhux miżżewġa; Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena) (matul l-aħħar 12-il xahar), 2022, % tal-persuni impjegati; Ir-rata ta' impjieg temporanju u part-time involontarju (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena), 2024, % tal-impjegati, ħaddiema b'paga baxxa, 2022, % tal-impjegati




*Nota:* Data dwar l-impjieg temporanju involontarju għal LV disponibbli biss għal raġuni [JOB_TCTR] u għal SK għal raġuni [NF_PJOB]. Interruzzjoni fis-serje għal BG u definizzjoni differenti għal ES u FR kemm għal impjieg temporanju involontarju kif ukoll għal impjieg part-time. Data ta' affidabbiltà baxxa għal EE [JOB_TCTR] u għal MT, AT u SI għal [NF_PJOB]. Interruzzjoni fis-serje għal HR u data provviżorja għal LT għaż-żewġ rati tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu. Interruzzjoni fis-serje fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għal FR, IT u RO.

*Sors:* il-Eurostat [tesem190,], [lfsa_eetpgar], [tespm070], [ilc_iw02], [earn_ses_pub1s], special extraction of the adults' participation rate in learning during the past 12 months without guided on-the-job training (GOJT), from the Adult Education Survey.

**Il-prestazzjoni tul id-diversi dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri tal-UE, u wkoll bejn id-dimensjonijiet fl-istess Stat Membru.** Pereżempju, il-Bulgarija, filwaqt li għandha ishma baxxi ta' impjieg temporanju involontarju[198] u impjieg part-time involontarju[199] (2,3 % u 0,5 % tal-impjegati (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena), rispettivament), għandha waħda mill-ogħla rati tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu (IWP, in work at-risk-of-poverty) (12,1 %), u wieħed mill-ogħla numri ta' inċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol (3,5 għal kull 100 000 ħaddiem). Il-Finlandja għandha ishma relattivament għoljin ta' impjieg temporanju involontarju (10,3 %) u impjieg part-time involontarju (4,6 %). Fl-istess ħin, ir-rata tal-IWP hija relattivament baxxa (2,8 %), aktar minn nofs (55,5 %) ta' dawk impjegati jipparteċipaw fit-taħriġ u l-inċidenti fatali huma relattivament baxxi (1 għal kull 100 000 ħaddiem). Is-Slovakkja tirreġistra rata relattivament għolja tal-IWP (10,3 %) iżda għandha prestazzjoni tajba fid-dimensjonijiet l-oħra kollha msemmija hawn fuq. Stati Membri oħra, bħall-Italja u Spanja, jiffaċċjaw sfidi f'ħafna dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi.

**L-Istati Membri qed jieħdu azzjonijiet biex itejbu l-kwalità tal-impjiegi tul id-diversi dimensjonijiet tagħha.** Pereżempju, **is-Slovakkja** temmet it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi f'Novembru 2024. Dan se jikkontribwixxi għal qligħ adegwat fit-tarf l-aktar baxx tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Hija tagħmel dan billi tintroduċi kriterji għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-paga minima statutorja, iżżid il-mekkaniżmu ta' indiċjar awtomatiku għal 60 % tal-paga medja fix-xahar tas-sena preċedenti, u toħloq Kummissjoni dwar il-Paga Minima bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali. Bħala parti minn riforma usa' tas-suq tax-xogħol, f'Ġunju 2025, **is-Slovenja** introduċiet rekwiżiti aktar stretti għall-aġenziji ta' impjieg temporanju u żiedet is-sorveljanza regolatorja ta' tali aġenziji biex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji. F'Ġunju 2024, **il-Greċja** introduċiet il-Karta tax-Xogħol Diġitali bħala proġett pilota li għandu l-għan li jipproteġi bis-sħiħ id-drittijiet tal-ħaddiema, billi jiżgura l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol reali u r-remunerazzjoni tal-impjegati. Dan għandu l-għan li jiġġieled il-politiki abbużivi tas-sahra mhux iddikjarata kif ukoll il-bidliet illegali u s-sigħat tas-sahra. **L-Italja** estendiet it-tnaqqis fit-taxxa għar-reklutaġġ ta' impjegati b'kuntratti permanenti u introduċiet eżenzjonijiet mill-kontribuzzjoni soċjali mill-2025-29 għal impjegaturi fis-settur privat li jimpjegaw persunal permanenti f'ċerti setturi. Bl-appoġġ tal-RRF, **Spanja** introduċiet pjan ta' azzjoni għall-ħolqien ta' qafas għall-iżvilupp tal-mikrokredenzjali u qed taħdem biex tipprovdi mikrokredenzjali li jkopru diversi azzjonijiet ta' taħriġ differenti biex il-ħaddiema jiġu mgħammra b'għarfien u b'ħiliet speċifiċi li hemm domanda għalihom fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, fl-2025, permezz ta' negozjati mas-sħab soċjali, il-paga minima żdiedet b'EUR 700 fis-sena, u kienet ta' benefiċċju għal madwar 2,4 miljun ħaddiem. Sabiex jissaħħu s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, f'Marzu 2025, **il-Lussemburgu** adotta digriet li jaġġorna l-protezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol kontra aġenti karċinoġeniċi, mutaġeniċi, u reprotossiċi, u jsaħħaħ l-obbligi tal-impjegaturi fil-monitoraġġ, l-esplorazzjoni ta' sostituzzjoni u l-kontrolli tal-iġjene.

[198] L-impjieg temporanju involontarju huwa definit bħala minħabba li "ma nstab l-ebda impjieg permanenti" [lfsa_etgar] jew "l-impjieg kien disponibbli biss b'kuntratt temporanju" [lfsa_etgar].

[199] Ix-xogħol part-time involontarju huwa definit bħala minħabba li "ma nstab l-ebda impjieg full-time" [lfsa_eetpgar].

**Xi Stati Membri juru ishma relattivament għoljin ta' impjieg temporanju u rati baxxi ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti.** Dan jista' jindika sfidi fir-rwol tal-kuntratti temporanji bħala "targa" f'impjieg permanenti fit-tul. Fost il-pajjiżi bl-ogħla ishma ta' ħaddiema temporanji, l-Italja u Spanja rreġistraw rati ta' tranżizzjoni taħt jew madwar 20 % (vs il-medja tal-UE ta' 37,2 %), filwaqt li fin-Netherlands u fil-Portugall, dawn qabżu l-40 % – ara l-Illustrazzjoni 2.3.3. Min-naħa l-oħra, fl-Ungerija, fil-Latvja u fir-Rumanija, l-ishma tal-ħaddiema temporanji kienu inqas minn 5 %, u f'Malta taħt l-10 %, iżda r-rati ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti kienu għoljin ħafna, bejn 60 % u 70 %. Dan tal-aħħar jissuġġerixxi perkorsi effettivi minn impjieg temporanju għal permanenti.

**Illustrazzjoni 2.3.3: Ir-rati ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti fl-UE huma kkaratterizzati minn eteroġeneità sinifikanti bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) fl-2024 u r-rata ta' tranżizzjoni għal impjiegi permanenti (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) (valur medju għall-2022, l-2023 u l-2024).




*Nota*: Il-koorti usa' ta' età ta' 15-64 sena huwa kkunsidrat għar-rati ta' tranżizzjoni bejn kuntratti temporanji għal dawk permanenti. Ir-rata ta' tranżizzjoni tax-xogħol nieqsa għal DE fl-2022, għal DK nieqsa fl-2024 u għal-LU fl-2023. Interruzzjoni fis-serje fl-2023 għal FR. Data provviżorja fl-2024 għal LT. Il-koorti ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena jintuża għall-impjiegi temporanji, f'konformità mal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-impjiegi u analiżi relatata fit-taqsima. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2024. Interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024.
*Sors*: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE u [ilc_lvhl32], l-UE-SILC.

**L-impjieg temporanju involontarju jaffettwa sehem sostanzjali tal-forza tax-xogħol, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri, u inċidenza ogħla għaż-żgħażagħ u għan-nisa.** L-impjieg temporanju involontarju huwa indikattiv ta' sitwazzjonijiet fejn l-arranġament kuntrattwali ma jirriflettix il-preferenzi tal-impjegati għall-flessibbiltà. Fl-2024, wieħed minn kull żewġ impjegati temporanji (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) (53,7 %, madwar 10,6 miljun ħaddiem) kienu involontarji fuq tali arranġament kuntrattwali, li b'mod kumplessiv jammonta għal 6,4 % tal-impjegati kollha. Fost l-impjegati kollha, is-sehem ta' dawk b'kuntratti temporanji involontarji varja minn 10 % jew aktar f'Ċipru, fi Spanja, fil-Portugall, fl-Italja u fil-Greċja għal madwar 1 % jew inqas fl-Estonja u fil-Litwanja – ara l-Illustrazzjoni 2.3.4. Fi kważi l-każijiet kollha, in-nisa kellhom ishma ogħla mill-irġiel, ħlief għall-Bulgarija, l-Ungerija u l-Litwanja. Fost il-ħaddiema temporanji, il-proporzjon ta' dawk f'impjieg temporanju involontarju varja minn madwar 16-25 % fin-Netherlands u fid-Danimarka sa 95,1 % f'Ċipru. Filwaqt li kemm in-Netherlands kif ukoll Spanja għandhom rati għoljin ta' xogħol temporanju, dawk tal-ewwel għandhom l-inqas sehem ta' impjegati temporanji li huma involontarji f'sitwazzjoni bħal din, b'rati medji ta' tranżizzjoni, filwaqt li fi Spanja tlieta minn kull erba' impjegati temporanji huma involontarji, u r-rati ta' tranżizzjoni huma relattivament baxxi. Dan jenfasizza n-natura doppja tax-xogħol temporanju, jew forma

flessibbli magħżula ta' impjieg, u perkors possibbli għal impjieg stabbli, jew riżultat ta' alternattivi limitati u rati baxxi ta' tranżizzjoni għal impjiegi stabbli għall-ħaddiema.

**Illustrazzjoni 2.3.4: L-impjieg temporanju involontarju jaffettwa wieħed minn kull żewġ ħaddiema temporanji u b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażagħ**

Impjegati temporanji involontarji bħala perċentwal tal-għadd totali ta' impjegati (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) (f'%, 2024)




*Nota*: Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG. Data b'affidabbiltà baxxa għal LV, MT, AT, SI, EE u SK. Data għat-total u għat-total bħala sehem tal-ħaddiema temporanji kollha biss b'"Impjieg disponibbli biss b'kuntratt temporanju" għal LV u biss li "Ma nstab l-ebda impjieg permanenti" għal SK. Data għan-nisa u ż-żgħażagħ nieqsa għal LV u EE u biss li "Ma nstab l-ebda impjieg permanenti" għal SK u RO

*Sors*: il-Eurostat, [lfsa_etgar], l-LFS tal-UE.

**L-impjieg part-time fl-UE naqas matul l-aħħar deċennju u l-komponent involontarju tiegħu naqas ukoll, iżda baqa' sinifikanti f'xi Stati Membri**. Mill-2014, is-sehem tal-impjieg part-time fl-impjieg totali (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) naqas b'0,7 pp u laħaq 17,1 % fl-2024. Fi tliet Stati Membri (in-Netherlands, l-Awstrija, il-Ġermanja), madwar jew aktar minn 30 % tal-impjiegi totali kienu part-time, filwaqt li ħames Stati Membri rrapportaw ċifri taħt il-5 % (l-Ungerija, is-Slovakkja, il-Kroazja, ir-Rumanija, il-Bulgarija). In-nisa jkomplu jirrappreżentaw l-akbar grupp ta' ħaddiema part-time (ara t-Taqsima 2.2). Hekk kif ir-rati ta' impjieg żdiedu matul l-aħħar deċennju u s-swieq tax-xogħol saru dejjem aktar stretti, l-impjieg part-time involontarju naqas kontinwament hekk kif l-impjegaturi qed isibuha diffiċli biex jimlew il-postijiet tax-xogħol vakanti full-time[200]. B'riżultat ta' dan, fl-2024, 18,9 % tal-impjieg part-time totali (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) kien involontarju, meta mqabbel ma' 32,7 % deċennju qabel. F'dan ir-rigward ukoll, hemm eteroġeneità sinifikanti fost l-Istati Membri. Filwaqt li fi Spanja, fl-Italja u fir-Rumanija, madwar wieħed minn kull żewġ ħaddiema part-time huwa involontarju, f'Malta, fis-Slovenja, fil-Ġermanja u fin-Netherlands, madwar jew inqas minn 5 % tal-ħaddiema part-time ikunu involontarji f'arranġament bħal dan.

[200] L-OECD, OECD Employment Outlook 2025: Can We Get Through the Demographic Crunch?, OECD Publishing, Pariġi.

**Illustrazzjoni 2.3.5: Is-sehem tal-impjieg part-time naqas bi ftit, filwaqt li d-differenzi fil-komponent involontarju tiegħu għadhom b'saħħithom fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjiegi part-time mill-impjiegi totali (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) u s-sehem tal-impjiegi part-time involontarji mill-impjiegi part-time totali (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) (%, data annwali)




*Nota:* Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Għall-impjieg part-time, interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024. Għall-impjieg part-time involontarju, interruzzjoni fis-serje għal FR fl-2014 u għal BG fl-2021 u affidabbiltà baxxa għal MT, HR u SI fl-2024 u għal NL fl-2014.
*Sors:* il-Eurostat, [lfsi_pt_a] u [lfsa_eppgai], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem ta' ħaddiema b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati naqas bi ftit fl-UE iżda jistgħu jiġu osservati differenzi kbar bejn l-Istati Membri.** Tali xogħol awtonomu, filwaqt li jindika wkoll l-inizjattiva intraprenditorjali, jista' jinqara wkoll bħala indikatur għal impjieg indipendenti "fittizju" li jaħbi relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti[201]. Fl-2024, 9,0 % tal-impjiegi totali (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) fl-UE relatati mal-ħaddiema awtonomi[202]. Filwaqt li naqas b'0,1 pp meta mqabbel mal-2023, dan xorta kien jirrappreżenta 17,7 miljun ħaddiem fl-2024. L-ogħla ishma ta' ħaddiema awtonomi fl-impjiegi totali ġew irreġistrati fiċ-Ċekja, fl-Italja u fin-Netherlands, f'livell ta' 13 % jew madwar, kif ukoll fil-Polonja f'livell ta' 14,1 % u fil-Greċja f'livell ta' 19,1 %. L-aktar ċifri baxxi (taħt il-5 %) kienu osservati fid-Danimarka, fil-Ġermanja u fil-Lussemburgu. B'mod kumplessiv, 15 % tal-ħaddiema awtonomi fl-UE jistgħu jitqiesu ekonomikament dipendenti[203], bl-ogħla ishma jiġu rreġistrati fl-agrikoltura, fis-servizzi finanzjarji kif ukoll fis-saħħa u f'servizzi oħra[204]. Fosthom, madwar 40 % jirrapportaw li għandhom mill-inqas xi diffikultà biex ilaħħqu mal-ħajja.

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu stabbilizza ruħu fl-UE fl-2024 wara perjodu ta' tnaqqis inkrementali iżda xorta affettwa kważi wieħed minn kull tnax-il ħaddiem.** Is-sehem ta' persuni impjegati fl-età ta' bejn 18 u 64 sena f'riskju ta' faqar naqas għal 8,2 % fl-Unjoni fl-2024, minn 8,3 % fl-2023[205], ferm inqas minn qabel il-pandemija tal-COVID (tnaqqis minn

---

[201] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe 2023, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.
[202] Il-Eurostat, [lfsa_egaps] u [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR (ara l-metadata).
[203] Il-persuni b'impjieg indipendenti ekonomikament dipendenti huma definiti bħala dawk b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati li ħadmu matul l-aħħar 12-il xahar għal klijent wieħed biss jew għal klijent dominanti, u dan il-klijent iddeċieda dwar is-sigħat tax-xogħol tagħhom.
[204] Eurofound, Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.
[205] Il-Eurostat, [ilc_iw01], l-UE-SILC. Ir-rati tal-faqar fost dawk li jaħdmu jirreferu għall-introjtu tas-sena ta' qabel.

9,1 % fl-2019 u 9,8 % fl-2016). Il-ħaddiema f'forom mhux standard ta' xogħol huma relattivament aktar affettwati peress li spiss ikollhom qligħ annwali u intensità tax-xogħol aktar baxxi. Fost l-unitajiet domestiċi b'intensità għolja tax-xogħol, fl-2024, ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu kienet inqas minn terz taċ-ċifra għall-unitajiet domestiċi b'intensità baxxa tax-xogħol[206]. It-tkabbir aktar b'saħħtu fil-pagi fost l-unitajiet domestiċi li jaħdmu b'introjtu aktar baxx, megħjun ukoll minn żidiet qawwija fil-pagi minimi mill-2022, ikkontribwixxa għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx f'dawn l-aħħar snin (ara t-taqsima 2.1.1)[207]. Fl-2024, ir-Rumanija kienet il-pajjiż li esperjenza l-aktar tnaqqis b'saħħtu fil-faqar fost dawk li jaħdmu (b'4,3 pp, għal 10,7 % fl-2024), għalkemm xorta qabeż il-medja tal-UE ta' 8,2 %. Il-Lussemburgu, il-Latvja u l-Portugall esperjenzaw ukoll tnaqqis sinifikanti (b'1,4 pp, 1 pp u 0,8 pp, rispettivament), iżda kollha kienu għadhom madwar jew ogħla mill-medja tal-UE (bi 13,4 %, 8,5 %, u 9,2 % rispettivament). B'kuntrast ma' dan, il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied b'1,2 pp fis-Slovakkja. Il-Lussemburgu, il-Bulgarija u Spanja rreġistraw l-ogħla rati ta' faqar fost dawk li jaħdmu (13,4 %, 12,1 % u 11,3 %, rispettivament). Bħal fis-snin preċedenti, ir-rati tal-faqar fost dawk li jaħdmu kienu ogħla fost iċ-ċittadini mhux tal-UE, il-ħaddiema b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, l-impjegati part-time, il-ħaddiema temporanji u l-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti[208]. Il-faqar fost dawk li jaħdmu kien ukoll ogħla għall-irġiel meta mqabbel man-nisa.

**Illustrazzjoni 2.3.6: Ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu kienet ġeneralment stabbli fl-2024 fl-UE b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri**

Ir-rata ta' riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu (fl-età ta' bejn 18 u 64 sena) (% data annwali)




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje fl-2023 ghal DE u HR. Interruzzjoni fis-serje fl-2024 ghal HR. Data provviżorja fl-2024 ghal LT.
*Sors:* il-Eurostat [tespm070], l-UE-SILC.

**It-trasformazzjoni diġitali mħaffa qed tfassal mill-ġdid is-swieq tax-xogħol Ewropej, b'wieħed minn kull għaxar ħaddiema fl-UE li juża l-Intelliġenza Artifiċjali ġenerattiva għax-xogħol.** L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u l-ġestjoni algoritmika joffru għodod b'saħħithom biex jixprunaw l-innovazzjoni, jagħtu spinta lill-produttività, pereżempju permezz tal-awtomatizzazzjoni u billi jikkomplementaw lill-ħaddiema fil-kompiti tagħhom, u jsaħħu l-kompetittività globali tal-Ewropa. Meta jitfasslu u jiġu implimentati b'mod responsabbli, l-użu tal-IA u ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jista'

[206] Ara l-Eurostat, [ilc_iw03], l-LFS tal-UE.
[207] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2025, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.
[208] Ara l-Eurostat, [ilc_iw15], [ilc_iw04], [ilc_iw07], [ilc_iw05], [ilc_iw02], l-UE-SILC.

jżid l-effiċjenza, jissimplifika r-reklutaġġ, inaqqas il-preġudizzju, u jtejjeb il-kwalità tal-impjiegi (ara wkoll it-taqsima 2.1.1). Madankollu, dawn l-għodod jeħtieġ li jiġu ġestiti b'mod xieraq biex jindirizzaw kif xieraq it-tħassib dwar pressjoni tax-xogħol akbar, monitoraġġ kostanti, preġudizzji potenzjali, u riskji għall-protezzjoni tad-data għall-ħaddiema. Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025, il-biċċa l-kbira tal-Ewropej iqisu l-IA u t-teknoloġiji diġitali b'mod aktar ġenerali bħala li għandhom impatt pożittiv fuq l-impjiegi tagħhom, fuq l-ekonomija u fuq il-kwalità tal-ħajja[209]. Fl-istess ħin, 84 % jemmnu li l-IA teħtieġ ġestjoni bir-reqqa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol. Fl-2024, 12 % tal-ħaddiema fl-UE użaw forom differenti ta' IA ġenerattiva fix-xogħol tagħhom biex jissimplifikaw kompiti mentali kumplessi jew biex jirċievu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom ikunu qed jaħdmu[210]. L-użu tal-IA ġenerattiva kien partikolarment għoli fost il-maniġers (23 %) u l-professjonisti (28 %) u fis-servizzi finanzjarji (28 %). L-użu varja wkoll bejn l-Istati Membri. Fil-Belġju, fid-Danimarka, fin-Netherlands, fl-Iżvezja u fil-Lussemburgu bejn 20 u 25 % tal-ħaddiema diġà qed jużaw dawn l-għodod, filwaqt li fl-Italja, fil-Greċja, fir-Rumanija u fil-Portugall 5 % biss jew inqas jagħmlu dan. Barra minn hekk, l-użu tal-monitoraġġ diġitali fuq il-post tax-xogħol u l-ġestjoni algoritmika tal-proċessi tax-xogħol qed jittrasformaw kif ix-xogħol jiġi organizzat, koordinat, immonitorjat u ġestit[211]. Il-monitoraġġ diġitali huwa l-aktar prevalenti fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, inklużi s-Slovenja, iċ-Ċekja, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Latvja, kif ukoll Malta u Ċipru. Minbarra ż-żewġ prattiki l-aktar komuni (it-traċċar tal-ħinijiet tax-xogħol u l-movimenti tad-dħul/tal-ħruġ), f'dawn il-pajjiżi ta' spiss jintużaw ukoll il-monitoraġġ tal-internet, is-CCTV, it-traċċar tat-telefonati, u l-monitoraġġ tal-lokalizzazzjoni tal-vetturi. Madankollu, b'mod ġenerali, kien hemm grad għoli ta' eteroġeneità fil-prevalenza u fit-tipi ta' monitoraġġ diġitali bejn l-Istati Membri. Fir-rigward tal-Ġestjoni Algoritmika, id-data tal-istħarriġ turi li 24 % tal-ħaddiema tal-UE għandhom il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom allokati awtomatikament. L-Att tal-UE dwar l-IA jistabbilixxi sett ċar ta' regoli bbażati fuq ir-riskju għall-iżviluppaturi u l-implimentaturi tal-IA fir-rigward ta' użi speċifiċi tal-IA, li jiggarantixxu s-sikurezza, id-drittijiet fundamentali u l-IA ċċentrata fuq il-bniedem, filwaqt li jsaħħu l-adozzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni fl-IA madwar l-UE[212]. Fl-istess ħin, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA[213], li trawwem l-adozzjoni tal-IA f'10 industriji tal-UE u fis-settur pubbliku, tirrikonoxxi l-importanza ta' użu responsabbli u ta' benefiċċju tal-IA fuq il-post tax-xogħol.

**Id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi tiffaċilita l-identifikazzjoni korretta tal-istatus tal-impjieg tal-ħaddiema tal-pjattaformi u tippromwovi t-trasparenza, il-ġustizzja, is-sorveljanza tal-bniedem, is-sikurezza u l-akkontabbiltà fil-ġestjoni algoritmika.** Fl-2025, 43 miljun ħaddiem huma mistennija jaħdmu permezz ta' pjattaforma

---

[209] Il-Kummissjoni Ewropea, Special Eurobarometer 554 - Artificial Intelligence and the future of work, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[210] Eurofound, Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

[211] Gonzalez Vazquez, I., Fernandez Macias, E., Wright, S., u Villani, D., Digital Monitoring, Algorithmic Management and the Platformisation of Work in Europe, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025. Il-monitoraġġ diġitali huwa definit bħala l-prattika tal-ġbir tad-data permezz ta' apparat diġitali dwar il-proċess ta' produzzjoni għall-monitoraġġ ta' aspetti differenti tax-xogħol u tal-ħaddiema nfushom. Il-ġestjoni algoritmika hija definita bħala l-użu ta' teknoloġiji xprunati mid-data, li jistgħu jinkludu l-IA, biex mill-inqas parzjalment jiġu awtomatizzati xi aspetti tal-ġestjoni u tal-koordinazzjoni tal-forza tax-xogħol, li jmorru id f'id mal-ġbir tad-data u s-sorveljanza tal-ħaddiema.

[212] Ara r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali.

[213] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, COM(2025) 723 tat-8 ta' Ottubru 2025.

tax-xogħol diġitali waħda jew aktar fl-Unjoni Ewropea[214]. Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' joffri flessibbiltà u introjtu primarju jew addizzjonali, jista' jtejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li jnaqqas ukoll l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ u għall-gruppi vulnerabbli, bħall-migranti u l-persuni b'diżabbiltà. Madankollu, ix-xogħol fuq il-pjattaformi huwa assoċjat ukoll mal-prekarjetà, mal-qligħ baxx, mal-aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali, u mal-isfidi relatati mal-ġestjoni algoritmika mhux trasparenti. Barra minn hekk, peress li l-biċċa l-kbira tal-ħidma permezz tal-pjattaformi diġitali sseħħ online, il-flussi tax-xogħol transfruntiera huma ta' sfida biex jiġu segwiti u f'ħafna każijiet huma moħbija. Il-maġġoranza tal-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi fl-UE jitqiesu bħala persuni b'impjieg indipendenti, għalkemm sa 5,5 miljuni huma stmati li ma humiex hekk fir-realtà. Madwar 55 % tal-ħaddiema tal-pjattaformi jaqilgħu inqas mill-paga minima[215]. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fix-xogħol fuq il-pjattaformi, filwaqt li jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-UE, id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi ġiet adottata f'Ottubru 2024[216]. Id-Direttiva tindirizza kwistjonijiet relatati mal-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus tal-impjiegi, il-ġestjoni algoritmika, u t-trasparenza relatati max-xogħol transfruntier, li jikkomplementaw l-acquis[217] eżistenti tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom sa Diċembru 2026 biex itemmu t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

**L-innovazzjoni diġitali għandha l-potenzjal għal impjiegi aktar produttivi u ta' kwalità ogħla iżda tista' twassal ukoll għal intensifikazzjoni tax-xogħol u tista' tbiddel il-possibbiltajiet ta' "*xogħol minn kullimkien*" f'aspettattivi, u b'hekk iċċajpar id-distinzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata.** Pereżempju, it-teknoloġiji diġitali ppermettew iż-żieda fit-telexogħol. Qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-prevalenza tat-telexogħol kienet pjuttost modesta, bi 11,3 % tal-impjegati li jaħdmu mid-dar mill-inqas ftit mill-ħin fl-2019. Fl-2024, madwar 20 % tal-ħaddiema għamlu dan. Skont stħarriġ tal-Eurofound tal-2025[218], il-preferenzi għat-telexogħol inbidlu wkoll. Fl-2024, aktar minn 50 % tar-rispondenti esprimew preferenza għax-xogħol mid-dar diversi drabi fil-ġimgħa, filwaqt li 24 % esprimew ix-xewqa li jaħdmu esklussivament mid-dar. Minkejja din il-preferenza, l-opportunitajiet qed jonqsu, hekk kif l-impjiegi kompletament remoti naqsu minn 24 % fl-2022 għal 14 % fl-2024. L-avvanzi teknoloġiċi u l-mudelli ta' ħidma remoti u ibridi relatati jistgħu jħallu impatt ukoll fuq ix-xejriet tal-ħin tax-xogħol. Ġeneralment, l-iskedi tal-ħin tax-xogħol li jiddevjaw mis-sigħat normali tax-xogħol full-time li jista' jkollhom piż negattiv fuq il-kwalità tal-impjiegi tjiebu kemxejn fl-UE. Fl-2024, 6,6 % tal-persuni impjegati kollha ħadmu sigħat twal fl-impjieg prinċipali tagħhom meta mqabbla ma' 7,1 % fl-2023. Madankollu, is-sehem ta' dawk li jaħdmu f'sigħat tax-xogħol atipiċi għadu għoli fil-livell ta' 33,6 % tal-impjiegi totali, u dan jirrifletti tnaqqis żgħir ta' 0,3 pp mill-2021. Wara n-negozjati inkonklużivi tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej dwar l-aġġornament tal-Ftehim Qafas tagħhom tal-2002 dwar it-telexogħol, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni tal-2021 tal-Parlament

---

[214] Il-Kunsill Ewropew, Ir-regoli tal-UE dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

[215] Ara l-Kunsill Ewropew, Lenti fuq il-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali fl-UE - Consilium.

[216] Il-Kunsill Ewropew, Haddiema tal-pjattaformi: il-Kunsill jadotta regoli ġodda biex itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom - Consilium, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2024.

[217] Id-Direttiva se ttejjeb l-infurzar u t-traċċabbiltà tax-xogħol fuq il-pjattaformi, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera, billi titlob lill-pjattaformi jiddikjaraw ix-xogħol fil-pajjiż fejn jitwettaq u jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet nazzjonali ċerta informazzjoni dwar in-nies li jaħdmu permezz tagħhom u t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom.

[218] Eurofound, Quality of life in the EU in 2024: Results from the Living and Working in the EU e-survey, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

Ewropew dwar id-dritt għall-iskonnessjoni[219], il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni formali mas-sħab soċjali f'żewġ stadji dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol. It-tieni stadju tal-konsultazzjoni għalaq fis-6 ta' Ottubru 2025. It-tweġibiet tas-sħab soċjali Ewropej se jikkontribwixxu għas-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni.

**Peress li t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi li għadhom għaddejjin qed jittrasformaw is-swieq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tal-impjieg ivarjaw b'mod sinifikanti bejn okkupazzjonijiet relatati.** "Okkupazzjonijiet orjentati lejn il-futur" u "okkupazzjonijiet ta' interess" huma definiti bħala impjiegi li huma rilevanti għal tnejn jew aktar mit-trasformazzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u demografiċi[220]. Seba' indiċijiet tal-Eurofound dwar il-kwalità tal-impjiegi, li jivvalutaw il-kwalità tal-impjiegi fil-livell tal-impjiegi, jissuġġerixxu li l-okkupazzjonijiet b'intensità ogħla ta' ħiliet diġitali għandhom l-ogħla kwalità kumplessiva tal-impjiegi (skont id-definizzjoni proprja tal-Eurofound) – ara l-Illustrazzjoni 2.3.7[221]. Dawn il-ħaddiema għandhom punteġġ partikolarment għoli fir-rigward tal-qligħ, il-prospetti ta' impjieg, il-kwalità tal-ħin tax-xogħol, il-ħiliet u d-diskrezzjoni u l-ambjent fiżiku, meta mqabbla mal-biċċa l-kbira tal-gruppi okkupazzjonali l-oħra. Persuni f'dawn l-okkupazzjonijiet irrapportaw ukoll aktar ta' spiss li pparteċipaw fit-taħriġ reċentement. Min-naħa l-oħra, ċerti okkupazzjonijiet ekoloġiċi orjentati lejn il-futur, li jinkludu impjiegi manwali, kellhom b'mod kumplessiv l-aktar punteġġi baxxi fl-indiċijiet imsemmija hawn fuq.

**Illustrazzjoni 2.3.7: L-okkupazzjonijiet orjentati lejn il-futur juru varjazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-impjiegi skont id-definizzjoni tal-Eurofound**

Riżultati tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol f'okkupazzjonijiet orjentati lejn il-futur (%, 2024)




*Nota:* Okkupazzjonijiet magħżula ppreżentati, għal aktar informazzjoni dwar il-gruppi okkupazzjonali ara l-pubblikazzjoni oriġinali.
*Sors:* Eurofound, kalkolu tagħha stess ibbażat fuq Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024.

---

[219] Il-Parlament Ewropew, Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni, 2021.

[220] L-analiżi hawnhekk hija aġġornament parzjali ta' Future-oriented occupations in the EU: main features, employment conditions, and job strain - European Commission li tuża l-Istħarriġ tal-2024 dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Eurofound.

[221] Dawn l-indiċijiet huma bbażati fuq seba' dimensjonijiet li l-Eurofound tuża biex tivvaluta l-kwalità tal-impjiegi fil-livell tal-impjiegi: ambjent fiżiku u soċjali, kompiti ta' impjieg, karatteristiċi organizzazzjonali, arranġamenti tal-ħin tax-xogħol, prospetti ta' impjieg u karatteristiċi intrinsiċi tal-impjieg.

**Ix-xogħol mhux iddikjarat kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għadhom sfidi, b'disparitajiet kbar fil-kapaċità u fir-riżorsi tal-ispettorati tax-xogħol fl-Istati Membri**. L-aktar stimi reċenti jindikaw li 9,7 % tal-input totali ta' xogħol fis-settur privat tal-UE ma kienx iddikjarat fl-2019[222]. L-enfasi tal-attenzjoni mxiet dejjem aktar minn forom "sempliċi" ta' xogħol mhux iddikjarat, bħall-unitajiet domestiċi privati li jordnaw servizzi mingħajr fattura uffiċjali, għal forom aktar kumplessi, bħal xogħol mhux iddikjarat imwettaq minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fil-qafas tal-Pjattaforma biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol iffaċilitat l-iskambju bejn l-Istati Membri dwar dawn is-suġġetti. L-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat jiddependi dejjem aktar fuq l-użu ta' analiżi bbażata fuq ir-riskju, l-użu ta' big data u IA. L-indikaturi tal-ILO dwar l-ispettorati tax-xogħol jiżvelaw disparitajiet sinifikanti fil-kapaċità u fir-riżorsi bejn il-pajjiżi tal-UE biex jidentifikaw u jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat. Fl-2023, il-kejl tal-ILO tal-ispetturi għal kull 10 000 persuna impjegata varja minn 0,23 fl-Irlanda għal 3,08 fil-Lussemburgu[223]. L-ispettorati tax-xogħol għandhom ukoll rwol importanti fl-iżgurar tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Fl-2022, kien hemm 3 286 inċident fatali fuq il-post tax-xogħol fl-UE, li jirriflettu tnaqqis ta' 103 imwiet meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u li jirrappreżentaw 1,66 aċċident fatali għal kull 100 000 ħaddiem. Kważi kwart (22,9 %) tal-inċidenti fatali kollha fuq il-post tax-xogħol fl-UE seħħew fis-settur tal-kostruzzjoni, li jenfasizza sfidi speċifiċi fis-settur f'dan ir-rigward.

**Ir-rata tal-qgħad fit-tul fl-UE naqset l-aktar fl-Istati Membri bl-ogħla livelli, u dan juri xi konverġenza 'l fuq f'termini assoluti.** Ir-rata tal-qgħad fit-tul fl-UE naqset għat-tielet sena konsekuttiva għal 1,9 % fl-2024, li hija 0,2 pp inqas milli fl-2023. B'mod partikolari, ir-rata naqset l-aktar fost l-Istati Membri b'livelli partikolarment għoljin, bl-akbar titjib fl-Italja, fil-Greċja u fi Spanja, li kollha jippreżentaw sitwazzjonijiet "dgħajfin iżda li qed jitjiebu" – ara l-Illustrazzjoni 2.3.8. Ir-rata naqset ukoll bi ftit fis-Slovakkja (b'0,3 pp) u l-pajjiż baqa' f'"sitwazzjoni kritika" b'waħda mill-ogħla rati tal-qgħad fit-tul fl-UE, fil-livell ta' 3,5 %. Wara li esperjenzaw żidiet fl-2024, l-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja issa "għandhom jiġu osservati", flimkien mal-Portugall, li għandu rata relattivament għolja ta' 2,4 % b'titjib żgħir biss. Min-naħa l-oħra, Malta u n-Netherlands huma "bl-aqwa prestazzjoni", bl-aktar rati baxxi. Fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, id-differenza bejn il-ġeneri fir-rata tal-qgħad fit-tul kienet inqas minn 0,5 pp fl-2024, filwaqt li kienet sinifikanti fil-Greċja, fi Spanja u fil-Latvja.

---

[222] L-istimi tad-daqs reali tal-ekonomija mhux iddikjarata jeħtieġ li jiġu ttrattati b'kawtela. Ara Franic, J., Extent of undeclared work in the European Union.

[223] Ara ILO – Data explorer.

**Illustrazzjoni 2.3.8: Ir-rati tal-qgħad fit-tul komplew jonqsu fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, u dan juri konverġenza kumplessiva ’l fuq**

Ir-rata tal-qgħad fit-tul (fl-età ta’ bejn 15 u 74 sena), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mill-2023 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [tesem130], l-LFS tal-UE.

**Ir-rati tal-qgħad fit-tul ivarjaw bejn l-Istati Membri iżda saħansitra aktar bejn ir-reġjuni u huma partikolarment għoljin fir-reġjuni ultraperiferiċi.** Meta mqabbla mar-rata kumplessiva tal-qgħad fit-tul (fl-età ta’ bejn 15 u 74 sena), li diġà tvarja b’mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri, fil-livell reġjonali jiġu osservati differenzi akbar b’mod sinifikanti[224]. Fl-2024, ġew irrapportati l-aktar rati baxxi fir-reġjuni ta’ Utrecht u North Brabant tan-Netherlands kif ukoll fir-Reġjun ta’ Praga u ta’ Central Bohemian fiċ-Ċekja (0,4 % fl-erbgħa li huma), filwaqt li l-ogħla rati ġew irreġistrati fir-reġjun Spanjol ta’ Ciudad de Melilla (16,3 %) u ta’ Ciudad de Ceuta (15,8 %), kif ukoll fir-reġjun ultraperiferiku Franċiż ta’ Guadeloupe (11,4 %). F’xi Stati Membri, bħad-Danimarka u n-Netherlands, id-disparitajiet reġjonali fir-rati tal-qgħad fit-tul huma inqas evidenti (ara l-Illustrazzjoni 7 fl-Anness 5). Min-naħa l-oħra, id-differenzi bejn ir-reġjuni bl-aktar rati baxxi u bl-ogħla rati kienu l-aktar evidenti fl-Italja, fi Franza u fi Spanja, b’differenzi ta’ 9,2 pp, 10,6 pp, u 14,8 pp, rispettivament.

**Ir-rati ta’ parteċipazzjoni f’politiki attivi tas-suq tax-xogħol għadhom ikkaratterizzati minn varjazzjoni qawwija madwar l-UE.** Fl-2023, is-sehem ta’ persuni qiegħda li riedu jaħdmu li pparteċipaw f’miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol baqa’ fil-biċċa l-kbira stabbli f’maġġoranza ta’ Stati Membri. Madankollu, kemm tnaqqis kif ukoll żidiet sinifikanti

[224] Ma hija disponibbli l-ebda data għar-reġjuni ta’ Bremen, Mecklenburg-Vorpommern, u Saarland f’DE, għal Korsika u Mayotte fi FR, għar-reġjuni awtonomi tal-Azores u ta’ Madeira f’PT kif ukoll għal Åland fil-FI.

setgħu jiġu osservati f'xi wħud – ara l-Figura 2.3.9. L-aktar data reċenti tindika rati ta' parteċipazzjoni partikolarment baxxi (inqas minn 10 %) fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fil-Litwanja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Kroazja u fis-Slovenja. Min-naħa l-oħra, fil-Lussemburgu u fil-Belġju, ir-rati ta' parteċipazzjoni kienu ogħla minn 50 %, u saħansitra ogħla b'mod sinifikanti minn dawk fid-Danimarka, fi Spanja u fl-Italja. F'xi Stati Membri, seta' jiġi osservat tnaqqis notevoli. Fis-Slovenja u f'Malta, ir-rata naqset b'madwar terz. Fin-Netherlands, il-parteċipazzjoni naqset b'aktar min-nofs u fil-Bulgarija, 4,8 % biss tal-persuni qiegħda ppparteċipaw meta mqabbla ma' kważi 27 % fis-sena ta' qabel.

**Illustrazzjoni 2.3.9: Ir-rati ta' parteċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikomplu juru varjazzjoni kbira bejn il-pajjiżi**

Parteċipanti f'interventi regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP, labour market policy) (kategoriji 2-7) għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu




*Nota*: Is-serje kronoloġika ma hijiex disponibbli għal CZ. L-aktar data reċenti disponibbli għal RO (2020) u HR (2021). Is-serje kronoloġika hija stmata għal DK, NL u SE. Id-data għandha affidabbiltà baxxa għal EL u IT. Ċifri għoljin ħafna jew ċifri ta' aktar minn 100 jistgħu jindikaw li n-nies jirreġistraw aktar minn darba fis-sett tad-data tal-Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol.
*Sors*: Bażi tad-data tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP, labour market policy) [lmp_ind_actsup].

**Seba' snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul, għad hemm diskrepanza sinifikanti fl-implimentazzjoni madwar l-UE**. Fit-tieni trimestru tal-2025, l-UE rreġistrat 4,2 miljuni qiegħda fit-tul (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena, qiegħda għal 12-il xahar jew aktar), li huwa livell baxx storiku ġdid. Barra minn hekk, is-sehem tal-qiegħda fit-tul fil-qgħad totali naqas minn 48,6 % fl-2016 għal 32,6 % fl-2024. Madankollu, numru sinifikanti ta' Stati Membri (10) għadu ma ssodisfax l-ewwel objettiv tar-Rakkomandazzjoni, jiġifieri li jipprovdi Ftehim ta' Integrazzjoni f'Impjieg (JIA, Job Integration Agreement), jew miżura ekwivalenti, għal mill-inqas 90 % tal-qiegħda fit-tul li huma rreġistrati bħala qiegħda għal mill-inqas 18-il xahar. Għad hemm ħames Stati Membri (il-Belġju, Spanja, Ċipru, il-Portugall u s-Slovakkja), li fihom żewġ terzi jew aktar tal-qiegħda fit-tul ma għandhomx JIA attiva. Fl-2023, fost l-Istati Membri li għalihom hija disponibbli d-data, 41 % biss tal-perjodi ta' qgħad tal-utenti tal-JIA spiċċaw fl-impjieg[225] meta mqabbla ma' 43,6 % fl-2022. Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza (63 %) ta' dawk li tqiegħdu b'suċċess fis-suq tax-xogħol fl-2022 baqgħu jaħdmu 12-il xahar wara, b'żieda ta' 2,3 pp meta mqabbla mal-2021. Fl-istess ħin, is-sehem ta' utenti tal-JIA integrati b'suċċess li reġgħu lura għall-qgħad naqas minn 15,7 % fl-2022 għal 14,4 % fl-2023. Id-data tenfasizza

[225] Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data tal-monitoraġġ tal-LTU. Ebda data disponibbli għal CZ, DE, EE, EL, FR, HU, LV, LU, NL, RO, FI.

wkoll ir-rati ogħla ta' suċċess ta' pjanijiet ta' azzjoni individwali b'rekords ta' valutazzjoni fil-fond meta mqabbla ma' JIA ġenwin u b'mod partikolari ma' pjanijiet ta' azzjoni individwali regolari.

**Illustrazzjoni 2.3.10: L-infiq fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol ivarja ħafna bejn l-Istati Membri**

Rata tal-qgħad fit-tul (%, 15-74), infiq fuq interventi attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol (kategoriji 2-7, % tal-PDG)




*Nota*: L-aktar data reċenti disponibbli għan-nefqa tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) għal RO (2020) u HR (2021). L-ebda data dwar in-nefqa tal-LMP disponibbli għall-2023 għal EL, HR, RO u għall-2022, id-data ta' IT tirreferi għad-data tal-2020. Data stmata għal DE, NL u SE. Data provviżorja tal-LMP għall-UE. Interruzzjoni fid-data tal-LMP għal FI fl-2023. Għar-rata tal-qgħad fit-tul, Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR u interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024.
*Sors*: Il-bażi tad-data tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) [lmp_expsumm] u l-Eurostat [une_ltu_a], l-LFS tal-UE.

**Politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol huma kruċjali biex jiġu appoġġati eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol; l-infiq fuq dawn il-politiki jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri**. Ir-rata tal-qgħad fit-tul (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) naqset b'aktar min-nofs fl-UE, minn 5,4 % tal-forza tax-xogħol fl-2014 għal 1,9 % fl-2024, ukoll bis-saħħa tat-titjib fil-kapaċità tal-Istati Membri li jintegraw mill-ġdid b'mod effettiv in-nies fis-suq tax-xogħol. Jeżistu disparitajiet sinifikanti fir-rigward tal-infiq fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol madwar il-pajjiżi tal-UE – ara l-Illustrazzjoni 2.3.10. Fost l-Istati Membri li rrapportaw rati tal-qgħad fit-tul ta' madwar jew ogħla mill-medja tal-UE, il-pajjiżi kollha minbarra l-Belġju, l-Italja u Spanja kienu qed jonfqu inqas mill-medja tal-UE fuq interventi attivi fis-suq tax-xogħol. L-aktar livelli baxxi ta' nfiq fl-2023 ġew osservati fis-Slovenja, f'Malta u f'Ċipru (b'rati tal-qgħad fit-tul taħt il-medja tal-UE) iżda wkoll fil-Bulgarija u fil-Latvja (it-tnejn li huma għandhom rati tal-qgħad fit-tul ogħla mill-medja tal-UE). Min-naħa tagħha, id-Danimarka (1,1 % tal-PDG), kif ukoll il-Finlandja, l-Iżvezja, Spanja, u l-Awstrija (madwar 0,57 % tal-PDG jew aktar) kienu l-pajjiżi li nefqu aktar fuq tali tip ta' miżuri.

**Minħabba t-tnaqqis fir-rati tal-qgħad fit-tul fl-UE, is-sehem tal-qiegħda fit-tul li qed ifittxu impjieg irreġistrati mas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES, Public Employment Services) naqas.** Is-sehem naqas għal 37,3 % fl-2023, għall-ewwel darba inqas minn 40 % mill-pandemija tal-COVID-19. Fl-istess ħin, il-kompożizzjoni tal-bażi tal-klijenti tal-PES ukoll inbidlet b'mod sinifikanti. Is-sehem tan-nisa żdied minn 47,0 % għal 51,3 %, xprunat mir-rata ta' parteċipazzjoni dejjem akbar tagħhom fil-forza tax-xogħol. Il-persuni li qed ifittxu impjieg li għandhom aktar minn 55 sena kienu jirrappreżentaw 22,6 % tal-klijenti tal-PES fl-2023, żieda minn 13,1 % fl-2010, filwaqt li s-sehem tal-persuni li qed ifittxu impjieg

taħt it-30 sena naqas minn 28,5 % għal 21,9 %. Dan huwa parzjalment ir-riżultat tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u parzjalment jirrifletti ż-żieda fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol ta' dawk li għandhom aktar minn 55 sena. Is-sehem ta' klijenti b'edukazzjoni terzjarja żdied minn 12,9 % fl-2010 għal 19,9 % fl-2023[226] minħabba ż-żieda ġenerali fir-rati tal-edukazzjoni terzjarja fl-Istati Membri.

**Illustrazzjoni 2.3.11: Ir-rata ta' kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għal persuni li qed ifittxu impjieg għal żmien qasir kienet ġeneralment stabbli fl-2024, b'differenzi bejn l-Istati Membri**

Rati ta' kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda fuq żmien qasir (inqas minn 12-il xahar, fl-età ta' bejn 15 u 64 sena, %)




*Nota*: Id-data għall-2023 u l-2024 ma hijiex disponibbli għal MT. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u għal FR. Interruzzjoni fis-serje għal BG fl-2024 u għal DK fl-2023. Data ta' affidabbiltà baxxa għal LU fl-2023, SI fl-2023 u fl-2024 u HR fl-2024.
*Sors*: il-Eurostat [lfsa_ugadra], l-LFS tal-UE.

**Fl-2024, il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal żmien qasir kienet ġeneralment stabbli fl-UE, iżda b'xejriet differenti bejn l-Istati Membri.** Is-sehem tal-persuni qiegħda għal żmien qasir (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) li jirċievu benefiċċji tal-qgħad kien ta' 37,1 % fl-UE fl-2024, ġeneralment stabbli meta mqabbel mal-2023 (36,6 %). L-aktar tnaqqis sinifikanti fil-kopertura ġie osservat fiċ-Ċekja, fl-Estonja u fl-Italja – ara l-Illustrazzjoni 2.3.11. B'kuntrast ma' dan, il-kopertura żdiedet fil-Lussemburgu, fis-Slovakkja, fl-Awstrija, fil-Latvja u f'Ċipru. Fl-2024, l-ogħla rati ta' kopertura ġew osservati fil-Ġermanja (56,9 %), fil-Finlandja (52,9 %) u fl-Awstrija (52,4 %), segwiti minn Franza, mil-Litwanja, u mill-Estonja, b'ċifri ta' madwar 45 %. Min-naħa l-oħra, ir-rati ta' kopertura l-aktar baxxi – inqas minn 20 % – ġew osservati fir-Rumanija, fil-Polonja, fis-Slovenja u fil-Kroazja. Is-sehem tal-persuni qiegħda għal żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad għandu t-tendenza li jkun korrelatat b'mod pożittiv ma' tranżizzjonijiet ogħla fl-impjieg.

**It-tul tal-perjodu ta' kwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad u d-durata massima tagħhom baqgħu ġeneralment l-istess fl-2025, iżda b'varjazzjoni sinifikanti bejn l-Istati Membri f'dawk ir-rati ta' sostituzzjoni.** Id-durata tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex wieħed ikun intitolat għall-benefiċċji tal-qgħad tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, kif ivarjaw ukoll ir-regoli preċiżi li jirregolaw l-intitolament għalihom. Il-perjodu ta' kwalifika jvarja minn 13-il ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-Italja, 39 ġimgħa fil-Kroazja u

[226] Il-ġbir tad-data dwar l-apprendiment tal-PES Bench, ir-rapport tan-Network tal-PES dwar il-kapaċità tal-PES għall-2025 (li jmiss). Data aġġustata għall-EU 27.

fl-Irlanda, 52 ġimgħa f'diversi pajjiżi oħra, bħall-Belġju, l-Estonja u r-Rumanija, sa 104 ġimgħat fis-Slovakkja. Barra minn hekk, id-durata massima tal-benefiċċji tal-qgħad għal persuni bi storja tax-xogħol ta' sena baqgħet ġeneralment l-istess. Mill-2019, tliet Stati Membri biss immodifikaw id-durata massima. Fl-2020, il-Latvja naqqset it-tul massimu minn 39 għal 35 ġimgħa. Fl-2023, Franza naqqset id-durata minn 104 għal madwar 78 ġimgħa (b'xi eċċezzjonijiet, eż. għal ħaddiema anzjani), bil-possibbiltà ta' 26 ġimgħa addizzjonali f'każ ta' kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jiddeterjoraw. Mill-2025, is-Slovakkja stabbiliet id-durata massima tal-benefiċċji tal-qgħad għal 6 xhur. Il-livell ta' sostituzzjoni tal-introjtu ħafna drabi jkun marbut mill-qrib mad-durata tal-perjodu ta' qgħad. B'mod kumplessiv, fi 17-il pajjiż tal-UE, persuni qiegħda b'rekord ta' xogħol ta' sena huma eliġibbli għall-benefiċċji tal-qgħad għal mhux aktar minn 6 xhur[227]. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni għal ħaddiema b'paga baxxa b'rekords qosra tax-xogħol ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.3.12. Fit-tieni xahar, ir-rata netta ta' sostituzzjoni tvarja minn 7,4 % tal-qligħ (nett) preċedenti fl-Ungerija għal 85,8 % fil-Lussemburgu. Fl-2024, ir-rati ta' sostituzzjoni fil-Belġju, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Greċja, fl-Ungerija, fil-Lussemburgu u fis-Slovakkja kienu identiċi fit-2ni u fit-12-il xahar tal-perjodu tal-qgħad.

**Illustrazzjoni 2.3.12: Jeżistu differenzi sinifikanti fir-rati ta' sostituzzjoni bejn l-Istati Membri, kemm fl-istadji inizjali kif ukoll f'dawk aktar avvanzati tal-qgħad**

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji għall-qgħad b'67 % tal-paga medja, fit-2ni u fit-12-il xahar tal-qgħad (2024)




*Nota*: L-indikatur jiġi kkalkolat għall-każ ta' persuna mhux miżżewġa mingħajr tfal b'rekord qasir ta' xogħol (sena) u li jkollha 20 sena. Komponenti ta' introjtu differenti, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħrajn (bħall-assistenza soċjali u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni) huma inklużi.
*Sors*: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea, ibbażati fuq Mudell tat-Taxxi u tal-Benefiċċji tal-OECD.

**Il-persuni li jiċċaqilqu fl-UE huma ġeneralment integrati tajjeb fis-suq tax-xogħol tal-pajjiżi ospitanti tagħhom, iżda l-mobbiltà tidher li qed tonqos.** Madwar 14-il miljun ċittadin tal-UE ta' kull età kienu jgħixu fi Stat Membru li ma kellhomx ċittadinanza tiegħu fl-2024. Dan jirrifletti żieda annwali ta' madwar 1,5 % matul l-aħħar 5 snin. Fost il-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-persuni li ċċaqilqu fl-UE[228] kienu jammontaw għal 3,8 %. Id-durata medja li l-ħaddiema mobbli jibqgħu barra mill-pajjiż żdiedet suċċessivament matul l-aħħar 10 snin. Din iż-żieda fid-durata sseħħ fil-

[227] L-analiżi tirreferi għall-benefiċċji tal-qgħad ġeneralment mogħtija lil dawk li jirreġistraw wara li jsiru qiegħda mingħajr ebda ħtija tagħhom, mingħajr ma jiġu inklużi skemi ta' natura temporanja.
[228] Il-persuni li jiċċaqilqu fl-UE huma ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor tal-UE li ma huwiex il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom.

kuntest tal-integrazzjoni b'suċċess tal-persuni li jiċċaqilqu fl-UE fis-suq tax-xogħol. Fl-2023, dawn kellhom rata ta' impjieg ta' 78 % vs 76 % taċ-ċittadini. Fosthom, kien hemm 1,8 miljun ħaddiem transfruntier, żieda ta' 3 % meta mqabbla mal-2022[229].

**Id-djalogu soċjali jipprovdi lis-swieq tax-xogħol u lill-ekonomiji tal-UE bl-adattabilità meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin, filwaqt li jiġu żgurati l-kompetittività ekonomika u l-ġustizzja soċjali.** L-arranġamenti u l-proċessi tad-djalogu soċjali jvarjaw bejn l-Istati Membri f'termini ta' relazzjonijiet tax-xogħol kollettivi, ir-rwol tan-negozjar kollettiv fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kapaċità u s-sħubija tal-organizzazzjonijiet, kif ukoll strutturi formali għall-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika. Is-sistemi ta' negozjar kollettiv tal-Istati Membri jvarjaw ukoll fil-grad ta' ċentralizzazzjoni tagħhom. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv qed ikunu dejjem aktar taħt pressjoni. Filwaqt li d-densità tal-impjegaturi għadha relattivament stabbli, anke jekk fuq xejra ta' tnaqqis f'diversi Stati Membri, id-densità tat-trade unions naqset bħala medja fl-Unjoni[230]. Barra minn hekk, il-kopertura tan-negozjar kollettiv naqset bi 11 pp, minn madwar 77 % fl-2005 għal 66 % fl-2024 bi tnaqqis partikolarment kbir fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. F'għadd ta' Stati Membri, hemm lok għat-titjib tal-kapaċità tas-sħab soċjali li jipparteċipaw b'mod effettiv fid-djalogu soċjali u jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika.

**L-involviment tas-sħab soċjali jvarja b'mod sinifikanti bejn l-oqsma ta' politika.** Id-data mill-bażi tad-data tal-PolicyWatch tal-Eurofound titfa' dawl fuq l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u tiżvela differenzi sinifikanti bejn l-oqsma ta' politika – ara l-Illustrazzjoni 2.3.13. Bejn April 2020 u Mejju 2025, ġie rrapportat l-akbar grad ta' involviment tas-sħab soċjali fir-rigward tar-rispons ta' politika relatata mal-COVID-19, kif ukoll miżuri fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali, b'40 % u 39 % tal-miżuri, rispettivament, wara li ġew maqbula jew ikkonsultati magħhom. Barra minn hekk, għal kważi waħda minn kull tliet miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika (32 %) jew mal-għoli tal-ħajja (29 %) kienu involuti s-sħab soċjali. Dawn kienu segwiti minn miżuri relatati mal-istrumenti ta' appoġġ għar-ristrutturar (26 %) u mal-gwerra fl-Ukrajna (22 %). L-inqas grad ta' involviment ġie rreġistrat għal miżuri ta' politika b'rispons għal avvenimenti estremi tat-temp (12 %). Barra minn hekk, is-sejbiet riċenti mill-Eurofound[231] jirrapportaw sodisfazzjon li jvarja bl-involviment tas-sħab soċjali fis-Semestru Ewropew u l-iżvilupp tal-RRPs, fil-livell nazzjonali. Filwaqt li fi ftit pajjiżi bi tradizzjonijiet ta' djalogu soċjali b'saħħithom huma jirrapportaw sodisfazzjon moderat, f'ħafna każijiet oħra huma jqisu l-involviment tagħhom meħud bħala formalità. Ħafna jenfasizzaw ħin insuffiċjenti għal konsultazzjoni u informazzjoni inadegwata.

---

229 Il-Kummissjoni Ewropea, Annual report on intra EU-labour mobility 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

230 Ara OECD/AIAS database on Institutional Characteristics of Trade Unions, Wage Setting, State Intervention and Social Pacts (ICTWSS).

231 Eurofound, National-level social governance of the European Semester and the Recovery and Resilience Facility, National social partners and policymaking series, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025.

**Illustrazzjoni 2.3.13: L-involviment tas-sħab soċjali jvarja b'mod sinifikanti bejn l-oqsma ta' politika**

L-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki nazzjonali skont il-kuntest tal-politika (%)




*Nota:* Iċ-ċart tinkludi 3 375 politika (xi għadd doppju meta l-politiki jkunu relatati ma' aktar minn kuntest wieħed), miġbura bejn April 2020 u Mejju 2025. Il-politiki jinkludu biss leġiżlazzjoni jew regolamenti statutorji oħra u ftehimiet tripartitiċi. L-involviment tas-sħab soċjali ppreżentat bħala medja tal-involviment tal-impjegaturi u tat-trade unions f'kull kategorija. Id-differenzi fil-grad tal-involviment tal-impjegaturi meta mqabbel mal-involviment tal-unions huma żgħar.
*Sors:* Eurofound, EU PolicyWatch Database.

**Is-sħab soċjali Ewropej u l-Kummissjoni qablu fuq impenn imġedded biex isaħħu d-djalogu soċjali fi żmien ta' trasformazzjoni globali.** It-Trattati jirrikonoxxu bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tad-djalogu soċjali fl-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE, li huwa stabbilit ukoll fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-indipendenza tagħhom u n-natura varjata tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. Filwaqt li bnew fuq id-Dikjarazzjoni tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse tal-2024[232], f'Marzu 2025, il-Kummissjoni u s-sħab soċjali transindustrijali Ewropej iffirmaw Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew[233]. Il-Patt jidentifika azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mis-sħab soċjali biex tingħata spinta u jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba għall-mobilizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha. Bħala tali, il-patt għandu l-għan li joffri qafas għad-djalogu soċjali biex jiffjorixxi fil-livelli kollha, inklużi dawk nazzjonali u Ewropej, transsettorjali u settorjali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE għall-ewwel darba tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jippromwovu bl-aħjar mod id-djalogu soċjali u jsaħħu n-negozjar kollettiv. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni kienet qed taħdem flimkien mas-sħab soċjali dwar Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità, u impenjat ruħha li tikkonsultahom ukoll dwar inizjattivi ta' politika li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 153 u 154 tat-TFUE, iżda li huma ta' rilevanza partikolari għalihom.

**L-involviment u l-konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma kruċjali għat-tfassil tal-politika u għat-tmexxija ta' bidla sostenibbli u inklużiva**. Fil-livell tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma involuti b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar il-prijoritajiet u l-proposti tal-politika, inkluż fis-Semestru Ewropew, u jipparteċipaw b'mod importanti fl-implimentazzjoni tal-politika. Dawn għandhom rwol essenzjali biex jipprovdu

[232] Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperu.
[233] Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew.

lil dawk li jfasslu l-politika b'għarfien siewi dwar l-isfidi kurrenti u emerġenti, billi jinfurmaw kemm l-inizjattivi ta' politika nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE f'oqsma ewlenin, u jivvalutaw l-effettività tal-politiki fil-prattika.

**Kaxxa 7 tal-Pilastru: Suq tax-xogħol, ħiliet u riformi u investimenti soċjali mfassla tajjeb għat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali**

**L-impjiegi, il-ħiliet u r-riformi u l-investimenti soċjali jista' jkollhom redditi kemm soċjali kif ukoll ekonomiċi, jekk ikunu mfassla b'mod effettiv u effiċjenti, abbażi ta' metodi ta' evalwazzjoni sodi.** Riformi u investimenti mfassla tajjeb fil-qasam tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politiki soċjali jippromwovu konverġenza soċjali 'l fuq, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar. Dawn jistgħu jrawmu kapaċità innovattiva, tkabbir ekonomiku u kompetittività permezz tal-impatt tagħhom fuq il-kapital uman u fuq il-produttività, inkluż permezz ta' forza tax-xogħol b'aktar ħiliet. Sabiex jiġu massimizzati l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri ta' politika, il-valutazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja huma essenzjali, u idealment isiru qabel, matul u wara l-implimentazzjoni tal-politika. Filwaqt li jibnu fuq il-ħidma fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO, Employment Committee) u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC, Social Protection Committee) u fil-Grupp ta' Ħidma Informali dwar l-Investiment Soċjali taħt il-Presidenzi Spanjola u Belġjana, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2024 talbu lill-Istati Membri jikkunsidraw it-tisħiħ tal-kapaċità ta' evalwazzjoni tal-politika tagħhom u lill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġahom. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' ċentru ta' għarfien dwar l-investiment soċjali biex ikompli l-ħidma, il-promozzjoni tal-apprendiment reċiproku u t-titjib tal-aċċessibbiltà u t-tempestività tad-data soċjoekonomika[234]. B'mod parallel, il-Kunsill approva l-Prinċipji ta' Gwida Volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali[235].

**L-investimenti u r-riformi li jsaħħu b'mod effettiv il-kapital uman jista' jkollhom redditi ekonomiċi b'saħħithom.** Pereżempju, l-investimenti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli jista' jkollhom redditi ekonomiċi sinifikanti, billi jipprovdu pedamenti b'saħħithom għall-apprendiment tat-tfal u jippermettu lill-ġenituri, speċjalment lin-nisa, jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. Studju riċenti jissuġġerixxi li l-ilħuq tal-miri riveduti ta' Barċellona tal-UE għall-kopertura tal-indukrar tat-tfal jista' jwassal għal żidiet sostanzjali fl-impjieg tal-ommijiet. Il-qligħ huwa stmat li huwa sa 48 % f'pajjiżi fejn il-parteċipazzjoni hija baxxa[236], b'impatt pożittiv fuq it-tkabbir tal-PDG[237]. Instab li l-investiment fil-kapital uman, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, jagħti spinta lill-produttività u lit-tkabbir. Barra minn hekk, f'dan id-dawl, il-Kummissjoni qed tressaq Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea bħala parti minn dan il-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru. Analiżi mikroekonomika mis-Cedefop stmat, pereżempju, li t-tnaqqis tas-sehem ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet minn

---

[234] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti. Ġunju 2024.

[235] Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali. Ġunju 2024.

[236] Nazareni, M., Caraiani, P., Janta, B., *EU Labour Supply-Demand Microsimulation Model (EUROLAB): The impact of increasing formal childcare on mothers' labour supply*. Dokument ta' Ħidma tal-JRC, 2022.

[237] Darvas, Z., Welslau, L., Zettelmeyer, J., *Incorporating the impact of social investments and reforms in the European Union's new fiscal framework*. Dokument ta' Ħidma ta' Bruegel, 2024.

23,5 % għal 7,4 % fuq 10 snin (b'xenarju stmat ta' ebda bidla fil-politika ta' 14,7 %) jista' jżid il-PDG annwali fl-UE b'aktar minn EUR 200 biljun[238]. Barra minn hekk, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs, active labour market policies) strutturati tajjeb u effiċjenti jistgħu jagħtu benefiċċji kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali, anke lil hinn sew mill-perjodu ta' żmien tal-interventi ta' politika. Pereżempju, l-interventi tal-ALMPs iffinanzjati permezz tal-FSE+ fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-27 huma stmati li jtejbu l-eżiti tal-impjiegi fl-20 sena ta' wara l-investiment oriġinali, b'massimu ta' +0,11 % impjieg fl-2027[239]. Fl-istess ħin, politiki soċjali mfassla tajjeb jistgħu jappoġġaw b'mod importanti l-istabbilizzazzjoni makroekonomika billi jtaffu b'mod sostanzjali r-riskji soċjali u l-infiq soċjali futur relatat mal-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni.

**Xi Stati Membri diġà qed iwettqu valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet tal-impatt b'mod sistematiku biex ifasslu impjiegi, ħiliet u riformi u investimenti soċjali effiċjenti u effettivi, imfassla apposta għall-miżuri ta' politika u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pajjiżi.** Pereżempju, il-mudell **Daniż** ta' investiment soċjoekonomiku, jew *Socioøkonomisk Investerings model (SØM)*, jipprovdi qafas ta' analiżi tal-kostijiet-benefiċċji li jinkludi bażi tad-data ta' prattiki effettivi. Dan jikkalkula wkoll il-kostijiet diretti u l-eżiti potenzjali tal-politiki soċjali abbażi ta' inizjattivi ta' politika magħżula mill-utenti u demografika fil-mira[240]. Barra minn hekk, is-Sistema tal-Impjieg Pubbliku Daniża kompliet tibni evidenza fuq aspetti differenti tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol (ALMP, active labour market policy) billi twettaq diversi provi kontrollati aleatorji (RCTs, randomised-controlled trials). Il-programm ta' **Spanja** "Familji 0-3" huwa mfassal biex jappoġġa familji bi tfal taħt it-3 snin, speċjalment minn sfondi b'introjtu baxx, billi jagħti s-setgħa lill-ġenituri permezz ta' workshops biex itejbu l-edukazzjoni bikrija tat-tfal. Valutazzjoni tal-impatt u evalwazzjoni kontinwa permezz tal-RCTs jiżguraw il-kwalità u l-effettività tal-programm, b'data dwar il-parteċipazzjoni u l-eżiti li jwasslu għal titjib. Dan huwa sostnut minn leġiżlazzjoni Spanjola riċenti li toħloq struttura ċara u komprensiva dwar kif l-evalwazzjoni għandha tiġi indirizzata fil-politiki kollha tal-gvern sabiex jittejbu l-akkontabbiltà u t-trasparenza[241]. Fl-2019, **il-Ġermanja** nediet il-programmi "Parteċipazzjoni fis-Suq tax-Xogħol" u "Integrazzjoni tal-Qiegħda fit-Tul", li joffru sussidji tal-pagi u coaching lill-impjegaturi li jimpjegaw qiegħda fit-tul. L-evalwazzjoni tal-2024 mill-Istitut tal-Ġermanja għar-Riċerka dwar l-Impjiegi, li tikkombina metodi kwantitattivi u kwalitattivi, sabet li dawn l-inizjattivi kienu effettivi fit-tnaqqis tal-esklużjoni soċjali u fit-tisħiħ tal-impjiegi, b'51 % tal-parteċipanti li għaddew għal impjiegi regolari wara 26 xahar u sinjali bikrija ta' xejriet simili fost il-qiegħda fit-tul ħafna[242]. Fis-**Slovenja**, il-programmi ta' taħriġ riċenti għal persuni li qed ifittxu impjieg għamlu lill-parteċipanti aktar probabbli li jiġu impjegati minn dawk li ma humiex parteċipanti b'karatteristiċi simili, u żiedu l-qligħ tagħhom, kif uriet l-evalwazzjoni tal-impatt

[238] Cedefop (2017). *Investing in skills pays off: The economic and social cost of low-skilled adults in the EU.* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

[239] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[240] Kvist, J. (2018). Inclusive growth and social investments over the life course. F'C. Deeming, & P. Smyth (Eds.), *Reframing global social policy: Social investment for sustainable and inclusive growth* (pp. 213-228). Policy Press.

[241] Gobierno de España (2022), *Ley 27/2022, de 20 de diciembre, de institucionalización de la evaluación de políticas públicas en la Administración General del Estado* [il-Liġi 27/2022, tal-20 ta' Diċembru, dwar l-istituzzjonalizzazzjoni tal-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat].

[242] Subsidised jobs for the long-term unemployed: An evaluation of the German Participation Opportunities Act - IAB-Forum

kontrofattwali mis-Servizz tal-Impjiegi tas-Slovenja, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-OECD[243]. Fl-istess ħin, ħafna Stati Membri għadhom jiffaċċjaw ostakli fir-rigward tal-istituzzjonalizzazzjoni ta' kultura ta' evalwazzjonijiet regolari tal-politika. Dawn jinkludu b'mod partikolari kapaċità amministrattiva u/jew analitika insuffiċjenti u aċċess limitat għal data ta' kwalità għolja u f'waqtha.

### 2.3.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

**Xi Stati Membri ħadu azzjoni biex ikomplu jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jiġġieldu l-abbuż ta' kuntratti mhux standard.** Il-liġi ta' **Malta** dwar il-"Paga Ugwali għal Xogħol ta' Valur Ugwali", fis-seħħ minn Jannar 2025, tirrikjedi li l-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija jirċievu l-istess paga u kundizzjonijiet ta' impjieg (bħas-salarju, il-liv, is-sahra, u l-perjodi ta' mistrieħ) bħall-impjegati tal-impriżi tal-utenti li jwettqu rwoli ekwivalenti. F'Lulju 2024, **il-Lussemburgu** ttraspona l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli. Dan jobbliga lill-impjegaturi jinkludu informazzjoni addizzjonali dettaljata fil-kuntratti, jew ftit wara l-bidu tal-kuntratt. Għal kuntratti b'terminu fiss, il-perjodi ta' prova jridu jdumu mill-inqas ġimagħtejn. L-impjegati li jkunu temmew 6 xhur ta' servizz wara dan il-perjodu jistgħu jitolbu bidla fl-istatus tal-impjieg tagħhom – jew minn terminu fiss għal permanenti jew minn part-time għal full-time – darba fis-sena. F'Diċembru 2024, **l-Italja** estendiet it-tnaqqis massimu eżistenti tat-taxxa għall-intrapriżi u għal dawk b'impjieg indipendenti li jimpjegaw impjegati b'kuntratti permanenti fl-2025 u fl-2026. Minn Lulju 2025, **l-Ungerija** limitat ix-xogħol staġunali fl-agrikoltura u fit-turiżmu għal 120 jum fis-sena, irrispettivament min-numru ta' impjegaturi, biex tipprevjeni l-abbuż. Minn Jannar 2026, il-ħaddiema agrikoli jistgħu jestendu dan il-perjodu b'90 jum jekk l-impjegatur tagħhom iħallas rata ta' kontribuzzjoni ogħla ta' 50 % matul l-estensjoni. L-awtorità tat-taxxa se timmonitorja b'mod diġitali l-jiem tax-xogħol biex tinforza dawn il-limiti.

**Diversi Stati Membri ħadu azzjoni biex itejbu l-protezzjoni tal-impjegati.** F'April 2025, **Spanja** emendat l-Istatut tal-Ħaddiema biex tirregola t-terminazzjoni tal-kuntratti f'każijiet ta' inkapaċità permanenti. Ir-riforma tiċċara li t-terminazzjoni tista' sseħħ biss meta ħaddiem jiġi ddikjarat inkapaċitat b'mod permanenti u ma tkun tista' ssir l-ebda akkomodazzjoni raġonevoli, ma tkun teżisti l-ebda pożizzjoni xierqa u disponibbli, jew il-ħaddiem jirrifjuta riassenjazzjoni debitament proposta. Din tintroduċi wkoll proċess ta' konsultazzjoni obbligatorju mal-ħaddiem qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni u ssaħħaħ l-obbligu tal-impjegaturi li jesploraw riassenjazzjonijiet jew adattamenti possibbli li jistgħu jipprevjenu t-terminazzjoni. F'Marzu 2025, **il-Lussemburgu** adotta emenda għall-Kodiċi tax-Xogħol tiegħu li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema billi tispeċifika r-regoli dwar il-ħlas tas-sahra, il-kunsens u ż-żamma tar-rekords. L-aġġornament komprensiv jibbilanċja s-salvagwardji tal-impjegati aktar b'saħħithom dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-liv minħabba mard u s-sensja b'obbligi ta' konformità aktar ċari u simplifikati għan-negozji. **Ir-Rumanija** introduċiet sistema online ġdida għar-reġistrazzjoni tal-impjegati (REGES-ONLINE) f'Marzu 2025. Is-sistema tippermetti lill-impjegati jivverifikaw li t-termini nnegozjati mal-impjegaturi, bħas-salarju u l-iskedi, ikunu riflessi b'mod preċiż fil-kuntratti tagħhom, u li jirċievu notifika jekk xi waħda minn dawn tinbidel.

---

[243] OECD/il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Impact Evaluation of Wage Subsidies and Training for the Unemployed in Slovenia*, Connecting People with Jobs, OECD Publishing, Pariġi.

**Għadd ta' Stati Membri għamlu progress addizzjonali fit-tisħiħ tal-oqfsa tagħhom tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.** F'Settembru 2024, **Spanja** adottat id-Digriet Irjali 893/2024, li jistabbilixxi protezzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza għall-ħaddiema domestiċi u għall-persuni li jagħtu kura fid-dar, filwaqt li jallinja d-drittijiet tagħhom mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-prevenzjoni tar-riskju fuq ix-xogħol. Dan jiggarantixxi aċċess għall-valutazzjonijiet tar-riskju, għall-informazzjoni, għat-taħriġ, għat-tagħmir protettiv, u għall-monitoraġġ tas-saħħa, u jobbliga lill-impjegaturi jwettqu evalwazzjonijiet tar-riskju, jipprovdu miżuri preventivi, u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri. F'Marzu 2025, **il-Lussemburgu** introduċa regoli ġodda dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Ir-regolament Gran Dukali relatat jaġġorna l-protezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol kontra aġenti karċinoġeniċi, mutaġeniċi, u reprotossiċi. F'Marzu 2025, **id-Danimarka** stabbiliet leġiżlazzjoni biex tippermetti lill-Awtorità Daniża tal-Ambjent tax-Xogħol tordna, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li l-kuntratturi fuq siti tal-kostruzzjoni jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-Att iżid il-multi għall-kumpaniji li jinstabu ħatja ta' ksur serju tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Mill-2026, **l-Italja** stabbiliet fond ta' EUR 500 000 fis-sena biex tiffinanzja programmi ta' skrinjar u ta' prevenzjoni għall-mard kardjovaskulari u onkoloġiku, kif ukoll il-forniment ta' defibrillaturi awtomatiċi u semiawtomatiċi fil-postijiet tax-xogħol.

**Diversi Stati Membri introduċew miżuri biex jiċċaraw aktar ir-regolamenti dwar arranġamenti ġodda ta' xogħol, bħat-telexogħol u x-xogħol flessibbli.** It-Telearbeitsgesetz il-ġdida (il-liġi dwar it-telexogħol) fl-**Awstrija**, effettiva minn Jannar 2025, tespandi x-xogħol mill-bogħod lil hinn mid-djar tal-impjegati biex jinkludi residenzi tal-familja, spazji ta' ħidma konġunta, kafetteriji tal-internet, u postijiet ta' vaganzi. Din iżżomm il-benefiċċji tat-taxxa, bħal tnaqqis annwali ta' EUR 300 għall-għamara ergonomika, u allowance mingħajr taxxa ta' EUR 3/jum għall-jiem tat-telexogħol iżda tobbliga lill-impjegaturi jelenkaw b'mod espliċitu dawn il-jiem fuq il-payslips. Fi Frar 2025, **Franza** approvat liġi li timplimenta ftehim dwar il-konvenzjoni dwar it-taxxa mal-Lussemburgu, bl-għan li jiġu evitati t-tassazzjoni doppja u l-evażjoni fiskali tal-impjegati transfruntiera li jaħdmu mill-bogħod. Il-ftehim il-ġdid jippermetti lill-ħaddiema transfruntiera li jirrisjedu fi Franza u li huma impjegati fil-Lussemburgu li jaħdmu mid-dar sa 34 jum fis-sena mingħajr ma jġarrbu taxxa fuq l-introjtu Franċiża. Fl-**Estonja**, l-Att dwar il-Kuntratti tal-Impjiegi, aġġornat fit-tieni nofs tal-2025, jippermetti ftehimiet aktar flessibbli dwar il-ħin tax-xogħol, b'aktar flessibbiltà għall-impjegaturi u għall-impjegati biex jistabbilixxu xogħol mill-bogħod, ħin flessibbli, jew skedi mhux tradizzjonali oħra bi ftehim reċiproku. F'Novembru 2024, **Franza** approvat it-tkomplija tal-esperiment tax-xogħol ta' kondiviżjoni tal-ħin għall-4 snin li ġejjin. Il-leġiżlazzjoni tfittex li ttejjeb l-effettività tal-kondiviżjoni tal-ħin għall-qiegħda fit-tul, għal dawk li jirċievu minimi soċjali, u għall-persuni b'diżabbiltà. Din għandha l-għan li ttejjeb l-impjegabbiltà ta' dawn il-gruppi billi toffrilhom kuntratti permanenti ta' xogħol part-time.

**Xi Stati Membri bdew jittrasponu d-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi hekk kif daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2024.** F'Ġunju 2025, **l-Italja** adottat liġi li tiddeskrivi l-passi lejn it-traspożizzjoni. Dawn jinkludu l-aġġornament tad-definizzjoni ta' "pjattaformi tax-xogħol diġitali", l-istabbiliment ta' proċeduri għall-valutazzjoni tar-relazzjonijiet tal-impjieg u l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali. Għandhom ukoll l-għan li jsaħħu l-protezzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jirrikjedu prattiki trasparenti għall-ġestjoni tad-data, u jtejbu l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza, inklużi politiki kontra l-fastidju u kontra l-vjolenza. Fil-**Belġju**, liġi ġdida li tagħmel l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol obbligatorja għall-impjegati tal-pjattaformi b'impjieg indipendenti se tidħol fis-seħħ f'Jannar 2026, biex tallinja l-protezzjoni tal-impjegati kollha.

**Ħafna Stati Membri qed jieħdu azzjoni biex jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat, inkluż billi jieħdu vantaġġ mill-għodod diġitali, bħall-IA.** F'Novembru 2024, **id-Danimarka** adottat liġi biex issaħħaħ is-salvagwardji legali kontra l-użu tax-xogħol illegali. Fil-**Belġju**, il-gvern Fjamming introduċa regoli aktar stretti biex jindirizza l-użu ħażin tar-regoli tal-UE dwar l-istazzjonar u jtejjeb is-sorveljanza fis-setturi ta' riskju. Permezz tagħhom, il-partijiet kollha f'katina ta' sottokuntrattar huma responsabbli jekk sottokuntrattur jimpjega ħaddiema barranin b'mod illegali. Din ir-riforma teħtieġ li n-negozji f'setturi b'riskju għoli jivverifikaw il-konformità tas-sottokuntratturi tagħhom. Fil-**Greċja**, il-Karta tax-Xogħol Diġitali tiġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat billi ssegwi s-sigħat tax-xogħol reali u tiżgura paga xierqa, filwaqt li timmira lejn is-sahra abbużiva u l-bidliet illegali fix-xogħol. Il-proġett kopra 750 000 ħaddiem f'setturi bħall-kummerċ bankarju u l-bejgħ bl-imnut u bl-estensjoni għas-setturi tal-ikel u tat-turiżmu prevista f'Ġunju 2025, il-proġett se jkopri 1,5 miljun ħaddiem. Fi **Spanja**, l-awtoritajiet jużaw għodod ibbażati fuq l-IA biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat u adottaw sforz kollaborattiv, li jinvolvi lill-Aġenzija tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa tal-Istat, lill-Pulizija u lill-Gwardja Ċivili, kif ukoll lill-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali. **L-Estonja** qed tittestja l-viżjoni tagħha ta' Ekonomija f'Ħin Reali (RTE, Real-Time Economy) li għandha l-għan li tawtomatizza r-rapportar tan-negozju, tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u ttejjeb il-produttività, u li taqleb minn prattiki ekonomiċi informali għal formali u li tnaqqas il-pagamenti mhux iddikjarati.

**L-Istati Membri jkomplu jiġġieldu l-qgħad fit-tul b'azzjoni ta' politika ddedikata.** Fis-**Slovenja**, il-Ministeru tax-Xogħol, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs bħalissa qed jirrevedi l-Linji Gwida għall-implimentazzjoni tal-ALMPs 2021-25 bl-għan li dawn jiġu aġġornati għall-perjodu 2026-30 bl-għan li jitnaqqas il-qgħad fit-tul u titħaffef l-attivazzjoni ta' persuni akbar fl-età u dawk b'livell baxx ta' ħiliet. F'Jannar 2025, **iċ-Ċekja** estendiet il-proġett pilota "Impjieg ta' Integrazzjoni", li se jinkludi 240 parteċipant fl-2025 u 400 fl-2026. Sabiex jitnaqqas il-qgħad fit-tul, il-proġett jikkombina s-sussidji tal-pagi għar-reklutaġġ ta' gruppi żvantaġġati bi ħtiġijiet speċifiċi u attivitajiet ta' integrazzjoni li jappoġġaw l-iżvilupp personali. Fl-**Awstrija**, minn Jannar 2026, se jidħol fis-seħħ il-pakkett dwar l-impjiegi "Aktion 55 plus" għal ħaddiema qiegħda fit-tul li huma akbar fl-età. Minn EUR 50 miljun fl-2025, il-baġit għall-pakkett se jiżdied għal EUR 100 miljun sal-2027.

**F'xi Stati Membri ttieħdu miżuri biex jinċentivaw ix-xogħol, jappoġġaw l-impjieg indipendenti, l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' intrapriżi soċjali. L-Italja** introduċiet eżenzjoni parzjali mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-2025-27 għall-ommijiet impjegati u għall-ommijiet b'impjieg indipendenti li għandhom mill-inqas żewġt itfal, minbarra l-ħaddiema domestiċi. Il-benefiċċju huwa validu sal-età ta' 10 snin tal-iżgħar wild, u mill-2027, sal-età ta' 18-il sena tal-iżgħar wild għal ommijiet ta' tlett itfal jew aktar. L-eżenzjoni hija riżervata għal benefiċjarji b'introjtu taxxabbli sa EUR 40 000 fis-sena u għandha limitu tan-nefqa annwali ta' EUR 300 miljun. Bħala parti mill-RRP tagħha u appoġġata mill-FSE+, **il-Polonja** bħalissa qed tiżviluppa emenda għall-Att dwar l-Ekonomija Soċjali, bl-għan li tippromwovi l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija soċjali. Dan isir billi jissaħħu l-istrumenti legali u finanzjarji biex jiġi żviluppat il-funzjonament tal-intrapriżi soċjali u tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-gvern u tal-amministrazzjonijiet lokali. Il-miżura li tibda mill-2025 sal-2028 u li hija ffinanzjata mill-FSE+ tappoġġa l-intraprenditorija fit-Tramuntana tal-**Bulgarija** billi tipprovdi assistenza mill-iżvilupp ta' idea ta' negozju sal-implimentazzjoni tagħha. Billi trawwem l-impjieg indipendenti u l-ħiliet intraprenditorjali, il-miżura għandha l-għan li toħloq impjiegi ġodda u b'hekk tgħin biex jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

**Il-miżuri għat-tisħiħ tas-sistema ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol qed jingħataw prijorità dejjem akbar minn ħafna Stati Membri.** F'Mejju 2025, il-Gvern ta' Wallonia fil-**Belġju** approva fl-ewwel qari żewġ abbozzi ta' liġi biex jiġi riformat ir-rwol tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi "Forem". Il-"Forem" se jirrikjedi CV online u jagħmel il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg viżibbli għall-impjegaturi ladarba tiġi ddefinita pożizzjoni ta' karriera, u b'hekk jgħin biex tittejjeb il-kwalità tat-tqabbil tal-impjiegi. Il-persuni li qed ifittxu impjieg, b'xi eċċezzjonijiet (eż. persuni li qed ifittxu impjieg li qed jitħarrġu), se jirċievu konsulenza individwali kull 4 xhur, offerti mmirati u se jkunu f'kuntatt ta' kull xahar mal-PES. F'April 2025, **il-Greċja** introduċiet bidliet fil-pjattaforma diġitali tagħha għall-ġestjoni tad-data dwar l-impjiegi. Is-sistema l-ġdida ERGANI 2 taġġorna l-predeċessur tagħha, inkluż billi tiddiġitalizza bis-sħiħ id-dikjarazzjonijiet tal-impjiegi, ittaffi l-piż amministrattiv billi tissimplifika l-proċeduri għall-impjegaturi, ittejjeb l-għodod ta' monitoraġġ tas-suq tax-xogħol u tipprovdi reġistru tal-impjiegi u tal-assigurazzjoni aktar affidabbli u trasparenti. F'Diċembru 2024, **Spanja** espandiet is-sussidji eliġibbli taħt il-programmi komuni ta' attivazzjoni tal-impjiegi, żiedet l-allowances ta' residenza u l-kontribuzzjonijiet relatati tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur f'ċerti reġjuni. Ir-riforma ssaħħaħ ukoll il-politiki ta' attivazzjoni billi tinkorpora xi skemi ta' impjieg taż-żgħażagħ fil-qafas komuni.

**Ħafna Stati Membri qed iwettqu riformi kbar fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi tagħhom, inklużi bidliet istituzzjonali, żieda fl-effiċjenza u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi.** Permezz ta' programm ta' appoġġ tal-FSE+ ta' EUR 183 miljun, **ir-Rumanija** qed timmodernizza s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES, Public Employment Services). Il-programm għandu l-għan li jżid l-għadd ta' persunal tal-PES b'600, iħarreġ 1 840 impjegat tal-PES, jipprovdi servizzi modernizzati lil 275 000 persuna u 21 750 impjegatur. Huwa mistenni wkoll li jtejjeb il-viżibbiltà tal-PES permezz ta' kampanja ta' komunikazzjoni u jimmodernizza l-bini tal-PES. Il-proġett se jdum 60 xahar minn Jannar 2025 sa Diċembru 2029. Fil-**Finlandja**, ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi ġiet ittrasferita lill-muniċipalitajiet f'Jannar 2025 biex jiżdied l-aċċess ugwali għas-servizzi u biex jiġi megħjun l-impjieg rapidu ta' persuni li qed ifittxu impjieg billi jittejbu s-servizzi tal-impjiegi u tan-negozju. B'rabta mat-trasferiment, inħoloq mudell ta' finanzjament għall-muniċipalitajiet biex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni tal-impjiegi. L-effett dirett fuq l-impjiegi tar-riforma huwa stmat li jkun ta' benefiċċju għal bejn 7 000 – 10 000 persuna. F'Diċembru 2024, appoġġat mill-RRF u mill-FSE+, **Ċipru** adotta riforma wiesgħa tal-PES tiegħu. Ir-riforma li għaddejja se tinkludi l-implimentazzjoni ta' pjattaformi għad-diġitalizzazzjoni tal-iskemi ta' reklutaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħol, l-iżvilupp ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Prestazzjoni u l-istabbiliment ta' sistema ta' twissija bikrija u ta' traċċar għaż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs). F'Jannar 2025, **Franza** introduċiet digriet biex tadatta l-liġi dwar l-okkupazzjoni sħiħa għar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha. Il-bidliet jadattaw il-liġi għall-ispeċifiċitajiet istituzzjonali tar-reġjuni ultraperiferiċi u jikkonċernaw il-governanza, il-kwistjonijiet tal-indukrar tat-tfal kif ukoll jestendu l-iskadenza għall-konklużjoni ta' kuntratti bejn il-qiegħda u l-istituzzjonijiet tal-impjiegi.

**Diversi Stati Membri implimentaw riformi biex jallinjaw is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom mal-kundizzjonijiet kurrenti tas-suq tax-xogħol.** F'Jannar 2025, **il-Finlandja** neħħiet is-supplimenti għas-sussidju tas-suq tax-xogħol u l-allowance bażiku tal-qgħad imħallas matul il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' promozzjoni tal-impjiegi. F'Ġunju 2025, **iċ-Ċekja** introduċiet emendi fis-sistema tagħha tal-benefiċċji tal-qgħad biex ittejjeb l-appoġġ finanzjarju u l-protezzjoni soċjali għal persuni li qed ifittxu impjieg. L-appoġġ matul il-fażi inizjali tal-qgħad se jiżdied sa 80 % tal-introjtu tax-xogħol preċedenti tal-individwu. F'Ġunju 2025 ukoll, **l-Estonja** rriformat is-sistema tagħha ta' protezzjoni kontra l-qgħad,

billi ssimplifikat il-proċeduri u introduċiet mudell universali ta' benefiċċju b'rata bażika li għandu jidħol fis-seħħ minn Jannar 2026. Ir-riforma tissostitwixxi s-sistema preċedenti b'żewġ livelli bi skema unika ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad. F'Lulju 2025, **il-Belġju** adotta riforma kbira tas-sistema tiegħu tal-benefiċċji tal-qgħad li se tidħol fis-seħħ f'Jannar 2026. Din se tillimita d-durata kumplessiva tal-benefiċċji għal sentejn, wara bidliet fil-kriterji ta' eliġibbiltà, b'xi eżenzjonijiet. F'Ottubru 2025, **il-Litwanja** emendat il-Liġi tagħha dwar l-Assigurazzjoni Soċjali Kontra l-Qgħad biex iżżid il-benefiċċju minimu tal-qgħad minn EUR 241,5 għal EUR 350 fl-2025, testendi d-durata massima tal-ħlasijiet tal-benefiċċji qrib l-irtirar b'4 xhur, u ttejjeb l-immirar kumplessiv tal-benefiċċji, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. F'Ottubru 2025, **l-Iżvezja** implimentat riforma tas-sistema tagħha tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad biex tallinja aħjar il-provvista ta' benefiċċji mat-telf reali tal-introjtu tal-applikant.

**Diversi Stati Membri implimentaw miżuri biex jattiraw talent barrani u jtaffu l-kundizzjonijiet stretti tas-suq tax-xogħol**. F'Mejju 2025, **il-Greċja** nediet l-iskema HELIOS+ b'appoġġ mill-FSE+, li għandha l-għan li tappoġġa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' approċċ olistiku li jintegra l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, għas-suq tax-xogħol u għat-taħriġ vokazzjonali. Permezz ta' emendi għall-Att dwar l-Barranin tagħha f'Marzu 2025, **il-Kroazja** tilliberalizza l-aċċess għal ħaddiema kwalifikati (b'mod partikolari fis-settur tal-IT), issaħħaħ is-sorveljanza tal-impjegaturi u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema barranin. Barra minn hekk, il-pajjiż implimenta miżuri ġodda biex jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni tal-migranti Kroati. Fl-2025, **Malta** rriformat il-Politika tagħha ta' Migrazzjoni għax-Xogħol b'enfasi fuq iż-żamma, id-drittijiet, u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-miżuri jinkludu kriterji ġodda ta' eliġibbiltà għall-impjegaturi, limiti fuq ir-reklutaġġ minn kumpaniji b'rati għoljin ta' terminazzjoni ta' kuntratti (b'eżenzjonijiet għall-mikrointrapriżi), u perkorsi imtejba għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ibiddlu l-impjegaturi. Biex tgħin ittaffi n-nuqqas ta' ħaddiema u tattira ħaddiema barranin bi kwalifiki għoljin, **iċ-Ċekja** adottat digriet tal-gvern li jagħti aċċess liberu għas-suq tax-xogħol liċ-ċittadini ta' għaxar pajjiżi mhux tal-UE. F'Ottubru 2024, **il-Ġermanja** adottat l-Istrateġija dwar Ħaddiema b'Ħiliet Speċjalizzati mill-Indja li għandha l-għan li tattira ħaddiema kwalifikati mill-Indja billi ttejjeb il-kundizzjonijiet qafas għar-reklutaġġ, il-ħruġ ta' viżi, korsijiet tal-lingwa, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali barranin u l-integrazzjoni.

**Xi Stati Membri ħadu azzjoni biex isaħħu d-djalogu soċjali u r-rwol tas-sħab soċjali**. F'Mejju 2025, **ir-Rumanija** introduċiet abbozz ta' pjan ta' azzjoni biex tippromwovi n-negozjar kollettiv matul l-2025-28 billi trawwem is-sħubija fit-trade unions u fl-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, tappoġġa l-parteċipazzjoni infurmata fin-negozjati u tiffaċilita l-ftehimiet fil-livelli settorjali u nazzjonali. Għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ id-djalogu soċjali, tintroduċi sanzjonijiet ta' deterrent għan-nuqqas ta' konformità, u ttejjeb il-kapaċità istituzzjonali permezz ta' assistenza teknika, spezzjonijiet, u implimentazzjoni aktar effettiva. F'Ottubru 2024, il-gvern tal-**Ungerija** adotta digriet li jistabbilixxi qafas legali għal Forum Permanenti ta' Konsultazzjoni għas-Settur Privat (VKF). Dan għandu l-għan li jiżgura l-istabbiliment u t-tħaddim kontinwu tal-mekkaniżmi għall-iffissar tal-paga minima. F'Mejju 2025, **il-Polonja** emendat ir-regolament dwar ir-rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi. Il-liġi l-ġdida tipprojbixxi sħubija doppja f'organizzazzjonijiet bħal dawn biex tippermetti l-kalkolu korrett tar-rappreżentattività tagħhom u b'hekk tapplika l-istess standard bħal għat-trade unions.

## 2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida 8 dwar l-impjiegi. Din tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irawmu l-inklużjoni soċjali u jiġġieldu l-faqar, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (dwar l-opportunitajiet indaqs), 11 (dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal), 12 (dwar il-protezzjoni soċjali), 14 (dwar l-introjtu minimu), 15 (dwar l-introjtu u l-pensjoni tal-irtirar), 16 (dwar il-kura tas-saħħa), 17 (dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà), 18 (dwar il-kura fit-tul), 19 (dwar l-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-persuni mingħajr dar) u 20 (dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. It-Taqsima 2.4.1 tipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin. L-ewwel nett, jiġu diskussi r-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kif ukoll l-inugwaljanza fl-introjtu. Dan jiġi segwit mill-analiżi tal-introjtu minimu u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali b'mod aktar ġenerali, u l-impatt tagħhom fuq it-tnaqqis tal-faqar. L-akkomodazzjoni soċjali u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni huma analizzati wkoll taħt il-Linja Gwida 8. It-Taqsima 2.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħuda mill-Istati Membri.

### 2.4.1 Indikaturi ewlenin

**It-tkabbir fl-indiċi tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI)** ***per capita*** **żdied b'mod sostanzjali fil-livell tal-EU-27 fl-2024.** Dan kien ta' 141,3 (livell fl-2008=100) fl-2024, 2,5 punti ogħla milli fl-2023. L-akbar żieda ġiet osservata f'Malta, fir-Rumanija u fil-Polonja, filwaqt li ġew irrapportati oħrajn iżgħar iżda xorta sostanzjali fil-Kroazja, fil-Portugall u f'Ċipru (ara l-Illustrazzjoni 2.4.1). Malta, ir-Rumanija, il-Polonja u l-Ungerija kienu "bl-aqwa prestazzjoni" fl-2024, minħabba livelli għoljin (aktar minn 160 % meta mqabbla mal-2008) u wkoll minħabba żidiet kbar għall-ewwel tlieta. Għadd ta' Stati Membri kellhom żidiet aktar baxxi, b'xi wħud minnhom jibqgħu f'livelli medji, bħall-Iżvezja, id-Danimarka, iċ-Ċekja u s-Slovenja. Fid-dawl tal-prestazzjoni tagħhom fl-2024, il-Greċja u l-Italja nstabu li kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" minħabba livelli baxxi b'mod persistenti, wara titjib modest. Is-sitwazzjoni kienet waħda li "għandha tiġi osservata" fl-2024 fil-Belġju, fil-Finlandja u fil-Lussemburgu (fejn il-livelli kienu qrib il-medja tal-UE iżda biss wara titjib relattivament żgħir), kif ukoll f'Ċipru, fl-Awstrija, fi Spanja u fin-Netherlands (fejn il-livelli kienu taħt il-medja tal-UE minkejja titjib madwar il-medja).

**Illustrazzjoni 2.4.1: It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* żdied għall-UE b'varjazzjoni qawwija fl-Istati Membri fl-2024**

It-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita*, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (2008=100, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija ppreżentata fl-Anness. Id-data ma hijiex disponibbli għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_wc310], il-kontijiet tas-settur Ewropew.

**L-UE rat titjib modest ħafna fit-tnaqqis tar-rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2024, mingħajr ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq.** Ir-rata tal-AROPE naqset għal 21 % minn 21,3 % fl-2023, bi kważi 2 pp differenza bejn l-irġiel u n-nisa (20 % vs 21,9 %). Is-sitwazzjoni fl-2024 kienet "kritika" fil-Bulgarija, fil-Greċja, fil-Litwanja u fi Spanja, li għalihom il-livelli relattivament għoljin (30,3 %, 26,9 %, 25,8 % u 25,8 %, rispettivament) ma tjibux b'mod sinifikanti (fi Spanja), żdiedu bi ftit (fil-Bulgarija u fil-Greċja) jew saħansitra b'mod sinifikanti (b'1,5 pp fil-Litwanja) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.2. Il-Kroazja, l-Italja u l-Latvja kienu fl-istat li "għandhom jiġu osservati", jew minħabba l-livell relattivament għoli (24,3 % fil-Latvja) jew iż-żieda (+1 pp u +0,3 pp għall-Kroazja u l-Italja, rispettivament). Fl-istess ħin, ir-Rumanija esperjenzat sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb", u rreġistrat wieħed mill-ogħla livelli fl-UE (27,9 %) wara l-akbar tnaqqis (-4,1 pp), li jirrifletti l-isforzi kontinwi biex jitnaqqas il-faqar. Min-naħa l-oħra, iċ-Ċekja, is-Slovenja u n-Netherlands kienu "bl-aqwa prestazzjoni" (b'rati tal-AROPE ta' 11,3 %, 14,4 %, u 15,4 %, rispettivament). L-Irlanda u l-Estonja wrew tnaqqis kbir (-2,1 pp u -2 pp, rispettivament) minkejja livelli diġà tajbin jew medji. Ma jidher l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri.

**Illustrazzjoni 2.4.2: Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqset bi ftit biss fl-2024 fl-UE**

Is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota:* L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR u data provviżorja għal LT.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Il-varjazzjoni reġjonali u urbana/rurali fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali madwar l-UE hija kbira, f'konformità ma' dak li huwa osservat fl-Istati Membri.** Il-varjazzjoni kienet kbira fir-reġjuni tal-UE (NUTS 2) fl-2024, inkluż fi ħdan l-Istati Membri, speċjalment fl-Italja, fil-Polonja, fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ara l-Illustrazzjoni 8 fl-Anness 5). Ir-rati tal-AROPE varjaw minn 59,5 % f'Guayane, 48,8 % f'Calabria, u 44,5 % fi Ciudad de Melilla għal 8,8 % f'Jihozápad, 8,6 % fi Bratislavsky kraj u 6,6 % fi Provincia Autonoma di Bolzano/Bozen. Ir-reġjuni ultraperiferiċi esperjenzaw rati tal-AROPE ogħla mill-medja tal-UE, li jvarjaw minn 59,5 % fil-Guyana għal 22,9 % f'Madeira. L-irħula u s-subborgi rreġistraw rati tal-AROPE kemxejn aktar baxxi fl-UE mill-bliet u miż-żoni rurali (20,3 %, 21,3 % u 21,3 %, rispettivament). Madankollu, il-varjazzjoni fl-Istati Membri kienet sostanzjali. Ir-rati tal-AROPE varjaw minn 27,8 % fil-Belġju għal 12,2 % fil-Polonja fir-rigward tal-bliet; minn 32 % fil-Bulgarija għal 11,7 % fiċ-Ċekja għall-irħula u s-subborgi; u minn 41,7 % fir-Rumanija għal 8,6 % f'Malta għaż-żoni rurali. Filwaqt li r-rati relattivament kbar tal-AROPE fl-ibliet imorru flimkien ma' dawk relattivament baxxi fiż-żoni rurali fil-parti tal-Punent tal-Unjoni, il-kuntrarju għandu t-tendenza li jkun minnu f'għadd ta' pajjiżi Mediterranji u Baltiċi u fil-parti tal-Lvant.

**Il-fatturi ewlenin tar-riskji tal-faqar huma multipli.** Dawn għandhom l-għeruq fl-inugwaljanzi ta' opportunitajiet minħabba, pereżempju, disparitajiet territorjali u reġjonali[244], jew diskriminazzjoni[245]. Dawn huma relatati ma' differenzi fl-effettività u fl-effiċjenza tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-politiki dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. It-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi[246] għandha piż fuq it-tfal. Il-politiki attivi ta' inklużjoni, it-tfassil u l-effettività tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, u l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ (inklużi l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali u essenzjali) għandhom rwol ċentrali fil-ġlieda kontra u fil-prevenzjoni tar-riskji tal-faqar. Biex tgħin lill-Istati Membri jagħmlu dan, l-UE adottat firxa wiesgħa ta' inizjattivi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar, jekk jiġu implimentati kif xieraq[247]. Filwaqt li tibni fuq dawn, l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar li jmiss se jkollha l-għan li tgħin lin-nies jiksbu aċċess għall-protezzjoni u s-servizzi essenzjali li jeħtieġu, filwaqt li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar. L-objettiv ġenerali huwa li tgħin biex jiġi eliminat il-faqar fl-UE sal-2050.

**Kaxxa fil-Mira 3: Progress lejn il-mira tat-tnaqqis tal-faqar għall-2030**

**Il-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kompliet tonqos fl-2024, iżda l-progress għadu insuffiċjenti biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE sal-2030.** L-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'1,1 miljun fl-2024, għal 93,3 miljun. Bl-aġġustament għall-interruzzjonijiet fis-serje fil-Ġermanja u fi Franza, it-tnaqqis jammonta għal 2,9 miljuni meta mqabbel mas-sena bażi 2019, u jħalli distakk ta' 12,1 miljun għall-mira ta' 15-il miljun. Dan jimplika li jkun meħtieġ tnaqqis annwali medju ta' aktar minn 2 miljuni biex tintlaħaq il-mira sal-2030 (ara l-Illustrazzjoni ta' hawn taħt). Għalhekk, il-kisba tal-mira se titlob tħaffif sinifikanti tal-isforzi matul il-bqija tad-deċennju. Il-faqar fost it-tfal naqas ukoll fl-2024 fl-UE, b'madwar 0,4 miljun tifel u tifla inqas (fl-età ta' bejn 0 u 17-il sena) jesperjenzaw riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Madankollu, in-numru jibqa' 0,25 miljun ogħla mil-linja bażi tal-2019 u 5,25 miljuni ogħla mill-miri nazzjonali aggregati għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal.

---

[244] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Durán Laguna, et al., *Ninth report on economic, social and territorial cohesion*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

[245] L-aktar data reċenti mill-2024 turi, pereżempju, li 70 % tar-Rom kienu f'riskju ta' faqar, bi progress bejn l-2016 u l-2024. Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024.

[246] Ara UNICEF Innocenti – Global Office of Research and Foresight, *Innocenti Report Card 18: Child poverty in the midst of wealth*, UNICEF Innocenti, Firenze, Diċembru 2023.

[247] Dawn jinkludu l-Garanzija Ewropea għat-Tfal, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021; id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati, id-Direttiva (UE) 2022/2041; ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2019/C 387/01) tat-8 ta' Novembru 2019; ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/C 41/01 tat-30 ta' Jannar 2023; il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar, id-Dikjarazzjoni ta' Lisbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar tal-21 ta' Ġunju 2021; u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri, COM(2022) 494.

**L-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas f'dawn l-aħħar snin, iżda l-progress għadu insuffiċjenti biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030**

Bidla fil-livell tal-AROPE tal-EU-27 fir-rigward tas-sena bażi 2019 u l-mira ewlenija tal-UE relatata għall-2030 (popolazzjoni totali, għal kull elf persuna)




*Nota*: Serje aġġustata għal interruzzjonijiet fis-serje, minħabba interruzzjonijiet kbar sottostanti f'DE fl-2020 (l-interruzzjoni aġġustata b'lura għall-2019) u fi FR fl-2022 (l-aggregat tal-UE juża ċifri għal "Franza Metropolitana" minflok għal "Franza" biex ikun konformi maċ-ċifra tal-2019 għal Franza).
*Sors*: il-Eurostat [ilc_pecs01] u l-kalkoli tad-DĠ EMPL.

**Il-progress lejn il-miri nazzjonali tat-tnaqqis tal-faqar għadu mhux uniformi fl-Istati Membri.** Fl-2024, 14-il Stat Membru biss raw tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, u 16 biss għamlu progress lejn il-miri tagħhom għall-2030 mill-2019 (ara l-Illustrazzjoni ta' hawn taħt)[248]. Sebgħa minn dawn (ir-Rumanija, iċ-Ċekja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Belġju u l-Bulgarija) jinsabu fit-triq it-tajba, bir-Rumanija tikseb tnaqqis sostanzjali fl-2024 (b'739 elf). L-Iżvezja u l-Irlanda saru l-ewwel żewġ pajjiżi li laħqu l-miri tagħhom fl-2024, filwaqt li l-akbar distakki relattivi[249] għadhom fil-Lussemburgu, fis-Slovakkja, fis-Slovenja, fid-Danimarka, fil-Finlandja u fi Franza. Fost il-21 pajjiż li stabbilew miri komplementari dwar it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal[250], 13 irreġistraw titjib fl-2024 u 11 għamlu progress mill-2019, filwaqt li l-Irlanda, Ċipru u l-Iżvezja diġà laħqu l-miri tagħhom. Min-naħa l-oħra, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja għad iridu jagħmlu progress meta mqabbla mal-2019.

[248] Għall-monitoraġġ tal-miri tal-UE u dawk nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll spjegazzjoni tal-interruzzjonijiet fis-serje u l-aġġustamenti relatati mad-data, ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2025 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
[249] Għall-komparabbiltà bejn il-pajjiżi, id-differenzi ma jitkejlux f'termini assoluti, iżda f'perċentwal tat-tnaqqis fil-mira bejn l-2019 u l-2030. Eż.: (10 [mira] – 4 [progress sa issa]) / 10 [mira] = 60 % [differenza].
[250] Ġiet stabbilita mira dwar it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja. Ara r-Rapport Annwali tal-2025 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għall-monitoraġġ ta' dawn il-miri.

**Madwar nofs l-Istati Membri biss għamlu progress mill-2019, u terz biss jew jinsabu fit-triq it-tajba jew qabżu l-miri tagħhom**

Bidliet fil-livelli tal-AROPE matul is-snin 2019-2024 u l-miri nazzjonali għall-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje fl-2020 għal FR, IE, DK, LU, fl-2021 għal-LU, fl-2022 għal FR, FI u LU fl-2023 u fl-2024 għal HR. Data provviżorja għal LT fl-2024. DK u DE jesprimu l-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (jiġifieri unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna), li huwa mistenni li jissarraf fi tnaqqis fl-għadd ta' persuni AROPE matul id-deċennju. DE tesprimi l-mira nazzjonali tagħha meta mqabbla mal-2020 bħala s-sena ta' referenza. FR stabbiliet il-mira nazzjonali tagħha b'referenza għal Franza metropolitana u l-monitoraġġ huwa allinjat ma' dan l-ambitu ġeografiku. HU tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fir-rata tal-privazzjoni materjali u soċjali għall-familji bit-tfal li jista' jiġi tradott fi tnaqqis tal-AROPE jekk iċ-ċirkostanzi kurrenti jipprevalu. MT tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fir-rata tal-AROPE, f'termini ta' punti perċentwali (jiġifieri -3,1 pp).

*Sors*: il-Eurostat [ilc_pecs01] u t-tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

**Il-privazzjoni materjali u soċjali estrema naqset bi ftit, filwaqt li l-faqar monetarju u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg baqgħu stabbli fl-UE fl-2024.** It-titjib modest ħafna tar-rata tal-AROPE huwa rifless fil-komponenti tagħha. Iċ-Ċekja u n-Netherlands kellhom xi wħud mill-aktar rati baxxi tal-AROP (b'referenza għal-livelli ta' introjtu tal-2023, fil-livell ta' 9,5 % u 12,1 %, rispettivament), wara li esperjenzaw tnaqqis – ara l-pannell ta' fuq tal-Illustrazzjoni 2.4.3. Għall-kuntrarju, il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja kellhom xi wħud mill-ogħla rati (21,7 %, 21,6 % u 21,5 %, rispettivament), xi wħud wara ż-żidiet. Ir-Rumanija rat tnaqqis ta' 2,1 pp, li kkontribwixxa ħafna għat-tnaqqis tar-rata tal-AROPE tagħha. L-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2024 jindikaw li r-rati tal-AROP huma mistennija li jkunu stabbli wkoll fl-2024 bħala medja fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, filwaqt li jiżdiedu fil-Finlandja, fil-Portugall, fil-Greċja u fis-Slovenja, u jonqsu fl-Estonja[251]. Is-sehem ta' persuni fi privazzjoni materjali u soċjali estrema naqas bi ftit fl-UE b'mod kumplessiv – ara l-pannell tan-nofs tal-Illustrazzjoni 2.4.3. Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg baqa' stabbli fl-2024 (ibbażat fuq l-attività tal-2023) – ara l-pannell ta' taħt tal-Illustrazzjoni 2.4.3.

[251] Bidliet sinifikanti biss. Ara l-Eurostat, Flash estimates of income inequalities and poverty indicators for 2024 (FE 2024), Experimental results. Verżjoni 1 – Ġunju 2025.

**Illustrazzjoni 2.4.3: Il-privazzjoni materjali u soċjali estrema naqset bi ftit, filwaqt li r-rata ta' riskju ta' faqar u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg baqgħu stabbli**

Komponenti tal-indikatur ewlieni tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%, 2015, 2023, 2024)




*Nota:* L-indikaturi huma kklassifikati skont ir-rati tal-AROPE fl-2024. Interruzzjoni fis-serje għal HR għar-rata tar-riskju ta' faqar. Data provviżorja għal LT.
*Sors:* il-Eurostat [tessi010], [tepsr_lm420], [tepsr_lm430], l-UE-SILC.

**Il-faqar fost it-tfal naqas bi ftit iżda għadu f'livell ogħla milli għall-popolazzjoni kollha kemm hi, mingħajr l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq.** L-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas minn 19,96 miljun fl-2023 għal 19,52 miljun fl-2024 u s-sehem tagħhom minn 24,9 % għal 24,2 % bħala medja fl-UE. Għalkemm l-2024 hija t-tieni sena konsekuttiva li matulha jiġi rreġistrat tnaqqis fin-numru assolut, l-inċidenza tal-faqar fost it-tfal għadha 3,2 pp ogħla milli għall-popolazzjoni totali. Is-Slovenja, Ċipru, iċ-Ċekja u n-Netherlands huma fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni", b'rati tal-AROPE għat-tfal taħt is-16 %, u bidliet relattivament żgħar meta mqabbla mal-2023, ħlief għal Ċipru (-2,3 pp) u s-Slovenja (+1,1 pp). Il-Bulgarija u Spanja huma, min-naħa l-oħra, f'"sitwazzjonijiet kritiċi", b'rati li jilħqu 35,1 % u 34,6 %, rispettivament. Għall-kuntrarju tar-rati ġeneralment mhux mibdula fi Spanja, iċ-ċifra għall-Bulgarija żdiedet ukoll, b'1,2 pp. Madwar l-UE, l-akbar żidiet ġew irreġistrati fil-Kroazja (+2 pp) u fil-Finlandja (+3,5 pp), filwaqt li l-akbar tnaqqis kien fl-Irlanda (3,4 pp), fir-Rumanija (5,2 pp) u fis-Slovakkja (2,7 pp). Ma jidher l-ebda sinjal evidenti ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri. Il-ħruġ tat-tfal mill-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa strumentali biex jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u biex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-Istati Membri kollha hija kruċjali f'dan ir-rigward.

**Illustrazzjoni 2.4.4: Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal naqset bi ftit fl-UE**

Is-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali




*Noti:* L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR u data provviżorja għal LT.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Il-komponenti tar-rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli fl-UE, bl-unika eċċezzjoni tkun il-privazzjoni materjali u soċjali estrema li naqset.** Ir-rata tar-riskju ta' faqar (AROP) naqset bi ftit, minn 19,5 % fl-2023 għal 19,3 % fl-2024, bħala medja fl-UE. L-akbar żidiet, b'2 pp, ġew irreġistrati fil-Kroazja, fil-Litwanja, f'Malta u fil-Finlandja, u l-akbar tnaqqis, bi 3 pp, fil-Portugall, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Bħal fl-2023, ir-rati tal-AROP kienu l-ogħla fi Spanja (29,2 %), fil-Bulgarija (28,2 %) u fir-Rumanija (26,2 %), u l-aktar baxxi fid-Danimarka (10,1 %), fis-Slovenja (10,7 %) u fil-Finlandja (11,6 %). L-istimi rapidi tal-Eurostat jipprevedu tnaqqis ta' 0,4 pp fl-inċidenza tal-faqar monetarju għat-tfal bħala medja fl-UE fl-2024. Fir-rigward tal-privazzjoni materjali u soċjali estrema, ir-rata tal-UE għat-tfal naqset b'mod moderat fl-2024, u laħqet 7,9 % fl-2024, wara 8,4 % fl-2023. Fil-livell nazzjonali, din kienet tvarja minn 1,2 % fil-Kroazja għal 21,2 % fir-Rumanija. Żdiedet fin-Netherlands u fil-Finlandja b'2 pp u naqset bl-istess ammont fil-Ġermanja, fil-Greċja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fl-Ungerija. Fl-aħħar nett, is-sehem tat-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg baqa' stabbli għal 7,4 % fl-2024 (kontra 7,5 % fl-2023) fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ħlief fil-Bulgarija (+2,1 pp), fil-Finlandja (+2,3 pp) u fil-Portugall (-2,6 pp).

**Illustrazzjoni 2.4.5: Il-profondità tal-faqar naqas bi ftit fl-UE iżda spiss kienet akbar għat-tfal milli għall-popolazzjoni totali**

L-isparigg relattiv tar-riskju tal-faqar (%), il-popolazzjoni totali u t-tfal (fl-età ta' bejn 0 u 17-il sena)




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje għal HR u data provviżorja għal LT fl-2024.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li11], l-UE-SILC.

**Il-profondità tal-faqar naqset bi ftit għall-popolazzjoni totali fl-UE iżda baqgħet ogħla għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg u għat-tfal**[252]**.** Għall-popolazzjoni totali, naqset b'0,4 pp, għal 22,7 % fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023), meta mqabbla mas-sena ta' qabel – ara l-Illustrazzjoni 2.4.5. Il-profondità tal-faqar kienet l-akbar fil-Latvja, fi Spanja u fil-Kroazja, wara żidiet ta' 1,8, 1,7 u 0,2 pp, rispettivament. Iż-żidiet kienu l-akbar f'Ċipru (+2,7 pp), fil-Latvja u fil-Lussemburgu (+1,8 pp għat-tnejn). Fil-livell tal-UE, il-profondità tal-faqar għall-persuni fl-età ta' bejn 18 u 64 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg kienet akbar b'mod sinifikanti milli għall-popolazzjoni totali, b'35,5 % fl-2024[253]. Għat-tfal, din naqset għal 23,2 % fl-2024, 0,6 pp inqas milli fl-2023, iżda kienet għadha ogħla milli għall-popolazzjoni totali. L-akbar żidiet (aktar minn 5 pp) ġew irreġistrati fl-Italja u f'Malta kif ukoll fil-Kroazja (wara interruzzjoni fis-serje), filwaqt li l-akbar tnaqqis (aktar minn 9 pp) kien fid-Danimarka u fis-Slovakkja.

**Il-persuni b'diżabbiltà jibqgħu f'riskju ogħla ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali mill-bqija tal-popolazzjoni.** Fl-2024, ir-rata tal-AROPE tagħhom kienet ta' 28,7 % fl-UE (wara l-ebda bidla fi 3 snin), li hija 10,8 pp ogħla milli għall-bqija tal-popolazzjoni. Fil-livell ta' 36,2 %, din hija saħansitra ogħla u fuq xejra li qed tiżdied, għall-persuni b'diżabbiltà severa. F'ħames pajjiżi d-distakk fir-rigward ta' dawk mingħajr diżabbiltà qabeż l-20 pp fl-2024[254]. Il-persuni b'diżabbiltà fl-età tax-xogħol jiffaċċjaw riskji ogħla ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (34,5 %) minn gruppi ta' età oħra, u l-istess huwa l-każ għan-nisa milli għall-irġiel (29,4 % vs 27,8 %). L-appoġġ fl-aċċess għall-edukazzjoni inklużiva, it-taħriġ u l-impjiegi

[252] Dan l-indikatur, magħruf ukoll bħala l-isparigg medjan relattiv tar-riskju tal-faqar, huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan tal-persuni li huma f'livell inqas mil-limitu tar-riskju ta' faqar u l-limitu tar-riskju ta' faqar, espressa bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.
[253] Il-Eurostat [ilc_li12]. Ara l-Illustrazzjoni 2.4.11 għar-rata ta' faqar ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg.
[254] Ġew osservati differenzi kbar fil-Litwanja, fil-Kroazja, fil-Latvja, fl-Estonja u fl-Ungerija, li kollha kellhom rati kbar flimkien mal-Bulgarija u mar-Rumanija.

għall-persuni b'diżabbiltà u l-għoti ta' assistenza personali u servizzi ta' appoġġ huma essenzjali biex titnaqqas id-differenza fir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-persuni b'diżabbiltà.

**Minkejja tnaqqis żgħir ieħor, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għal persuni li twieldu barra mill-UE baqa' ferm ogħla milli għan-nattivi tal-UE.** Ir-rata tal-AROPE għal persuni li twieldu barra mill-UE kienet ogħla minn dik tan-nattivi fl-Istati Membri kollha u bħala medja kienet aktar mid-doppju, ta' 38,2 % vs 18 %. Id-differenza kienet l-aktar wiesgħa fir-Rumanija, fl-Awstrija, fi Spanja, fil-Belġju u fl-Iżvezja (kollha aktar minn 23 pp)[255]. Dawn id-differenzi jirriflettu fil-biċċa l-kbira s-sitwazzjoni ta' impjieg żvantaġġat ta' dan il-grupp (ara l-Kaxxa 5 tal-Pilastru fit-taqsima 2.2.1).

**Għadd sinifikanti ta' Rom fl-UE qed ikomplu jiffaċċjaw riskji akbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.** Skont l-aktar data reċenti tal-istħarriġ, bħala medja, 70 % tar-Rom fil-pajjiżi tal-istħarriġ kienu f'riskju ta' faqar fl-2024[256], bi progress irreġistrat bejn l-2016 u l-2024. Bħala medja, 77 % tat-tfal Rom (taħt it-18) kienu jgħixu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar. Barra minn hekk, sehem akbar tar-Rom (37 %) iffaċċjaw privazzjoni materjali estrema meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali, speċjalment il-koorti iżgħar u akbar fl-età. Il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom 2020-30 għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ispariġġ tal-faqar bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali, inkluż it-tfal, mill-inqas bin-nofs u jiżguraw li sal-2030 il-maġġoranza tar-Rom joħorġu mill-faqar[257]. Bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Rom, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiġġieldu r-rata għolja ħafna ta' riskju ta' faqar u ta' privazzjoni materjali u soċjali fost ir-Rom[258]. Il-valutazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali mġedda dwar ir-Rom tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-oqsma għal titjib identifikati, kif ukoll iġeddu u jemendaw l-oqfsa tagħhom, inkluż biex jagħmluhom aktar ambizzjużi[259]. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u desegregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati,[260] jistiednu lill-Istati Membri jidentifikaw u jużaw il-finanzjament kollu disponibbli għal dan il-għan.

**Illustrazzjoni 2.4.6 L-inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat naqset fl-UE fl-2024 meta mqabbla mas-sena ta' qabel, u tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri**

Persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat, il-popolazzjoni totali u dik f'riskju ta' faqar, 2023 u 2024 (%)

[255] L-indikatur tal-Eurostat [ilc_peps06n], li jqabbel dawk imwielda f'pajjiżi mhux tal-UE ma' dawk imwielda fil-pajjiż tar-rapportar; persuni li għandhom 18-il sena jew aktar. Data ta' affidabbiltà baxxa għar-Rumanija.

[256] Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024. Il-valur rispettiv kien ta' 80 % kemm fl-2016 kif ukoll fl-2021/2019, b'pajjiżi differenti inklużi – ara l-Illustrazzjoni 4 fil-paġna 30 tar-rapport relatat. Il-pajjiżi tal-istħarriġ fl-2024 kienu: BG, CZ, EL, ES, FR, HU, IE, IT, PT, RO.

[257] Ara: Il-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni (pakkett sħiħ).

[258] Ara: ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1–14.

[259] Għall-valutazzjoni ara: COM/2023/7 final fil-pakkett sħiħ.

[260] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati.




*Noti:* Data provviżorja għal LT fl-2024 u interruzzjoni fis-serje għal LT fl-2023.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_mdes01], l-UE-SILC.

**L-indikatur prinċipali tal-faqar enerġetiku – l-inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat – naqas fl-UE fl-2024 għall-ewwel darba mill-2021, iżda għadu ogħla b'mod sinifikanti għal persuni li qed jesperjenzaw riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.** Is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat naqas għal 9,2 % fl-Unjoni fl-2024, tnaqqis minn 10,6 % fis-sena ta' qabel. It-tnaqqis tal-2024 huwa l-ewwel wieħed wara sentejn konsekuttivi ta' żidiet. Dan jirrifletti t-tnaqqis fil-prezzijiet bl-imnut tal-gass u tal-elettriku, kif ukoll taħlita ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika implimentati fil-pajjiżi tal-UE u miżuri oħra ta' appoġġ. Madankollu, il-livell tal-2024 għadu ferm ogħla mill-valur tal-2021 ta' 6,9 %. Barra minn hekk, l-anzjani, il-ġenituri waħedhom u n-nisa huma aktar esposti għall-faqar enerġetiku. Il-varjazzjoni bejn l-Istati Membri naqset ukoll kemxejn fl-2024, iżda xorta tvarja minn 2,7 % fil-Finlandja għal 19,0 % fil-Bulgarija. L-indikatur tal-faqar enerġetiku analizzat hawn naqas fl-2024 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-akbar tnaqqis seħħ fil-Portugall (5,1 pp), fi Spanja (3,3 pp), fid-Danimarka u f'Ċipru (it-tnejn 2,5 pp). Ġew osservati żidiet żgħar, għall-kuntrarju, fil-Lussemburgu (+1,5 pp), f'Malta (+1,0 pp), fis-Slovakkja (+0,2 pp), fl-Awstrija u fil-Finlandja (+0,1 pp), filwaqt li s-sitwazzjoni kienet stabbli fin-Netherlands. Għal persuni li jesperjenzaw riskji ta' faqar, il-faqar enerġetiku huwa ħafna ogħla, bi 19,7 % minnhom ma jkunux jistgħu jżommu djarhom sħan b'mod adegwat bħala medja fl-UE, meta mqabbla ma' 7,1 % tal-bqija tal-popolazzjoni. Il-persuni fir-riskju tal-faqar jiffaċċjaw l-ogħla rata ta' faqar enerġetiku fil-Greċja (43,6 %) u l-aktar baxxa fil-Lussemburgu (5,5 %). Meta tikkunsidra indikatur ieħor tal-faqar enerġetiku, l-arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tal-unitajiet domestiċi, id-data turi li l-livell ta' arretrati mill-2022 baqa' fl-istess livell[261]. Barra minn hekk, hekk kif it-temperaturi globali qed ikomplu jiżdiedu, għadd dejjem akbar ta' persuni fl-Ewropa qed isibuha diffiċli biex iżommu djarhom friski b'mod adegwat. Fl-2023, 26 % tal-unitajiet domestiċi tal-UE rrapportaw li ma setgħux iżommu djarhom friski b'mod komdu fis-sajf. Din iċ-ċifra titla' għal kważi 35 % fost il-grupp bl-inqas introjtu u s-sejbiet bikrija jindikaw li dawk li diġà huma affettwati mill-faqar enerġetiku matul ix-xitwa x'aktarx li se jsibuha diffiċli fis-sajf ukoll[262].

261 L-indikatur tal-Eurostat [ilc_mdes07] l-UE-SILC.

262 Abbażi tar-rapport tal-JRC li ġej, Koukoufikis, G. *et al.*, *Addressing Residential Cooling Demand and Summer Energy Poverty in the EU - Towards a Cooler Future*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, JRC143288. L-indikatur għall-valutazzjoni tal-faqar enerġetiku fis-sajf fl-UE ġej

**Il-faqar tat-trasport ivarja ħafna bejn l-Istati Membri.** Il-faqar tat-trasport ikopri t-tliet dimensjonijiet tal-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà[263], kif ukoll id-dimensjoni trażversali tal-adegwatezza. L-affordabbiltà tat-trasport privat, kif imkejla mis-sehem ta' persuni li ma jistgħux jaffordjaw karozza personali, baqgħet stabbli fl-UE, fil-livell ta' 5,6 % fl-2023 u fl-2024, wara tnaqqis kostanti bejn l-2015 u l-2021 minn 7,9 % għal 5,7 %[264]. Din tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, minn 1,8 % f'Malta għal 15,6 % fir-Rumanija. Id-disponibbiltà tat-trasport pubbliku tibqa' sfida, b'mod partikolari f'żona rurali. F'dan l-isfond, il-karozzi jibqgħu l-mod dominanti tat-trasport tal-passiġġieri fl-UE, li jammonta għal 83,1 % tal-passiġġier-kilometri fl-2023[265].

---

minn modulu *ad hoc* tal-istħarriġ tal-UE-SILC miġbur fl-2023. Hemm, l-indikatur bil-kodiċi HC070, ikejjel "l-inabbiltà ta' unità domestika li żżomm id-dar tagħha friska b'mod komdu matul is-sajf minħabba sistemi tat-tkessiħ inadegwati jew iżolazzjoni termika ħażina".

263 Il-faqar tat-trasport huwa definit fir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima bħala l-inkapaċità jew id-diffikultà tal-individwi u tal-unitajiet domestiċi biex ilaħħqu mal-kostijiet tat-trasport privat jew pubbliku, jew in-nuqqas ta' aċċess jew aċċess limitat tagħhom għat-trasport meħtieġ biex jintlaħqu servizzi u attivitajiet soċjoekonomiċi essenzjali, filwaqt li jitqies il-kuntest nazzjonali u spazjali – ara r-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima. Minħabba dan il-karattru multidimensjonali u data limitata, ma tista' tiġi identifikata l-ebda xejra unika fid-dimensjonijiet kollha, u bħalissa qed jiġu żviluppati indikaturi fil-livell tal-UE għat-tliet dimensjonijiet kollha. Ara Transport poverty: definitions, indicators, determinants, and mitigation strategies - Final Report. Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2024.

264 L-indikatur tal-Eurostat [ilc_mddu05]. Huwa l-uniku indikatur tal-faqar tat-trasport b'aġġornamenti annwali fil-livell tal-UE.

265 Ara l-indikatur tal-Eurostat [tran_hv_psmod].

**Illustrazzjoni 2.4.7: L-inugwaljanza fl-introjtu kompliet tonqos ftit bħala medja fl-UE fl-2024, iżda b'xi sinjali ta' diverġenza bejn l-Istati Membri**

Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20), il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR, data provviżorja għal LT.
*Sors*: il-Eurostat [tessi180], l-UE-SILC.

**L-inugwaljanza fl-introjtu kompliet tonqos ftit bħala medja fl-UE fl-2024, iżda b'sinjali ta' diverġenza, xprunata l-aktar mill-Istati Membri b'livelli għoljin ta' inugwaljanza.** L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20), naqset kemxejn fl-UE, minn 4,72 fl-2023 għal 4,66 fl-2024 (b'referenza għall-introjtu fl-2022 u fl-2023, rispettivament). Madankollu, il-varjazzjoni hija kbira bejn l-Istati Membri. "Sitwazzjonijiet kritiċi" ġew irreġistrati fil-Bulgarija, fil-Litwanja u fil-Latvja, b'livelli ta' inugwaljanza fl-introjtu fost l-ogħla fl-Unjoni, li komplew jiżdiedu fl-2024 – ara l-Illustrazzjoni 2.4.7. Tliet pajjiżi kkaratterizzati minn livelli relattivament għoljin ta' inugwaljanza fl-introjtu (wara żieda għall-Italja u tnaqqis għall-Greċja u għal Spanja) "għandhom jiġu osservati". It-tnaqqis fl-inugwaljanza fl-introjtu kien bil-bosta l-akbar fir-Rumanija (-1,2), biex niżel għal livell li issa huwa konformi mal-medja tal-UE. "Bl-aqwa prestazzjoni" fl-2024 kienu l-Belġju, is-Slovenja, iċ-Ċekja u s-Slovakkja. B'mod kumplessiv, fl-UE qed jiġu osservati xejriet diverġenti. Minn naħa waħda, f'xi Stati Membri b'livelli għoljin ta' inugwaljanza seħħew aktar deterjoramenti. Min-naħa l-oħra, xi Stati Membri b'livelli baxxi rreġistraw aktar tnaqqis. Dan jindika diverġenza fost l-Istati Membri. L-inugwaljanzi fl-introjtu juru l-eteroġeneità wkoll bejn ir-reġjuni tal-UE. Dawn huma relattivament evidenti wkoll f'pajjiżi bħal fl-Italja, fir-Rumanija, fl-Ungerija u fil-Belġju (ara

l-Illustrazzjoni 4 fl-Anness 5). Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, l-inugwaljanzi fl-introjtu huma mistennija juru xejra stabbli fil-pajjiżi kollha għas-sena tal-introjtu 2024[266].

**F'perspettiva aktar fit-tul, l-inugwaljanza fl-introjtu naqset matul dawn l-aħħar 10 snin, għalkemm b'varjazzjonijiet.** Matul is-snin 2010, l-inugwaljanzi fl-introjtu fl-UE, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20), żdiedu drastikament bir-reċessjoni doppja u mbagħad naqsu għal livelli magħrufa qabel il-kriżi ekonomika u finanzjarja, bi tnaqqis ulterjuri fl-aktar snin riċenti – ara l-Illustrazzjoni 2.4.8. Fl-2024, l-inugwaljanza fl-introjtu fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu (kif imkejla mill-proporzjon S50/S20) kienet ġeneralment lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi finanzjarja, filwaqt li kienet kemxejn taħt il-livelli preċedenti fil-quċċata tad-distribuzzjoni tal-introjtu (S80/S50). Dan jenfasizza l-impatt ta' rispons ta' politika rapidu u effettiv fl-UE f'dawn l-aħħar snin, speċjalment meta titqabbel l-istabbiltà kumplessiva wara l-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda fil-kost tal-għajxien fl-2020-23 maż-żieda qawwija fil-bidu tas-snin 2010. Il-valutazzjonijiet tal-impatti distributtivi[267] tar-riformi u tal-investimenti jibqgħu partikolarment importanti biex jitqies l-impatt tagħhom fuq l-inugwaljanza fl-introjtu u biex jiġi infurmat it-tfassil tal-politika *ex ante* wkoll f'dan id-dawl.

**Illustrazzjoni 2.4.8: L-inugwaljanzi fl-introjtu fl-UE varjaw matul l-aħħar 15-il sena, iżda naqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wara l-2015**

Proporzjonijiet tad-distribuzzjoni kwintili S80/S20, S80/S50 u S50/S20, (2010-2024, snin ta' introjtu 2009-2023)




*Nota*: Id-data stmata għall-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili S80/S20 fl-2014-2018.
*Sors*: il-Eurostat [tessi180], [ilc_di11d], [ilc_di11e], l-UE-SILC.

**L-infiq fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali żdied f'termini reali fl-2024 fl-Istati Membri kollha iżda għad hemm varjazzjoni kbira bejn il-pajjiżi u l-fqar.** Is-sehem relattiv għall-PDG żdied fl-UE minn 26,7 % fl-2023 għal 27,3 % fl-2024; madankollu, dan baqa' ferm taħt l-ogħla livell ta' madwar 30 % milħuq matul il-kriżi tal-COVID-19[268]. Il-konverġenza bejn l-Istati Membri osservat matul l-aħħar deċennju naqset xi ftit, minħabba

[266] Ara l-Eurostat, Flash estimates of income inequalities and poverty indicators for 2024 (FE 2024), Experimental results. Verżjoni 1 – Ġunju 2025.
[267] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri (COM(2022) 494 final).
[268] Il-Eurostat, Social protection benefits expenditures (*spr_exp_func*, estratt fit-28/10/2025). Id-data tal-2024 hija stima li tkopri l-Istati Membri kollha. Data provviżorja għall-Estonja.

żidiet moderati fis-sehem relattiv għall-PDG fi kważi l-Istati Membri kollha[269]. B'riżultat ta' dan, il-varjazzjoni bejn l-Istati Membri baqgħet kbira, b'sitt pajjiżi jkollhom ishma ta' aktar minn 28 % u sitta oħra inqas minn 18 %[270]. In-nefqa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fl-UE żdiedet b'6,9 % fl-2024 f'termini nominali u bi 3,8 % f'termini reali, li hija l-akbar żieda matul l-aħħar deċennju ħlief fl-2020, meta l-kriżi tal-COVID-19 kienet teħtieġ appoġġ enormi. Il-bidliet f'termini reali kienu pożittivi fl-Istati Membri kollha, li jvarjaw minn żidiet ta' aktar minn 10 % f'erba' Stati Membri għal madwar 1 % fi tlieta[271]. Fil-livell tal-UE, it-tkabbir f'termini reali fl-2024 seħħ għal kważi l-funzjonijiet kollha u kien l-aktar evidenti għall-benefiċċji tal-qgħad (+6,4 %) u għall-benefiċċji tal-familja/tat-tfal (+4,6 %), segwiti mill-benefiċċji tal-mard u tal-kura tas-saħħa (+4,1 %) u l-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti (+4,0 %). Il-benefiċċji tal-esklużjoni soċjali kienu l-unika funzjoni li rreġistrat tnaqqis f'termini reali (-7,3 %).

**L-infiq fuq il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti kompla jammonta għal kważi nofs in-nefqa kollha fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fl-UE.** Dan is-sehem kien ta' 47,0 %, segwit mill-kura tas-saħħa u l-mard (29,7 %), mill-familja/mit-tfal (8,7 %), mid-diżabbiltà (7,0 %), mill-qgħad (4,0 %) u mill-benefiċċji għall-akkomodazzjoni (1,4 %), li s-sehem tagħhom kienu kollha stabbli meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Is-sehem tan-nefqiet fuq il-benefiċċji tal-esklużjoni soċjali naqas minn 2,5 % fl-2023 għal 2,2 % fl-2024.

**Minkejja t-titjib f'dawn l-aħħar snin, fi kważi l-Istati Membri kollha l-appoġġ għall-introjtu minimu ġeneralment ma huwiex biżżejjed biex joħroġ lin-nies mill-faqar.** L-iskemi ta' introjtu minimu jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza soċjali tal-aħħar istanza[272]. Għal unità domestika adulta waħda, il-livell ta' appoġġ kien l-aktar ġeneruż fin-Netherlands, fejn kważi jilħaq il-limitu tar-riskju ta' faqar (ta' 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan tal-unitajiet domestiċi). Dan kien l-aktar baxx fl-Italja, fl-Ungerija u fir-Rumanija, fejn huwa madwar 10 % jew inqas tal-introjtu medjan – ara l-Illustrazzjoni 2.4.9[273]. Meta mqabbla mal-2023, l-adegwatezza tal-appoġġ tjiebet fil-Portugall (+18 pp), fil-Bulgarija (+10 pp), fir-Rumanija (+4 pp) u fis-Slovakkja (+2 pp) , filwaqt li naqset f'pajjiżi oħra. Għall-unitajiet domestiċi magħmula minn żewġ adulti u żewġt itfal, l-adegwatezza tal-appoġġ għandha t-tendenza li tkun simili għal dik ta' unità domestika b'adult wieħed jew ogħla minnha, prinċipalment minħabba rwol aktar prominenti tal-benefiċċji tal-familja. Madankollu, il-livell ta' appoġġ għal din it-tip ta' unità domestika huwa biżżejjed biex dawn jinħarġu mill-faqar fil-Litwanja biss[274]. Fl-aħħar nett, fl-Istati Membri kollha l-introjtu nett miksub minn persuna li taħdem full-time bil-paga minima (jew b'paga baxxa korrispondenti f'dawk il-pajjiżi li ma għandhomx pagi minimi statutorji) huwa sistematikament ogħla mill-appoġġ għall-introjtu riċevut permezz ta' assistenza soċjali meta ma jibqgħux jaħdmu.

---

[269] Bejn l-2023 u l-2024, is-sehem tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali f'perċentwal tal-PDG naqas biss f'DK u f'EL, filwaqt li kien stabbli fi SE u żdied fl-24 Stat Membru l-oħra kollha.

[270] Dawn huma FI, FR, AT, DE, BE u IT u EE, RO, LT, HU, MT u IE, rispettivament.

[271] Dawn huma EE, HR, PL u SK u HU, EL u SE, rispettivament.

[272] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (2023/C 41/01).

[273] L-adegwatezza tal-appoġġ tista' tiġi vvalutata billi l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi li jiddependu biss fuq l-introjtu minimu (u li ma għandhom l-ebda introjtu mix-xogħol) jitqabbel mal-livell limitu tar-riskju ta' faqar (AROP). Minbarra l-benefiċċji tal-introjtu minimu, l-unitajiet domestiċi jistgħu jkunu intitolati li jirċievu benefiċċji għall-akkomodazzjoni u għall-familja.

[274] Meta mqabbla mal-2023, għall-unitajiet domestiċi magħmula minn żewġ adulti u żewġt itfal taħt l-14-il sena, ġie osservat titjib fl-adegwatezza fis-Slovakkja (+6 pp), fil-Bulgarija (+6 pp), fil-Portugall (+4 pp), fir-Rumanija (+2 pp), fin-Netherlands (+1 pp) u fil-Polonja (+1 pp), filwaqt li ġie osservat tnaqqis fil-pajjiżi l-oħra.

**Illustrazzjoni 2.4.9: L-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu għal unitajiet domestiċi mingħajr impjieg li jirċievu introjtu minimu tibqa' relattivament baxxa**

Introjtu disponibbli ekwivalizzat nett tal-unitajiet domestiċi (persuna mhux miżżewġa, u żewġ adulti b'żewġt itfal taħt l-età ta' 14-il sena) li jirċievu assistenza soċjali, bħala perċentwal tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan, 2024 (%)




*Nota*: Membri adulti tal-unità domestika li ma jkunux impjegati u li ma jirċevux benefiċċji tal-qgħad. L-introjti netti inklużi l-assistenza soċjali, il-benefiċċji tal-familja u għall-akkomodazzjoni, wara t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Introjtu nett ta' persuna mhux miżżewġa li taħdem full-time bil-paga minima statutorja (jew 50 % tal-paga medja għall-pajjiżi li ma għandhomx paga minima statutorja: DK, IT, AT, FI u SE).
*Sors*: Kalkoli proprji bbażati fuq l-output mill-mudell tat-taxxi u tal-benefiċċji tal-OECD, il-verżjoni 2.6.3 tal-mudell, u l-Eurostat [ilc_di03], l-UE-SILC.

**Illustrazzjoni 2.4.10: Ir-riskji ta' faqar għadhom għoljin fost unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg**

Rata tar-riskju tal-faqar ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (%)




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje fl-2024 u fl-2023 għal HR. Data provviżorja fl-2024 għal LT. Unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg [b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna] huma unitajiet domestiċi fejn il-membri tal-età tax-xogħol ħadmu ħin tax-xogħol ta' 20 % jew inqas tal-potenzjal totali tagħhom ta' ħin tax-xogħol matul is-sena preċedenti.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_li06], l-UE-SILC.

**Il-qgħad jibqa' xprunatur ewlieni tar-riskji tal-faqar, filwaqt li bħala medja, il-benefiċċji soċjali ma jaslux għand l-unitajiet domestiċi kollha fil-bżonn fl-UE**. Fl-2024, 62,4 % tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (jiġifieri li ħadmu għal 20 % jew inqas tal-ħin tax-xogħol potenzjali totali tagħhom) kienu f'riskju ta' faqar fl-

2024 – ara l-Illustrazzjoni 2.4.10. Dan is-sehem żdied (+1,8 pp) meta mqabbel mas-sena ta' qabel, b'differenzi importanti li baqgħu bejn l-Istati Membri. Ir-rata tar-riskju tal-faqar tal-unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg varjat minn 80,2 % fil-Latvja (+1,4 pp mill-2023) għal 43,8 % fid-Danimarka (-1,5 pp mill-2023). Fl-istess ħin, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar u li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg li rċevew benefiċċji soċjali baqa' stabbli fil-livell ta' 83,1 % fl-UE fl-2024 (meta mqabbel ma' 83,3 % fis-sena ta' qabel) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.11[275]. Hemm differenzi importanti dwar dan bejn l-Istati Membri, bir-rata tvarja minn (qrib) 100 % fl-Irlanda u fi Franza għal 60 % f'Ċipru.

**Illustrazzjoni 2.4.11: Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar, li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg li huma koperti minn benefiċċji soċjali juri varjazzjoni wiesgħa bejn l-Istati Membri**

Rata tar-riċevituri tal-benefiċċji għal persuni fir-riskju tal-faqar fl-età ta' bejn 18 u 64 sena u li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (%)




*Nota:* Data provviżorja fl-2024 għal LT.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li70], l-UE-SILC.

**L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-UE fl-2024, bi tnaqqis qawwi f'xi Stati Membri.** Dan naqas (b'0,5 pp) għal 34,2 % fl-Unjoni, f'konformità mat-tnaqqis fl-infiq reali fl-2023. It-tnaqqis kien fil-biċċa l-kbira xprunat minn tnaqqis qawwi fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fil-Litwanja u fi Franza – ara l-Illustrazzjoni 2.4.12[276]. Fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023), ġew irreġistrati "sitwazzjonijiet kritiċi" fil-Greċja, fil-Latvja, fil-Kroazja u fil-Portugall, li kollha kellhom impatti baxxi ħafna tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar (bejn 16,6 % u 22,4 %). Seba' Stati Membri kienu f'sitwazzjoni fejn "kellhom jiġu osservati". Fosthom, il-Ġermanja, il-Litwanja, l-Ungerija u l-Lussemburgu rreġistraw tnaqqis fl-impatt, filwaqt li Spanja u Malta kellhom titjib, iżda kollha flimkien mal-Bulgarija (u ħlief għall-Ġermanja) kienu f'livelli relattivament baxxi ta' effettività. Għall-kuntrarju, il-Belġju, id-Danimarka u l-Finlandja kienu "bl-aqwa prestazzjoni" (b'impatti fuq it-tnaqqis tal-faqar ta' aktar minn 45 %). Id-differenzi fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar kienu kbar ukoll bejn ir-reġjuni, inkluż fil-pajjiżi, speċjalment fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Iżvezja, fl-Italja, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fil-Polonja (ara l-Illustrazzjoni 9 fl-Anness 5), kif ukoll għar-reġjuni ultraperiferiċi. In-nisa esperjenzaw impatt kemxejn iżgħar fuq it-tnaqqis tal-faqar tat-trasferimenti mill-irġiel fl-UE bħala medja (33,7 % vs 34,6 %). L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq ir-riskju tal-faqar fost it-tfal baqa' ġeneralment l-istess fl-2024 fl-UE (41,4 % fl-

[275] Dan jinkludi kwalunkwe tip ta' benefiċċju soċjali, u mhux biss skemi ta' introjtu minimu.
[276] Il-valur għadu ogħla milli kien qabel il-pandemija tal-COVID-19.

2023 vs 41,9 % fl-2024). Dan naqas fi 15-il Stat Membru (sa -11,1 pp fil-Litwanja, -5,5 pp fil-Ġermanja u -4,8 pp fil-Lussemburgu), u żdied fl-Istati Membri li jifdal (sa 12,3 pp fl-Ungerija, 8,7 pp fil-Polonja, u 7,7 pp fl-Estonja)[277].

**Illustrazzjoni 2.4.12: L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar ra tnaqqis qawwi f'xi Stati Membri**

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR. Data provviżorja għal LT.

*Sors:* il-Eurostat [tespm050], l-UE-SILC

**Is-sitwazzjoni soċjali fost il-persuni f'forom ta' impjieg mhux standard tibqa' inqas favorevoli minn dik għal ħaddiema oħra, għalkemm il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali huma aktar probabbli li jnaqqsu r-riskji ta' faqar tagħhom.** L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023) fl-UE kien ogħla b'mod sinifikanti għall-ħaddiema f'forom ta' impjieg mhux standard meta mqabbel mal-ħaddiem medju (11,8 %)[278]. Dan kien ta' 22,8 % għall-impjegati b'kuntratti temporanji u 22,9 % għall-part-timers. L-impatt kien ta' 26,6 % għal dawk b'impjieg indipendenti.

[277] Dan huwa bbażat fuq il-Qafas ta' parametru referenzjarju dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal stabbilit mis-Sottogrupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. L-indikatur jista' jiġi kkalkolat mir-rata tal-AROP għat-tfal wara u qabel it-trasferimenti (għajr il-pensjonijiet). It-trasferimenti soċjali *in natura*, inklużi, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mingħajr ħlas, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, ma humiex ikkunsidrati f'din l-analiżi.

[278] Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-UE-SILC ibbażata fuq it-tqassim ewlieni tal-indikatur ewlieni dwar l-adegwatezza fil-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Ara: Access to social protection for workers and the self-employed. Update of the monitoring framework – 2025 (għad irid jiġi ppubblikat).

Madankollu, il-faqar monetarju baqa' akbar għalihom fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fl-UE kollha kemm hi, ir-rata ta' riskju ta' faqar (AROP) kienet ta' 13,4 % għall-ħaddiema temporanji meta mqabbla ma' 5,2 % għal dawk b'kuntratti permanenti. Din ir-rata kienet ta' 13,8 % għall-part-timers (vs 7,1 % għall-full-timers) u ta' 20,9 % għal dawk b'impjieg indipendenti (vs 6,3 % fost l-impjegati kollha)[279]. Il-faqar monetarju għall-ħaddiema b'kuntratti temporanji kien ogħla minn 15 % fi tmien Stati Membri[280], u saħansitra ogħla minn 25 % fi tlieta minnhom (il-Bulgarija, id-Danimarka u Ċipru). Fost dawk b'impjieg indipendenti, ir-rata tal-faqar fl-2024 kienet ogħla b'madwar 5 pp jew aktar mill-medja tal-UE f'sitt Stati Membri[281], qrib it-30 % fil-Polonja u fl-Estonja, u għolja sa 52,3 % fir-Rumanija. Il-persuni f'forom ta' impjieg mhux standard iffaċċjaw ukoll rati ogħla ta' privazzjoni soċjali u materjali (13,8 % fil-livell tal-UE fl-2024 għall-ħaddiema temporanji meta mqabbla ma' 7,6 % għall-impjegati permanenti, u 11,1 % għall-part-timers vs 7,4 % għall-full-timers).

**Il-kopertura tal-benefiċċji soċjali fi flus tvarja ħafna bejn l-Istati Membri, il-kategoriji tal-ħaddiema u l-istatus tal-impjieg.** Is-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol (fl-età ta' bejn 16 u 64 sena) fir-riskju tal-faqar qabel it-trasferimenti soċjali li kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali fi flus[282] fl-UE fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023) kien qrib il-livelli ta' qabel il-COVID wara tnaqqis matul dawn l-aħħar ftit snin. Dan kien ogħla fost il-ħaddiema b'kuntratti temporanji (38,3 %) milli għal dawk b'kuntratti permanenti (23,3 %) u fost il-part-timers (30,1 %) milli għall-ħaddiema full-time (23,7 %). Dawn ix-xejriet kienu osservati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, f'ħames Stati Membri (Ċipru, is-Slovenja, l-Iżvezja, il-Portugall u l-Ungerija), l-impjegati b'kuntratt temporanju kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk b'kuntratti permanenti. F'seba' Stati Membri (is-Slovenja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Italja, il-Portugall, il-Lussemburgu u l-Bulgarija) il-ħaddiema part-time kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk full-time. Fi tliet pajjiżi (il-Greċja, il-Polonja, u r-Rumanija), inqas minn 10 % ta' dawk f'impjieg u f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali fi flus fl-2024. Dawk b'impjieg indipendenti f'riskju ta' faqar (qabel it-trasferimenti soċjali) kienu l-inqas probabbli li jirċievu benefiċċji soċjali fi flus, b'rata ta' kopertura ta' 11,5 % fl-2024 fl-UE. Fl-2024, dan is-sehem baqa' taħt il-5 % f'seba' Stati Membri[283]. Ftit aktar minn nofs (52,8 %) tal-qiegħda f'riskju ta' faqar kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali bħala medja fl-UE fl-2024. Ħames Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Awstrija) kisbu rati ta' kopertura ogħla minn 80 %, filwaqt li dan is-sehem kien ħafna aktar baxx, b'madwar 12-13 %, f'erba' Stati Membri oħra (il-Polonja, il-Greċja, is-Slovakkja u n-Netherlands). Matul l-aħħar sentejn, ir-rata ta' riskju ta' faqar fost il-persuni qiegħda żdiedet bi kważi 3 pp, minn 46,1 % fl-2022 għal 48,9 % fl-2024.

---

279 Madankollu, ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali hija aktar baxxa għal dawk b'impjieg indipendenti meta mqabbla mal-impjegati (6,9 % u 8,1 % rispettivament fl-UE fl-2024).

280 Dawn huma BG, DK, CY, SE, HU, IT, MT u AT.

281 Dawn huma RO, PL, PT, LV, EE u ES. Ara l-Eurostat [ilc_li04], l-UE-SILC.

282 Estrazzjoni speċjali mill-Eurostat tal-indikatur tar-rata tar-riċevitur għal "aċċess effettiv" fil-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali: Access to social protection for workers and the self-employed. Update of the monitoring framework – 2025. (għad irid jiġi ppubblikat). Il-popolazzjoni fil-mira hija dik f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali. Il-benefiċċji soċjali fi flus koperti fl-indikatur huma dawk riċevuti fil-livell individwali, għajr il-pensjonijiet.

283 Dawn huma PT, SI, PL, NL, CZ, RO u EL.

**B'mod kumplessiv, l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għadu varjat fl-Istati Membri, minkejja xi titjib matul dawn l-aħħar snin[284].** Fir-rigward tal-kopertura formali[285], mir-rebbiegħa tal-2025, għad hemm lakuni fi 18-il Stat Membru[286] għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard f'mill-inqas fergħa waħda ta' protezzjoni soċjali. Il-fergħat l-aktar affettwati min-nuqqas ta' aċċess huma: il-qgħad (17-il Stat Membru) segwit mill-benefiċċji tal-mard (13-il Stat Membru) u tal-maternità/paternità (13 ukoll). Il-gruppi affettwati min-nuqqas ta' kopertura jinkludu trainees u interns, ħaddiema b'kuntratti mhux standard bħal kuntratti tal-liġi ċivili, kuntratti temporanji għal żmien qasir (eż. ħaddiema ta' ġurnata), ħaddiema li jaqilgħu inqas mil-limitu tal-introjtu meħtieġ għall-kopertura, ħaddiema staġunali u ħaddiema domestiċi. Barra minn hekk, fi ħdax-il[287] Stat Membru, l-aċċess għal mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali kien volontarju għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard. Fir-rigward ta' dawk b'impjieg indipendenti, huma jiffaċċjaw lakuni formali fil-kopertura f'fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali jew aktar f'19-il Stat Membru[288], l-aktar ta' spiss b'rabta mal-benefiċċji tal-qgħad (19-il Stat Membru) u l-benefiċċji għall-aċċidenti fuq ix-xogħol u l-mard okkupazzjonali (14-il Stat Membru). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn il-lakuni affettwaw lil dawk kollha b'impjieg indipendenti, filwaqt li f'madwar terz tal-Istati Membri kienu speċifiċi għal ċerti gruppi, bħall-bdiewa, in-nies tas-sengħa jew il-professjonijiet liberi. Barra minn hekk, fi 15-il Stat Membru, il-kopertura għal dawk b'impjieg indipendenti kienet volontarja, l-aktar ta' spiss fir-rigward tal-benefiċċji tal-mard u tal-maternità, segwiti minn benefiċċji fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali. L-istimi nazzjonali disponibbli jindikaw livelli differenti ħafna ta' adozzjoni ta' skemi volontarji minn dawk b'impjieg indipendenti.

**Iż-żieda fil-prezzijiet tad-djar qabżet it-tkabbir fl-introjtu matul l-aħħar deċennju, u b'hekk l-affordabbiltà tqiegħdet taħt pressjoni.** Iż-żidiet fil-prezzijiet tad-djar ma humiex ta' tħassib b'mod inerenti jekk jallinjaw mal-kapaċità finanzjarja tal-unitajiet domestiċi li jaffordjaw l-akkomodazzjoni. Madankollu, matul l-aħħar deċennju, il-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu b'medja ta' madwar 10 % aktar malajr mill-introjti, u b'hekk naqset l-affordabbiltà – għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi[289]. Il-proporzjon tal-prezz tad-djar mal-introjtu żdied b'20 % jew aktar mill-2014 sal-2024 fil-Portugall, fin-Netherlands, fl-Ungerija, fil-Lussemburgu, fl-Irlanda, fiċ-Ċekja u fl-Awstrija. Hekk kif it-tmiem ta' dan il-perjodu ra żieda fir-rati tal-imgħax, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni kompliet tonqos fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għal dawk li għandhom bżonn jissellfu biex jixtru dar. Is-swieq tal-kiri żgħar u ineffiċjenti f'ħafna Stati Membri jonqsu milli jipprovdu alternattiva vijabbli għax-xiri, bil-kostijiet għoljin tal-kiri f'ħafna bliet kapitali u tnaqqis fl-istokk tal-kiri soċjali matul dawn l-aħħar deċennji. Filwaqt li l-kirjiet għall-kuntratti eżistenti żdiedu b'pass ferm aktar bil-mod mill-prezzijiet tad-djar, il-kirjiet fuq kuntratti ġodda splodew f'salt. Is-sitwazzjoni tvarja bejn il-gruppi ta' introjtu u l-koorti ta' età, bil-persuni b'introjtu aktar baxx

---

[284] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, COM/2023/43 final u l-Qafas ta' monitoraġġ approvat fl-2020 u l-aġġornament li jmiss (2025).

[285] Il-kopertura formali ta' grupp tfisser li f'fergħa speċifika tal-protezzjoni soċjali (eż. ix-xjuħija, il-mard, il-qgħad, il-maternità) il-leġiżlazzjoni eżistenti jew il-ftehim kollettiv jiddikjaraw li l-individwi fil-grupp huma intitolati li jipparteċipaw fi skema ta' protezzjoni soċjali li tkopri fergħa speċifika.

[286] AT, BG, CZ, DE, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LV, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK

[287] AT, CZ, DE, DK, HU, LU, NL, PL, RO, SI, SK.

[288] AT, BE, BG, CY, CZ, DE, EE, EL, FR, IE, IT, LT, LV, NL, PL, PT, RO, SI, SK.

[289] Ara Cousin G., Frayne C., Dias Martins V. u B. Vasicek, *Housing in the European Union: Market Developments, Underlying Drivers, and Policies*, European Economy Dokument ta' Diskussjoni 228/Ottubru 2025.

u ż-żgħażagħ ikunu l-aktar affettwati. Tabilħaqq, fil-livell tal-UE, is-sehem tal-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi kellu medja ta' 19,2 % iżda laħaq 36,9 % għal persuni fir-riskju tal-faqar[290]. Iż-żgħażagħ, min-naħa l-oħra, huma aktar probabbli li jiffaċċjaw kirjiet ogħla meta jikru għall-ewwel darba, li jaqilgħu introjti aktar baxxi u li jkollhom inqas affidabbiltà kreditizja.

**Is-sehem ta' persuni li qed jiffaċċjaw piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqas xi ftit fl-UE fl-2024 iżda baqa' ogħla b'mod sinifikanti għal persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u ppreżenta varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri.** Fl-2024, is-sehem tal-popolazzjoni li qed tiffaċċja piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqas għal 8,2 %, minn 8,8 % fl-2023, iżda jeżistu differenzi sinifikanti – ara l-Illustrazzjoni 2.4.13[291]. Il-Greċja rreġistrat l-ogħla rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni fl-UE (28,9 %, wara żieda ta' 0,4 pp), u kienet f'"sitwazzjoni kritika" flimkien mad-Danimarka (14,6 % wara tnaqqis ta' 0,8 pp). Sitt Stati Membri "għandhom jiġu osservati" minħabba livell li għadu relattivament għoli wara tnaqqis (il-Ġermanja u l-Iżvezja) jew li esperjenzaw xi wħud mill-akbar żidiet annwali anke jekk f'livelli aktar baxxi (il-Portugall, l-Ungerija, l-Estonja u l-Litwanja). Min-naħa l-oħra, Ċipru kien "bl-aqwa prestazzjoni" (2,4 %). Il-Kroazja (3,7 %) u s-Slovenja (3,8 %) kienu "aħjar mill-medja", flimkien ma' xi pajjiżi oħra li ppreżentaw tnaqqis annwali kbir (ir-Rumanija, il-Lussemburgu, il-Bulgarija u n-Netherlands), fost l-oħrajn. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni għall-persuni fir-riskju tal-faqar naqset b'2,1 pp fl-2024, aktar milli għall-popolazzjoni ġenerali. Madankollu, baqgħet ogħla b'mod sinifikanti, fil-livell ta' 31,1 % meta mqabbla ma' 3,8 % għall-bqija tal-popolazzjoni. Il-persuni b'diżabbiltà wkoll għandhom piż eċċessiv sproporzjonat tal-kost tal-akkomodazzjoni meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabbiltà (10,4 % vs 7,8 %). L-ogħla rati ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni għall-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar fl-2024 kienu fil-Greċja (88,9 %, żieda ta' 2,6 pp) u fid-Danimarka (65,6 %, tnaqqis ta' 6,7 pp), filwaqt li l-aktar baxxi kienu rreġistrati f'Ċipru (9,2 %), fir-Rumanija (16,3 %) u fil-Kroazja (16,8 %). Fl-2024, 9,8 % tal-popolazzjoni tal-UE fil-bliet kienet tgħix f'unità domestika li qed tiffaċċja piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, meta mqabbla ma' 6,3 % fiż-żoni rurali. Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kien ogħla fil-bliet milli fiż-żoni rurali fl-Istati Membri kollha, ħlief għar-Rumanija, il-Bulgarija, il-Litwanja u l-Kroazja. Barra minn hekk, il-piż eċċessiv kumplessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni fl-UE huwa ogħla għall-kerrejja fis-suq tal-kiri privat (19,2 %) meta mqabbel mal-kerrejja bi prezz imnaqqas jew b'kirjiet mingħajr ħlas (10 %). Dan huwa 5 % għas-sidien b'ipoteki jew self pendenti.

---

290 L-indikatur tal-Eurostat [ilc_mded01], l-UE-SILC.
291 Ara l-Anness 2 għad-definizzjoni tal-indikatur.

**Illustrazzjoni 2.4.13: Is-sehem tal-popolazzjoni li qed tiffaċċja piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota:* L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Data provviżorja għal LT.
*Sors:* il-Eurostat [tespm140], l-UE-SILC.

**L-affollament eċċessiv u l-akkomodazzjoni mhux adegwata għadhom jaffettwaw sehem konsiderevoli ta' unitajiet domestiċi fl-UE, u ġiet reġistrata varjazzjoni kbira fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali bejn l-Istati Membri**. Fl-2024, 16,9 % tal-persuni fl-UE kienu jgħixu f'unitajiet domestiċi ffullati żżejjed, bi stabbiltà ġenerali meta mqabbla mal-2023[292]. Ir-rati ta' affollament eċċessiv ta' aktar minn 30 % ġew irreġistrati fir-Rumanija (40,7 %), fil-Latvja (39,3 %), fil-Bulgarija (33,8 %), fil-Polonja (33,7 %) u fil-Kroazja (31,7 %). B'kuntrast ma' dan, ġew osservati l-aktar rati baxxi ta' affollament eċċessiv (inqas minn 6 %) f'Ċipru (2,4 %), f'Malta (4,4 %), fin-Netherlands (4,6 %) u fl-Irlanda (5 %). Barra minn hekk, fl-2023, 15,6 % tal-popolazzjoni fl-UE esperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni, definita bħala djar b'saqaf iqattar, ħitan, art jew pedamenti umdi jew tmermir fl-oqfsa tat-twieqi jew fl-art[293]. L-akkomodazzjoni soċjali ma teżistix fl-Istati Membri kollha tal-UE. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet u l-forrnituri kif ukoll il-mekkaniżmi ta' eliġibbiltà u ta' allokazzjoni jvarjaw (il-limiti bbażati fuq l-introjtu madankollu huma l-aktar kriterju komuni). Id-data dwar id-daqs tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali tindika varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri. F'ħafna minnhom, kien hemm ukoll xi tnaqqis matul l-aħħar deċennju –

[292] L-indikatur tal-Eurostat [ilc_lvho05a], l-UE-SILC.
[293] L-indikatur tal-Eurostat [ilc_mdho01], l-UE-SILC.

ara l-Illustrazzjoni 2.4.14. Iż-żieda fil-kostijiet tal-kostruzzjoni, tal-art u tal-finanzjament huma sfidi rrapportati b'mod komuni fir-rigward tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali[294]. L-għadd ta' adulti b'diżabbiltà li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali kompla jiżdied fl-UE kollha kemm hi, fejn fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni aċċessibbli li jxekkel il-proċess tagħhom ta' deistituzzjonalizzazzjoni.

**Illustrazzjoni 2.4.14 Hemm varjazzjoni wiesgħa bejn l-Istati Membri fis-sehem tal-akkomodazzjoni soċjali fl-istokk tal-akkomodazzjoni totali**

Abitazzjonijiet tal-kiri soċjali, % tal-istokk tal-akkomodazzjoni totali fis-snin magħżula (2010, 2022)




*Nota:* "Madwar l-2022" tirreferi għas-snin 2016-2022 u "Madwar l-2010" tirreferi għas-snin 2010-2013.
*Sors:* OECD (2024), OECD Affordable Housing Database - indikatur PH4.2. Stokk tal-akkomodazzjoni soċjali għall-kiri.

**Il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija sfida soċjali dejjem akbar għall-Istati Membri kollha.** Għalkemm id-differenzi fid-definizzjonijiet u fil-metodi tal-ġbir tad-data jxekklu t-tqabbil bejn il-pajjiżi u l-kwantifikazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fil-livell tal-UE, xejra li qed tiżdied hija identifikabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, anke f'dawk li kellhom xejriet li qed jonqsu fis-snin riċenti. Fl-2024, il-Finlandja rreġistrat 3 806 persuni mingħajr dar, żieda sena wara sena ta' 11 %, għall-ewwel darba fuq deċennju. Bl-istess mod, fl-2024 id-Danimarka kellha 5 989 persuna mingħajr dar, b'żieda ta' 3 % fuq l-2022, u żieda ta' 20 % fuq l-2009[295].

**Is-sehem ta' persuni akbar fl-età (65+) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kompla jonqos fil-livell tal-UE fl-2024.** It-tnaqqis għal 19,2 %, meta mqabbel ma' 19,7 % fl-2023, kien xprunat l-aktar minn titjib fir-rata tal-AROPE għan-nisa (li madankollu baqgħet sostanzjalment ogħla milli għall-irġiel, b'21,5 % u 16,3 %, rispettivament). Is-sitwazzjoni kienet ukoll varjata ħafna bejn l-Istati Membri, b'rati tal-AROPE għal persuni akbar fl-età li jvarjaw minn 9,5 % fiċ-Ċekja għal 42,9 % fil-Latvja. Fl-istess ħin, fl-2024 l-inugwaljanza fl-introjtu għall-grupp ta' età ta' 65+ (kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, S80/S20) staġnat fil-livell ta' 4,11, kontra x-xejra ta' tnaqqis għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Madankollu, din baqgħet aktar baxxa milli għall-popolazzjoni totali (4,66), li tirrifletti wkoll l-impatt ridistributtiv tas-sistemi tal-pensjonijiet u tat-taxxa.

---

[294] Ara l-OECD, *Social Housing: A Key Part of Past and Future Housing Policy*, OECD Publishing, 2020, Pariġi.
[295] Ara: Fondation pour le Logement des Défavorisés – FEANTSA: *Tenth overview of housing exclusion in Europe – 2025*, 2025.

### Illustrazzjoni 2.4.15 Il-persuni akbar fl-età (65+) qed jiffaċċjaw riskji ta' faqar ogħla mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, iżda ġeneralment ikunu inqas esposti għal privazzjoni materjali u soċjali estrema

Ir-rati tal-persuni fir-riskju tal-faqar (AROP) (il-pannell ta' fuq) u r-rati ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema (SMSD) (il-pannell ta' isfel), skont il-gruppi ta' età (%, 2024)




*Nota:* L-istrixxi għal kull serje huma sovrapposti: fuq ix-xellug, l-istrixxa ta' 18-64 hija itwal u parzjalment viżibbli wara l-istrixxa ta' 65+ li hija kompletament viżibbli; fuq il-lemin, l-istrixxa ta' 65+ hija itwal u parzjalment viżibbli wara l-istrixxa ta' 18-64 li hija kompletament viżibbli.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_li02] u [ilc_mdsd11], l-UE-SILC

**It-tnaqqis fir-rata tal-AROPE għall-persuni akbar fl-età fl-UE huwa marbut ma' tnaqqis kemm fil-faqar monetarju tagħhom kif ukoll fir-rata ta' privazzjoni materjali jew soċjali estrema tagħhom.** Ir-rata ta' riskju ta' faqar (AROP) għall-persuni fl-età ta' 65+ sena naqset minn 17,3 % fl-2022 għal 16,6 % fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023). Madankollu, ir-rata tal-AROP għall-persuni fl-età ta' 65+ sena baqgħet kemxejn ogħla minn dik għal dawk ta' età aktar baxxa, bħala medja fl-UE. Fl-Istati Membri, is-sitwazzjoni kienet differenti, b'rati tal-AROP ta' bejn 8,3 % u 41,4 % - ara l-Illustrazzjoni 2.4.15. Filwaqt li f'diversi pajjiżi l-persuni fl-età ta' 65+ sena kienu inqas esposti għall-faqar monetarju mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, f'oħrajn ir-riskju ta' faqar fl-età avvanzata kien sa darbtejn ogħla. Ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema (SMSD) għall-persuni akbar fl-età naqset għal 5,1 % fl-UE fl-2024, wara staġnar madwar il-livell ta' 5,5 % mill-2020. Din kienet tvarja minn madwar 1 % sa aktar minn 20 % fl-Istati Membri. B'kuntrast mar-rata tal-AROP, ir-rata tal-SMSD għall-persuni akbar fl-età kienet kemxejn aktar baxxa milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (6,4 %) bħala medja fl-UE u fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

**Il-proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni għall-pensjonijiet baqa' stabbli fil-livell tal-UE fl-2024.** Din il-miżura, li tqabbel il-benefiċċji tal-pensjoni tal-persuni fl-età ta' bejn 65 u 74 sena mal-introjtu mix-xogħol ta' dawk fl-età ta' bejn 50 u 59 sena, kienet ta' 0,6 fl-UE fl-2024 (vs 0,59 fl-2023 u 0,58 fis-snin preċedenti). Din kienet tvarja minn 0,35 fil-Kroazja għal 0,84 fil-Greċja. Il-proporzjon kien kemxejn aktar baxx għan-nisa milli għall-irġiel, fil-livell ta' 0,58 u 0,62, rispettivament, fl-UE. Dan jimplika li n-nisa, li l-introjtu mix-xogħol tagħhom bħala medja huwa aktar baxx biex jibdew, ibatu minn deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni tal-introjtu tagħhom meta mqabbla mal-irġiel meta jirtiraw.

**L-isfidi strutturali fir-rigward tad-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-kura fit-tul (LTC) huma mistennija li jintensifikaw fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.** In-numru

ta' nies potenzjalment fil-bżonn ta' LTC fl-UE huwa projettat li jiżdied minn 31,2 miljun fl-2022 għal 33,2 miljun fl-2030 u għal 37,8 miljun fl-2050[296]. L-aċċess limitat għal servizzi formali jwassal għal ħtiġijiet mhux issodisfati jew iż eċċessiv fuq persuni li jindukraw b'mod informali, li fil-biċċa l-kbira huma nisa. Fl-2019, 46,6 % tal-persuni fl-età ta' 65+ sena b'diffikultajiet severi fil-kura personali jew fl-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi fl-UE rrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-għajnuna. Dan kien ferm aktar evidenti għall-persuni fl-aktar kwintil baxx tal-introjtu (51,2 %) meta mqabbla ma' dawk fl-ogħla kwintil (39,9 %)[297]. In-nuqqas ta' affordabbiltà u disponibbiltà, anke minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema, diġà huwa rrapportat u jenfasizza l-iskop għal aktar tisħiħ tal-provvista tal-kura fit-tul, aktar u aktar fid-dawl tal-iżviluppi demografiċi projettati.

**Illustrazzjoni 2.4.16 Il-proporzjon ta' ħaddiema tal-LTC għal kull 100 persuna fl-età ta' 65+ sena juri titjib marġinali madwar l-UE, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri**

Ħaddiema tal-LTC għal kull 100 individwu fl-età ta' 65+ sena, 2024




*Nota;* il-ħaddiema tal-LTC jintgħażlu permezz tal-inkroċjar tal-kodiċijiet tas-settur (NACE) 87.1, 87.3, 88.1 u tal-okkupazzjonijiet (ISCO) 2221, 2264, 2266, 2634, 2635, 3221, 3255, 5321, 5322.
*Sors:* Kalkolu tad-DĠ EMPL minn estrazzjoni speċjali mill-Eurostat, l-LFS tal-UE 2024

**Minkejja l-potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi tas-settur tal-LTC, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet (ukoll minħabba l-attraenza baxxa tas-settur) jaggrava l-isfidi relatati mal-aċċess u jkollu impatt negattiv fuq il-kwalità tas-servizzi pprovduti.** Fl-2024, 3,2 miljun ħaddiem, l-aktar ħaddiema tal-kura personali (65 %) u infermiera (29 %), kienu impjegati fis-settur tal-LTC fl-UE, li jirrappreżentaw madwar 1,6 % tal-forza tax-xogħol[298]. In-nisa jirrappreżentaw 87 % tal-forza tax-xogħol tal-LTC, filwaqt li għandhom ukoll responsabbiltajiet aktar informali ta' indukrar. Is-settur għandu potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, b'okkupazzjonijiet relatati mas-saħħa (eż. professjonisti tas-saħħa, ħaddiema tal-kura personali) li mistennija jespandu f'konformità max-xejriet demografiċi[299]. Bħala medja fl-UE madankollu kien hemm 3,3 ħaddiema tal-LTC għal kull 100 individwu fl-età ta' 65+ sena fl-2024, li juri titjib żgħir ħafna meta mqabbel mal-2023. Madankollu, kien

[296] Skont il-projezzjonijiet mix-xenarju bażi. Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2024 ageing report – Economic & budgetary projections for the EU Member States (2022-2070), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.
[297] L-indikatur tal-Eurostat [hlth_ehis_tadlh] u [hlth_ehis_tadlhi]. Mewġa 3.2019 tal-EHIS.
[298] Sors: Il-kalkolu tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ EMPL) minn estrazzjoni speċjali mill-Eurostat, l-LFS tal-UE 2024. Madankollu, id-daqs tas-settur tal-LTC jista' jkun akbar, minħabba l-inċidenza sinifikanti ta' xogħol mhux iddikjarat.
[299] Ara: Cedefop skills forecast 2035: the twin transition and the demographic challenge drive demand for high-level skills.

hemm varjabbiltà għolja bejn l-Istati Membri, li tvarja minn 0,3 fil-Greċja għal 10,4 fl-Iżvezja – ara l-Illustrazzjoni 2.4.16. In-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema huwa dovut ukoll għall-attraenza baxxa tas-settur, li hija xprunata minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, inkluż fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza, u pagi relattivament baxxi. Il-pagi tal-ħaddiema tal-LTC huma ta' madwar 89 % tal-paga medja grossa fis-siegħa, u huma ta' madwar 65 % fil-Bulgarija, fl-Italja u fl-Estonja[300]. Ġew irrapportati wkoll perkorsi insuffiċjenti ta' progressjoni tal-karriera u aċċess insuffiċjenti għal opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet. L-indokraturi domestiċi u residenti, li spiss ikunu ħaddiema mobbli tal-UE jew ta' pajjiż terz, jistgħu jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli fis-settur tal-LTC, inkluż f'termini ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali.

**Illustrazzjoni 2.4.17: Il-prevalenza ta' ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika kienet ġeneralment stabbli fil-livell tal-UE, u żdiedet xi ftit għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bi ftit tnaqqis konsiderevoli biss**

Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, il-livelli tal-2024 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika minħabba raġunijiet finanzjarji, il-lista ta' stennija twila jew id-distanza huma kkunsidrati. L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data hija provviżorja għal LT.
*Sors*: il-Eurostat [tespm110], l-UE-SILC.

**Is-sehem ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika baqa' stabbli bħala medja fl-UE fl-2024.** Is-sehem kien ta' 2,5 % fl-UE, li huwa biss 0,1 pp ogħla mill-2023. Fost l-Istati Membri bl-ogħla valuri (aktar minn 8 %), u għalhekk f'"sitwazzjonijiet kritiċi", il-Greċja, il-Finlandja u l-Latvja baqgħu qrib il-valur tas-sena ta' qabel wara żidiet moderati (0,6 pp) li kienu madankollu fost l-akbar fl-UE - ara l-

[300] Kalkolu tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ EMPL) bl-użu ta' estrazzjoni speċjali mill-Eurostat, Structure of Earnings Survey, 2022.

Illustrazzjoni 2.4.17. Fl-istess ħin, l-Estonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja raw l-akbar tnaqqis. Minkejja t-titjib sinifikanti ta' din is-sena, is-sehem tal-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati fl-Estonja baqa' għoli ("dgħajjef iżda li qed jitjieb"), filwaqt li r-Rumanija u s-Slovakkja saru "aħjar mill-medja". L-aktar ċifri baxxi ġew irreġistrati f'Ċipru, f'Malta, fiċ-Ċekja, fin-Netherlands, fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fil-Lussemburgu u fl-Ungerija, kollha taħt il-1 %, li xi wħud minnhom madankollu wara xi żidiet akbar. Ġew irreġistrati wkoll differenzi reġjonali fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika, bl-aktar b'saħħithom ikunu fl-Italja u fir-Rumanija (ara l-Illustrazzjoni 10 fl-Anness 5). Ir-rapportar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati kien ukoll aktar frekwenti bħala medja fiż-żoni rurali milli fl-irħula u fis-subborgi (2,8 % vs 2,1 % fl-UE, rispettivament), b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Ir-rapportar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati kellu t-tendenza li jkun madwar 60 % akbar fl-ifqar għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni, b'mod partikolari f'xi pajjiżi (eż., 4,9 % vs 2,2 % fir-Rumanija, 4,8 % vs 2,5 % fil-Portugall, 4 % vs 2,2 % fl-Iżvezja, u 14,4 % vs 8,4 % fil-Latvja).

### 2.4.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

**Diversi Stati Membri wettqu riformi biex itejbu l-adegwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu tagħhom, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023[301].** Biex ittejjeb l-adegwatezza, **Spanja** adottat Digriet Irjali f'Jannar 2025, li żied il-benefiċċju tal-introjtu minimu b'9 %. **Il-Kroazja** emendat l-Att dwar l-Assistenza Soċjali biex iżżid l-ammont bażiku tal-inqas b'25 % għall-unitajiet domestiċi bit-tfal. Saru wkoll żidiet, fost l-oħrajn, fil-**Latvja**, fil-**Litwanja** u fil-**Lussemburgu**. Bl-għan li tittejjeb l-adegwatezza, xi Stati Membri bħall-**Estonja** qed jiżviluppaw metodoloġija biex jistabbilixxu l-livell tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, filwaqt li **l-Latvja** żiedet il-valur ta' referenza minn 20 % għal 22 % tal-livell medjan tal-introjtu għal-limitu garantit tal-introjtu minimu tagħha.

**Biex itejbu l-kopertura tal-iskemi ta' introjtu minimu, għadd ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jiffaċilitaw l-użu u jnaqqsu l-ostakli amministrattivi**. Fl-**Estonja**, huma previsti emendi għall-Att dwar l-Assistenza Soċjali biex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' applikazzjoni billi tiġi rkuprata d-data mir-reġistri nazzjonali u jiġi applikat approċċ standardizzat fil-pajjiż kollu. Fil-**Lussemburgu**, pjan nazzjonali ġdid kontra l-faqar, li għandu jiġi adottat sa tmiem l-2025, għandu jħabbar, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għall-benefiċċji soċjali u l-mistoqsijiet relatati, sabiex jittejjeb l-użu tagħhom. **Ir-Rumanija** nediet f'Jannar 2024 il-programm VMI (introjtu b'inklużjoni minima) biex iżżid il-kopertura u ttejjeb l-adegwatezza tal-appoġġ, filwaqt li ttejjeb l-aċċess tal-benefiċjarji għas-servizzi tal-impjiegi. F'Marzu 2025, il-**Kroazja** adottat diversi emendi biex ittejjeb il-kopertura, l-adegwatezza u l-immirar tal-benefiċċji soċjali, b'enfasi partikolari fuq persuni li jbatu minn faqar persistenti.

**F'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva, għadhom għaddejjin sforzi biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għall-benefiċjarji b'introjtu minimu**. Fil-**Portugall**, skema ġdida ta' inċentivi għax-xogħol se tippermetti l-kombinazzjoni tal-introjtu mix-xogħol u mill-appoġġ soċjali. Diversi Stati Membri għamlu wkoll sforzi biex itejbu l-miżuri ta' attivazzjoni għall-benefiċjarji ta' introjtu minimu. Fir-**Rumanija**, bħala parti mill-RRP tagħha, ġie implimentat programm ġdid ta' inklużjoni ta' introjtu minimu, li jistabbilixxi li sal-aħħar tat-tieni trimestru tal-2025 mill-inqas 60 % tal-benefiċjarji jirċievu mill-inqas miżura waħda ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol.

---

[301] Ara: [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva](.).

**L-Istati Membri komplew jimplimentaw inizjattivi biex itejbu l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-affordabbiltà tas-servizzi tal-enerġija u tat-trasport, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli.** **Spanja** allokat EUR 198,7 miljun biex ittejjeb is-servizzi reġjonali u lokali li huma ta' benefiċċju għat-tfal u għall-familji fil-bżonn. Fir-**Rumanija**, il-programm tas-Servizzi Integrati fil-Komunità tnieda f'madwar 2 000 komunità rurali, li kien jinkludi l-istabbiliment ta' timijiet integrati u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol tas-servizzi soċjali, bl-għan li jiġu pprovduti servizzi komprensivi lil mill-inqas 450 000 persuna vulnerabbli, bl-appoġġ tal-FSE+. **Il-Lussemburgu** żied l-appoġġ tiegħu għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx billi trippla l-allowance tal-enerġija fl-2025 u espanda l-eliġibbiltà (parzjali) għal dawk li jaqilgħu sa 30 % aktar mil-limitu tal-introjtu. **In-Netherlands** introduċew skema ta' għajnuna temporanja b'baġit ta' EUR 60 miljun biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx fil-ġestjoni tal-kontijiet tal-enerġija tagħhom fl-2025. **Il-Portugall** wessa' l-aċċess għat-trasport pubbliku billi offra permessi mingħajr ħlas lin-nies kollha taħt l-età ta' 23 sena, irrispettivament mill-istatus ta' reġistrazzjoni tagħhom fl-istituzzjonijiet edukattivi.

**Fl-2024-2025, il-miżuri meħuda minn xi Stati Membri kellhom l-għan li jsaħħu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk b'impjieg indipendenti, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019[302], b'mod partikolari għall-benefiċċji tal-qgħad.** **Franza** tejbet l-aċċess għall-ħaddiema bi storja ta' impjieg mhux kontinwu, b'mod partikolari ħaddiema staġunali kif ukoll eks priġunieri, filwaqt li **l-Italja** taffiet ir-rekwiżiti għall-aċċess għall-allowance ta' diskontinwità għall-ħaddiema fis-settur tal-arti. Ir-riforma tal-**Estonja** tal-2026 lejn benefiċċju universali b'rata bażi hija mistennija li ttejjeb l-aċċess għall-ħaddiema f'impjieg irregolari jew ibbażat fuq proġetti billi tnaqqas il-perjodu ta' kwalifika (għal 8 xhur ta' xogħol fi żmien 3 snin). **Il-Polonja** qed tħejji liġi biex tappoġġa l-inklużjoni (minn nofs l-2026) ta' artisti professjonali fis-sistema tas-sigurtà soċjali, filwaqt li r-riforma tagħha tal-2025 neħħiet it-tnaqqis (20 %) fl-allowance bażika għal persuni li qed ifittxu impjieg b'inqas minn 5 snin ta' perjodi kontributorji.

**L-Istati Membri ffukaw fuq it-titjib tal-kopertura tal-protezzjoni soċjali għal dawk b'impjieg indipendenti u għall-forom ta' impjieg mhux standard.** Mill-2025, **Ċipru** żied magħhom il-liv tal-ġenituri u l-benefiċċji relatati mal-inċidenti u l-mard okkupazzjonali. **Malta** tat liv tal-paternità bi ħlas lill-missirijiet b'impjieg indipendenti. Fil-**Belġju**, mill-2026, il-pjattaformi diġitali se jkollhom jassiguraw il-persunal tagħhom b'impjieg indipendenti kontra inċidenti fuq il-post tax-xogħol. It-titjib tal-iskemi eżistenti għal dawk b'impjieg indipendenti sar jew huwa mistenni mill-**Kroazja** għall-benefiċċji tal-mard u mill-**Italja** għall-benefiċċji tal-mard u għal-liv tal-ġenituri. **In-Netherlands** qed iħejju liġi ġdida biex jintroduċu assigurazzjoni bażika obbligatorja għad-diżabbiltà għal dawk kollha b'impjieg indipendenti. Mill-2025, **iċ-Ċekja** rriformat il-kuntratti ta' ftehim ta' xogħol ("DPP") biex timmodifika l-limiti tal-assigurazzjoni u żżid magħhom il-mard, il-pensjoni, u xi intitolamenti ta' liv, filwaqt li **l-Bulgarija** estendiet il-perjodi ta' kumpens f'każ ta' invalidità temporanja minħabba inċidenti jew mard okkupazzjonali għal ħaddiema agrikoli għal żmien qasir. **Spanja** reġgħet introduċiet il-koeffiċjent multiplikatur għall-"ħaddiema staġunali permanenti" biex taġġusta l-kalkoli tal-benefiċċji u ttejjeb l-aċċess għall-pensjonijiet tal-inkapaċità u tal-irtirar, u adattat il-kuntratti għal terminu fiss għal raġunijiet ta' produzzjoni għas-settur agrikolu u dak agroalimentari. **Il-Kroazja** espandiet il-benefiċċji tal-maternità,

[302] Ara: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

tal-ġenituri u tal-paternità billi żiedet il-livelli ta' kumpens, taffiet ir-rekwiżiti, u estendiet il-kopertura għal dawk b'impjieg indipendenti, dawk part-time, u ħaddiema esklużi oħrajn.

**Għadd ta' Stati Membri komplew itejbu t-trasparenza u s-simplifikazzjoni tal-iskemi ta' protezzjoni soċjali inkluż permezz ta' għodod diġitali.** Pereżempju, f'Settembru 2024 **Spanja** nediet applikazzjoni mobbli ġdida biex tipprovdi informazzjoni aġġornata u f'Jannar 2025 sit web ġdid li jinkorpora aċċess telematiku għal proċeduri, informazzjoni u servizzi dwar il-pensjonijiet u l-benefiċċji. **Is-Slovakkja** espandiet aktar f'nofs l-2024 it-trasparenza online billi tejbet il-Kont Elettroniku tal-Assigurati tagħha biex tinkludi data f'ħin reali dwar il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità (minbarra l-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet). **Iċ-Ċekja** adottat ukoll miżuri ta' simplifikazzjoni f'nofs l-2025, filwaqt li ssimplifikat il-proċessi tal-ħlas tal-pensjonijiet għall-benefiċjarji barra mill-pajjiż. **Il-Ġermanja** kompliet tiżviluppa d-Digitale Rentenübersicht tagħha, appoġġata mill-RRF, fl-2024–2025 billi estendiet il-konnessjonijiet tal-fornituri u tejbet l-aċċess online għal informazzjoni komprensiva dwar il-pensjonijiet.

**Diversi riformi kellhom l-għan li jtaffu l-piż finanzjarju fuq il-ġenituri u jindirizzaw il-faqar fost it-tfal permezz ta' benefiċċji fi flus kontanti.** Bl-appoġġ tal-FSE+, **il-Bulgarija** se tiżviluppa eżerċizzju ta' mmappjar tat-tfal li jgħixu f'faqar estrem. Diversi pajjiżi oħra żiedu l-benefiċċji għat-tfal (eż. **Ċipru, Malta**), jew il-benefiċċji għall-indukrar tat-tfal (eż. **il-Latvja**, għat-tfal b'diżabbiltà). Fl-2024, **Spanja** nediet programm iffinanzjat mill-FSE+ ta' distribuzzjoni ta' kards/vawċers u l-iċċarġjar perjodiku mill-ġdid tagħhom, implimentat mis-Salib l-Aħmar Spanjol, biex tappoġġa familji bi tfal dipendenti li l-introjtu tagħhom huwa taħt il-limitu tal-faqar. **L-Irlanda** introduċiet Għotja għat-Trabi tat-Twelid, li tipprovdi ħlas ta' darba ta' EUR 280, minbarra l-ewwel xahar ta' Benefiċċju għat-Tfal, lill-ġenituri ta' tfal li twieldu fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara. Fl-2024, **Malta** żiedet il-Bonus għat-twelid tagħha għal EUR 500 għall-ewwel wild u għal EUR 1 000 għal kull wild addizzjonali fl-unità domestika. Minbarra l-għotjiet għat-twelid tat-tfal, titjib ieħor jinkludi abbozz ta' liġi fi **Franza,** li għandu l-għan li jestendi l-allowances tal-familja lill-ġenituri mit-twelid tal-ewwel wild tagħhom, minflok mit-tieni wild biss, u b'hekk jappoġġa familji b'wild wieħed li jiffaċċjaw riskji għoljin ta' faqar. **L-Irlanda** estendiet ukoll il-kopertura tagħha tal-Pagament għall-Familja li Taħdem, li jappoġġa lill-ħaddiema b'paga baxxa bit-tfal, permezz tal-estensjoni tal-limitu tal-introjtu tat-test tal-mezzi. Barra minn hekk, **il-Finlandja** pproponiet riformi biex jiġi emendat l-Att dwar l-appoġġ għat-tfal biex jissaħħaħ bħala sors ta' introjtu għall-unitajiet domestiċi eliġibbli bit-tfal.

**Saru diversi riformi biex jittejjeb l-aċċess tat-tfal għal oġġetti u servizzi ewlenin, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Il-Portugall**, pereżempju, jimplimenta programm li jipprovdi edukazzjoni preprimarja mingħajr ħlas lil 5 000 tifel u tifla, li jiffoka fuq żoni b'għażliet limitati ta' network pubbliku u ta' solidarjetà. L-inizjattiva tinvolvi l-kuntrattar ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni privati, kooperattivi u soċjali biex jinfetħu 200 faċilità ġdida tal-preprimarja, b'investiment sinifikanti li jibda mill-2025 sal-2028. **Ċipru** nieda riforma biex jestendi l-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas għat-tfal fl-età ta' 4+ snin, bl-appoġġ tal-RRF. Il-**Latvja** żiedet l-allowance għall-indukrar tat-tfal għal tfal b'diżabbiltà minn EUR 313 għal EUR 413 fix-xahar biex tipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-familji biex ilaħħqu mal-kostijiet relatati mal-indukrar. **Il-Polonja** adottat standards ta' kwalità għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal. Minbarra l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, **Ċipru** introduċa l-forniment ta' kolazzjon lil studenti vulnerabbli fl-iskejjel pubbliċi, f'inizjattiva kofinanzjata mill-FSE+. Fir-**Rumanija**, il-gvern nieda l-programm "Healthy Meal", bl-appoġġ tal-FSE+, li jagħti lill-istudenti fi skejjel vulnerabbli ikla sħuna ta' kuljum jew pakkett tal-ikel, li jikkontribwixxu għall-benesseri tagħhom. Dan joħloq ukoll network ta' 150 ċentru ta' kura matul il-ġurnata biex jipprevjeni s-separazzjoni tat-tfal mill-

familji tagħhom billi jipprovdi attivitajiet iddedikati kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri, bl-appoġġ tal-RRF.

**L-Istati Membri adottaw miżuri biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg ta' persuni b'diżabbiltà kif ukoll l-aċċessibbiltà tas-servizzi.** **Il-Bulgarija** saħħet il-finanzjament għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, inklużi opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ sussidjati għal persuni b'diżabbiltà. **Il-Greċja** tippromwovi r-reklutaġġ ta' persuni b'diżabbiltà f'organizzazzjonijiet tal-gvern lokali. **Ir-Rumanija** żviluppat servizzi integrati bbażati fil-komunità fil-komunitajiet rurali biex ittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali. B'għan simili, **Spanja** adottat miżuri biex issaħħaħ l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ ewlenin, bħall-assistenza personali, il-kura fid-dar u t-telekura. Xi Stati Membri komplew jinvestu f'servizzi residenzjali għal persuni b'diżabbiltà, jew biex iżidu l-kapaċità tagħhom, bħal f'**Malta** u fi **Spanja**, jew biex itejbu l-kwalità tagħhom, bħal fir-**Rumanija**. **Spanja** u **l-Estonja** qed jadottaw miżuri biex itejbu l-aċċessibbiltà tat-teknoloġiji assistivi, inklużi soluzzjonijiet diġitali.

**Diversi Stati Membri fasslu u adottaw strateġiji nazzjonali integrati u fit-tul li jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.** **Il-Ġermanja** nediet f'April 2024 għall-ewwel darba Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali biex tindirizza l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, li jipprovdi linji gwida nazzjonali għal azzjoni koordinata mill-gvern federali, mill-istati u mill-muniċipalitajiet. **Il-Portugall** aġġorna l-istrateġija pluriennali tiegħu għall-integrazzjoni tal-persuni mingħajr dar, li tinkludi sistema ta' twissija integrata għal sitwazzjonijiet ta' riskju, interventi personalizzati mal-maniġers tal-każijiet fil-livell lokali, u żieda fis-soluzzjonijiet "l-akkomodazzjoni l-ewwel" u appartamenti kondiviżi. **Is-Slovenja** qed tippjana li tadotta għall-ewwel darba strateġija biex tipprevjeni u ttemm il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, billi tipprovdi definizzjoni tagħha u tiffoka fuq akkomodazzjoni adegwata, stabbli, aċċessibbli u sikura għal kulħadd.

**Il-pensjonijiet u l-anzjanità attiva jibqgħu fuq quddiem tal-aġenda ta' riforma tal-Istati Membri, bil-biċċa l-kbira tal-miżuri mmirati lejn l-appoġġ għal ħajja tax-xogħol itwal u l-posponiment tal-irtirar.** Fl-**Irlanda**, il-Liġi dwar l-Impjiegi tal-2025 se tippermetti lil persuni li jagħżlu li jkomplu jaħdmu lil hinn mill-età tal-pensjoni, sakemm l-impjegatur ma jkunx jista' juri ġustifikazzjoni leġittima u proporzjonata biex jisfurza l-irtirar. F'**Malta**, dawk li akkumulaw biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex jirtiraw se jirċievu żieda ogħla fil-pensjoni tagħhom għal kull sena addizzjonali li jibqgħu impjegati sal-età ta' 65 sena. Fil-**Belġju**, minn Ottubru 2025, il-persuni b'impjieg indipendenti jistgħu jibnu aktar drittijiet tal-pensjoni jekk ikomplu jaħdmu u jħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lil hinn mill-età tal-irtirar. Min-naħa tiegħu, **il-Lussemburgu** se jekwivalizza regoli ta' akkumulazzjoni għall-impjegati u għal dawk b'impjieg indipendenti meta jikkombinaw il-pensjonijiet tal-irtirar mogħtija qabel l-età tal-irtirar jew ta' diżabbiltà ma' attività professjonali. **Il-Litwanja** introduċiet inċentivi addizzjonali għax-xogħol għall-persuni akbar fl-età u għall-persuni b'diżabbiltà, billi espandiet il-ħlas tal-assistenza soċjali, tal-pensjonijiet tal-irtirar u tad-diżabbiltà għall-impjegati li jappartjenu għal dawn il-gruppi. **L-Italja** introduċiet inċentivi biex il-persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għal ċerti skemi ta' rtirar bikri, ikomplu jaħdmu. L-età statutorja tal-irtirar żdiedet fiċ-**Ċekja** u fid-**Danimarka**. Fil-**Greċja** tressqet aġenda wiesgħa dwar l-anzjanità attiva u d-demografija, filwaqt li **l-Bulgarija** kompliet bl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha dwar l-anzjanità attiva, u **Ċipru** żviluppa waħda għall-ewwel darba. L-irtirar bikri għal persuni f'okkupazzjonijiet riskjużi ġie estiż fiċ-**Ċekja**, filwaqt li fin-**Netherlands** l-iskema ta' rtirar bikri b'eżenzjonijiet mit-taxxa għal impjiegi fiżikament eżiġenti kienet immirata aħjar u estiża sal 2029.

**Diversi pajjiżi ħadu azzjoni biex itejbu l-adegwatezza tal-pensjonijiet u jappoġġaw lil dawk b'pensjonijiet baxxi.** F'**Malta** għaddew miżuri għal dan il-għan, inkluża żieda żgħira fil-pensjonijiet kollha tal-irtirar fl-2025, żieda gradwali fil-pensjonijiet tar-romol, għotja ogħla għall-anzjani fl-età ta' bejn 75 u 79 sena, u eżenzjonijiet mit-taxxa mtejba għall-pensjonanti fl-età ta' 61 sena 'l fuq. Ġew introdotti wkoll aġġustamenti fil-bonus tal-għoli tal-ħajja. Fl-**Italja**, ġiet deċiża żieda temporanja fil-pensjonijiet minimi għall-2025 u l-2026, u ġew introdotti supplimenti soċjali għall-pensjonanti f'kundizzjonijiet żvantaġġati, filwaqt li **l-Portugall** stabbilixxa suppliment straordinarju tal-pensjoni għal dawk b'pensjonijiet baxxi. Fil-**Latvja**, il-pensjoni minima tal-irtirar żdiedet, u qed jiġu introdotti mill-ġdid gradwalment is-supplimenti tal-pensjoni tal-Istat tal-irtirar u tad-diżabbiltà. **Il-Litwanja** indiċizzat il-pensjonijiet kollha tal-irtirar, tad-diżabbiltà u tas-superstiti, filwaqt li **r-Rumanija** ssospendiet fl-2025 il-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-benefiċċji soċjali introdott reċentement għal dawk b'pensjonijiet minimi u baxxi, li minflok irċevew għajnuna finanzjarja ta' darba. **Id-Danimarka** żiedet il-pensjoni supplimentari permezz ta' taxxa fuq il-passiġġieri fuq l-ivvjaġġar bl-ajru. Stati Membri oħra adottaw miżuri biex isaħħu l-livell u l-adegwatezza tal-benefiċċji tad-diżabbiltà (**l-Estonja**, **Franza**, **Ċipru**, **ir-Rumanija**, **Spanja**, **is-Slovenja**) u l-appoġġ finanzjarju għall-persuni li jindukraw (**Malta**, **is-Slovakkja**, **ir-Rumanija**).

**F'xi pajjiżi ttieħdu miżuri biex jappoġġaw l-adegwatezza tal-pensjonijiet filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, anke fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi tal-pensjonijiet b'diversi pilastri**. Fl-**Italja**, l-individwi issa jistgħu jħallsu b'mod volontarju rata addizzjonali ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni minbarra dik standard. **Il-Latvja** operat trasferiment ta' 1 % tar-rati tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni ffinanzjata mill-Istat mill-fond tal-pensjoni tal-Istat tat-tieni pilastru għall-iskema Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej tal-ewwel pilastru. **L-Irlanda** introduċiet sistema ta' tfaddil għall-irtirar b'reġistrazzjoni awtomatika, li se titnieda fl-1 ta' Jannar 2026. **Malta** ħabbret miżuri simili dwar l-awtoreġistrazzjoni, żiedet il-perjodu kontributorju u, biex tippromwovi d-diversifikazzjoni tad-dħul mill-irtirar, introduċiet inizjattivi edukattivi u benefiċċji tat-taxxa msaħħa biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' skemi tal-pensjoni tat-tielet pilastru. Fil-**Kroazja** qed jiġu segwiti riformi wesgħin tal-pensjonijiet biex jiġu żgurati kemm l-adegwatezza kif ukoll is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, filwaqt li qed issir reviżjoni tas-sistema tal-pensjonijiet **fil-Bulgarija** u hija prevista f'**Malta**.

**L-Istati Membri introduċew miżuri biex isaħħu l-kopertura tal-kura tas-saħħa u jtejbu l-aċċess ekwu u l-kwalità tal-kura.** Il-baġit tal-2025 għall-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-**Bulgarija** żdied b'16 %, inkluż għal miżuri li jespandu l-kopertura tat-testijiet tal-kanċer, u li jappoġġaw lill-ispiżeriji fiż-żoni mhux moqdija biżżejjed. **Id-Danimarka** qed timplimenta l-akbar riforma tagħha f'20 sena fl-2025 biex tnaqqas il-ħinijiet ta' stennija, tespandi l-għażla tal-pazjent, u ttejjeb l-aċċess għall-kura. Minn Jannar 2025, **l-Estonja** qed iżżid il-kopagamenti biex tagħti spinta lill-finanzjament, filwaqt li tikkonsolida l-isptarijiet, fil-kuntest tal-RRP tagħha, minn Diċembru 2024, biex ittejjeb l-effiċjenza u tnaqqas il-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati. **Il-Ġermanja** introduċiet riforma f'Novembru 2024 li tirriforma s-settur tal-isptarijiet u li tintroduċi sistema ġdida ta' rimborż biex tnaqqas proċeduri mediċi mhux meħtieġa. Minn Jannar 2025, il-**Latvja** espandiet il-lista ta' mediċini rimborsabbli, żiedet il-livell ta' rimborż pubbliku għall-mediċini, stabbiliet limiti fuq il-prezzijiet fuq il-manifatturi, u llimitat il-kopagamenti għall-preskrizzjonijiet inizjali. L-RRP tal-**Polonja** jappoġġa n-Network Kardjoloġiku Nazzjonali biex tittejjeb il-kura kardjoloġika mal-pajjiż kollu b'liġi adottata f'Ġunju 2025.

**Ittieħdu wkoll passi biex tissaħħaħ il-kura primarja, tittejjeb l-integrazzjoni tas-servizzi, u tiġi avvanzata d-diġitalizzazzjoni, inkluż l-appoġġ għall-iskambju tad-data.** Fil-bidu tal-2025, **l-Irlanda** rristrutturat is-sistema tas-saħħa tagħha b'sitt Reġjuni tas-Saħħa

ġodda taħt ir-riforma Sláintecare biex tingħata spinta lill-kura integrata, jiġi deċentralizzat it-teħid tad-deċiżjonijiet u jiġi pprovdut approċċ ibbażat fuq il-popolazzjoni għall-ippjanar tas-servizzi. Mill-2025, **il-Lussemburgu** kien qed jaħdem biex joħloq networks ta' kura integrati għad-dijabete u għall-obeżità morbuża, li jlaqqgħu flimkien fornituri tal-kura primarja u speċjalizzata. F'Settembru 2024, **il-Portugall** ħabbar il-ħolqien ta' "Unitajiet tas-saħħa tal-familja tal-Mudell C" ġodda, operati minn fornituri privati tal-kura tas-saħħa iżda integrati fis-servizz nazzjonali tas-saħħa biex jespandu l-aċċess fit-twassil tal-kura tas-saħħa primarja. F'Settembru 2024, **is-Slovenja** approvat strateġija tal-kura tas-saħħa primarja għall-2024–31. Taħt l-RRP tagħha, il-liġi ta' riforma ta' Novembru 2024 tal-**Greċja** għandha l-għan li ssaħħaħ il-kura tas-saħħa primarja billi twessa' l-eliġibbiltà tat-tobba biex isiru "tobba personali" u tinċentiva speċjalizzazzjonijiet fil-mediċina ġenerali/tal-familja jew interna. **Il-Kroazja** qed tintroduċi riforma diġitali tas-saħħa permezz ta' pjattaforma nazzjonali tal-IT biex tgħaqqad l-istituzzjonijiet tal-onkoloġija, bħala parti mill-RRP tagħha. L-RRP tal-**Ungerija** għall-2025 jiffoka fuq l-avvanz tad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa u t-tisħiħ tal-kura primarja, inkluż l-iżvilupp ta' komunitajiet ta' GPs u ġestjoni mtejba tal-mard kroniku. F'Novembru 2024, **ir-Rumanija** ppubblikat l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Diġitali tagħha għall-2024–30, bl-għan li ttejjeb il-governanza diġitali, il-ħiliet, l-infrastruttura, u l-innovazzjoni fid-diġitalizzazzjoni tas-saħħa, li huma impenji li jinsabu fl-RRP tagħha.

**L-Istati Membri ħadu wkoll miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz ta' żamma aħjar tal-persunal.** Bl-appoġġ tal-RRF, **l-Awstrija** utilizzat 150 infermiera tal-komunità sa tmiem l-2024. F'Ġunju 2025, **Franza** espandiet ir-rwoli tal-infermiera billi tathom l-awtorizzazzjoni biex imexxu konsultazzjonijiet ta' prevenzjoni rimborżati. **Il-Latvja** approvat strateġija għall-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa għall-2025-29 fi ħdan l-RRP tagħha ffokata fuq kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u rwoli ġodda. **Malta** żviluppat għodda għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa taħt l-RRP tagħha biex tappoġġa r-riżorsi umani, l-ibbaġitjar, u r-reklutaġġ.

**Il-miżuri għat-titjib tas-saħħa pubblika ffukaw ukoll fuq il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, inklużi s-saħħa mentali u l-mard kardjovaskulari.** F'Diċembru 2024, **iċ-Ċekja** introduċiet Pjan Kardjovaskulari Nazzjonali 2025–35, li nieda programmi ġodda ta' skrinjar u prevenzjoni koperti bis-sħiħ mill-assigurazzjoni. Bl-appoġġ tal-RRF, **il-Finlandja** tippromwovi miżuri ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni bikrija permezz ta' mudelli reġjonali ta' servizzi integrati f'diversi setturi għal 22 kontea ta' servizzi ta' benesseri. L-RRP tas-**Slovakkja** jippromwovi titjib sistemiku fis-saħħa mentali, inkluż it-taħriġ tal-persunal.

**L-Istati Membri ħadu diversi miżuri biex jadattaw u jtejbu s-sistemi tal-kura fit-tul b'reazzjoni għall-bidliet demografiċi u l-ħtiġijiet tas-soċjetà.** Xi wħud minn dawn l-isforzi jmorru lejn it-titjib tal-adegwatezza u tad-disponibbiltà tas-servizzi permezz ta' integrazzjoni aħjar, mudelli ġodda ta' kura u l-użu tal-ICT. Il-Flanders (**il-Belġju**) taw bidu għal proġett ta' 4 snin "ToekomstZorg" biex tiġi żviluppata kura fit-tul minn settur għall-ieħor. Bl-appoġġ tal-RRF, **il-Bulgarija** qed timmodernizza u tespandi s-servizzi soċjali tagħha bi pjanijiet għar-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura residenzjali u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda sa Ġunju 2026, f'konformità mal-istandards ta' kwalità stabbiliti mir-Regolament tal-2022 dwar il-Kwalità tas-Servizzi Soċjali. Ir-riforma tad-**Danimarka** tas-settur tal-kura fit-tul (ta' Lulju 2025) għandha l-għan li ttejjeb l-appoġġ għal għajxien indipendenti permezz ta' azzjonijiet u servizzi preventivi pprovduti abbażi ta' ħtiġijiet individwali. L-Istrateġija tal-**Greċja** għall-Kura fit-Tul (ta' Lulju 2024) għandha l-għan li tistabbilixxi sistema effettiva ta' protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul, li tipproponi objettivi strateġiċi u pjan komprensiv ta' governanza. **Spanja** qed tittrasforma l-mudell tal-kura tagħha taħt l-RRP tagħha, filwaqt li tenfasizza d-deistituzzjonalizzazzjoni u l-kura bbażata fil-komunità, appoġġata minn investimenti

f'servizzi ta' telekura u f'faċilitajiet residenzjali. **Il-Kroazja** qed taħdem bl-appoġġ tal-RRF u tal-FSE+ lejn sistema integrata ta' kura fit-tul u qed tippjana li tibni ċentri b'enerġija żero biex tiżgura kura integrata għall-persuni akbar fl-età, filwaqt li tespandi wkoll is-servizzi ta' kura fid-djar u bbażati fil-komunità. **Il-Litwanja** qed tiżviluppa mudell ġdid ta' kura fit-tul, bl-għan li ttejjeb il-kura fit-tul fid-djar u bbażata fil-komunità. **L-Ungerija** stabbiliet forum ta' sħubija ġdid għall-monitoraġġ tal-istrateġija tagħha għall-kura fit-tul. **Il-Polonja** qed tirrevedi l-qafas legali tagħha biex tiddefinixxi l-kura fit-tul u l-kura informali, filwaqt li tintroduċi "senior voucher" biex iżżid il-finanzjament u tiddefinixxi sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-kura fit-tul. **L-Awstrija** qed taġġorna l-miżuri ta' riforma tal-kura biex tgħin lill-indokraturi fil-familja u ttejjeb il-provvista u l-effiċjenza tal-forza tax-xogħol. **Il-Portugall** emenda l-Istatut tal-Persuni li Jindokraw b'Mod Informali, filwaqt li ffaċilita l-proċessi ta' applikazzjoni u estenda l-aċċess tal-indokraturi għal membri mhux tal-familja. Fis-**Slovenja**, il-miżuri temporanji għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-persunal u tax-xogħol fis-servizzi tal-kura minn Lulju 2024. L-emenda **tas-Slovakkja** għall-Att dwar is-Servizzi Soċjali tistandardizza l-allowances għall-indokraturi, biex tgħin b'mod sinifikanti lil dawk b'diżabbiltà severa. **Il-Finlandja** naqqset il-proporzjon tal-persunal għall-pazjent tagħha għall-kura għall-persuni akbar fl-età biex tiżgura l-flessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura fit-tul fost iż-żieda fid-domanda, il-pressjonijiet tal-kostijiet u n-nuqqas persistenti ta' ħaddiema. Xi Stati Membri komplew jinvestu fiż-żieda tal-kapaċità (eż. **Malta**, **Spanja**) jew fit-titjib tal-kwalità (eż. **ir-Rumanija**) ta' faċilitajiet ta' kura residenzjali għal persuni b'diżabbiltà u persuni akbar fl-età b'diżabbiltà.

# KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-QAFAS TA' KONVERĠENZA SOĊJALI

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż teżamina s-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-iżviluppi soċjali f'kull Stat Membru biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.** Din l-analiżi speċifika għall-pajjiż hija bbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) u hija konformi mal-Artikolu 148 tat-TFUE. Din twieġeb ukoll għall-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali. Dan tal-aħħar jindika li s-sorveljanza annwali mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-impjiegi, bħala parti mis-Semestru Ewropew, tinkludi l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tiegħu, permezz tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali u qafas biex jiġu identifikati riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq[303]. L-analiżi tal-ewwel stadju tal-qafas hija bbażata fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tidentifika *riskji potenzjali* għal konverġenza soċjali 'l fuq (ara l-kaxxa metodoloġika fi tmiem din it-taqsima kif ukoll l-Annessi 6 u 2 għal aktar dettalji). Sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' *sfidi reali* għall-konverġenza soċjali 'l fuq u l-fatturi ewlenin li jixprunawhom, fir-Rebbiegħa tal-2026 se ssegwi analiżi tat-tieni stadju. Din tal-aħħar tiddependi fuq sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva u tqis il-miżuri meħuda jew ippjanati mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi. F'dak li ġej, it-taqsima 3.1 tippreżenta s-sejbiet orizzontali ewlenin abbażi tal-analiżi tal-ewwel stadju tal-SCF. L-analiżi tal-pajjiż issegwi fit-taqsima 3.2, li tindika liema pajjiżi jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.

## 3.1 Sejbiet orizzontali ewlenin

**Fl-2024 ir-rati ta' impjieg ikkonverġew 'il fuq u r-rata tal-qgħad tal-UE laħqet livell baxx ta' kull żmien, akkumpanjata minn tnaqqis żgħir fir-riskji tal-faqar, fl-isfond ta' tkabbir ekonomiku modest; madankollu, xi riskji għall-konverġenza 'l fuq huma identifikati fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u fil-qasam soċjali[304].** L-applikazzjoni tal-metodoloġija tad-dawl tat-traffiku tal-JER għall-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tgħin biex jiġu identifikati l-isfidi ta' rilevanza partikolari għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ara l-Annessi 6 u 2, rispettivament). L-aggregazzjoni tas-sinjali mill-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż tippermetti evalwazzjoni kumplessiva tar-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq li qed jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha. Sommarju tas-sejbiet orizzontali ewlenin huwa deskritt hawn taħt (ara wkoll it-Tabella 3.1.1 u l-Illustrazzjoni 3.1.1).

---

[303] Barra minn hekk, fil-Premessa 8 tar-Regolament, huwa ċċarat li "Bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali".

[304] L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tar-rata ta' impjieg ta' 78 % sal-2030, hekk kif jifdal distakk ta' 2,2 pp biss. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 dwar l-apprendiment għall-adulti u t-tnaqqis tal-faqar. Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti kienet biss ta' 39,5 % fl-2022, vs mira ta' 60 %, filwaqt li l-isforzi għat-tnaqqis tal-faqar kienu wasslu biss għal tnaqqis ta' 2,9 miljuni sal-2024, vs mira ta' 15-il miljun.

- **Filwaqt li l-konverġenza ’l fuq kompliet għar-rati ta’ impjieg u tal-qgħad fit-tul, l-eżiti tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ u għall-persuni b’diżabbiltà staġnaw jew marru xi ftit għall-agħar.** Ir-rati ta’ impjieg żdiedu fi kważi l-Istati Membri kollha (21), għalkemm b’pass aktar bil-mod ta’ titjib meta mqabbla mas-snin li għaddew. Iż-żieda kienet akbar għall-pajjiżi b’rati ta’ impjieg aktar baxxi, u b’hekk tindika l-konverġenza ’l fuq. Fl-istess ħin, il-prestazzjoni kienet imħallta fir-rigward tar-rata tal-qgħad. Ir-rata tal-UE kienet l-aktar baxxa f’kull żmien fl-2024, iżda l-indikatur wera xi diverġenza bejn l-Istati Membri, riflessa f’għadd relattivament għoli (tmienja) ta’ sitwazzjonijiet “kritiċi” u li “għandhom jiġu osservati”. Fl-istess ħin, għad hemm disparitajiet reġjonali u territorjali sinifikanti f’ħafna Stati Membri.B’mod kumplessiv, l-iżviluppi fir-rati tal-qgħad fit-tul kienu aktar pożittivi, b’konverġenza ’l fuq irreġistrata fl-UE fl-2024. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rnexxielhom jagħmlu xi progress fl-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, iżda bi ftit sinjali biss ta’ konverġenza u xorta b’total ta’ tmien Stati Membri li “għandhom jiġu osservati” jew li qed jiffaċċjaw “sitwazzjoni kritika” dwar din id-dimensjoni. Il-progress fil-biċċa l-kbira waqaf għaż-żgħażagħ, b’titjib marġinali biss fir-rata ta’ żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) fl-2024 u l-ebda sinjal ċar ta’ konverġenza ’l fuq. Fl-aħħar nett, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b’diżabbiltà żdied b’mod sinifikanti fil-livell tal-UE u ra disparitajiet kbar u li qed jiżdiedu fost l-Istati Membri, bi tmien pajjiżi li “għandhom jiġu osservati” jew f’“sitwazzjoni kritika”.

- **Il-progress bil-mod u mhux uniformi fl-edukazzjoni u fil-ħiliet jillimita l-potenzjal tal-iżvilupp tal-kapital uman u joħloq riskji għall-kompetittività u għall-koeżjoni soċjali u territorjali, sakemm l-isforzi ta’ politika ma jiġux intensifikati b’mod konsiderevoli.** Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (kif imkejla mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti) żdiedet kemxejn fl-UE bejn l-2016 u l-2022, iżda l-prestazzjoni tal-Istati Membri varjat, peress li l-biċċa l-kbira tal-kisbiet saru fil-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni. Id-data mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE tindika żieda kumplessiva fil-parteċipazzjoni wkoll bejn l-2022 u l-2024[305]. L-istess japplika matul il-perjodu 2021-23 għas-sehem ta’ adulti b’mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Għadd relattivament għoli ta’ Stati Membri (disgħa u għaxra, rispettivament) “għandhom jiġu osservati” jew jinsabu f’“sitwazzjoni kritika” għal dawn iż-żewġ indikaturi. Dan jenfasizza sfidi sinifikanti fir-rigward tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE. Fl-istess ħin, ġie rreġistrat titjib żgħir fl-UE fl-2024 fir-rigward tas-sehem ta’ dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (ELET, early leavers from education and training) u tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC). Madankollu, il-medji għal dawn iż-żewġ indikaturi jaħbu differenzi sostanzjali ħafna bejn l-Istati Membri, b’għadd akbar ta’ sitwazzjonijiet “kritiċi” u “li għandhom jiġu osservati” fl-2024 (li jvarjaw minn disgħa għal għaxra fiż-żewġ każijiet), u l-ebda sinjal ta’ konverġenza ’l fuq. Barra minn hekk, livelli baxxi u li qed jonqsu ta’ ħiliet bażiċi joħolqu sfidi serji madwar l-UE. Dan kollu jenfasizza l-iskop għal sforzi ta’ politika sinifikanti f’dan il-qasam ta’ politika, f’konformità mal-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet.

- **Filwaqt li ġie rreġistrat titjib kumplessiv fir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u fl-inugwaljanza fl-introjtu fil-livell tal-UE, id-disparitajiet jippersistu u kważi l-indikaturi soċjali kollha raw nuqqas ta’ konverġenza ’l fuq fost l-Istati**

[305] Ara l-Eurostat [trng_lfs_17], l-LFS tal-UE.

**Membri.** Is-sehem tal-popolazzjoni totali u tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas ftit fl-UE fl-2024. Madankollu, il-prestazzjoni varjat b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, mingħajr l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza. Għat-tfal li qed jesperjenzaw ir-riskji tal-faqar, l-għadd ta' pajjiżi li "għandhom jiġu osservati" jew li huma f'"sitwazzjoni kritika" żdied għal tmienja fl-2024. Id-disparitajiet fir-rati tal-AROPE huma parzjalment relatati ma' differenzi sinifikanti fl-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar. Dan l-indikatur iddeterjora ftit fl-2024 fl-UE, u wera l-akbar numru ta' sitwazzjonijiet "kritiċi" u li "għandhom jiġu osservati" (ħdax), b'nuqqas ta' konverġenza ċara 'l fuq. L-inugwaljanza fl-introjtu (kif imkejla mill-indikatur S80/S20, jew il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu) tjiebet u rat tnaqqis sinifikanti ta' sitwazzjonijiet "kritiċi" u li "għandhom jiġu osservati" fl-2024. Madankollu, il-pajjiżi bl-ogħla livelli ta' inugwaljanza komplew jiddeterjoraw, filwaqt li dawk bi prestazzjoni tajba tjiebu, b'żieda fid-diverġenza. Ġew osservati wkoll disparitajiet reġjonali sinifikanti, inklużi rati għoljin ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi *per capita* żdied b'mod sostanzjali fl-2024. Filwaqt li l-pajjiżi kollha tjiebu, l-akbar żidiet ġew irreġistrati fost dawk l-Istati Membri li diġà kellhom prestazzjoni tajba, u dan jimplika diverġenza, b'disa' sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati". Ġie rrapportat deterjorament żgħir fil-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, b'konverġenza b'mod kumplessiv limitata ħafna fl-2024. Għall-kuntrarju, setgħet tiġi osservata xi konverġenza 'l fuq għar-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni b'titjib fi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri.

**L-analiżi tal-pajjiżi tal-ewwel stadju tidentifika disa' Stati Membri li jeħtieġu analiżi tat-tieni stadju aktar profonda fid-dawl tal-isfidi indikati mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li jindikaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq.** Dawn ir-riskji jiġu vvalutati bl-użu tal-metodoloġija tal-SCF, li tqis il-livell u l-bidla annwali ta' kull indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali b'mod relattiv għall-medja tal-UE, kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin relatati tal-EMCO-SPC u fir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma sottostanti (ara l-Kaxxa fi tmiem din it-taqsima). L-Istati Membri kkonċernati huma l-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, il-Latvja u l-Finlandja. Minn dawn, is-seba' Stati Membri tal-ewwel kienu fl-analiżi tat-tieni stadju anke fis-sena preċedenti (għalkemm ġie osservat titjib f'xi wħud, kif diskuss f'dan il-Kapitolu), filwaqt li l-Latvja u l-Finlandja huma inklużi għall-ewwel darba din is-sena[306]; il-Kroazja, l-Estonja u l-Ungerija li kienu fl-analiżi tat-tieni stadju s-sena l-oħra ma humiex din is-sena[307]. Għad-disa' pajjiżi msemmija hawn fuq, ġew identifikati riskji

[306] Għal-Latvja, dan huwa dovut għal żidiet fis-sehem ta' NEETs żgħażagħ kif ukoll fir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul. Dan huwa relatat ukoll ma' impatt baxx u li qed jonqos tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u deterjorament qawwi fil-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal. Għall-Finlandja, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata l-aktar mad-deterjorament relattiv fir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul.

[307] L-Estonja, l-Ungerija u l-Kroazja, li kienu wkoll fl-analiżi tat-tieni stadju s-sena l-oħra, ma humiex soġġetti għaliha din is-sena. L-Estonja ma hijiex fid-dawl tat-titjib irreġistrat fl-inugwaljanza fl-introjtu, l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, ir-rata tal-AROPE, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika. L-Ungerija lanqas ma hija fl-analiżi tat-tieni stadju peress li l-aktar data reċenti turi titjib dwar dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-rata tal-AROPE (b'mod kumplessiv u għat-tfal), id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà u r-rata tal-qgħad fit-tul. Għall-Kroazja, fl-2024 hemm waqfa fis-serje taż-żmien għall-indikaturi soċjali kollha bbażati fuq l-UE-SILC, li ma tippermettix li l-bidliet jiġu interpretati b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, il-waqfa strutturali tinsab wara s-sitwazzjoni "li għandha tiġi osservata" għall-AROPE, b'mod kumplessiv u għat-tfal.

potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward ta' sitwazzjonijiet diffiċli f'għadd kbir ta' oqsma ta' politika, filwaqt li għal-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu u l-Finlandja, id-deterjoramenti maż-żmien ukoll kellhom rwol ewlieni għal għadd iżgħar ta' oqsma ta' politika. L-indikaturi li jindikaw riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi msemmija hawn fuq jinkludu l-inugwaljanza fl-introjtu, ir-rata kumplessiva tal-AROPE u l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, segwiti minn dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sehem ta' NEETs żgħażagħ, ir-rata ta' impjieg, it-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi *per capita*, is-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u r-rata tal-AROPE għat-tfal. Għal dawn id-disa' Stati Membri, se titwettaq analiżi aktar profonda tat-tieni stadju mis-servizzi tal-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2026.

## Tabella 3.1.1: Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi fl-Istati Membri skont l-indikatur ewlieni

| | | | Bl-aqwa prestazzjoni | Aħjar mill-medja | Tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati | Mal-medja | Dgħajfin iżda li qed jitjiebu | Għandhom jiġu osservati | Sitwazzjonijiet kritiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Opportunitajiet indaqs | Parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (matul l-aħħar 12-il xahar, minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol, % tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 25 u 64 sena) | 2022 | DE, HU, NL, SE | AT, DK, EE, FI, FR, IE, LU, MT, SK | | BE, ES, LV, PT | RO | CY, HR, IT, LT, SI | BG, CZ, EL, PL |
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 18 u 24 sena) | 2024 | **EL, HR, IE, PL** | BG, CZ, PT, SI | | AT, BE, FI, FR, LV, MT, NL, SE | HU | CY, DK, EE, IT, LT, LU, SK | **DE, ES, RO** |
| | Sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 16 u 74 sena) | 2023 | FI, IE, NL | AT, BE, CZ, DK, EE, ES, HU, SE | | DE, EL, FR, LT, MT, PT | | CY, HR, IT, LU, LV, SI, SK | BG, PL, RO |
| | Rata ta' żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) | 2024 | MT, NL, SE | CZ, DE, DK, HR, IE, PT, SI | | AT, BE, ES, FI, HU, PL, SK | BG, CY, EL | EE, FR, LU, LV | IT, LT, RO |
| | Differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg (punti perċentwali) | 2024 | EE, LT, LV | HR, HU, LU, PT, SE | FI | AT, BE, BG, DE, ES, FR, IE, NL, SI | CZ | CY, DK, PL, SK | EL, IT, MT, RO |
| | Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | 2024 | BE, CZ, SI, SK | FI, IE, MT, NL, PL, RO | | AT, CY, DE, DK, EE, FR, HR, HU, LU, SE | PT | EL, ES, IT | BG, LT, LV |
| Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti | Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) | 2024 | CZ, MT, NL | CY, DE, DK, HU, IE | EE, SE | AT, BG, LT, LV, PL, PT, SI, SK | EL, HR | FI, FR, LU | **BE, ES, IT, RO** |
| | Rata tal-qgħad (% tal-forza tax-xogħol fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) | 2024 | CZ, DE, MT, PL | BG, CY, HR, HU, IE, IT, NL, SI | | AT, BE, PT, RO, SK | EL, ES | DK, EE, FR, LT, LU, LV | FI, SE |
| | Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-forza tax-xogħol fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) | 2024 | MT, NL | AT, CY, CZ, DE, IE, PL, SI | DK | BE, BG, FR, HR, HU, LT, LU, RO, SE | EL, ES, IT | EE, FI, LV, PT | **SK** |
| | Tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (indiċi, 2008=100) | 2024 | HU, MT, PL, RO | HR, LT, PT | | CZ, DE, DK, EE, FR, IE, LV, SE, SI, SK | | AT, BE, CY, ES, FI, LU, NL | **EL, IT** |
| Protezzjoni u inklużjoni soċjali | Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali) | 2024 | CZ, NL, SI | AT, CY, DK, EE, IE, PL, SE | FI | BE, DE, FR, HU, LU, MT, PT, SK | RO | HR, IT, LV | **BG, EL, ES, LT** |
| | Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 0 u 17-il sena) | 2024 | CY, CZ, DK, NL, SI | EE, IE, LV, PL, SK | FI | AT, BE, DE, HU, LT, PT, SE | RO | EL, FR, HR, IT, LU, MT | **BG, ES** |
| | Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP) | 2024 | BE, DK, FI | AT, CZ, EE, NL, PL, SE | FR, IE | CY, IT, SI, SK | RO | BG, DE, ES, HU, LT, LU, MT | **EL, HR, LV, PT** |
| | Differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali) | 2024 | SI | AT, CZ, DE, EE, FI, FR, LV, NL, SE | PT | CY, DK, EL, HU, MT, SK | BG | BE, ES, IT | HR, IE, LT, PL, RO |
| | Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali) | 2024 | CY | BG, HR, IE, IT, LU, NL, PL, RO, SI | | AT, BE, CZ, ES, FI, FR, LV, MT, SK | | DE, EE, HU, LT, PT, SE | DK, EL |
| | Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni ta' inqas minn 3 snin) | 2024 | FR, NL, PT, SE, SI | BE, ES, FI, LT, LU | DK | AT, CY, EE, EL, HR, IT | | BG, DE, IE, LV, MT | CZ, HU, PL, RO, SK |
| | Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika (% | 2024 | | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, HR, HU, | | DK, ES, FR, IE, IT, LT, PL, PT, | EE | | EL, FI, LV |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **tal-popolazzjoni minn 16-il sena 'l fuq)** | | | LU, MT, NL, RO, SK | | SE, SI | | | |

*Nota:* Aġġornament tat-30 ta' Ottubru 2025. Il-valur ta' qabel tal-aħħar għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment jirreferi għall-2016 u l-kategorizzazzjoni tiddependi fuq il-bidla minn dik għall-2022. Peress li d-data għall-indikatur dwar is-sehem ta' individwi li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi tinġabar kull sentejn, il-kategorizzazzjoni tiddependi fuq il-bidla mill-2021 għall-2023. Id-data dwar it-tkabbir tal-GDHI *per capita* ma hijiex disponibbli għall-Bulgarija. Id-data dwar id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ma hijiex disponibbli għal-Lussemburgu. L-interruzzjonijiet fis-serje u marki oħrajn huma rrapportati fl-Annessi 3 u 4.

**Illustrazzjoni 3.1.1: Ħarsa ġenerali lejn l-impjiegi, il-ħiliet u x-xejriet u l-isfidi soċjali mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**

Il-medja tal-UE, ix-xejriet u d-distribuzzjoni tal-Istati Membri b'kategorizzazzjoni speċifika tal-JER fost kollox għal kull indikatur ewlieni, aggregati wkoll għat-tliet kapitoli tal-Pilastru

| Indikatur ewlieni | Year | Medja tal-ue valur | xejra |
|---|---|---|---|
| **OPPORTUNITAJIET INDAQS** | | | |
| Parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment | 2022 | 39.5 | |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ | 2024 | 9.4 | |
| Sehem ta' individwi b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aktar minn bażiċi | 2023 | 55.6 | |
| Rata taż-żgħażagħ NEET | 2024 | 11.1 | |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | 2024 | 10.0 | |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | 2024 | 4.66 | |
| **KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL EKWI** | | | |
| Rata tal-impjieg | 2024 | 75.8 | |
| Rata tal-qgħad | 2024 | 5.9 | |
| Rata tal-qgħad fit-tul | 2024 | 1.9 | |
| Tkabbir tal-GDHI per capita | 2024 | 114.3 | |
| **PROTEZZJONI U INKLUŻJONI SOĊJALI** | | | |
| Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali | 2024 | 21.0 | |
| Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal | 2024 | 24.2 | |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar | 2024 | 34.2 | |
| Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | 2024 | 24.0 | |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni | 2024 | 8.2 | |
| Tfal ta' anqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | 2024 | 39.2 | |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika | 2024 | 2.5 | |

■ Sitwazzjonijiet kritiċi
■ Sitwazzjonijiet li għandhom jiġu osservati
■ Dgħajfin iżda qed jitjiebu
□ Mal-medja

Nota: Hemm data nieqsa għal xi pajjiżi f'xi indikaturi - ara n-Nota għat-Tabella 3.1.1.

**Kaxxa 3.1.1: Approċċ metodoloġiku għall-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-analiżi tal-pajjiż fl-ewwel stadju dwar il-konverġenza soċjali**

**L-analiżi tiddependi mill-għodod eżistenti li ġew żviluppati mal-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin, ibbażati b'mod partikolari fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-hekk imsejħa metodoloġija (tad-dawl tat-traffiku) tal-JER[308].** L-analiżi tal-pajjiż fl-ewwel stadju hija bbażata fuq is-sett sħiħ ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Kull wieħed mill-indikaturi jiġi skrutinizzat abbażi tal-metodoloġija tal-JER, li tiddetermina l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri, espressa f'termini ta' devjazzjonijiet standard mill-medja kemm tal-livell assolut tal-valuri tal-indikatur kif ukoll tal-bidla tiegħu meta mqabbel mas-sena ta' qabel (ara l-Anness 4 għad-dettalji tekniċi). Ir-riżultati jinġabru fil-qosor f'waħda mis-seba' kategoriji possibbli għal kull indikatur għall-pajjiż inkwistjoni ("bl-aqwa prestazzjoni", "aħjar mill-medja", "tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati", "mal-medja", "dgħajfin iżda li qed jitjiebu", "għandhom jiġu osservati", "sitwazzjoni kritika"). Dan jikkorrespondi mal-iskala ta' kuluri, minn aħdar għal aħmar.

**Kull wieħed mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jiġi vvalutat sabiex jiġi identifikat jekk dawn iwasslux għal riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq, u b'hekk jekk hemmx bżonn ta' aktar analiżi fit-tieni stadju.** Il-kwalifika "sitwazzjoni kritika" tirreferi għall-Istati Membri li għandhom punteġġ ferm agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u li fihom is-sitwazzjoni qed tiddeterjora jew mhux qed titjieb biżżejjed meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Sitwazzjoni tiġi mmarkata bħala "li għandha tiġi osservata" f'żewġ każijiet: a) meta l-Istat Membru jkollu punteġġ agħar mill-medja tal-UE fir-rigward ta' indikatur speċifiku u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun qed tiddeterjora jew ma tkunx qed titjieb malajr biżżejjed, u b) meta l-punteġġ f'termini ta' livelli jkun f'konformità mal-medja tal-UE iżda s-sitwazzjoni tkun qed tiddeterjora ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE. Analiżi ulterjuri fit-tieni stadju titqies ġustifikata għall-Istati Membri li għalihom sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jkunu qed jiġu mmarkati bl-aħmar ("sitwazzjoni kritika") jew oranġjo ("għandhom jiġu osservati") fl-aħħar edizzjoni tal-JER. Raġuni addizzjonali biex jitqies li s-sitwazzjoni teħtieġ analiżi ulterjuri sseħħ meta indikatur immarkat aħmar jew oranġjo (kif spjegat qabel) jippreżenta wkoll żewġ deterjoramenti *konsekuttivi* fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu. Eżempju ta' dan huwa bidla minn "mal-medja" għal "dgħajfin iżda li qed jitjiebu" fl-edizzjoni tal-JER tal-2025, segwita minn deterjorament ulterjuri għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-JER tal-2026. Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-limitu minimu ta' sitt marki b'mod kumplessiv. Pereżempju, jekk fl-edizzjoni tal-JER tal-2026, pajjiż ikollu ħames indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mmarkati bħala ħomor jew oranġjo, u wieħed minn dawn il-ħames indikaturi jippreżenta żewġ deterjoramenti konsekuttivi fl-edizzjonijiet tal-JER tal-2025 u l-2026, il-pajjiż jitqies li b'mod kumplessiv għandu sitt marki fl-edizzjoni tal-JER tal-2026 (ħames sinjali ħomor/oranġjo mill-indikaturi fl-edizzjoni tal-2026 + wieħed minnhom b'żewġ deterjoramenti konsekuttivi). B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri fit-tieni stadju. Kwalunkwe interruzzjoni fis-serje u kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-interpretazzjoni tad-data huma kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-għadd totali ta' marki lejn il-limitu.

308 Ara l-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-KPS, ibbażati fuq ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

**L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-evalwazzjoni tagħhom jiddependu fuq l-aktar data reċenti li tkun disponibbli fid-data limitu għall-ġbir tad-data[309].** Meta d-data rilevanti għall-valutazzjoni tal-kategorizzazzjoni tal-JER tkun nieqsa għal pajjiż partikolari, il-kategorizzazzjoni korrispondenti tal-JER mill-edizzjoni preċedenti tal-JER (jekk disponibbli) tintuża biex timtela l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-indikatur ikollu valuri neqsin għall-aħħar edizzjoni tal-JER *u* għal dik preċedenti, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER ma jingħaddux lejn il-limitu indikattiv ta' sitt marki għall-analiżi fit-tieni stadju.

[309] Id-data limitu għad-data hija d-29 ta' Ottubru 2025 għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026. Id-data użata u l-marki statistiċi relatati bħal interruzzjonijiet huma pprovduti fl-Anness 3 tar-rapport. L-interruzzjonijiet huma indikati wkoll fl-iskedi informattivi dwar il-pajjiżi jekk ikunu relatati ma' kategorizzazzjonijiet tal-JER li jingħaddu mal-limitu għall-analiżi tat-tieni stadju.

## 3.2 Analiżi tal-ewwel stadju speċifika għall-pajjiż

### Il-Belġju

**Fl-2024, l-isfidi baqgħu fir-rigward tar-rata ta' impjieg, filwaqt li kien għad hemm nuqqas kbir ta' ħaddiema.** Minħabba t-tkabbir reali tal-PDG ta' 1,1 %, ir-rata ta' impjieg żdiedet bi ftit (b'0,2 pp) fl-2024, għal 72,3 %, li hija taħt il-medja tal-UE ta' 75,8 %, u għal darb'oħra "sitwazzjoni kritika". Dan huwa l-aktar minħabba li r-rata ta' attività tal-Belġju (70,8 %) hija aktar baxxa mill-medja tal-UE (75,3 %). Baqgħu wkoll differenzi reġjonali qawwija. Barra minn hekk, xi gruppi, bħal persuni b'livelli baxxi ta' edukazzjoni (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, 47,5 %), li twieldu barra mill-UE (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, 59,4 %) u persuni akbar fl-età (fl-età ta' bejn 55 u 64 sena, 59,4 %), kienu qed jaqgħu aktar lura. Bi 33,1 pp, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kompliet tkun ferm ogħla mill-medja tal-UE (24,0 pp), u issa "għandha tiġi osservata". Għall-kuntrarju, għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, il-Belġju kien "mal-medja", bħalma kien fir-rigward tar-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul (b'5,7 % u 2,0 %, rispettivament). Fl-aħħar nett, l-indiċi tat-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100), tjieb fl-2024 (għal 107,1 minn 106,5 fl-2023) iżda għadu ma laħħaqx mal-medja tal-UE u għad "għandu jiġi osservat".




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-ER (BE) fl-2017.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE u

**Il-Belġju għandu l-aktar prestazzjoni medja fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Is-sehem tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment huwa "mal-medja", fil-livell ta' 34,9 % fl-2022 (vs 39,5 % fl-UE), wara tnaqqis mill-2016. L-ishma taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) u ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ marru għall-agħar. Madankollu, b'9,9 % u 7,0 %, dawn għadhom ferm taħt il-medji rispettivi tal-UE (ta' 11,1 % u 9,4 %), għalkemm b'xi varjazzjoni reġjonali. Il-Belġju għandu sehem mill-popolazzjoni li għandha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (59,4 % fl-2023) li huwa "aħjar mill-medja". Is-sehem tat-tfal fl-indukrar formali tat-tfal kien ta' 52,3 % fl-2024 (iżda b'rata ferm aktar baxxa ta' 20,1 % għat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali), wara tnaqqis ta' 3,9 pp mill-2023.

**Il-politiki soċjali għenu biex itaffu r-riskji ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali kif ukoll l-inugwaljanzi fl-introjtu.** Il-Belġju huwa fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni" fir-rigward tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (53,1 % vs 34,2 % fl-UE), u għall-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (3,45 % vs 4,66 % fl-UE). Kemm ir-rata tal-AROPE b'mod kumplessiv (18,3 %) kif ukoll għat-tfal (20,2 %) kienu "mal-medja" fl-2024, għalkemm din tal-aħħar żdiedet (b'0,6 pp) għall-ewwel darba mill-2017. Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, b'1,4 % fl-2024, kienu "aħjar mill-medja", filwaqt li r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, b'6,7 %, kienet "mal-medja" (vs 8,2 % fil-livell tal-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Belġju ma jidhirx li**

**qed jiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se jkun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Bulgarija

**Il-Bulgarija qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fil-qasam soċjali.** Is-sehem ta’ persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jirrappreżenta “sitwazzjoni kritika” bħala waħda mill-ogħla fl-UE (30,3 % vs 21,0 % fl-2024), b’żieda riċenti wara t-tnaqqis sinifikanti tas-sena l-oħra (li dak iż-żmien kienet sitwazzjoni “dgħajfa iżda li qed titjieb”). B’mod partikolari għat-tfal, ir-rata tal-AROPE laħqet 35,1 % fl-2024, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta’ 24,2 %, u hija wkoll “sitwazzjoni kritika”. Il-persuni b’diżabbiltà (43,8 %), il-persuni akbar fl-età (36,6 %), il-persuni li jgħixu f’żoni rurali (40,8 %) u r-Rom komplew ikunu aktar esposti għar-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali minn oħrajn[310]. B’mod kumplessiv, it-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) xorta naqqsu l-faqar b’mod limitat fil-Bulgarija (27,7 % vs 34,2 % fl-UE), li “għandhom jiġu osservati” (vs “dgħajfin iżda li qed jitjiebu” s-sena l-oħra). Barra minn hekk, l-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, hija fost l-ogħla fl-UE (6,96 vs 4,66) wara waħda mill-akbar żidiet mis-sena ta’ qabel, u hija wkoll “sitwazzjoni kritika”.




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-AROPE (BG) fl-2016 u l-impatt (BG) fl-2016 u fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [tespm050], l-UE-

**Il-pajjiż qed jiffaċċja sfidi relatati mal-iżvilupp tal-ħiliet.** Filwaqt li żdiedet bi 3,8 pp mis-sena l-oħra, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE fl-2024 (21,2 % vs 39,2 %), u “għandha tiġi osservata”. Dan jippreżenta sfidi għall-prospetti tal-apprendiment, inkluż aktar tard fil-ħajja. Aktar minn nofs l-istudenti ta’ 15-il sena ma għandhomx ħiliet bażiċi (53,6 % fil-matematika f’PISA tal-2022). Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet ta’ 9,5 % fl-2022 (vs 39,5 % fl-UE), li hija fost l-aktar baxxi fl-UE, wara tnaqqis mill-2016, u tirrappreżenta “sitwazzjoni kritika”. Dan huwa l-każ ukoll għas-sehem ta’ adulti b’mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, b’35,5 % vs 55,6 % fl-UE fl-2023, minkejja żieda mill-2021. It-titjib fl-iżvilupp tal-ħiliet jista’ jżid il-produttività u jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Is-suq tax-xogħol baqa’ jkollu prestazzjoni b’saħħitha b’mod kumplessiv, għalkemm xi gruppi vulnerabbli għad għandhom marġini għal titjib.** Appoġġata minn tkabbir ekonomiku sod fl-2024, ir-rata ta’ impjieg laħqet livell storiku għoli ta’ 76,8 %, ’il fuq mill-medja tal-UE (75,8 %), filwaqt li r-rata tal-qgħad kompliet bix-xejra ’l isfel tagħha, u naqset għal 4,2 % (vs 5,9 % fl-UE). Il-qgħad fit-tul ra biss titjib żgħir, hekk kif naqas b’0,1 pp għal 2,2 % bejn l-2023 u l-2024, u huwa ogħla mill-medja tal-UE ta’ 1,9 %. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) segwa x-xejra tal-UE li qed tonqos u issa huwa “dgħajjef iżda li qed jitjieb”, fil-livell ta’ 12,7 % fl-2024 (1,6 pp ogħla mill-medja tal-UE). Għalkemm id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b’diżabbiltà naqset għal 35,4 pp u issa hija “dgħajfa iżda li qed titjieb” (minn “sitwazzjoni kritika” is-sena l-oħra), għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE (24,0 pp).

---

310 Ara: l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries, 2024.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari seba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Bulgarija hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Iċ-Ċekja

**L-eżiti pożittivi tas-suq tax-xogħol b'mod kumplessiv huma akkumpanjati minn sfidi għal ċerti gruppi ta' popolazzjoni.** Fl-2024, iċ-Ċekja reġgħet kienet fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni" fl-UE b'rata ta' impjieg dejjem tiżdied u għolja (82,3 %) u rata tal-qgħad baxxa u stabbli (2,6 %) fl-isfond tal-irkupru tat-tkabbir ekonomiku. Il-prestazzjoni fuq ir-rata tal-qgħad fit-tul kienet "aħjar mill-medja", fil-livell ta' 0,8 % fl-2024. Dan kien il-każ ukoll għas-sehem taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), li naqas b'mod sinifikanti (b'1,5 pp) għal 8,6 % fl-2024. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset għal 21,7 pp, taħt il-medja tal-UE ta' 24,0 pp. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tjiebet ukoll (b'1,3 pp) fl-2024, u laħqet 12,6 pp, madankollu xorta ogħla mill-medja tal-UE ta' 10,0 pp, u għalhekk hija sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb". Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' parteċipazzjoni tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal baqgħet f'"sitwazzjoni kritika", b'7,3 % biss fl-2024, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 39,2 %. Dan għandu l-għeruq tiegħu fil-kapaċità insuffiċjenti fis-servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u jista' jkollu impatt fuq il-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal u fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Fl-aħħar nett, parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fil-forza tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati, bħan-nisa, iċ-ċittadini spostati tal-Ukrajna u r-Rom, tista' tgħin biex jittaffa n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.




*Sors*: il-Eurostat [lfsa_ergan], l-LFS tal-UE.

**Il-prestazzjoni taċ-Ċekja fir-rigward tal-ħiliet hija tajba, iżda l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha lura.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas għal 5,4 % fl-2024 (vs 9,4 % fl-UE), u kien "aħjar mill-medja". Dan kien il-każ ukoll għas-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, fil-livell ta' 69,1 % fl-2023 (vs 55,6 % fl-UE). Madankollu, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija f'"sitwazzjoni kritika", fil-livell ta' 21,2 % biss fl-2022, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 39,5 %.

**Il-pajjiż wera riżultati soċjali pożittivi.** Fl-2024, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kien 11,3 % b'mod kumplessiv u 15,4 % fost it-tfal (vs 21,0 % u 24,2 %, rispettivament, fl-UE), li jqiegħed lill-pajjiż fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni". L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) tjieb kemxejn fl-2024 u jinsab fil-livell ta' 125,2, minn 123,6 fl-2023 (vs 114,3 fl-UE), u huwa "mal-medja". Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kien "mal-medja" wkoll fl-2024, b'9,2 %. Fl-aħħar nett, iċ-Ċekja kienet għadha "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi", **iċ-Ċekja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Id-Danimarka



*Noti*: Interruzzjoni fis-serje fl-2016, fl-2017 u fl-2023.

**L-impjiegi b'mod kumplessiv huma b'saħħithom iżda l-isfidi relatati mal-qgħad żdiedu.** It-tkabbir qawwi fl-impjiegi kompla bir-rata ta' impjieg li laħqet 80,2 % fl-2024 (+0,4 pp meta mqabbla mal-2023), li jirrifletti tkabbir ekonomiku sod (3,5 %) u żieda fil-provvista ta' ħaddiema. Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad żdiedet b'mod sinifikanti, b'1,1 pp, għal 6,2 %, li hija ogħla mill-medja tal-UE (5,9 %) għall-ewwel darba f'deċennju, u "għandha tiġi osservata". Il-komponent fit-tul tagħha, filwaqt li għadu wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (0,8 % fl-2024), żdied (minn 0,5 % is-sena l-oħra), u issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat". Filwaqt li l-pressjoni fuq is-suq tax-xogħol tidher li qed ittaffi, il-pajjiż għadu qed jiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari fis-setturi tal-ICT, tal-kura tas-saħħa u tal-kostruzzjoni, b'differenzi reġjonali persistenti[311]. Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kienet għadha "aħjar mill-medja" fl-2024, wara tnaqqis ta' 0,6 pp għal 8,0 %, iżda r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena) żdiedet drastikament, minn 11,5 % fl-2023 għal 14,6 % fl-2024. Fl-istess ħin, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedet għat-tieni sena konsekuttiva, meta mqabbla ma' tnaqqis fil-livell tal-UE. B'6,5 pp, din għadha inqas mill-medja tal-UE ta' 10,0 pp iżda "għandha tiġi osservata". Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet b'5,7 pp, u baqgħet qrib il-medja tal-UE li żdiedet ukoll (b'2,6 pp)[312].

**Id-Danimarka għandha prestazzjoni tajba fil-ħiliet b'mod kumplessiv iżda għad hemm vulnerabbiltajiet għaż-żgħażagħ.** Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, ta' 47,1 % fl-2022 (vs 39,5 % fl-UE), u s-sehem tal-adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, ta' 69,6 % fl-2023 (vs 55,6 % fl-UE), huma t-tnejn għoljin. Fl-istess ħin, fl-2024, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kien għadu 10,4 % (vs 9,4 % fl-UE), u "għandu jiġi osservat", anke fid-dawl tan-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Filwaqt li d-Danimarka għandha wieħed mill-ogħla ishma ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal fl-UE, dak ta' 62,9 %, dan issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat" wara tnaqqis ta' 7,0 pp.

**L-eżiti soċjali huma tajbin ħafna b'mod kumplessiv, iżda l-kostijiet tal-akkomodazzjoni għadhom ta' piż fuq il-gruppi vulnerabbli.** Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) b'mod kumplessiv huwa "aħjar mill-medja" u d-Danimarka hija "bl-aqwa prestazzjoni" fuq l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u fuq ir-rata tal-AROPE għat-tfal. Madankollu, fil-livell ta' 14,6 % (vs 8,2 % fl-UE), is-sehem tal-unitajiet domestiċi li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni huwa wieħed mill-akbar fl-UE u "sitwazzjoni kritika". Dan jirrifletti l-provvista limitata ta' akkomodazzjoni affordabbli fi bliet akbar, fejn ir-rata kienet ta' 22,7 % (vs 8,6 % fiż-żoni rurali).

---

[311] L-Aġenzija Daniża għas-Suq tax-Xogħol u r-Reklutaġġ (Marzu 2025), Recruitment Survey Report
[312] Hemm interruzzjoni fis-serje fl-2024.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **id-Danimarka ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Ġermanja

**L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar iddeterjora u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għadha tippreżenta sfidi minkejja t-titjib.** L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas drastikament, minn 41,7% fl-2023 għal 35,7% fl-2024. Anke jekk għadu ’l fuq mill-medja tal-UE ta’ 34,2 %, dan huwa żvilupp li “għandu jiġi osservat”. Fl-2024, is-sehem ta’ persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kien ta’ 21,1 %, tnaqqis żgħir minn 21,3 % fl-2023 (vs 21,0 % fl-UE). Ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset ukoll. Il-Ġermanja tibqa’ “mal-medja” fuq iż-żewġ indikaturi. Fl-2024, minkejja tnaqqis (b’1 pp) mis-sena ta’ qabel, 12,0 % tal-popolazzjoni (vs 8,2 % fl-UE) kellhom kostijiet tal-akkomodazzjoni ogħla minn 40 % tal-introjtu totali tagħhom, sitwazzjoni li “għandha tiġi osservata”. Xi persuni, bħal persuni akbar fl-età (fl-età ta’ 65+ sena) u dawk fl-aktar kwintil baxx tal-introjtu, kienu partikolarment affettwati b’ishma ta’ 15,3 % u 33,3 %, rispettivament (vs 8,8 % u 27,8 % fl-UE).




*Sors*: il-Eurostat [tessi163], l-UE-SILC.

**Fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, il-Ġermanja kellha prestazzjoni tajba fl-apprendiment għall-adulti, filwaqt li s-sitwazzjoni fir-rigward ta’ dawk li jitilqu kmieni mill-iskola għadha ta’ sfida.** Is-sehem ta’ dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kien fost l-akbar, ta’ 12,9 % fl-2024[313] (vs 9,4 % fl-UE), u għalhekk “sitwazzjoni kritika”. Dan jeħtieġ attenzjoni wkoll fid-dawl tad-deterjorament fil-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ mill-2012 (PISA 2022). Min-naħa l-oħra, is-sehem tal-popolazzjoni adulta b’mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien “mal-medja” ta’ 52,2 % fl-2023, b’differenzi sinifikanti bejn il-gruppi tal-popolazzjoni. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet għolja, bi 53,7 % fl-2022, u b’hekk il-Ġermanja kienet waħda minn dawk “bl-aqwa prestazzjoni” fl-UE.

**Is-suq tax-xogħol għadu sod b’mod kumplessiv, iżda għad hemm nuqqasijiet ta’ ħaddiema u n-nisa ma humiex integrati biżżejjed fis-suq tax-xogħol.** Minkejja t-tnaqqis ekonomiku, ir-rata ta’ impjieg żdiedet aktar għal 81,3 % fl-2024 (“aħjar mill-medja”), filwaqt li r-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul baqgħu f’livelli baxxi ħafna (3,4 % u 0,9 %, rispettivament) f’kuntest ta’ nuqqas ta’ ħaddiema. Il-Ġermanja kellha prestazzjoni “aħjar mill-medja” fir-rigward tas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) (8,7 % vs 11,1 % fl-UE). Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet “mal-medja”, ta’ 7,1 pp fl-2024, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time kompliet tiżdied għal waħda mill-akbar fl-UE (37,2 pp vs 20,1 pp). Dan huwa dovut ukoll għat-tfassil tas-sistema tat-tassazzjoni li tipprovdi inċentivi baxxi biex jiżdied l-għadd ta’ sigħat maħduma, speċjalment għal dawk b’paga baxxa u għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta’ dħul. Is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kien ferm taħt il-medja tal-UE, 25,1 % fl-2024 (vs 39,2 % fl-UE), u “għandu jiġi osservat”. Dan jista’ joħloq ukoll ostakli għall-impjieg ta’ persuni b’responsabbiltajiet ta’ indukrar.

[313] Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2024.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Ġermanja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## L-Estonja




*Sors*: il-Eurostat [une_rt_a], [une_ltu_a] l-LFS tal-

**Fl-2024, l-ekonomija Estonjana staġnat, u kellha impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol.** Ir-rata tal-qgħad reġgħet żdiedet, b'1,2 pp, u laħqet 7,6 % fl-2024, meta mqabbla mal-medja tal-UE li qed tonqos (5,9 % fl-istess sena). Għalhekk, dan l-indikatur jibqa' li "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad kienet ogħla b'mod sinifikanti fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena), b'19,1 % (vs 14,9 % fl-UE) u kważi ogħla bid-doppju fil-Grigal (13,5 % vs 6,2 % sa 7,5 % f'reġjuni oħra). Il-qgħad fit-tul żdied ukoll minn 1,3 % fl-2023 għal 1,8 % fl-2024, kontra tnaqqis minn 2,1 % għal 1,9 % fil-livell tal-UE, u issa "għandu jiġi osservat". Ir-rata ta' impjieg naqset bi ftit minn 82,1 % għal 81,8 %, iżda baqgħet ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 75,8 %, u issa hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Il-pajjiż għandu, fl-istess ħin, waħda mill-inqas differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE, fejn kienet b'mod konsistenti fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni" matul l-aħħar 3 snin. L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) kien ta' 131,0 fl-2024 u "mal-medja".

**Fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, il-pajjiż kompla bi prestazzjoni tajba fuq l-apprendiment għall-adulti u l-ħiliet diġitali, filwaqt li rreġistra deterjorament fuq dimensjonijiet oħra.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment baqgħet b'saħħitha, u s-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien għoli, biż-żewġ indikaturi għadhom "aħjar mill-medja". Madankollu, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ iddeterjora b'1,3 pp għal 11,0 % fl-2024 (biex laħaq l-ogħla livell mill-2019), minkejja l-evoluzzjoni pożittiva fis-sena ta' qabel, u issa "għandu jiġi osservat". Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) żdied b'mod sinifikanti, b'1,4 pp, u laħaq 11,0 % (vs 11,1 % fl-UE), u issa "għandu jiġi osservat" ukoll.

**L-Estonja turi xi żviluppi pożittivi fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'2,0 pp għal 22,2 % fl-2024, filwaqt li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar żdied minn 27,7 % fl-2023 għal 31,5 % fl-2024. Iż-żewġ indikaturi jindikaw sitwazzjoni li qed titjieb u issa huma "aħjar mill-medja" meta mqabbla mas-sena li għaddiet meta kienu għadhom "għandhom jiġu osservati". L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, reġgħet lura għall-valur tagħha tal-2021, dak ta' 5,03 (vs 4,66 fl-UE). Minkejja l-progress, is-sehem ta' persuni 'l fuq minn 65 sena fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' ogħla mill-medja tal-UE, fil-livell ta' 40,0 % (vs 19,2 % fl-UE). Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika naqsu b'4,4 pp għal 8,5 % fl-2024, iżda baqgħu ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 2,5 %. B'riżultat ta' dan, l-indikatur mexa minn "sitwazzjoni kritika" s-sena l-oħra għal "dgħajfa iżda li qed titjieb". Min-naħa negattiva, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kważi rduppjat mill-2021, u laħqet 8,6 % u għalhekk reġgħet "għandha tiġi osservata".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "li għandhom jiġu osservati", **l-Estonja ma tidhirx li qed jiffaċċja**

**riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 3.1).

## L-Irlanda

**L-impjiegi komplew jikbru fl-2024, iżda l-gruppi żvantaġġati għadhom jiffaċċjaw sfidi.** Ir-rata ta' impjieg, ta' 79,8 %, laħqet rekord ieħor għoli, prinċipalment minħabba l-migrazzjoni netta 'l ġewwa li ssarrfet f'aktar impjiegi u fl-isfond ta' tkabbir ekonomiku sod li reġa' beda. Il-parteċipazzjoni akbar fil-forza tax-xogħol, b'mod partikolari fost in-nisa, ikkontribwiet ukoll għal dan, bid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tonqos għal 9,3 pp ("mal-medja"). Madankollu, għad hemm ħafna nisa barra mis-suq tax-xogħol minħabba responsabbiltajiet ta' kura. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà baqgħet fost l-aktar wiesgħa fl-UE (38,2 pp vs 24,0 pp fl-UE), u f'"sitwazzjoni kritika", wara li żdiedet b'1,5 pp fl-2024. It-tisħiħ tal-impjegabbiltà ta' gruppi sottorappreżentati, bħall-persuni b'diżabbiltà, il-ġenituri waħedhom, il-minoranzi b'livell baxx ta' ħiliet, ir-Rom u l-vjaġġaturi, jista' jgħinhom jidħlu fis-suq tax-xogħol u jindirizza n-nuqqas eżistenti u futur ta' ħaddiema u ta' ħiliet.




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' IE fl-2019.

**Ir-rati tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqsu, għalkemm xi gruppi jiffaċċjaw riskji akbar.** Ir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mod kumplessiv u għat-tfal naqsu b'mod sostanzjali (bi 2,1 pp u 3,4 pp, rispettivament), u issa huma "aħjar mill-medja". Madankollu, il-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari l-ġenituri waħedhom, il-vjaġġaturi u l-persuni b'diżabbiltà, kienu konsiderevolment aktar f'riskju. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar iddeterjora b'mod sinifikanti fl-2024 (b'7,0 pp), iżda b'50,8 % (ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 34,2 %) u issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat". Il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdiedet għal 24,4 % fl-2024. Madankollu, din baqgħet "għandha tiġi osservata" peress li kienet għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 39,2 %. Minkejja investimenti u titjib sinifikanti, għad hemm xi ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji, flimkien ma' disparitajiet reġjonali. L-Irlanda marret "aħjar mill-medja" fir-rigward tar-rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni. Madankollu, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni kienet qed tiddeterjora, hekk kif it-tkabbir tal-provvista għadu ferm taħt id-domanda dejjem tiżdied. Hemm listi twal ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali u livelli li qed jiżdiedu b'mod rapidu tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, b'dawn tal-aħħar juru l-akbar żieda fost it-tfal u l-familji b'ġenitur wieħed fl-ewwel u fit-tieni trimestru tal-2025[314].

**L-Irlanda għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola, ta' 2,8 % fl-2024, kienet waħda mill-aktar baxxi, wara wieħed mill-akbar tnaqqis fl-UE, li qiegħed lill-Irlanda fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni". Skont il-PISA tal-2022, dawk li għandhom 15-il sena fl-Irlanda huma fost dawk li għandhom l-aqwa prestazzjoni fil-ħiliet bażiċi (il-qari, il-matematika u x-xjenza) fl-UE. L-adulti Irlandiżi marru tajjeb ukoll fir-rigward tal-ħiliet diġitali bażiċi fl-2023. Dawn kienu wkoll aktar probabbli li

[314] Ara: Election 2024 Spotlight - Housing and Homeless Quarterly Progress Report Q2 2025

jipparteċipaw fl-apprendiment meta mqabbla mal-medja tal-UE (48,3 % vs 39,5 % fl-UE) fl-2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **l-Irlanda ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Greċja

**Il-Greċja tkompli tiffaċċja sfidi sinifikanti fir-rigward tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas b'1,6 pp għal 16,6 % fl-2024, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 34,2 %. Sadanittant, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) żdied għal 26,9 %, 'il fuq mill-medja tal-UE ta' 21,0 %, u b'hekk intemm it-tnaqqis li kien ilu għaddej għal deċennju sħiħ. Dawn iż-żewġ indikaturi jindikaw "sitwazzjonijiet kritiċi". B'27,9 %, ir-rata tal-AROPE għat-tfal kienet għolja wkoll (vs 24,2 % fl-UE) u tibqa' sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Wara żidiet, kemm is-sehem tal-unitajiet domestiċi li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni (żieda għal 28,9 % fl-2024, waħda mill-ogħla fl-UE, vs medja ta' 8,2 %), kif ukoll il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika (żieda għal 12,1 %, vs 2,5 % fl-UE) jindikaw "sitwazzjonijiet kritiċi". L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, baqgħet ta' 5,27 fl-2024, 'il fuq mill-medja tal-UE (4,66) u għadha "għandha tiġi osservata".




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-impatt (EL) fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [tespm050], l-UE-

**Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol Grieg qed titjieb, iżda għad hemm sfidi, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ.** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg żdiedet b'1,9 pp minħabba tkabbir ekonomiku li għadu sod. Madankollu, anke wara din iż-żieda sinifikanti, 69,3 % biss tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) kienet impjegata (vs 75,8 % fl-UE), li tirrappreżenta sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb". Dan kien ukoll il-każ għas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), li naqas b'1,7 pp għal 14,2 % fl-2024, iżda xorta baqa' ferm ogħla mill-medja tal-UE (11,1 %). Sadanittant, fl-2024, ir-rata ta' impjieg tan-nisa kienet, fil-livell ta' 59,9 % (wara żieda ta' 2,3 pp), għadha waħda mill-aktar baxxi fl-UE, u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet fost l-aktar wiesgħa fl-UE (18,8 pp vs medja ta' 10 pp) u kienet tikkostitwixxi "sitwazzjoni kritika". Barra minn hekk, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100), ta' 84,1 fl-2024, jibqa' fost l-aktar baxxi, minkejja żieda ta' 2 pp mill-2023 (vs medja tal-UE ta' 114,3), li hija "sitwazzjoni kritika". Mil-lat pożittiv, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà baqgħet "mal-medja".

**L-iżvilupp tal-ħiliet qed jistaġna, u dan qed ikollu piż fuq l-impjegabbiltà u l-kompetittività.** Is-sehem tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar, 15,1 % fl-2022, kien fost l-aktar baxxi fl-UE, u kien jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Fl-istess ħin, fl-2023, 52,4 % tal-adulti (vs 55,6 % fl-UE) kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa "mal-medja". Ir-rati ta' progress insuffiċjenti ta' żgħażagħ ta' 15-il sena f'ħiliet bażiċi kienu fost l-ogħla fl-UE, wara li ffaċċjaw wieħed mill-akbar tnaqqis. Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos b'0,7 pp fl-2024 għal 3,0 % (vs 9,4 % fl-UE), biex il-Greċja baqgħet fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni" f'dan il-qasam.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari disa' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Greċja hija**

**identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Spanja

**Spanja qed tesperjenza sfidi b'rabta mal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Fl-2024, is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas għal 25,8 %, filwaqt li r-rata għat-tfal kompliet tiżdied bi ftit għal 34,6 %. Iż-żewġ rati kienu ferm ogħla mill-medji rispettivi tal-UE (21,0 % u 24,2 %) u għadhom jindikaw "sitwazzjonijiet kritiċi". L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar żdied (b'1 pp) għal 23,9 % fl-2024 iżda baqa' baxx (vs il-medja tal-UE ta' 34,2 %), u għalhekk "għandu jiġi osservat". Dan huwa parzjalment dovut għal lakuni fil-kopertura, inkluż fl-iskema ta' introjtu minimu u l-komplement tat-tfal. B'mod partikolari għat-tfal, it-trasferimenti soċjali naqqsu r-riskji ta' faqar b'20,2 % biss, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 41,9 %. L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, naqset ukoll bi ftit iżda baqgħet għolja (5,39 vs 4,66 fl-UE) u "għandha tiġi osservata". L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) kien ukoll "għandu jiġi osservat" fl-2024 minħabba l-livell li għadu baxx wara żieda. Dawn l-isfidi huma aggravati mid-disparitajiet reġjonali u mill-faqar għoli fost dawk li jaħdmu.




*Nota:* L-impatt tat-trasferiment soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal huwa kkalkolat bl-użu tar-rati tal-AROP ta' qabel it-trasferiment u ta' wara t-trasferiment. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-AROP (ES) fl-2022
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li10], [ilc_li02],

**Is-suq tax-xogħol kompla jitjieb iżda għadu jippreżenta sfidi.** Ir-rata ta' impjieg kompliet tiżdied (b'0,9 pp) għal 71,4 % fl-2024 (vs 75,8 % fl-UE), appoġġata minn tkabbir ekonomiku sod u żieda fl-impjiegi fis-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni, tal-ospitalità, tal-ICT u tas-setturi professjonali. Madankollu, minħabba d-differenza kbira mal-medja tal-UE, din issa hija "sitwazzjoni kritika". Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad (11,4 % vs medja tal-UE ta' 5,9 %) u l-komponent fit-tul tagħha (3,8 % vs 1,9 % fl-UE) huma "dgħajfa iżda li qed jitjiebu", fid-dawl ta' livelli li għadhom għoljin minkejja tnaqqis kbir (b'0,8 u 0,5 pp, rispettivament). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) baqa' mdaqqas (12,0 % fl-2024, vs 11,1 % fl-UE) iżda issa huwa "mal-medja" minħabba titjib kontinwu. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà "għandha tiġi osservata" wara żieda qawwija minn 13,8 pp għal 23,4 pp fl-2024.

**Spanja qed tiffaċċja sfidi persistenti bit-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li qed ikollha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-ħiliet diġitali.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas fl-2024 għal 13,0 % (vs 9,4 % fl-UE) iżda baqa' għoli u "sitwazzjoni kritika". Ir-rati huma partikolarment għoljin għall-irġiel (15,8 % vs 10,0 % għan-nisa) u għal dawk li twieldu barra mill-pajjiż (25,5 % vs 10,3 %), kif ukoll fin-Nofsinhar u fil-Lvant ta' Spanja. B'mod kumplessiv, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet "mal-medja" fl-2022 (34,1 % vs 39,5 % fl-UE). Il-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi kien aktar baxx mill-medja tal-UE iżda ppreżenta differenzi reġjonali sinifikanti. Spanja wkoll għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fil-ħiliet diġitali u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, b'sehem relattivament għoli ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari tmien indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **Spanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Franza




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje fl-2020 u fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [tespm050], l-UE-SILC.

**Ir-riskji tal-faqar jippersistu.** Is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kien ġeneralment stabbli fl-2024, ta' 20,5 % (20,4 % fl-2023), u "mal-medja". Madankollu, ir-rata tal-AROPE għat-tfal baqgħet ogħla mill-medja tal-UE (26,2 % vs 24,2 % fl-2024), u "għandha tiġi osservata". L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar ilu jonqos aktar malajr milli fl-UE mill-2021, u naqas bi 3 pp mill-2023 (vs 0,5 pp fl-UE). Għal din ir-raġuni issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", anke jekk għadu ogħla mill-medja tal-UE, fil-livell ta' 38,9 % (vs 34,2 %). L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, hija "mal-medja", wara li kienet ilha tiżdied mill-2018. Ir-reġjuni ultraperiferiċi jmorru konsiderevolment agħar minn Franza metropolitana fiż-żoni kollha tad-dominju tal-protezzjoni u tal-inklużjoni soċjali.

**Is-suq tax-xogħol kellu prestazzjoni relattivament tajba fl-2024 iżda jippreżenta xi sfidi.** Fl-2024, f'kuntest ta' tkabbir tal-PDG reali ta' 1,2 %, ir-rata ta' impjieg żdiedet għal 75,1 % (vs 75,8 % fl-UE), filwaqt li r-rata tal-qgħad baqgħet ogħla mill-medja tal-UE, dik ta' 7,4 % (vs 5,9 % fl-UE), bir-reġjuni ultraperiferiċi jmorru konsiderevolment agħar. Iż-żewġ indikaturi jibqgħu "għandhom jiġu osservati"[315]. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ żdiedet (b'1,5 pp għal 18,7 %), u s-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) laħaq 12,5 % (vs 11,1 % fl-UE), u jibqa' wkoll li "għandu jiġi osservat". Filwaqt li l-qgħad fit-tul kien "mal-medja" b'mod kumplessiv, xi gruppi vulnerabbli komplew jiffaċċjaw ostakli akbar għall-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ħaddiema akbar fl-età, dawk li twieldu barra mill-UE u persuni b'livell edukattiv milħuq baxx. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedet fl-2024 (b'0,4 pp għal 5,9 pp), u issa hija "mal-medja". Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ilha tonqos mill-2020, iżda żdiedet bi ftit għal 22,4 pp fl-2024 (vs 24,0 pp fl-UE), u xorta għadha "aħjar mill-medja".

**Franza għandha prestazzjoni relattivament tajba b'mod kumplessiv fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet.** L-ishma tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (59,7 % fl-2023) u ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (7,7 % fl-2024) huma "mal-medja". Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ hija "aħjar mill-medja" (49,2 % fl-2022). Franza hija waħda "bl-aqwa prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, 59,3 %, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 39,2 %, iżda d-differenza fil -parteċipazzjoni fl-indukrar tat-tfal bejn it-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u dawk li ma humiex laħqet il-41,5 pp fl-2024 (vs 20,3 pp fl-UE). Barra minn hekk, is-sistema tal-edukazzjoni hija kkaratterizzata minn sehem sinifikanti ta' studenti b'kisbiet baxxi u inugwaljanzi għoljin. In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa jippersisti u jista' jkollu impatt fuq il-kompetittività.

[315] Id-definizzjoni tal-indikaturi tas-suq tax-xogħol ta' Franza tvarja minn dawk tas-soltu mill-2021 (ara l-Eurostat).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari erba' indikaturi mmarkati bħala "li għandhom jiġu osservati", **Franza ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Kroazja

**Il-Kroazja qed tiffaċċja xi sfidi dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kien, minkejja t-titjib reċenti (minn 20,35 % fl-2022), għadu fost l-aktar baxxi fl-UE fl-2024 (21,6 % vs 34,2 %), li juri sitwazzjoni "kritika" għat-tielet sena konsekuttiva. Fl-istess ħin, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kienet ta' 1,0 pp ogħla fl-2024, u għal din ir-raġuni issa "għandha tiġi osservata" (21,7 % vs 21,0 % fl-UE), anke jekk l-interruzzjoni strutturali fl-2024 titlob kawtela fl-interpretazzjoni tal-bidla. Bl-istess mod, iżda bl-istess twissija, ir-rata tal-AROPE għat-tfal kienet 2,0 pp ogħla fl-2024, u għalhekk "għandha tiġi osservata", għalkemm xorta taħt il-medja tal-UE (19,3 % vs 24,2 %). L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, baqgħet tiżdied iżda b'pass aktar bil-mod, u hija "mal-medja". Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma "aħjar mill-medja".

**Il-pajjiż għandu lok għal titjib fir-rigward tal-apprendiment tul il-ħajja.** Is-sehem tat-tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kompla jiżdied fl-2024, għal 30,2 % (minn 29,6 % fl-2023). Filwaqt li l-pajjiż baqa' "bl-aqwa prestazzjoni" fuq is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sehem ta' dawk b'kisbiet baxxi fl-edukazzjoni kien sinifikanti, u speċjalment għoli fil-matematika. 23,3 % biss tal-adulti Kroati pparteċipaw fl-apprendiment fl-2022 (vs 39,5 % fl-UE), wara tnaqqis minn 26,9 % fl-2016. Dan "għandu jiġi osservat". Filwaqt li s-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 59,0 % fl-2023 (vs 55,6 % fl-UE), is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" minħabba tnaqqis kbir (-4,4 pp) mill-2021.




*Nota:* Data ta' affidabbiltà baxxa għall-qiegħda u għal persuni barra mill-forza tax-xogħol (HR).

**Is-suq tax-xogħol qabad xejra 'l fuq, iżda l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw sfidi.** Ir-rata ta' impjieg ilha tiżdied mill-2021, iżda baqgħet aktar baxxa mill-medja tal-UE (73,6 % vs 75,8 %) fl-2024, f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb" (wara "sitwazzjoni kritika" fis-snin preċedenti). Fl-istess ħin, bl-appoġġ ta' tkabbir ekonomiku li għadu relattivament b'saħħtu, ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul naqsu aktar għal 5,0 % u 1,8 %, rispettivament. Filwaqt li kemm id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kif ukoll is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kienu "aħjar mill-medja" fl-2024, il-persuni b'diżabbiltà komplew jiffaċċjaw ostakli importanti. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (ta' 41,0 pp vs 24,0 pp fl-UE) indikat "sitwazzjoni kritika", wara li kompliet tikber. L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) ta' 138,1 fl-2024 kien "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari sitt indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", li minnhom tlieta

jiffaċċjaw sfidi statistiċi[316], **il-Kroazja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

[316] L-interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2024 għall-indikaturi kollha f'dan il-qasam, ibbażata fuq l-UE-SILC, ma tippermettix li jiġu interpretati l-bidliet. B'mod partikolari, l-interruzzjoni strutturali hija wara s-sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata" kemm għall-AROPE kif ukoll għall-AROPE għat-tfal, li ma tippermettix interpretazzjoni ekonomika korretta.

## L-Italja

**Minkejja xi titjib kontinwu, is-suq tax-xogħol tal-Italja qed jiffaċċja sfidi importanti.** Ir-rata ta' impjieg kompliet tiżdied fl-2024, u laħqet 67,1 %. Madankollu, għadha waħda mill-aktar baxxi fl-UE u tikkostitwixxi "sitwazzjoni kritika". Kemm in-Nofsinhar kif ukoll il-gżejjer irreġistraw tkabbir sinifikanti fl-impjiegi iżda d-distakk fil-livelli mal-Majjistral għadu wiesa', b'aktar minn 21 pp. F'kuntest ta' titjib fil-livell tal-UE, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tal-pajjiż għadha waħda mill-usa' (b'19,4 pp vs 10,0 pp għall-UE), u tippreżenta "sitwazzjoni kritika". Barra minn hekk, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, ta' 25,1 pp, ogħla mill-medja tal-UE ta' 24 pp, "għandha tiġi osservata"[317]. Min-naħa pożittiva, ir-rata tal-qgħad naqset għal 6,5 % (vs 5,9 % fl-UE), meta mqabbla mat-tkabbir reali tal-PDG ta' 0,7 %, wara li rreġistrat wieħed mill-akbar titjib u issa hija "aħjar mill-medja" (mill-istatus ta' "għandha tiġi osservata" tas-sena l-oħra). Bl-istess mod, ir-rata tal-qgħad fit-tul naqset għal 3,3 % u issa hija "dgħajfa iżda li qed titjieb" (wara s-"sitwazzjoni kritika" tas-sena l-oħra). Fl-aħħar nett, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) jibqa' f'"sitwazzjoni kritika" (96,0 fl-2024 vs 114,3 fl-UE), xprunat minn pagi strutturalment baxxi marbuta wkoll ma' produttività baxxa u intensità tax-xogħol baxxa.




*Noti:* Interruzzjoni fis-serje fl-2018.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-

**Għad hemm sfidi dwar l-iżvilupp tal-ħiliet** Minkejja li naqas b'0,9 pp mill-2023, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) (15,2 %) għadu fost l-ogħla fl-UE, u "sitwazzjoni kritika". Filwaqt li l-proporzjon ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos, il-livell tiegħu għadu għoli, u s-sitwazzjoni issa "għandha tiġi osservata". Barra minn hekk, is-sehem ta' dawk b'kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi huwa għoli (29,3 % fil-matematika, PISA 2022). Kemm is-sehem tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment (29,0 % fl-2022) kif ukoll dak tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (45,8 % fl-2023) huma baxxi u "għandhom jiġu osservati".

**Wara xejra 'l isfel mill-2021, ir-riskji ta' faqar żdiedu fl-2024.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali żdied għal 23,1 % għall-popolazzjoni kollha (minn 22,8 % fl-2023), u kien stabbli fil-livell ta' 27,1 % għat-tfal (vs 21 % u 24,2 % fl-UE, rispettivament). Iż-żewġ sitwazzjonijiet "għandhom jiġu osservati", xprunati minn sehem dejjem akbar ta' unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg, filwaqt li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa "mal-medja". L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, qed tiżdied ukoll u "għandha tiġi osservata" (5,53 vs 4,66 fl-UE). Fuq nota pożittiva, l-għadd ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied b'4,9 pp għal 39,4 % (vs 39,2 % fl-UE). Barra minn hekk, is-sehem ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura

[317] Madankollu, hemm interruzzjoni fis-serje fl-2024.

medika u dawk li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni huma t-tnejn baxxi.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari 11-il indikatur li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **l-Italja hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Ċipru




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021.
*Sors*: il-Eurostat [edat_lfse_14], l-LFS tal-UE.

**L-iżvilupp tal-ħiliet juri deterjorament u għadu sfida.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ żdied aktar, minn 10,4 % fl-2023 għal 11,3 % fl-2024, u jibqa' "li għandu jiġi osservat". Aktar minn nofs dawk ta' 15-il sena (53,2 % fil-matematika, PISA 2022) ma għandhomx ħiliet bażiċi, b'wieħed fost l-akbar tnaqqis fl-UE mill-2018. Il-litteriżmu diġitali huwa partikolarment baxx, wara tnaqqis, b'49,5 % biss tal-adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023 (vs 55,6 % fl-UE), li "għandu jiġi osservat". Filwaqt li fl-2024, 28,2 % tal-ħaddiema bi kwalifiki tal-edukazzjoni għolja kienu impjegati f'okkupazzjonijiet li ma kinux jeħtieġu dak il-livell ta' kwalifika, l-istudenti rreġistrati f'suġġetti STEM bħala sehem mir-reġistrazzjoni terzjarja totali (ISCED 5-8) kien wieħed mill-aktar baxxi, b'14,9 % biss fl-2023 (vs 26,9 % fl-UE). Is-sehem tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment matul it-12-il xahar preċedenti huwa baxx ukoll, bi 28,3 % fl-2022 (vs 39,5 % fl-UE), wara tnaqqis kbir minn 44,8 % fl-2016, f'sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Min-naħa l-oħra, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kien ta' 40,1 % fl-2024 (vs 39,2 % fl-UE), wara żieda ulterjuri, li hija "mal-medja".

**Is-suq tax-xogħol għandu prestazzjoni tajba b'mod kumplessiv iżda xi gruppi tal-popolazzjoni għadhom qed jiffaċċjaw sfidi.** Minħabba t-tkabbir ekonomiku sod, ir-rata ta' impjieg kompliet tiżdied għal 79,8 % fl-2024 (vs 75,8 % fl-UE), u r-rati tal-qgħad u tal-komponent fit-tul naqsu għal 4,9 % u 1,3 %, rispettivament (kollha "aħjar mill-medja"). Minħabba żieda ta' 1,0 pp mill-2023, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (ta' 10,0 pp) issa "għandha tiġi osservata". Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà baqgħet "mal-medja". Filwaqt li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ kienet taħt il-medja tal-UE (13,0 % vs 14,9 % fl-UE), is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) baqa' għoli, fil-livell ta' 12,9 % (vs 11,1 % fl-UE), u issa huwa "dgħajjef iżda li qed jitjieb" wara tnaqqis ta' 1,0 pp. Fl-aħħar nett, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) għadu baxx fil-livell ta' 107,7, anke wara titjib mil-livell ta' 102,7 fl-2023, u jibqa' "għandu jiġi osservat".

**Ċipru wera riżultati soċjali tajbin.** Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien ta' 17,1 % b'mod kumplessiv fl-2024 u ta' 14,8 % għat-tfal (vs 21,0 % u 24,2 %, rispettivament, fl-UE), bħala "aħjar mill-medja" u "bl-aqwa prestazzjoni", rispettivament. Dan jirrifletti, fost l-oħrajn, l-impatt stabbli tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li huwa "mal-medja" (30,5 % vs 34,2 % fl-UE), u r-rata baxxa tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ta' 2,4 %, li għaliha Ċipru huwa wkoll "bl-aqwa prestazzjoni". Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma, fil-livell ta' 0,1 %, fost l-aktar baxxi fl-UE u "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "li għandhom jiġu osservati", **Ċipru ma jidhirx li qed jiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se jkun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Latvja

**L-isfidi fil-qasam soċjali għadhom jippersistu.** Fil-kuntest ta' staġnar tal-PDG, fl-2024 l-inugwaljanza fl-introjtu u r-riskji tal-faqar baqgħu għoljin fil-Latvja. Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu huwa fost l-ogħla fl-UE, fil-livell ta' 6,28 (vs 4,66 bħala medja tal-UE), li jenfasizza "sitwazzjoni kritika". F'dan l-isfond, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kompla jonqos fl-2024 (b'2 pp) għal 21,5 % (vs 34,2 % fl-UE). Wara żewġ deterjorazzjonijiet konsekuttivi, din issa hija "sitwazzjoni kritika". Filwaqt li s-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas minn 25,6 % għal 24,3 % fl-2024 (bi tnaqqis sinifikanti osservat għat-tfal, għal 17,9 %), ir-rata kumplessiva tibqa' ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 21,0 %. Din hija sitwazzjoni li " għandha tiġi osservata". B'mod partikolari, ir-rata tal-AROPE għall-persuni akbar fl-età (fl-età ta' 65+ sena) kienet diġà għolja u kompliet tiżdied, għal 42,9 % fl-2024 (minn 41,6 % fis-sena ta' qabel), relatata wkoll mal-adegwatezza baxxa tal-pensjonijiet. Il-faqar għoli fost l-anzjani huwa assoċjat mill-qrib ma' eżiti tas-saħħa ħżiena u ma' kostijiet tal-kura tas-saħħa relatati. Ir-rata tal-AROPE għall-persuni b'diżabbiltà kompliet tiżdied minn 38,5 % għal 39,4 % u hija ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 28,7 %. Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika baqgħu f'"sitwazzjoni kritika", hekk kif żdiedu għal 8,4 % fl-2024 (minn 7,8 % fl-2023) vs 2,5 % fl-UE.




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-impatt (LV) fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [tespm050], l-UE-

**Ġie osservat xi deterjorament fl-2024 fir-rigward tal-eżiti tas-suq tax-xogħol.** Wara l-irkupru tas-suq tax-xogħol wara l-kriżi tal-COVID-19, it-tkabbir fl-impjiegi naqas fl-2024 fil-kuntest ta' staġnar. Filwaqt li r-rata ta' impjieg (77,4 %) kienet "mal-medja", ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul żdiedu għal 6,9 % u 2,2 %, rispettivament (vs 5,9 % u 1,9 % fl-UE). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) żdied b'0,7 pp għal 10,7 % (vs 11,1 % fl-UE). Dawn it-tliet indikaturi kollha "għandhom jiġu osservati" fl-2024. Min-naħa pożittiva, il-Latvja għandha waħda mill-iżgħar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE u hija "bl-aqwa prestazzjoni". Barra minn hekk, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha "aħjar mill-medja" minkejja twessigħ riċenti.

**Il-prestazzjoni dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet tibqa' "mal-medja", iżda b'xi deterjoramenti.** Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (matul dawn l-aħħar 12-il xahar) kienet ta' 34,1 % (vs 39,5 % fl-UE). Barra minn hekk, is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 45,3 % fl-2023 (taħt il-medja tal-UE ta' 55,6 %), u baqa' "għandu jiġi osservat" fl-isfond tal-ħtieġa li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni diġitali. Fl-istess ħin, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal wera wieħed mill-akbar tnaqqis fl-UE, li rriżulta f'sehem ta' 24,9 % (vs 39,2 % fl-UE) u issa "għandu jiġi osservat". Filwaqt li t-tluq bikri mill-iskola ma huwiex prevalenti u ż-żgħażagħ ta' 15-il sena fil-Latvja għandhom prestazzjoni kumplessiva tajba fil-ħiliet bażiċi, l-iskejjel urbani għandhom prestazzjoni ferm aħjar minn dawk fiż-żoni rurali. Il-perċentwal ta' studenti universitarji rreġistrati fi programmi STEM huwa baxx (25,1 % vs 26,9 % fl-UE), speċjalment fost in-nisa.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari disa' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li mar għall-agħar maż-żmien, **il-Latvja hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Litwanja

**Is-sitwazzjoni rigward l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni marret għall-agħar fl-2024.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) żdied (b'1,5 pp) għal 25,8 %[318] fl-2024 (vs 21,0 % fl-UE), wieħed mill-akbar valuri rreġistrati u żidiet annwali, li jikkostitwixxi "sitwazzjoni kritika". Il-persuni f'żoni rurali u gruppi vulnerabbli bħall-qiegħda, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà kienu partikolarment esposti. Il-persuni b'diżabbiltà ffaċċjaw waħda mill-ogħla rati tal-AROPE fl-UE (45,8 % fl-2024 vs 28,7 % fl-UE). Madankollu, fost it-tfal, ir-rata tal-AROPE baqgħet "mal-medja". L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas minn 29,9 % fl-2023 għal 25,9 % fl-2024 (wieħed mill-akbar tnaqqis), vs 34,2 % fl-UE. Dan jirrifletti l-adegwatezza u l-kopertura baxxi tal-benefiċċji soċjali, u issa "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, l-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, kienet fost l-ogħla fl-UE fl-2024 (6,54 vs 4,66), b'waħda mill-akbar żidiet, u hija għal darb'oħra "sitwazzjoni kritika". Fl-aħħar nett, għalkemm għadha taħt il-medja tal-UE ta' 8,2 %, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet sostanzjalment għat-tieni sena konsekuttiva, u laħqet 6,2 % fl-2024, u issa "għandha tiġi osservata" wkoll.

Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u l-komponenti tagħha (AROP, SMSD, LWI; %)




*Noti*: Data provviżorja fl-2024.
Sorsi: il-Eurostat [ilc_peps01n], [tepsr_lm430], [ilc_li02], [tespm030], l-UE-SILC.

**Il-Litwanja qed tiffaċċja sfidi dejjem akbar relatati mal-iżvilupp tal-ħiliet.** Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) wera "sitwazzjoni kritika" fl-2024, wara żieda konsiderevoli (+1,2 pp għal 14,7 %, vs 11,1 % fl-UE). Fl-istess ħin, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ żdied b'2 pp għal 8,4 % fl-2024 (vs 9,4 % fl-UE), sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Iż-żewġ indikaturi marru għall-agħar għat-tieni sena konsekuttiva. Barra minn hekk, is-sehem ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet bażiċi huwa għoli (27,8 % fil-matematika, PISA 2022). Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar "għandha tiġi osservata" billi hija ferm taħt il-medja tal-UE (27,4 % vs 39,5 % fl-2022). Min-naħa pożittiva, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied għal 36,9 % fl-2024 (vs 39,2 % fl-UE).

**Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fil-Litwanja rkuprat parzjalment fl-2024.** Ir-rata ta' impjieg żdiedet b'0,7 pp għal 79,2 % fl-2024 (vs 75,8 % fl-UE) minħabba tkabbir ekonomiku sod. Madankollu, ir-rata tal-qgħad kompliet tiżdied għal 7,1 % (minn 6,9 % fl-2023), 1,2 pp 'il fuq mill-medja tal-UE, u tibqa' "għandha tiġi osservata". Ir-rata tal-qgħad fit-tul baqgħet stabbli (2,3 %) għat-tielet sena konsekuttiva, 0,4 pp biss ogħla mill-medja tal-UE. Abbażi tal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet minn 32,4 pp fl-2023 għal 39,9 pp fl-2024 (vs 24,0 pp fl-UE), u dan jindika "sitwazzjoni kritika".

[318] Id-data tal-2024 tal-Eurostat għall-indikaturi soċjali kollha għal-Litwanja hija provviżorja.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari disa' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", inkluż tnejn li marru għall-agħar maż-żmien, **il-Litwanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Lussemburgu

**Ix-xejriet riċenti jindikaw sfidi relatati mal-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Fl-2024, f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku modest u ta' sparigġi fil-ħiliet persistenti, ir-rata ta' impjieg naqset bi ftit għal 74,2 %, biex inqatgħet aktar mit-tendenza kumplessiva 'l fuq tal-UE (għal 75,8 % fl-2024). Din issa "għandha tiġi osservata". Ir-rata tal-qgħad reġgħet żdiedet fl-2024 għal 6,4 % (vs 5,9 % fl-UE), wara waħda mill-akbar żidiet (b'1,2 pp), u baqgħet "għandha tiġi osservata". Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-qgħad fit-tul naqset (b'0,1 pp) għal 1,6 % u issa hija "mal-medja". L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) fil-livell ta' 113,1 (vs 114,3 fl-UE), li żdied bi ftit minn 112,1 fl-2023, "għandu jiġi osservat" ukoll. F'dan l-isfond, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) żdied b'mod sinifikanti (b'1,3 pp) għal 9,8 % fl-2024, għat-tieni sena konsekuttiva, u issa "għandu jiġi osservat". Min-naħa l-oħra, il-pajjiż kien "aħjar mill-medja" fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Il-Lussemburgu għandu prestazzjoni tajba fl-edukazzjoni u fil-ħiliet b'mod kumplessiv iżda b'deterjoramenti f'xi dimensjonijiet.** Is-sehem tal-adulti li pparteċipaw fl-apprendiment matul it-12-il xahar preċedenti kien għoli, b'45,2 % fl-2022, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 39,5 %. Filwaqt li sehem għoli tal-popolazzjoni adulta (60,1 %) għandu mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (vs 55,6 % fl-UE), is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" fid-dawl tad-deterjorament kbir (bi 3,6 pp) fid-data tal-2023. Dan huwa l-każ ukoll għas-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li żdied b'1 pp għal 7,8 % fl-2024[319] (taħt il-medja tal-UE ta' 9,4 %). Fl-aħħar nett, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar tat-tfal kien "aħjar mill-medja".

**Is-sitwazzjoni soċjali stabbilizzat fil-Lussemburgu fl-2024, għalkemm għad hemm sfidi.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'mod sinifikanti (minn 21,4 % fl-2023 għal 20,0 % fl-2024, vs 21 % fl-UE), u issa huwa "mal-medja". Dan kien xprunat primarjament minn tnaqqis fir-rata tal-AROP, minn 18,8 % għal 18,1 %, akkumpanjat minn tnaqqis żgħir (b'0,2 pp) fi privazzjoni materjali u soċjali estrema hekk kif l-inflazzjoni battiet. Madankollu, ir-rata tal-AROPE għat-tfal baqgħet ogħla mill-medja tal-UE (25,6 % fl-2024 vs 24,2 % fl-UE), u "għandha tiġi osservata". Dan huwa parzjalment spjegat mill-impatt limitat tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li naqas għal 27,0 % fl-2024 (vs 34,2 % fl-UE), u jibqa' li "għandu jiġi osservat". Is-sehem ta' persuni li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni sar "aħjar mill-medja" fl-2024, hekk kif naqas minn 11,5 % għal 8,0 % (vs 8,2 % fl-UE). It-titjib kien ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-kerrejja, anke minħabba sussidju tal-kera estiż u aktar ġeneruż.

[319] Il-valuri tal-2023-24 għal dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huma madankollu mmarkati bħala ta' "affidabbiltà baxxa".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari tmien indikaturi li jidhru bħala "li għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li mar għall-agħar mażżmien, **il-Lussemburgu huwa identifikat bħala li qed jiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## L-Ungerija

**L-Ungerija rreġistrat xi titjib fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali, iżda għad hemm sfidi soċjali.** Kemm ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) għall-popolazzjoni totali kif ukoll għat-tfal tjiebu fl-2024, minn "għandhom jiġu osservati" għal "mal-medja", wara li naqsu għal 19,3 % u 22,9 %, rispettivament[320]. Madankollu, il-privazzjoni materjali u soċjali estrema għadha għolja (9,3 % vs 6,4 % fl-UE) u l-faqar monetarju (wara t-trasferimenti soċjali) kompla jiżdied, b'mod partikolari għall-adulti żgħażagħ. Flimkien ma' rata stabbli ta' faqar monetarju qabel it-trasferimenti, dan irriżulta f'impatt dejjem jonqos tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (għal 23,5 %, vs 34,2 % fl-UE). Dan "għandu jiġi osservat". L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet "mal-medja". Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni rat waħda mill-ogħla żidiet (1,7 pp) minn 7,3 % għal 9 % fl-2024 (vs 8,2 % fl-UE) u issa "għandha tiġi osservata".




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika (HU) fl-2022.

**L-Ungerija għandha prestazzjoni tajba b'mod kumplessiv fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti iżda qed tiffaċċja sfidi, b'mod partikolari fil-parteċipazzjoni fl-indukrar tat-tfal, it-tluq bikri mill-iskola u l-inugwaljanzi edukattivi.** Wara żieda sostanzjali fl-2023, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal naqset minn 20,5 % fl-2023 għal 16,6 % fl-2024, waħda mill-aktar baxxi fl-UE (vs medja ta' 39,2 %), u issa tinsab f'"sitwazzjoni kritika". Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ tjiebet (b'1,3 pp għal 10,3 % fl-2024 vs 9,4 % fl-UE), u nbidlet minn "sitwazzjoni kritika" għal "dgħajfa iżda li qed titjieb". Madankollu, din għadha ferm ogħla mill-medja għar-Rom, għall-persuni b'diżabbiltà u għal dawk li jgħixu f'żoni rurali. Barra minn hekk, is-sehem ta' dawk b'kisbiet baxxi huwa għoli (29,5 % fil-matematika, PISA 2022) u l-isfond soċjoekonomiku għandu impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni tal-istudenti fil-ħiliet bażiċi[321]. L-Ungerija għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fil-ħiliet diġitali u hija "bl-aqwa prestazzjoni" fl-apprendiment għall-adulti. Fl-istess ħin, il-persuni b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, il-qiegħda u dawk li għandhom 'il fuq minn 55 sena jmorru ferm agħar mill-popolazzjoni totali fl-apprendiment għall-adulti.

**Is-suq tax-xogħol qed ikompli jaħdem tajjeb b'mod kumplessiv.** Ir-rata ta' impjieg (81,1 % vs 75,8 % fl-UE) u r-rata tal-qgħad (4,5 % vs 5,9 % fl-UE) komplew ikunu "aħjar mill-medja", għalkemm ir-rati ta' impjieg (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet fl-2024 (38,5 %) u għar-Rom fl-2023 (47,3 %) kienu ferm taħt il-medja tal-pajjiż. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) baqa' "mal-medja". Madankollu, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ iddeterjorat b'mod sinifikanti fis-sentejn preċedenti flimkien ma' tnaqqis ekonomiku rapidu, minn 10,6 % fl-2022 għal 15,2 % fl-2024 (vs 14,9 % fl-UE).

---

[320] Id-data tal-UE-SILC u l-indikaturi relatati ġew riveduti mill-Ungerija għall-2019-2024, ara n-nota relatata.
[321] L-OECD, PISA 2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **l-Ungerija ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Malta

**L-eżiti soċjali ta' Malta għadhom imħallta, bi sfidi dejjem akbar li jiffaċċjaw it-tfal.** Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqgħet "mal-medja" fl-2024, fil-livell ta' 19,7 % (vs 21,0 % fl-UE), li tirrifletti wkoll il-livelli dejjem jiżdiedu tal-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) (171,7 vs 114,3 fl-UE fl-2024), li għalih Malta hija "bl-aqwa prestazzjoni". Madankollu, ir-rata tal-AROPE għat-tfal baqgħet tiżdied, għal 25,9 % (vs 24,2 % fl-UE). Barra minn hekk, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal irreġistra tnaqqis sinifikanti fl-2024 fl-UE (-6,9 pp), għalkemm baqa' ogħla mill-medja tal-UE (44,1 % vs 39,2 %). It-tnejn li huma issa "għandhom jiġu osservati". B'mod parallel, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar baqa' baxx, ta' 26,0 % (vs 34,2 % fl-UE), ukoll "għandu jiġi osservat". B'mod partikolari, l-impatt huwa kemxejn aktar baxx għat-tfal (25,4 %) meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali (26 %), meta mqabbel mas-sitwazzjoni opposta għall-UE (41,9 % vs 34,2 %, rispettivament). L-inugwaljanza fl-introjtu, imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, naqset minn 5,30 fl-2023 għal 4,87 fl-2024 (vs 4,66 fl-UE), u tjiebet għal "aħjar mill-medja". Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqset bi ftit għal 5,8 %, u kienet "mal-medja". Il-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika ġew esperjenzati minn biss 0,3 % tal-popolazzjoni (vs 2,5 % fl-UE), fost l-iżgħar ishma fl-UE.

**Rata tal-AROPE għat-tfal u l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal (%)**




*Nota*: L-impatt tat-trasferiment soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal huwa kkalkolat bl-użu tar-rati tal-AROP ta' qabel it-trasferiment u ta' wara t-trasferiment. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika tal-AROP (MT) fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps_01n], [ilc_li10], [ilc_li02] l-UE-SILC.

**Il-progress ikompli fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet, iżda għad hemm xi sfidi.** Wara tnaqqis ulterjuri, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas għal 9,6 % fl-2024 (vs 9,4 % fl-UE), u issa huwa "mal-medja". Madankollu, is-sehem ta' dawk b'kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi għadu partikolarment għoli (32,6 % fil-matematika, PISA 2022). Barra minn hekk, l-ostakli għall-karrieri STEM diġà jitfaċċaw fil-livell sekondarju, fejn ftit studenti jsegwu suġġetti tax-xjenza ewlenin. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kompla jonqos għal 7,2 % fl-2024 (taħt il-medja tal-UE ta' 11,1 %), li issa huwa "bl-aqwa prestazzjoni". Fl-istess ħin, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar kienet ta' 39,9 % fl-2022 u "aħjar mill-medja", saħansitra ogħla fil-livell ta' 65,9 % fost il-persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni. Bl-istess mod, 63,0 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023 (vs 55,6 % fl-UE), li kien "mal-medja", filwaqt li ġiet irreġistrata varjazzjoni għolja fost il-gruppi tal-popolazzjoni.

**F'suq tax-xogħol b'saħħtu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha għolja.** Fl-2024, appoġġata minn tkabbir ekonomiku b'saħħtu, Malta kellha waħda mill-ogħla rati ta' impjieg fl-UE (83,0 %) u rata tal-qgħad baxxa (3,1 %), inkluż il-komponent fit-tul tagħha (0,7 %), u kienet "bl-aqwa prestazzjoni" għat-tlieta li huma. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset għal 25,3 pp (vs 24,0 pp fl-UE). Filwaqt li d-differenza bejn il-

ġeneri fl-impjiegi naqset ukoll, għal 13,4 pp, din baqgħet 3,4 pp usa' mill-medja tal-UE u fost l-akbar fl-UE, u b'hekk għadha tippreżenta "sitwazzjoni kritika".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **Malta ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## In-Netherlands

**Is-suq tax-xogħol qed ikompli jaħdem relattivament tajjeb.** Fl-isfond tal-irkupru tat-tkabbir ekonomiku, ir-rata ta' impjieg ma nbidlitx fil-livell ta' 83,5 % fl-2024, waħda mill-ogħla fl-UE. Il-qgħad baqa' baxx minkejja żieda żgħira għal 3,7 %. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) baqa' fost l-aktar baxxi fl-UE, minkejja li kompla jiżdied (b'0,2 pp għal 4,9 %). Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà reġgħet naqset, għal 20,9 pp. In-Netherlands huma "aħjar mill-medja" jew "bl-aqwa prestazzjoni" f'dawn l-oqsma kollha. Madankollu, ir-riskju ta' suq tax-xogħol segmentat ħafna għadu sfida strutturali sinifikanti. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet ta' 7,6 pp (vs 10,0 pp fl-UE, u għalhekk "mal-medja") fl-2024, l-impjieg part-time kien mifrux, b'mod partikolari għan-nisa. Dan rriżulta f'waħda mill-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time fl-UE (41,9 pp vs medja ta' 20,1 pp) u differenza sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (36,3 % vs 24,5 % fl-UE). Fl-aħħar nett, abbażi tad-data tal-2024, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) ma żammx mal-medja tal-UE (112,4 u 114,3, rispettivament) u jibqa' li "għandu jiġi osservat".




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**In-Netherlands qed ikomplu juru prestazzjoni b'saħħitha b'mod kumplessiv b'rabta mal-formazzjoni tal-ħiliet.** Fl-2022, 56,1 % tal-adulti pparteċipaw fl-apprendiment, u fl-2023, 82,7 % minnhom kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, it-tnejn fost l-ogħla ishma fl-UE. Minħabba żieda ta' 0,8 pp, ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ issa hija "mal-medja" (7,0 % fl-2024). Id-deterjorament fil-ħiliet bażiċi ġenerali tal-istudenti u ż-żieda fil-progress insuffiċjenti, speċjalment fost l-istudenti żvantaġġati, jeħtieġ li s-sitwazzjoni tiġi mmonitorjata. Is-sensibilizzazzjoni effettiva għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid ta' dawk f'sitwazzjoni mhux favorevoli tas-suq tax-xogħol (bħall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'kuntratti flessibbli jew temporanji, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni b'diżabbiltà) tibqa' importanti.

**B'mod kumplessiv, is-sitwazzjoni soċjali fin-Netherlands hija tajba.** L-ishma tal-popolazzjoni kumplessiva u tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqgħu stabbli u fost l-aktar baxxi fl-UE (15,4 % u 15,8 %, rispettivament). Madankollu, jeżistu sfidi għal gruppi speċifiċi, bħal persuni b'diżabbiltà jew persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, speċjalment tfal. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqset b'2,4 pp u kienet ta' 6,9 % fl-2024 (vs 8,2 % fl-UE, issa "aħjar mill-medja").

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed li jidher bħala "li għandu jiġi osservat", **in-Netherlands ma jidhrux li qed jiffaċċjaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se jkunu jeħtieġu aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## L-Awstrija

**Minkejja 3 snin ta' reċessjoni, is-suq tax-xogħol tal-Awstrija għadu relattivament b'saħħtu.** Il-prestazzjoni hija "mal-medja" jew "aħjar mill-medja" fi kważi l-indikaturi kollha tas-suq tax-xogħol tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Wara tnaqqis żgħir fis-sena preċedenti, ir-rata ta' impjieg żdiedet b'0,2 pp għal 77,4 % fl-2024 (vs 75,8 % fl-UE), filwaqt li r-rata tal-qgħad, ta' 5,2 %, baqgħet taħt il-medja tal-UE (5,9 %), kif kien ukoll il-komponent fit-tul tagħha (1,1 %). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), ta' 9,2 %, kien ukoll taħt il-medja tal-UE (11,1 %). Ir-rata ta' impjieg tan-nisa kienet għolja (73,9 %) u qed tiżdied, bi tnaqqis fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (6,9 pp vs 10 pp fl-UE). Dan huwa appoġġat minn azzjonijiet ta' politika riċenti li rriżultaw f'sehem akbar b'mod sinifikanti (b'6,1 pp) ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, fil-livell ta' 30,2 % (vs 39,2 % fl-UE). Fl-istess ħin, il-pajjiż kellu waħda mill-akbar differenzi bejn il-ġeneri u li qed tikber fl-impjiegi part-time, ta' 38,9 pp fl-2024. Fl-aħħar nett, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) kien għadu baxx fil-livell ta' 102,8 fl-2024, li "għandu jiġi osservat".




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Fil-qasam tal-ħiliet, il-pajjiż ikompli juri prestazzjoni tajba b'mod kumplessiv.** Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa għoli (64,7 % fl-2023), u s-sehem ta' dawk li jipparteċipaw fl-apprendiment huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (52,2 % fl-2022, vs 39,5 % fl-UE, anke wara tnaqqis), it-tnejn "aħjar mill-medja". Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos u kien "mal-medja", dak ta' 8,1 % fl-2024. Fl-istess ħin, madwar kwart taż-żgħażagħ Awstrijaċi ma għandhomx livell minimu ta' profiċjenza fil-matematika, fil-qari u fix-xjenza. Din iċ-ċifra ilha tiżdied kontinwament mill-2012 (PISA 2022). Barra minn hekk, 42,2 % tal-qiegħda kellhom massimu ta' edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell[322], u dan jagħmilhom partikolarment vulnerabbli. F'dan il-kuntest, it-titjib tal-ħiliet bażiċi tal-persuni jista' jgħin biex jittejbu l-eżiti tal-impjiegi.

**L-Awstrija għandha prestazzjoni relattivament tajba fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas għal 16,9 % fl-2024 u huwa "aħjar mill-medja". Fost it-tfal, ir-rata naqset b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-2023, għal 20,9 %, u hija "mal-medja". Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet b'0,3 pp għal 6,3 % u hija "mal-medja" wkoll. Fl-aħħar nett, l-impatt relattivament qawwi tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-livell baxx ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika jkomplu juru sitwazzjonijiet li huma "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed li jidher bħala "kritiku", **l-Awstrija ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali**

---

322 AMS, Von Arbeitslosigkeit betroffene Personen 2024, 2025.

**għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Polonja

**Is-suq tax-xogħol għadu sod b'mod kumplessiv, iżda n-nisa u l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti.** F'kuntest ta' tkabbir ekonomiku sod fl-2024 (3,0 %), ir-rata ta' impjieg żdiedet aktar għal 78,4 % (vs 75,8 % fl-UE), u r-rata tal-qgħad kienet fost l-aktar baxxi fl-UE, dik ta' 2,9 %, u dan jagħmilhom fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni" fl-UE. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset bi ftit iżda baqgħet sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata", bi 11,6 pp, 'il fuq mill-medja tal-UE ta' 10,0 pp. Dan huwa relatat ma' nisa li għandhom it-tendenza li jkollhom aktar responsabbiltajiet ta' kura għat-tfal u għall-persuni li jeħtieġu kura fit-tul, kif ukoll mal-età tal-pensjoni aktar baxxa tagħhom. Filwaqt li s-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied fl-2024 għal 15,1 %, dan baqa' ferm taħt il-medja tal-UE ta' 39,2 %, u huwa "sitwazzjoni kritika". Din ir-rata baxxa jista' jkollha impatt fuq il-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal u fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. B'żieda ta' 1,7 pp għal 35,6 pp fl-2024, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kienet fost l-usa' fl-UE (il-medja tal-UE kienet ta' 24,0 pp), li jindika "sitwazzjoni kritika".




*Noti:* Data ta' affidabbiltà baxxa tad-DEG fl-2023 u interruzzjoni fis-serje GEG fl-2019 għal PL.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_sp200], l-UE-SILC u [tesem060], l-LFS tal-UE.

**Il-livelli ta' ħiliet diġitali u l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment huma baxxi ħafna, u l-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ naqsu.** Is-sehem tal-adulti li pparteċipaw fl-apprendiment (matul dawn l-aħħar 12-il xahar) kien, fil-livell ta' 20,3 % fl-2022, ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 39,5 %, li jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Dan irriżulta prinċipalment minn parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni mhux formali. Barra minn hekk, is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (44,3 %) kien ferm inqas mill-medja tal-UE fl-2023 (55,6 %) u "sitwazzjoni kritika" wkoll. Fl-istħarriġ PISA tal-2022, is-sehem ta' studenti ta' 15-il sena li ma jilħqux il-livelli minimi fil-ħiliet bażiċi żdied għal 23 % fil-matematika, 22,2 % fil-qari u 18,6 % fix-xjenza, li jibqa' aktar baxx mill-medja tal-UE. Madankollu, iż-żieda fil-progress insuffiċjenti mill-2018 kienet fost l-ogħla fl-UE. Fl-istess ħin, il-Polonja tibqa' "bl-aqwa prestazzjoni" fir-rigward ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (4,1 % vs 9,4 % fl-UE fl-2024). Il-perċentwal ta' studenti terzjarji rreġistrati fi programmi STEM jibqa' taħt il-medja tal-UE (21,2 % vs 26,9 % fl-UE).

**Is-sitwazzjoni soċjali hija relattivament tajba fil-Polonja.** Fl-2024, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (16,0 % b'mod kumplessiv u 16,1 % għat-tfal), u l-inugwaljanza fl-introjtu (proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu ta' 3,85) baqgħu "aħjar mill-medja" (meta mqabbla ma' 21,0 %, 24,2 % u 4,66, rispettivament, fl-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Polonja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Portugall

**Minkejja titjib, l-effettività tas-sistema tal-protezzjoni soċjali fit-tnaqqis tar-riskji tal-faqar u fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi għadha baxxa, u tfaċċaw sfidi fl-akkomodazzjoni.** Fl-2024, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar żdied b'2,6 pp għal 22,4 %, li għadu ferm taħt il-medja tal-UE ta' 34,2 % u taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, f'"sitwazzjoni kritika". L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, naqset minn 5,60 fl-2023 għal 5,20 (ogħla mill-medja tal-UE ta' 4,66) u issa hija "dgħajfa iżda li qed titjieb", filwaqt li s-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' "mal-medja", fil-livell ta' 19,7 % (vs 21 % fl-UE). Minkejja t-titjib fir-reġjuni ultraperiferiċi b'mod kumplessiv, ir-riskji ta' faqar komplew ikunu partikolarment għoljin fl-Azores (28,4 %). Is-sehem tal-popolazzjoni li ġarrbet piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni kien ta' 6,9 %, xorta taħt il-medja tal-UE ta' 8,2 %, iżda esperjenza waħda mill-akbar żidiet fl-UE (+2,0 pp), u issa "għandu jiġi osservat". Dan jirrifletti ż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tad-djar u fil-kiri f'dawn l-aħħar snin.




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika (PT) fl-2022.

**Is-suq tax-xogħol huwa reżiljenti b'mod kumplessiv, iżda ż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażagħ u r-rata tal-qgħad fit-tul li għadha għolja jeħtieġu attenzjoni.** Wara xejra pożittiva mill-2021, ir-rata ta' impjieg tjiebet b'0,5 pp għal 78,5 % fl-2024 u baqgħet "mal-medja" f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku sod. Dan kien ukoll il-każ għar-rata tal-qgħad, li ma nbidlitx fil-livell ta' 6,5 % (vs 5,9 % fl-UE). Filwaqt li r-rata tal-qgħad fit-tul kompliet tonqos bi ftit (għal 2,4 % fl-2024), din baqgħet ogħla mill-medja tal-UE (1,9 %) u għalhekk "għandha tiġi osservata". Il-pajjiż kellu prestazzjoni "aħjar mill-medja" fis-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), iżda fl-istess ħin ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena) żdiedet għal dawn l-aħħar sentejn għal 21,6 % fl-2024 vs 14,9 % fl-UE. Fl-aħħar nett, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (21,3 pp) baqa' taħt il-medja tal-UE (24 %) iżda esperjenzat waħda mill-akbar żidiet fl-UE u issa hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata".

**Filwaqt li l-Portugall ġeneralment kellu prestazzjoni mal-medja fil-qasam tal-ħiliet, xi aspetti jistħoqqilhom monitoraġġ mill-qrib.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas b'1,5 pp għal 6,6 % fl-2024, u issa huwa "aħjar mill-medja". Madankollu, għad hemm differenzi reġjonali, li jvarjaw minn 19,8 % fl-Azores għal 5,2 % fir-reġjun tat-Tramuntana. Barra minn hekk, is-sehem ta' dawk bi progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi huwa għoli (29,7 % fil-matematika, PISA 2022). Il-pajjiż għandu prestazzjoni "mal-medja" għas-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment (matul dawn l-aħħar 12-il xahar). Madankollu, dan tal-aħħar naqas minn 38,0 % fl-2016 għal 33,4 % fl-2022, minkejja l-ħtieġa għal titjib fil-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, anke fid-dawl tal-ispariġġi fil-ħiliet, tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, u tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **il-Portugall ma jidhirx**

**li qed jiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se jkun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Ir-Rumanija




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a],[lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol qed titjieb, iżda ċerti gruppi għadhom ma humiex rappreżentati biżżejjed.** Fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef fl-2024, ir-rata ta' impjieg kompliet tiżdied (0,8 pp) għal 69,5 %, li xorta għadha taħt il-medja tal-UE (75,8 %), u b'hekk turi "sitwazzjoni kritika". Id-disparitajiet reġjonali huma wiesgħa (minn 81,1 % f'Bucureşti-Ilfov għal 62,6 % fis-Sud-Est). Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tjiebet, iżda kienet għadha waħda mill-aktar wiesgħa fl-UE (18,1 pp vs 10,0 pp). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kien għadu f'livell għoli ħafna (19,4 % vs 11,1 % fl-UE). Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet b'mod sinifikanti bi 15,6 pp fl-2024 għal 44,8 pp (vs 24,0 pp fl-UE). Għal dawn l-indikaturi kollha, id-data tindika "sitwazzjonijiet kritiċi". Min-naħa l-oħra, ir-rata kumplessiva tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha kienu t-tnejn taħt jew mal-medja tal-UE u tjiebu fl-2024.

**L-isfidi persistenti fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ipoġġu f'riskju l-kompetittività u l-konverġenza.** Fl-2024, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal naqas aktar għal 11,4 % (minn 12,3 % fl-2023, vs 39,2 % fl-UE). Bl-istess mod, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ laħaq 16,8 % fl-2024 (vs 9,4 % fl-UE). It-tnejn huma fost l-aktar dgħajfa fl-UE, u jindikaw "sitwazzjonijiet kritiċi". Il-livell ta' ħiliet bażiċi huwa partikolarment baxx (48,6 % fil-matematika, PISA 2022). Dan għandu impatt fuq il-prospetti soċjali u tal-impjieg taż-żgħażagħ, speċjalment fiż-żoni rurali u fost dawk żvantaġġati, u jista' jfixkel ukoll l-innovazzjoni u l-kompetittività. Barra minn hekk, is-sehem ta' persuni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 27,7 % fl-2023, vs 55,6 % fl-UE, li juri wkoll "sitwazzjoni kritika" fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni diġitali. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet "dgħajfa iżda li qed titjieb" (19,1 % fl-2022, vs 39,5 % fl-UE), f'kuntest ta' nuqqas sinifikanti ta' ħiliet u tnaqqis demografiku projettat.

**Minkejja progress sinifikanti, ir-riskji tal-faqar għadhom għoljin, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli u fiż-żoni rurali.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas sostanzjalment minn 46,0 % fl-2016 għal 32,0 % fl-2023 u 27,9 % fl-2024 (vs 21,0 % fl-UE). Ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset ukoll b'mod sinifikanti fl-2024 (għal 33,8 %, minn 39,0 % fl-2023, vs 24,2 % fl-UE). It-tnejn kienu "dgħajfin iżda li qed jitjiebu" għal sentejn konsekuttivi, filwaqt li kienu għadhom fost l-ogħla fl-UE. Filwaqt li rrapportat wieħed mill-akbar titjib, is-sistema tal-protezzjoni soċjali tkompli turi effettività baxxa, hekk kif it-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) inaqqsu l-faqar bi 18,8 % biss (vs 34,4 % fl-UE), f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb". Kemm l-inugwaljanza fl-introjtu (4,62 vs 4,66 fl-UE) kif ukoll il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika (2,2 %, tnaqqis minn 5,2 % fl-2023, vs 2,5 % fl-UE) tjiebu b'mod konsiderevoli fl-2024. Il-persuni fiż-żoni rurali, u l-gruppi vulnerabbli bħar-Rom madankollu jkomplu jiffaċċjaw diffikultajiet akbar minn oħrajn fl-aċċess għal servizzi essenzjali u soċjali.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari seba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi", **ir-Rumanija hija identifikata bħala li qed tiffaċċja**

**riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Is-Slovenja

**Is-Slovenja tesperjenza sfidi relatati mal-parteċipazzjoni baxxa tal-adulti fl-apprendiment u livelli baxxi ta' ħiliet diġitali.** Fl-2022, 26,5 % biss tal-adulti kollha pparteċipaw fl-apprendiment. Dan kien ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 39,5 % u kien jirrappreżenta tnaqqis ta' 13,8 pp meta mqabbel mal-2016, u għalhekk "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, 46,7 % biss tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023, ferm taħt il-medja tal-UE (55,6 %), li jirrifletti tnaqqis ta' 3,0 pp meta mqabbel mal-2021. Din is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" wkoll. Barra minn hekk, wieħed minn kull erba' studenti fis-Slovenja ma għandux il-livell minimu ta' profiċjenza fil-matematika u fil-qari (PISA 2022) u ġiet osservata xejra 'l isfel. B'mod pożittiv, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadu inqas mill-medja tal-UE (9,4 %), u naqas b'0,4 pp għal 5,0 % fl-2024. Barra minn hekk, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kompla jonqos b'0,2 pp għal 7,6 % fl-2024, li huwa wkoll "aħjar mill-medja".




*Sors*: il-Eurostat [isoc_sk_dskl_i21], stħarriġ tal-ESS dwar l-ICT.

**Is-suq tax-xogħol qed ikompli bi prestazzjoni tajba b'mod kumplessiv f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku moderat, għalkemm għad hemm ċerti sfidi.** Fl-2024, ir-rata ta' impjieg żdiedet b'mod moderat b'0,8 pp għal 78,3 %, 'il fuq mill-medja tal-UE ta' 75,8 %. Ir-rata tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha kienu t-tnejn "aħjar mill-medja" fl-2024, fil-livell ta' 3,7 % u 1,1 %, rispettivament. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, ta' 6,0 pp, kienet "mal-medja", għalkemm il-parteċipazzjoni tat-tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kienet ta' 57,8 % fl-2024, ferm ogħla mill-medja tal-UE (39,2 %). Madankollu, fatturi strutturali bħat-tixjiħ rapidu tal-popolazzjoni u l-ispariġġ fil-ħiliet jirriskjaw li jaggravaw in-nuqqas ta' ħaddiema eżistenti u jfixklu l-kompetittività.

**B'mod kumplessiv, is-Slovenja għandha eżiti soċjali tajbin.** Bħal fis-snin preċedenti, fl-2024 l-ishma tal-popolazzjoni totali u tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kienu fost l-aktar baxxi fl-UE, b'14,4 % u 11,8 %, rispettivament (u s-Slovenja kienet "bl-aqwa prestazzjoni" fit-tnejn li huma). Madankollu, xi gruppi vulnerabbli, inklużi n-nisa ta' aktar minn 65 sena, persuni b'edukazzjoni baxxa, il-qiegħda, unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed u persuni li twieldu barra mill-UE, esperjenzaw riskji tal-faqar ħafna ogħla. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kien "mal-medja", dak ta' 37,7 %, iżda inqas effettiv għall-persuni akbar fl-età (fl-età ta' 65+ sena)[323]. L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, fil-livell ta' 3,42 fl-2024, baqgħet waħda mill-aktar baxxi fl-UE ("bl-aqwa prestazzjoni" fuq din ukoll).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari żewġ indikaturi li jidhru bħala "li għandhom jiġu osservati", **is-Slovenja ma tidhirx li qed**

[323] Ara l-Istitut tal-Analiżi Makroekonomika u l-Iżvilupp tas-Slovenja, *Quality of Life in Slovenia – Development Report*, 2025.

**tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Is-Slovakkja

**Is-Slovakkja qed tiffaċċja diversi sfidi fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet.** Ir-rata ta' parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdiedet minn 1,0 % fl-2023 għal 5,1 % fl-2024, iżda baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE (39,2 % fl-2024) u f'sitwazzjoni kritika. Barra minn hekk, ir-rata ta' parteċipazzjoni kompliet tkun waħda mill-aktar baxxi fl-UE wkoll għat-tfal ta' aktar minn 3 snin (80,8 % vs 94,6 % fl-2023), inkluż fost it-tfal Rom. Is-sehem taż-żgħażagħ li jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kmieni kien relattivament baxx (7,5 % vs 9,4 % fl-UE fl-2024), iżda b'waħda mill-akbar żidiet (+1,1 pp), u għalhekk "għandu jiġi osservat". B'żieda kostanti fiż-żoni rurali mill-2021, dan laħaq il-livell ta' 9,8 % fl-2024. Abbażi tal-istħarriġ PISA tal-2022, terz ta' dawk li għandhom 15-il sena ma kellhomx ħiliet bażiċi fil-matematika u fil-qari. Fl-aħħar nett, is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 51,3 % fl-2023 wara tnaqqis minn 55,2 % fl-2021, li jippreżenta riskju adddizzjonali għat-tranżizzjoni diġitali, li "għandu jiġi osservat". Min-naħa pożittiva, is-sehem tal-adulti li pparteċipaw fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar kien "aħjar mill-medja".




*Sors*: il-Eurostat [tesem060], l-LFS tal-UE u [tepsr_sp210], l-UE-SILC.

**Is-suq tax-xogħol għandu prestazzjoni tajba b'mod ġenerali, iżda jippreżenta xi sfidi.** Fl-2024, fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku sod, ir-rata ta' impjieg laħqet rekord għoli ta' 78,1 %, u r-rata tal-qgħad kienet f'livell baxx rekord ta' 5,3 % (vs 75,8 % u 5,9 %, rispettivament, fl-UE). Ir-rata tal-qgħad fit-tul għadha f'"sitwazzjoni kritika", peress li tjiebet ftit fl-2024, għal 3,5 % minn 3,8 % fl-2023, u baqgħet fost l-ogħla fl-UE. Id-disparitajiet reġjonali baqgħu kbar ukoll. Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kompla jitjieb, fejn naqas minn 11,2 % fl-2023 għal 10,7 % fl-2024 ("mal-medja"). Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, ta' 19,2 %, baqgħet ogħla mill-medja tal-UE ta' 14,9 %. Kemm id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kif ukoll id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedu mill-2023 (għal 23,8 pp u 8,9 pp vs 24,0 pp u 10,0 pp, rispettivament, fl-UE), b'tal-aħħar issa "għandha tiġi osservata". L-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) kien ta' 133,6 fl-2024, "mal-medja".

**Is-Slovakkja għandha riskji ta' faqar baxxi b'mod kumplessiv, iżda għad hemm sfidi għal xi reġjuni u gruppi.** Għall-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, is-Slovakkja kienet "bl-aqwa prestazzjoni", filwaqt li r-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kienet "mal-medja", ta' 18,3 % fl-2024 (vs 21,0 % fl-UE). Madankollu, il-parti tal-Lvant tal-pajjiż kellha riskji ogħla ta' faqar. Ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset bi 2,7 pp għal 22,6 % fl-2024, u kienet "aħjar mill-medja". Barra minn hekk, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar tjieb bi ftit, għal 36,7 % fl-2024 ("mal-medja"). Il-pajjiż għandu waħda mill-akbar popolazzjonijiet tar-Rom fl-UE, b'eluf jgħixu f'żoni iżolati mingħajr aċċess għas-servizzi essenzjali. Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni żdied għal 6,4 % fl-2024 ("mal-medja"), filwaqt li l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika kienu "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", **is-Slovakkja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## Il-Finlandja

**Is-suq tax-xogħol tal-Finlandja qed jiffaċċja sfidi minħabba dgħufija fl-impjiegi u fil-qgħad.** F’kuntest ta’ tkabbir limitat, ir-rata ta’ impjieg kompliet tonqos fl-2024 għal 77,0 % (-1,2 pp mill-2023, vs medja tal-UE ta’ 75,8 %). Is-sitwazzjoni tibqa’ waħda li “għandha tiġi osservata” minħabba t-tnaqqis relattivament kbir meta mqabbel ma’ titjib fil-livell tal-UE. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedet għal 0,7 pp fl-2024 (minn 0,2 pp fl-2023), issa hija “tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata”, ferm taħt il-medja tal-UE ta’ 10,0 pp. Ir-rata tal-qgħad żdiedet għat-tieni darba konsekuttiva (+1,2 pp fl-2024), għal 8,4 % (vs 5,9 % fl-UE), u dan jenfasizza “sitwazzjoni kritika”. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied għal 18,8 %, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta’ 14,9 %. Ir-rata tal-qgħad fit-tul żdiedet ukoll għal 1,8 % fl-2024 (vs 1,9 % fl-UE), u issa “għandha tiġi osservata”. Dan huwa l-każ ukoll għall-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100), li kien fil-livell ta’ 108,7 fl-2024, taħt il-medja tal-UE ta’ 114,3 u wara titjib relattivament żgħir (minn 107,9 fl-2023).




*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**B’mod kumplessiv, il-pajjiż għandu sistema effettiva ta’ protezzjoni soċjali li tipprovdi kopertura adegwata iżda qed jiffaċċja sfidi dejjem akbar.** B’mod partikolari, is-sehem tal-popolazzjoni li tirrapporta ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika kompla jiżdied fl-2024 (b’0,6 pp) għal livell (8,5 %) li huwa fost l-ogħla fl-UE (medja ta’ 2,5 %) u jikkostitwixxi “sitwazzjoni kritika”. Filwaqt li l-ħinijiet ta’ stennija fil-kura tas-saħħa primarja bdew jonqsu, il-ħtieġa mhux issodisfata għal kura speċjalizzata mhux urġenti, pereżempju servizzi tas-saħħa mentali, baqgħet konsiderevoli. In-nuqqas ta’ persunal ittaffa bi ftit iżda jibqa’ ostaklu b’mod partikolari għall-kura speċjalizzata. Is-sehem ta’ persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) żdied b’1 pp għal 16,8 % fl-2024, u aktar u aktar għat-tfal (+3,5 pp għal 17,3 %). Madankollu, it-tnejn jibqgħu taħt il-medji tal-UE ta’ 21,0 % u 24,2 %, rispettivament, u huma “tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati” (vs “bl-aqwa prestazzjoni” s-sena l-oħra). Min-naħa l-oħra, minkejja tnaqqis żgħir, il-Finlandja għadha “bl-aqwa prestazzjoni” fir-rigward tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar b’46,4 % fl-2024 (vs 34,2 % fl-UE).

**Il-Finlandja qed tkompli bil-prestazzjoni tajba fil-ħiliet b’mod kumplessiv.** Fl-2023, 82,0 % tal-popolazzjoni adulta kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jpoġġi lill-pajjiż bħala wieħed “bl-aqwa prestazzjoni”. Barra minn hekk, is-sehem tal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment f’dawn l-aħħar 12-il xahar kien “aħjar mill-medja”, fil-livell ta’ 51,8 % fl-2022. Madankollu, ir-rata tal-livell edukattiv terzjarju milħuq staġnat taħt il-medja tal-UE (39,1 % vs 44,1 % fl-2024). Wara li żdied għal sentejn konsekuttivi, is-sehem ta’ dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ baqa’ ta’ 9,6 % fl-2024, u issa huwa “mal-medja”. Fl-istess ħin, ir-riżultati ta’ PISA tal-2022 jikkonfermaw li s-sehem tal-istudenti bi progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi żdied b’mod kostanti f’dan l-aħħar deċennju, u dan jeħtieġ attenzjoni. Fl-2022, il-proporzjon ta’ studenti bi progress insuffiċjenti fil-qari kien ta’ 21,4 % vs 26,2 % fl-UE, fil-matematika kien ta’ 24,9 % vs 29,5 % fl-UE, u fix-xjenza kien ta’ 18,0 % vs 24,2 % fl-UE.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li mar għall-agħar maż-żmien, **il-Finlandja hija identifikata bħala li qed tiffaċċja riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).

## L-Iżvezja

**L-Iżvezja esperjenzat deterjorament fl-eżiti tal-impjiegi u tal-qgħad fl-2024.** Filwaqt li l-pajjiż għad għandu waħda mill-ogħla rati ta' impjieg fl-UE (81,9 % fl-2024 vs medja ta' 75,8 %), fl-2024 din naqset b'0,7 pp, wara perjodu fit-tul ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef, u fl-isfond ta' żidiet irreġistrati l-aktar madwar l-UE. Din is-sitwazzjoni hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad żdiedet (b'0,7 pp) għal 8,4 % fl-2024, u issa hija waħda mill-ogħla fl-UE (vs medja ta' 5,9 %) wara t-tieni deterjorament konsekuttiv, f'"sitwazzjoni kritika". Filwaqt li r-rata tal-qgħad kienet ta' 5,7 % għall-persuni mwielda fl-Iżvezja, kienet ta' 19,3 % għal dawk li twieldu barra mill-UE. Barra minn hekk, għal persuni b'livelli baxxi ta' ħiliet (ISCED 0-2) ir-rata kienet ta' 26,1 % vs 4,8 % għal dawk b'livell għoli ta' ħiliet (ISCED 5-8). Il-pajjiż baqa' "bl-aqwa prestazzjoni" għas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), fil-livell ta' 6,3 %, minkejja żieda. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet "aħjar mill-medja" fl-2024 (4,0 pp vs 10 pp fl-UE), appoġġata wkoll minn sehem għoli ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (57,7 % vs 39,2 % fl-UE, "bl-aqwa prestazzjoni"). Fl-aħħar nett, l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100) tjieb kemxejn, minn 120,2 fl-2023 għal 120,6 fl-2024 u huwa "mal-medja".




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2018 u fl-2021 (SE u UE).
*Sors*: il-Eurostat [lfsa_urgacob], l-LFS tal-UE

**Is-sitwazzjoni soċjali hija tajba fl-Iżvezja b'mod kumplessiv, iżda għad hemm ċerti sfidi.** L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, naqset bi ftit (għal 4,34 fl-2024), u issa hija "mal-medja". Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqset minn 18,4 % fl-2023 għal 17,5 % fl-2024, u issa hija "aħjar mill-medja". Madankollu, din ir-rata kumplessiva taħbi differenzi kbar. Persuni li twieldu barra mill-UE għandhom riskji tal-faqar ħafna ogħla minn dawk li twieldu fl-Iżvezja (35,5 % vs 12,1 %), u dawk b'livell baxx ta' ħiliet għandhom riskji ogħla minn dawk b'livell għoli ta' ħiliet (26,7 % vs 11,1 %). Ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset minn 21,6 % fl-2023 għal 20,9 % fl-2024 ("mal-medja"). Fl-istess ħin, it-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) naqqsu r-riskji tal-faqar b'40,6 % fl-2024, wara żieda minn 36,9 % fl-2023, u issa huma "aħjar mill-medja". Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni baqgħet għolja fl-2024, fil-livell ta' 10,6 % (vs 8,2 % fl-UE), u "għandha tiġi osservata".

**L-Iżvezja għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-ħiliet, iżda għad hemm inugwaljanzi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.** Il-pajjiż huwa "bl-aqwa prestazzjoni" fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, fil-livell ta' 66,5 % fl-2022, u għandu prestazzjoni "aħjar mill-medja" fis-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos fl-2024 (għal 7,2 %) u issa huwa "mal-medja". Madankollu, dan is-sehem huwa aktar minn darbtejn ogħla (12,6 %) fost persuni mwielda barra mill-UE meta mqabbel ma' dawk imwielda fl-Iżvezja (5,9 %). Barra minn hekk, is-sehem ta' studenti b'kisbiet baxxi żdied bil-kbir bejn l-2015 u l-2022 (bi 8,4 pp għal 27,2 %, PISA 2022).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li mar għall-agħar maż-żmien, **l-Iżvezja ma tidhirx li qed tiffaċċja riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa 3.1.1).